ISSN 1977-074X

# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 166

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 56

18 ta' Ġunju 2013

Werrej

II *Atti mhux leġiżlattivi*

DEĊIŻJONIJIET

2013/283/UE:

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-25 ta' Lulju 2012 dwar l-għajnuna mill-Istat SA.23839 (C 44/2007) ta' Franza favur l-impriża FagorBrandt** *(notifikata bid-dokument C(2012) 5043)* (1) .... 1

2013/284/UE:

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Diċembru 2012 dwar l-għajnuna mill-istat SA.20829 (C 26/2010, qabel NN 43/2010 (qabel CP 71/2006)) Is-sistema għall-eżenzjoni mill-ICI għal bini li jintuża minn istituzzjonijiet mhux kummerċjali għal skopijiet speċifiċi li ġiet implimentata mill-Italja** *(notifikata bid-dokument C(2012) 9461)* (1) .... 24

ATTI ADOTTATI MINN KORPI STABBILITI PERMEZZ TA' FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

★ **Ir-Regolament Nru 53 tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NU/KEE) – Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' vetturi tal-kategorija $L_3$ fir-rigward tal-installazzjoni ta' apparati għat-tidwil u għas-sinjalar bid-dawl** .... 55

★ **Ir-Regolament Nru 74 tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NU/KEE) – Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' vetturi tal-kategorija $L_1$ fir-rigward tal-installazzjoni ta' apparati għat-tidwil u għas-sinjalar bid-dawl** .... 88

**Prezz: EUR 7**

(1) Test b'relevanza għaż-ŻEE

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

**tal-25 ta' Lulju 2012**

**dwar l-għajnuna mill-Istat SA.23839 (C 44/2007) ta' Franza favur l-impriża FagorBrandt**

*(notifikata bid-dokument C(2012) 5043)*

**(It-test bil-Franċiż biss huwa awtentiku)**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2013/283/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 108(2), l-ewwel subparagrafu tiegħu [1],

wara li kkunsidrat il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 62(1)(a) tiegħu,

wara li l-partijiet interessati ġew mistiedna jressqu l-kummenti tagħhom skont dawn l-Artikoli [2], u wara li ġew ikkunsidrati dawn il-kummenti,

Billi:

### 1. PROĊEDURA

(1) B'ittra ddatata s-6 ta' Awwissu 2007, Franza nnotifikat lill-Kummissjoni b'għajnuna għar-ristrutturar favur il-grupp FagorBrandt.

(2) Permezz ta' ittra ddatata l-10 ta' Ottubru 2007, il-Kummissjoni infurmat lil Franza bid-deċiżjoni tagħha li tiftaħ il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 108(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem it-"TFUE") fir-rigward ta' din l-għajnuna.

(3) Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tiftaħ il-proċedura (minn hawn 'il quddiem "id-deċiżjoni tal-ftuħ tal-proċedura") ġiet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* [3]. Il-Kummissjoni sejħet lill-partijiet interessati biex jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom dwar l-għajnuna inkwistjoni.

(4) Il-Kummissjoni rċeviet l-osservazzjonijiet ta' tliet partijiet interessati, li huma żewġ kompetituri u l-benefiċjarju tal-għajnuna. Electrolux issottomettiet xi osservazzjonijiet b'ittra ddatata l-14 ta' Diċembru 2007. Wara laqgħa mas-servizzi tal-Kummissjoni fl-20 ta' Frar 2008, din l-impriża ssottomettiet xi osservazzjonijiet oħra b'ittra ddatata s-26 ta' Frar 2008 u tat-12 ta' Marzu 2008. Kompetitur li jixtieq jibqa' anonimu ssottometta xi osservazzjonijiet b'ittra ddatata s-17 ta' Diċembru 2007 [4]. FagorBrandt issottometta xi osservazzjonijiet b'ittra ddatata s-17 ta' Diċembru 2007. Il-Kummissjoni tat dawn l-osservazzjonijiet lil Franza bl-ittri ddatati l-15 ta' Jannar 2008 u t-13 ta' Marzu 2008 filwaqt li tatha l-possibbiltà li tikkumenta dwarhom u rċeviet il-kummenti tagħha rispettivament b'ittra ddatata l-15 ta' Frar 2008 u b'dokument sottomess waqt il-laqgħa tat-18 ta' Marzu 2008 (ara l-premessa (5)).

[1] B'effett mill-1 ta' Diċembru 2009, l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE saru l-Artikoli 107 u 108, rispettivament, tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ("TFUE"). Fiż-żewġ każijiet, id-dispożizzjonijiet huma identiċi fis-sustanza. Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni, ir-referenzi għall-Artikoli 107 u 108 tat-TFUE jinftiehmu, jekk ikun il-każ, bħala referenzi għall-Artikoli 87 u 88 rispettivament tat-Trattat dwar il-KE. It-TFUE daħħal ukoll ċerti modifiki fit-terminoloġija, pereżempju "Komunità" tinbidel b'"Unjoni", "suq komuni" tinbidel b'"suq intern" u "Qorti Ġenerali" tinbidel b'"Qorti". It-terminoloġija użata f'din id-deċiżjoni hija dik tat-TFUE.

[2] ĠU C 275, 16.11.2007, p. 18.

[3] Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna nru 2.

[4] Il-parti interessata inkwistjoni kienet talbet għall-estensjoni taż-żmien ta' xahar biex tissottometti kummenti bit-telefon u b'ittra ddatata s-16 ta' Diċembru 2007, u l-Kummissjoni ma opponietx għal dan.

(5) B'ittra ddatata t-13 ta' Novembru 2007, Franza tat l-osservazzjonijiet tagħha lill-Kummissjoni dwar id-deċiżjoni tal-ftuħ tal-proċedura. Fit-18 ta' Marzu 2008, saret laqgħa bejn is-servizzi tal-Kummissjoni, l-awtoritajiet Franċiżi u FagorBrandt. Wara din il-laqgħa, l-awtoritajiet Franċiżi ssottomettew xi informazzjoni b'ittri ddatati l-24 ta' April 2008 u s-7 ta' Mejju 2008. Saret laqgħa oħra bejn l-istess partijiet fit-12 ta' Ġunju 2008. Wara din il-laqgħa, l-awtoritajiet Franċiżi ssottomettew xi informazzjoni b'ittra ddatata d-9 ta' Lulju 2008. Fil-15 ta' Lulju 2008, il-Kummissjoni talbet għal informazzjoni addizzjonali, li ġiet ipprovduta mill-awtoritajiet Franċiżi fis-16 ta' Lulju 2008.

(6) Fil-21 ta' Ottubru 2008, il-Kummissjoni ħadet deċiżjoni pożittiva taħt ċerti kundizzjonijiet dwar l-għajnuna għar-ristrutturar ta' EUR 31 miljun mogħtija lil FagorBrandt ([5]) (minn hawn 'il quddiem "id-deċiżjoni tal-21 ta' Ottubru 2008").

(7) Din id-deċiżjoni ġiet annullata mill-Qorti fl-14 ta' Frar 2012 ([6]) (minn hawn 'il quddiem "is-sentenza tal-Qorti tal-14 ta' Frar 2012") minħabba żewġ żbalji manifesti fl-evalwazzjoni: minn naħa waħda, miżura kompensatorja tqieset bħala mhux valida u, min-naħa l-oħra, kien hemm nuqqas ta' analiżi tal-effett kumulattiv fuq il-kompetizzjoni ta' għajnuna qadima mhux kompatibbli mogħtija mill-awtoritajiet Taljani (minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-għajnuna Taljana") li kienet għadha ma ġietx irkuprata, mal-għajnuna approvata.

(8) B'konsegwenza ta' dan, il-Kummissjoni jkollha tieħu deċiżjoni finali ġdida. F'konformità mal-ġurisprudenza tal-Qorti ([7]), il-Kummissjoni ma tistax ma tqisx l-informazzjoni li kellha dak iż-żmien, jiġifieri fil-21 ta' Ottubru 2008 (ara t-Taqsima "6.2.2. Qafas taż-żmien tal-analiżi").

## 2. DESKRIZZJONI

(9) L-għajnuna inkwistjoni hija għajnuna għar-ristrutturar. L-ammont previst tal-għajnuna huwa ta' EUR 31 miljun. Din l-għotja ġejja mill-Ministeru Franċiż tal-Ekonomija, tal-Finanzi u tax-Xogħol. Il-benefiċjarju tal-għajnuna huwa FagorBrandt S.A., li għandu bosta sussidjarji li fi ħdanhom isiru l-attivitajiet ta' produzzjoni u ta' kummerċjalizzazzjoni.

(10) L-awtoritajiet Franċiżi jindikaw li, bir-riżorsi disponibbli, u fin-nuqqas ta' għajnuna mill-Istat, FagorBrandt S.A. ma jkunx kapaċi jħabbat wiċċu mad-diffikultajiet li jinsab fihom. Skont Franza, l-għotja diretta ta' EUR 31 miljun tippermetti li jitħallsu nofs il-ħlasijiet tar-ristrutturar ([8]).

(11) Il-grupp FagorBrandt (minn hawn 'il quddiem "FagorBrandt") huwa indirettament il-proprjetà tal-kumpanija Fagor Electrodomésticos S. Coop (minn hawn 'il quddiem "Fagor"), kooperattiva taħt il-liġi Spanjola. Il-kapital ta' din il-kumpanija kooperattiva huwa mqassam bejn madwar 3 500 membru (impjegati-assoċjati), u l-ebda wieħed minnhom ma jista' jkun fil-pussess ta' aktar minn 25 % tal-kapital tal-kooperattiva.

(12) Fagor stess hija parti minn grupp ta' kooperattivi bl-isem ta' Mondragón Corporación Cooperativa (minn hawn 'il quddiem "MCC"), li fi ħdanha kull kooperattiva żżomm l-awtonomija ġuridika u finanzjarja tagħha. Fagor tappartjeni għad-diviżjoni "Domestika" tal-grupp settorjali "Industrija" tal-MCC.

(13) FagorBrandt kellha fatturat ta' EUR 903 miljun fl-2007. Hija preżenti fl-oqsma kollha tal-apparat domestiku kbir, u b'hekk ikopri tliet gruppi kbar ta' prodotti: il-ħasil (magni tal-ħasil tal-platti, magni tal-ħasil tal-ħwejjeġ, magni tat-tnixxif tal-ħwejjeġ, magni tal-ħasil u tat-tnixxif tal-ħwejjeġ), it-tkessiħ (friġġijiet, chest freezers u friżers wieqfa) u t-tisjir (fran tradizzjonali, majkrowejvs, kukers, hobs, hoods).

## 3. RAĠUNIJIET LI WASSLU GĦALL-FTUĦ TAL-PROĊEDURA

(14) Fid-deċiżjoni għall-ftuħ tal-proċedura, il-Kummissjoni esprimiet dubji dwar il-ħames raġunijiet li ġejjin: riskju ta' evażjoni tal-projbizzjoni ta' għoti ta' għajnuna għar-ristrutturar lill-impriżi ġodda; riskju ta' evażjoni tal-obbligu ta' rimborż tal-għajnuna inkompatibbli; dubju dwar ir-ritorn tal-impriża għall-vijabilità fit-tul; insuffiċjenza tal-miżuri kompensatorji; dubju dwar il-limitazzjoni tal-għajnuna għall-minimu meħtieġ, u b'mod partikolari dwar il-kontribuzzjoni tal-benefiċjarju.

### 3.1. **Riskju ta' evażjoni tal-projbizzjoni ta' għoti ta' għajnuna għar-ristrutturar lill-impriżi ġodda**;

(15) Peress li FagorBrandt twaqqfet f'Jannar 2002, huwa kien, skont il-punt 12 tal-Linji gwida Komunitarji dwar l-għajnuna mill-Istat għas-salvataġġ u r-ristrutturar ta' impriżi f'diffikultà (minn hawn 'il quddiem "il-linji gwida dwar l-għajnuniet għar-ristrutturar") ([9]) impriża ġdida sa Jannar 2005, jiġifieri tliet snin wara li twaqqfet. Dan ifisser li kemm fil-mument meta l-impriża ibbenefikat mill-eżenzjoni fiskali li kienet prevista fl-Artikolu 44f tal-Kodiċi Ġenerali tat-Taxxa (minn hawn 'l quddiem imsejħa "l-għajnuna 44f"), kif ukoll fil-mument meta, f'Diċembru 2003, il-Kummissjoni ddikjarat li din l-għajnuna kienet

([5]) ĠU L 160, 23.9.2009, p. 11.

([6]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-14 ta' Frar 2012, Electrolux u Whirlpool Europe vs. Il-Kummissjoni (T-115/09 u T-116/09, għadhom ma ġewx ippubblikati fil-Ġabra)

([7]) Ara s-sentenza tal-Qorti tad-9 ta' Lulju 2008, Alitalia vs Il-Kummissjoni, T-301/01, Ġabra p. II-01753.

([8]) Għal deskrizzjoni tal-pjan ta' ristrutturar ara l-punt 11 u l-punti sussegwenti tad-deċiżjoni ta' ftuħ tal-proċedura.

([9]) ĠU C 244, 1.10.2004, p. 2.

inkompatibbli u ordnat l-irkupru tagħha ([10]), FagorBrandt kienet impriża ġdida. Skont il-punt 12 tal-linji gwida dwar l-għajnuniet għar-ristrutturar, ma kinitx eliġibbli għal għajnuna għar-ristrutturar. Għaldaqstant, il-fatt li meta l-impriża ma baqgħetx impriża ġdida u għalhekk saret eliġibbli biex tirċievi għajnuniet għar-ristrutturar, Franza kienet għadha ma rkupratx l-għajnuna li kienet iddikjarata bħala inkompatibbli f'Diċembru 2003 jista' jitqies bħala evażjoni tal-projbizzjoni prevista fil-punt 12 tal-linji gwida dwar l-għajnuniet għar-ristrutturar.

### 3.2. Riskju ta' evażjoni tal-obbligu ta' rimborż tal-għajnuna inkompatibbli

(16) Wara li osservat li deher li l-biċċa l-kbira tal-għajnuna nnotifikata kellha tintuża biex tiffinanzja r-rimborż tal-għajnuna 44f, il-Kummissjoni iddubitat jekk din l-għajnuna nnotifikata tikkostitwix evażjoni tal-obbligu ta' rimborż ta' din l-għajnuna inkompatibbli u jekk tneħħix is-sustanza u l-effett utli tal-irkupru ta' din l-għajnuna.

### 3.3. Dubji dwar il-vijabilità fit-tul tal-impriża

(17) Fir-rigward tar-ritorn tal-impriża għall-vijabilità fit-tul, il-Kummissjoni esprimiet żewġ dubji. Minn naħa, wara li osservat li l-fatturat mistenni għall-2007 żdied b'madwar 20 % meta mqabbel ma' dak tas-sena ta' qabel, il-Kummissjoni staqsiet fuq liema elementi kien ibbażat dan it-tbassir. Min-naħa l-oħra, il-Kummissjoni nnutat li l-pjan għar-ristrutturar ma kienx jindika kif FagorBrandt kienet se tagħmel biex tiffaċċja r-rimborż tal-għajnuna inkompatibbli li ngħatat lis-sussidjarja Taljana tagħha.

### 3.4. Insuffiċjenza tal-miżuri kompensatorji

(18) Il-Kummissjoni esprimiet ukoll xi dubji jekk in-nuqqas ta' implimentazzjoni tal-miżuri kompensatorji addizzjonali flimkien ma' dawk li diġà ttieħdu fil-qafas tal-pjan għar-ristrutturar kienx aċċettabbli. Il-Kummissjoni fakkret li:

(i) il-linji gwida dwar l-għajnuniet għar-ristrutturar (il-punti 38 sa 41) jobbligaw lill-benefiċjarji li jissodisfaw il-kriterju ta' "impriża kbira" li jimplimentaw xi miżuri kompensatorji;

(ii) minn naħa, mingħajr l-għajnuna, FagorBrandt toħroġ mis-suq u, min-naħa l-oħra, il-kompetituri ta' FagorBrandt huma, fil-maġġoranza tagħhom, Ewropej. B'konsegwenza ta' dan it-tluq ta' FagorBrandt ikun jippermetti lill-kompetituri Ewropej iżidu l-bejgħ u l-produzzjoni tagħhom għal ammonti sinifikattivi;

(iii) jidher li l-miżuri kollha diġà implimentati, fuq il-bażi tal-punt 40 tal-linji gwida dwar l-għajnuniet għar-ristrutturar, ma jistgħux jitqiesu bħala miżuri kompensatorji;

(iv) fl-aħħar nett, il-Kummissjoni enfasizzat li l-linji gwida li kienu fis-seħħ meta ġew investigati l-każijiet Bull ([11]) u Euromoteurs ([12]), li kienu invokati minn Franza, ma kinux jobbligaw l-implimentazzjoni ta' miżuri kompensatorji. Hija indikat ukoll differenzi oħra ewlenin bejn dawn il-każijiet u l-każ preżenti.

### 3.5. Dubji dwar il-kontribuzzjoni tal-benefiċjarju

(19) Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni esprimiet dubji dwar jekk il-kundizzjonijiet previsti fil-punti 43 u 44 tal-linji gwida dwar l-għajnuniet għar-ristrutturar ġewx sodisfatti. Minn naħa, l-awtoritajiet Franċiżi ma inkludewx ir-rimborż tal-għajnuna 44f fl-ispejjeż għar-ristrutturar u, min-naħa l-oħra, l-awtoritajiet Franċiżi ma spjegawx minn fejn kienu ġejjin ċerti ammonti mniżżlin bħala "sforz proprju tal-benefiċjarju".

## 4. OSSERVAZZJONIJIET TAL-PARTIJIET INTERESSATI

### 4.1. Osservazzjonijiet tal-impriża Electrolux

(20) Electrolux tindika li sabiex tiffaċċja l-isfidi tal-kompetizzjoni dinjija, hija implimentat xi pjanijiet għar-ristrutturar kbar u għaljin ħafna. Sabiex tibqa' kompetittiva, l-impriża kienet obbligata tieħu miżuri drastiċi bħall-għeluq ta' tmien fabbriki fl-Ewropa tal-Punent, il-produzzjoni tagħhom tressqet prinċipalment lejn fabbriki oħra li jeżistu fl-Ewropa u lejn fabbriki ġodda fil-Polonja u fl-Ungerija. Il-maġġoranza tal-impriżi tas-settur "apparat domestiku kbir" għamlu operazzjonijiet għar-ristrutturar simili. B'konsegwenza ta' dan, din l-impriża tilmenta dwar il-fatt li FagorBrandt tista' tieħu sussidju biex tiffaċċja sitwazzjoni li l-bqija tas-settur għandu jaffronta mingħajr ma jirċievi għajnuna simili. L-għajnuna tikkostitwixxi distorsjoni tal-kompetizzjoni b'dannu għal impriżi oħra.

### 4.2. Osservazzjonijiet tat-tieni kompetitur

(21) L-ewwel nett, dan il-kompetitur, li jixtieq jibqa' anonimu, iqis li l-għajnuna ppjanifikata mhux se tippermetti li l-impriża terġa' tistabbilixxi l-vijabilità fit-tul. Huwa jqis li riorganizzazzjoni industrijali sostanzjali hija meħtieġa biex tiżgura s-sopravivenza tal-impriża. Madankollu, dan il-kompetitur iqis li FagorBrandt mhux se jkollha mezzi biex tiffinanzja l-investimenti meħtieġa. L-għajnuna

([10]) Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-16 ta' Diċembru 2003, dwar l-iskema ta' għajnuniet mill-Istat implimentata minn Franza għall-akkwist ta' impriżi f'diffikultà, ĠU L 108, 16 ta' April 2004, p. 38.

([11]) Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-1 ta' Diċembru 2004 dwar l-għajnuna mill-Istat li Franza qed tippjana li timplimenta favur il-kumpanija Bull, ĠU L 342, 24.12.2005, p.81, il-premessi 55 sa 63.

([12]) Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-26 ta' April 2006 dwar l-għajnuna mill-Istat li Franza qed tippjana li timplimenta favur Euromoteurs, ĠU L 307, 7.11.2006, p. 213, il-premessi 30 sa 31 u 42.

lanqas ma hi se tippermetti li FagorBrandt tilħaq id-daqs meħtieġ biex ittejjeb il-pożizzjoni tagħha fin-negozjati fir-rigward tad-distributuri kbar li jippreferu l-fornituri li għandhom preżenza aktar importanti importanti fl-Unjoni Ewropea.

(22) It-tieni nett, il-kompetitur iqis li l-għajnuna mhijiex limitata għall-minimu meħtieġ għaliex FagorBrandt tista' tikseb il-finanzjamenti meħtieġa għar-ristrutturar tagħha mill-azzjonist tagħha u mill-kooperattiva (jiġifieri l-MCC, li jagħmel parti minnha l-bank Caja Laboral) li lilha jappartjeni dan tal-aħħar.

(23) It-tielet nett, il-kompetitur iqis li l-għajnuna x'aktarx taffettwa l-kompetizzjoni u l-kummerċ bejn l-Istati Membri. Minn naħa, il-maġġoranza tal-impriżi tas-settur jipproduċu fl-Ewropa u għalhekk jistgħu jitqiesu bħala Ewropej. Il-kompetituri Ażjatiċi u Torok huma preżenti b'mod sinifikanti biss fuq ċerti prodotti. Min-naħa l-oħra, FagorBrandt hijaa l-ħames l-akbar attur fuq il-livell Ewropew u għandha pożizzjoni b'saħħitha fis-swieq Franċiżi, Spanjoli u Pollakki. B'konsegwenza ta' dan, il-kompetitur iqis li, fin-nuqqas ta' miżuri kompensatorji, l-għajnuna ma tkunx tista' tiġi ddikjarata kompatibbli mill-Kummissjoni.

(24) Ir-raba' nett, l-għotja fil-passat ta' għajnuniet illegali minn Franza u l-Italja jwasslu għal żewġ konklużjonijiet: minn naħa, id-diffikultajiet ta' FagorBrandt huma rikorrenti, u dan jitfa' dubju fuq il-vijabilità tagħha; min-naħa l-oħra, l-għajnuna nnotifikata probabbilment tintuża għar-rimborż tal-għajnuniet illegali, u b'hekk tkun qiegħda ssir evażjoni tar-rimborż.

### 4.3. **Osservazzjonijiet ta' FagorBrandt**

(25) L-osservazzjonijiet ta' FagorBrandt huma simili għall-osservazzjonijiet tal-awtoritajiet Franċiżi, li huma miġbura fil-qosor hawn taħt.

## 5. KUMMENTI TA' FRANZA

### 5.1. **Kummenti ta' Franza dwar id-deċiżjoni tal-ftuħ tal-proċedura**

(26) Fir-rigward ta' evażjoni possibbli tal-projbizzjoni tal-għotjiet ta' għajnuniet għar-ristrutturar għall-impriżi ġodda, l-awtoritajiet Franċiżi ma jikkuntestawx il-fatt li FagorBrandt għandha tiġi kkunsidrata bħala "impriża ġdida" matul it-tliet snin mit-twaqqif tagħha b'mod konformi mal-punt 12 tal-linji gwida dwar l-għajnuniet għar-ristrutturar. Madankollu, huma josservaw li l-kwistjoni tal-possibbiltà ta' għajnuna għar-ristrutturar għall-benefiċċju ta' FagorBrandt bdiet tiġi kkunsidrata biss fl-2006 wara d-diffikultajiet li ħabbtet wiċċha magħhom mill-2004 u minħabba d-deterjorazzjoni tas-sitwazzjoni finanzjarja tagħha mill-2005, jiġifieri matul il-ħames sena tal-eżistenza tagħha. Fi kliem ieħor, l-impriża ma kellhiex raġunijiet biex titlob għal għajnuna għar-ristrutturar qabel ma kienet f'sitwazzjoni li tiġġustifika din l-għajnuna, jiġifieri fl-2006. B'konsegwenza ta' dan, ma hemm l-ebda kwistjoni dwar evażjoni possibbli tar-Regolament tat-"tliet snin".

(27) Fir-rigward tal-possibbiltà li l-għajnuna nnotifikata tneħħi l-effett utli tal-obbligu ta' rimborż, Franza tfakkar li l-impriża mhijiex f'diffikultà biss minħabba r-rimborż tal-għajnuna. Id-diffikultajiet finanzjarji fil-fatt bdew fl-2004 u s-sitwazzjoni marret ħafna għall-agħar fl-2005 u l-2006. Kif ikkonkludiet il-Kummissjoni fid-deċiżjoni tal-ftuħ tal-proċedura, l-impriża hija tassew f'diffikultà skont il-linji gwida dwar l-għajnuniet għar-ristrutturar. Minn dan Franza tikkonkludi li l-impriża hija, skont dan, eliġibbli għal għajnuna għar-ristrutturar jekk il-kundizzjonijiet l-oħra għal għajnuna bħal din jkunu sodisfatti wkoll. Ma hemm l-ebda kwistjoni jekk l-impriża jirnexxiliex tasal sas-sena 2007 jew l-2008 jekk ma jkollhiex tħallas lura l-għajnuna, għaliex ir-rimborż tal-għajnuna huwa obbligatorju, u dan ħareġ mid-deċiżjoni negattiva tal-Kummissjoni dwar l-iskema tal-Artikolu 44f fl-2003. Għalhekk hija tassew l-akkumulazzjoni tad-diffikultajiet finanzjarji li tiġġustifika t-talba għall-għajnuna, diffikultajiet li ġejjin mill-ispejjeż għar-ristrutturar diġà mħallsa mill-impriża, min-nuqqas ta' finalizzazzjoni tar-ristrutturar u wkoll mill-ispejjeż kollha l-oħra li l-impriża għandha tqis, u dan jinkludi r-rimborż tal-għajnuna.

(28) Rigward ir-ritorn għall-vijabilità fit-tul u ż-żewġ dubji relatati li jissemmew fid-deċiżjoni tal-ftuħ, l-awtoritajiet Franċiżi josservaw l-elementi li ġejjin. Fir-rigward tat-tbassir dwar iż-żieda b'20 % tal-fatturat tal-2007 meta mqabbel mas-sena finanzjarja 2006, dan jista' jiġi spjegat prinċipalment mill-modifikazzjoni tal-medda tal-attivitajiet ta' FagorBrandt li saret fl-2006. Fir-rigward tan-nuqqas ta' konsiderazzjoni tar-rimborż tal-għajnuna illegali mogħtija lis-sussidjarja Taljana (allokata fil-qafas tat-teħid ta' kontroll tal-attivitajiet tal-apparati domestiċi ta' Ocean Spa minn Brandt Italia), l-awtoritajiet Franċiżi jindikaw li dan ir-rimborż ma għandux jaffettwa l-vijabilità tal-impriża, meta jitqies li l-ammont li fl-aħħar għandu jitħallas minn Brandt Italia għandu jkun inqas minn EUR 200 000, peress li l-bilanċ huwa mħallas mill-bejjiegħ tal-attivitajiet inkwistjoni.

(29) Fir-rigward tan-nuqqas ta' miżuri kompensatorji, Franza tirrepeti li l-impriża kienet diġà biegħet il-kumpanija Brandt Components fl-2004 (is-sit ta' Nevers). Min-naħa l-oħra, il-kumpanija naqset il-kapaċità ta' produzzjoni tagħha billi waqfet il-produzzjoni ta' chest freezers u ta' majkrowejvs għalihom waħidhom. L-awtoritajiet Franċiżi jfakkru wkoll li l-għajnuna wasslet għal distorsjoni żgħira ħafna, u dan inaqqas il-ħtieġa ta' miżuri kompensatorji. Fil-fatt, FagorBrandt għandha anqas minn [0-5] % (*) tas-sehem tas-suq fil-livell Ewropew, li huwa ammont żgħir ħafna meta mqabbel mal-kompetituri ewlenin tagħha. L-awtoritajiet Franċiżi jqisu wkoll li l-preżenza tal-impriża fis-suq tippermetti li jiġu evitati sitwazzjonijiet ta' oligopolju. Matul il-proċedura ta' investigazzjoni formali, l-awtoritajiet Franċiżi pproponew li jimplimentaw xi miżuri kompensatorji addizzjonali.

(*) Sigriet tan-negozju.

(30) Fir-rigward tad-dubji tal-Kummissjoni dwar il-limitazzjoni tal-għajnuna għall-minimu u l-kontribuzzjoni proprja tal-benefiċjarju, l-awtoritajiet Franċiżi josservaw l-elementi li ġejjin. Fir-rigward tan-nuqqas ta' konsiderazzjoni tar-rimborż tal-għajnuna fl-ispejjeż għar-ristrutturar, huma jindikaw li r-rimborż ta' għajnuna inkompatibbli ma jistax ikun, *a priori*, ikkwalifikat bħala spejjeż għar-ristrutturar. Fir-rigward tal-"isforz proprju tal-benefiċjarju" kif imsemmi fin-notifika, l-awtoritajiet Franċiżi jispjegaw li dan kien self mill-bank.

### 5.2. Kummenti ta' Franza dwar l-osservazzjonijiet tal-partijiet interessati

(31) Fir-rigward tal-kummenti ta' Electrolux, Franza tenfasizza li l-miżuri għar-ristrutturar li ttieħdu minn Electrolux u minn kompetituri oħra ma kellhomx l-iskop li jirranġaw is-sitwazzjoni ekonomika diffiċli iżda li jsaħħu pożizzjoni fis-suq tal-apparat domestiku kbir. Għaldaqstant, Franza tqis li s-sitwazzjonijiet ta' FagorBrandt u l-kompetituri tagħha, li barra minn hekk għandhom mezzi finanzjarji ħafna akbar minħabba li huma ta' daqs akbar, ma humiex komparabbli.

(32) Fir-rigward tal-kummenti dwar il-vijabilità fit-tul ta' FagorBrandt mill-impriża li talbet li tibqa' anonima, l-awtoritajiet Franċiżi jenfasizzaw, l-ewwel nett, li FagorBrandt ħadet xi miżuri li għall-ewwel kellhom l-iskop li "jwaqqfu t-telf u jsaħħu l-marġini ta' qligħ sabiex tkun tista', fl-aħħar, tilħaq pożizzjoni aħjar fis-suq, b'mod partikolari bl-iżvilupp ta' […]".

(33) Fir-rigward tal-affermazzjoni li l-għajnuna mhijiex limitata għall-minimu għaliex FagorBrandt tista' ssib finanzjament mill-azzjonisti tagħha, l-awtoritajiet Franċiżi jenfasizzaw li l-MCC mhijiex kumpanija holding iżda moviment kooperattiv. F'dan il-moviment kooperattiv, kull kooperattiva inkluża Fagor jew il-bank Caja Laboral hija indipendenti u tiddependi fuq id-deċiżjonijiet tal-ħaddiema-kooperaturi proprji tagħha, li huma l-proprjetarji. Għalhekk, FagorBrandt tista' biss tiddependi fuq l-appoġġ finanzjarju ta' Fagor, li hija limitata għall-kapaċitajiet attwali ta' din tal-aħħar. L-akkwist ta' FagorBrandt naqqas il-marġini ta' manuvrar ta' Fagor fil-fondi u Fagor illum ma tistax tapprova finanzjamenti aktar għoljin minn ċertu livell.

(34) It-tielet nett, b'risposta għall-effetti negattivi preżunti fuq il-kompetizzjoni, l-awtoritajiet Franċiżi nnutaw xi kontradizzjonijiet fl-osservazzjonijiet tal-parti interessata li talbet li tibqa' anonima. Minn naħa din tal-aħħar tafferma li l-għajnuna tista' taffettwa l-kundizzjonijiet tal-kompetizzjoni fi ħdan is-suq Ewropew. Min-naħa l-oħra, hija tafferma li FagorBrandt għandha daqs żgħir wisq meta mqabbel mal-impriżi ewlenin, u dan ipoġġi l-vijabilità tagħha fil-periklu. Barra minn hekk, fir-rigward tan-nuqqas ta' miżuri kompensatorji, l-awtoritajiet Franċiżi jfakkru li huma diġà implimentaw xi miżuri kompensatorji validi u li qegħdin jipproponu li jimplimentaw oħrajn ġodda.

(35) Ir-raba' nett, b'risposta għall-affermazzjonijiet ibbażati fuq l-għotjiet fil-passat ta' għajnuniet illegali minn Franza u l-Italja, Franza tfakkar li dawn l-għajnuniet illegali ma kinux qegħdin jimmiraw għal programm ta' ristrutturar tal-impriża iżda sistema bl-iskop li tiffavorixxi ż-żamma tax-xogħol fit-territorju. Barra minn hekk, Franza tenfasizza, fuq il-bażi tal-informazzjoni pprovduta fis-17 ta' Diċembru 2007 lill-Kummissjoni minn FagorBrandt, li ma hemm l-ebda relazzjoni reali bejn l-ammont tal-għajnuna allokata (madwar EUR 20 miljun ta' għajnuna netta wara t-taxxa) u l-ammont tal-għajnuna inkompatibbli (madwar EUR 27,3 miljun wara l-kalkolu tal-imgħax). Barra minn hekk, l-ispejjeż għar-ristrutturar ġew evalwati għal EUR 62,5 miljun u għalhekk huma ħafna aktar mill-ammont mitlub tal-għajnuna għar-ristrutturar. Fl-aħħar nett, huma jfakkru fin-natura funġibbli tal-infiq.

(36) Fir-rigward tal-kummenti li ssottomettiet FagorBrandt lill-Kummissjoni, l-awtoritajiet Franċiżi jindikaw li huma jaqblu mal-elementi ta' kjarifika, aktar u aktar minħabba li dawn ġew ippreżentati bħala suppliment għall-osservazzjonijiet tagħhom stess.

## 6. EVALWAZZJONI TAL-GĦAJNUNA

### 6.1. Eżistenza ta' għajnuna skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE

(37) Il-Kummissjoni tqis li l-miżura tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat skont l-Artikolu 107(1) tat-TFUE. Hija tieħu l-forma ta' għotja mill-gvern Franċiż u b'konsegwenza ta' dan hija ffinanzjata mir-riżorsi tal-Istat u attribwibbli għall-Istat. Il-miżura tindirizza b'mod uniku lil FagorBrandt u għalhekk hija selettiva. L-għotja tiffavorixxi lil FagorBrandt billi ttiha riżorsi addizzjonali u tevitaha milli twaqqaf l-attivitajiet tagħha. Għalhekk, din il-miżura thedded li toħloq distorsjoni fil-kompetizzjoni bejn il-produtturi ta'apparat domestiku kbir. Fl-aħħar nett, is-suq tal-apparat domestiku kbir huwa kkaratterizzat minn kummerċ importanti bejn l-Istati Membri. B'konsegwenza ta' dan, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-miżura nnotifikata tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat. Franza ma tikkontestax din il-konklużjoni.

### 6.2. Bażi ġuridika tal-evalwazzjoni

#### 6.2.1. *Bażi ġuridika tal-kompatibilità tal-għajnuna*

(38) L-Artikolu 107(2 u 3) tat-TFUE jipprevedi xi derogi għall-inkompatibilità ġenerali prevista fil-paragrafu 1 tal-istess Artikolu. Id-derogi previsti fl-Artikolu 107(2) tat-TFUE mhumiex applikabbli b'mod ċar f'dan il-każ.

(39) Fir-rigward tad-derogi previsti fl-Artikolu 107(3) tat-TFUE, il-Kummissjoni tosserva li peress li l-għan tal-għajnuna mhuwiex reġjonali u d-deroga tal-punt b) tal-paragrafu inkwistjoni mhijiex applikabbli b'mod ċar, tapplika biss id-deroga stabbilita fil-punt c). Dan jipprevedi l-awtorizzazzjoni tal-għajnuniet mill-Istat li għandhom l-iskop li jiffaċilitaw l-iżvilupp ta' ċerti attivitajiet ekonomiċi, meta dawn ma jbiddlux il-kundizzjonijiet tal-kummerċ b'mod li jmur kontra l-interess komuni. F'dan il-kuntest, huwa ċar li l-għajnuniet ingħataw bl-iskop li tiġi rrestawrata l-vijabilità fit-tul ta' impriża f'diffikultà. Il-Kummissjoni wriet kif tevalwa l-kompatibilità ta' għajnuniet bħal dawn fil-linji gwida dwar l-għajnuniet għar-ristrutturar. Għalhekk huma dawn tal-aħħar li se jintużaw bħala bażi ġuridika għall-evalwazzjoni. Il-Kummissjoni tqis li

ma jista' japplika ebda qafas Komunitarju ieħor għall-każ preżenti. Barra minn hekk, Franza ma invokat l-ebda deroga oħra tat-TFUE. Barra minn hekk, l-ebda parti interessata ma kkritikat l-għażla ta' din il-bażi ġuridika, li diġà tħabbret fid-deċiżjoni tal-ftuħ tal-proċedura.

6.2.2. *Qafas taż-żmien tal-analiżi*

(40) Sabiex tkun konformi mal-ġurisprudenza tal-Qorti ([13]), il-Kummissjoni trid, wara li tirrevoka waħda mid-deċiżjonijiet tagħha, tibbaża l-analiżi l-ġdida tagħha b'mod esklużiv fuq l-informazzjoni li kellha fil-mument tal-adozzjoni tad-deċiżjoni rrevokata, li f'dan il-każ huwa l-21 ta' Ottubru 2008.

(41) Għaldaqstant, l-avvenimenti sussegwenti li setgħu ġraw mill-21 ta' Ottubru 2008 ma għandhomx jitqiesu. It-tibdil jew l-evoluzzjonijiet tas-suq jew li jikkonċernaw is-sitwazzjoni tal-benefiċjarju tal-għajnuna jridu jiġu esklużi mill-analiżi. Bl-istess mod, il-Kummissjoni ma tqisx il-perjodu tat-twettiq tal-pjan ta' ristrutturar lil hinn minn Ottubru 2008 ([14]).

(42) Bl-istess mod, il-Kummissjoni ma għandiex l-obbligu li tibda l-investigazzjoni tal-każ mill-bidu, u lanqas li tlestih permezz ta' għarfien tekniku espert ġdid ([15]). L-annullament ta' att li jtemm proċedura amministrattiva li tiġbor fiha fażijiet differenti ma jagħtix neċessarjament lok għall-annullament tal-proċedura kollha. F'każijiet bħal dawn meta, minkejja l-fatt li jittieħdu miżuri ta' investigazzjoni li jippermettu analiżi eżawrjenti tal-kompatibilità tal-għajnuna l-analiżi mwettqa mill-Kummissjoni ma tkunx kompluta u għalhekk tikkawża l-illegalità tad-deċiżjoni, il-proċedura maħsuba biex tibdel din id-deċiżjoni tista' ssir abbażi tal-miżuri ta' investigazzjoni li jkunu diġà twettqu ([16]).

(43) Barra minn hekk, ġaladarba l-Kummissjoni jkollha tibbaża l-analiżi ġdida tagħha b'mod esklużiv fuq informazzjoni li hi kellha f'Ottubru 2008, informazzjoni li l-awtoritajiet Franċiżi u FagorBrandt diġà ħadu pożizzjoni dwarha, ma hemmx bżonn li jerġgħu jiġu kkonsultati ([17]). Fl-aħħar nett, id-dritt li partijiet terzi kkonċernati jesponu l-osservazzjonijiet tagħhom ġie żgurat permezz tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni tal-ftuħ tal-proċedura fil-Ġurnal Uffiċjali ([18]) u l-ebda dispożizzjoni tar-Regolament Nru 659/1999 ma timponi li dawn għandhom jingħataw din il-possibbiltà mill-ġdid meta l-operazzjoni inizjali tkun ġiet emendata matul l-investigazzjoni ([19]).

(44) Għaldaqstant, id-deċiżjoni preżenti hija bbażata biss fuq l-elementi disponibbli fid-data tal-21 ta' Ottubru 2008.

6.3. **Eliġibilità tal-impriża għall-għajnuniet għar-ristrutturar**

(45) Sabiex tibbenefika minn għajnuniet għar-ristrutturar, l-impriża għandha, l-ewwel nett, tkun tista' titqies bħala impriża f'diffikultà, kif stabbilit fit-Taqsima 2.1 tal-linji gwida dwar l-għajnuniet għar-ristrutturar.

(46) Fil-punt 24 tad-deċiżjoni tal-ftuħ tal-proċedura, il-Kummissjoni indikat li l-impriża dehret f'diffikultà skont il-punt 11 tal-linji gwida dwar l-għajnuniet għar-ristrutturar. Fil-punt 27 tad-deċiżjoni tal-ftuħ tal-proċedura, il-Kummissjoni indikat ukoll li, b'mod konformi mal-punt 13 tal-linji gwida dwar l-għajnuniet għar-ristrutturar, id-diffikultajiet tal-impriża kienu saru serji wisq biex ikunu jistgħu jiġu ffinanzjati mill-azzjonist Spanjol tagħha. Għall-kuntrarju ta' din l-evalwazzjoni preliminari, il-kompetitur li talab li jibqa' anonimu jqis li FagorBrandt setgħet tikseb l-appoġġ finanzjarju meħtieġ biex tiffaċċja d-diffikultajiet tagħha minn Fagor u MCC. Għaldaqstant, għandu jiġi analizzat jekk l-evalwazzjoni preliminari li saret fid-deċiżjoni tal-ftuħ tal-proċedura għandhiex tiġi emendata. Il-Kummissjoni tosserva li l-kompetitur jibbaża l-affermazzjoni tiegħu fuq artiklu li deher fl-istampa ([20]) li donnu jindika li Fagor tista' faċilment tiġġenera fondi mis-swieq finanzjarji. Madankollu, il-Kummissjoni tosserva li dan l-artiklu ġie ppubblikat f'April 2005 u li s-sitwazzjoni finanzjarja ta' Fagor marret ħafna għall-agħar wara din id-data. L-awtoritajiet Franċiżi jfakkru f'dan ir-rigward li d-djun finanzjarji ta' Fagor (eskluża l-konsolidazzjoni tad-djun ta' FagorBrandt) ittriplaw fl-2005, b'mod partikolari wara l-akkwist tat-titoli ta' FagorBrandt u wara investimenti industrijali kbar minn Fagor. Barra minn hekk, Fagor investiet EUR 26,9 miljun ta' kapital f'FagorBrandt fl-2006. Dawn l-elementi kollha kważi ħlew il-kapaċità tal-kooperattiva li tħallas id-dejn, li għandha proporzjonijiet ta' dejn li qabżu sew il-limiti li ġeneralment huma awtorizzati.

(47) Barra minn hekk, l-awtoritajiet Franċiżi spjegaw li Fagor, l-uniku azzjonarju tal-grupp FagorBrandt, hija kooperattiva ta' ħaddiema-assoċjati taħt il-liġi Spanjola. Il-kapital tagħha jinqasam bejn madwar 3 500 membru li huma esklużivament impjegati-assoċjati, u l-ebda wieħed minnhom ma jista' jkun fil-pussess ta' aktar minn 25 % tal-kapital tal-kooperattiva.

(48) Minħabba din il-forma ġuridika, Fagor ma tistax timxi għal żidiet fil-kapital miftuħa għal abbonati terzi. Il-kooperattiva tista żżid il-kapital tagħha biss billi ddur għall-membri tagħha stess, li għandhom kapaċitajiet finanzjarji limitati għat-tfaddil personali tagħhom. L-unika possibilità li għandha biex tiffinanzja l-iżvilupp tagħha hi li tissellef mill-banek jew li toħroġ bonds.

([13]) Is-sentenza tal-Alitalia vs. il-Kummissjoni, imsemmija qabel fin-nota f'qiegħ il-paġna nru 7.
([14]) Is-sentenza Alitalia vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, il-punt 137.
([15]) Is-sentenza Alitalia vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, il-punti 144 u 159.
([16]) Ara, f'dan is-sens, is-sentenza Alitalia vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, il-punti 99 sa101 u 142.
([17]) Is-sentenza Alitalia vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, il-punt 174.
([18]) Ara n-nota f'qiegħ il-paġna nru 2.
([19]) Is-sentenza Alitalia vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, il-punt 174.
([20]) Il-gazzetta "La Tribune" tal-14 ta' April 2005.

(49) MCC hija kombinament ta' kooperattivi li Fagor tagħmel parti minnhom. Fi ħdan dan il-kombinament, kull kooperattiva żżomm l-awtonomija ġuridika u finanzjarja tagħha. Fi kliem ieħor, ma hemm l-ebda relazzjoni finanzjarja bejn Fagor u MCC. Għalhekk, MCC mhijiex kumpanija holding iżda moviment kooperattiv. Kull kooperattiva inkluża f'dan il-kombinament, bħal Fagor jew il-bank Caja Laboral, hija indipendenti u tiddependi fuq deċiżjonijiet mill-ħaddiema-kooperaturi proprji tagħha, li huma l-proprjetarji. Għalhekk, ir-relazzjonijiet bejn MCC u l-membri tagħha ma jistgħux jitqiesu bħal dawk bejn grupp finanzjarju tradizzjonali.

(50) B'konsegwenza ta' dan, minħabba l-foma ġuridika tagħha, MCC ma setgħetx issib fondi bħal kumpanija pubblika, u ma tistax titqies bħala kumpanija prinċipali fis-sens tal-punt 13 tal-linji gwida dwar l-għajnuniet għar-ristrutturar. Għalhekk, FagorBrandt kellha tiddependi biss fuq l-appoġġ tal-kumpanija prinċipali tagħha, Fagor, fil-limiti tal-kapaċitajiet tagħha li tikkontribwixxi.

(51) Il-Kummissjoni għalhekk tqis li mhux meħtieġ li tiġi riveduta l-evalwazzjoni li saret fid-deċiżjoni tal-ftuħ dwar l-eliġibilità tal-impriża fuq il-bażi tal-punti 11 u 13 tal-linji gwida dwar l-għajnuniet għar-ristrutturar.

(52) Fir-rigward tal-eliġibilità tal-impriża abbażi tal-kundizzjonijiet stabbiliti fit-Taqsima 2.1 tal-linji gwida dwar l-għajnuniet għar-ristrutturar, id-deċiżjoni tal-ftuħ twassal għal dubju wieħed biss, li huwa l-evażjoni possibbli tal-projbizzjoni tal-għajnuna għar-ristrutturar għall-impriżi ġodda (ara t-Taqsima 3 "Raġunijiet li wasslu għall-ftuħ tal-proċedura").

(53) Il-Kummissjoni analizzat is-sitwazzjoni finanzjarja tal-impriża, li hija spjegata fit-Tabella Nru 1 hawn taħt. Jidher b'mod ċar li, matul l-ewwel tliet snin ta' eżistenza tagħha, l-impriża, minkejja li kienet ħallset lura l-għajnuna 44f, ma kinitx tissodisfa l-kriterji previsti fil-punti 10 u 11 tal-linji gwida dwar l-għajnuniet għar-ristrutturar sabiex titqies f'diffikultà: fir-rigward tal-punt 10 tal-linji gwida dwar l-għajnuniet għar-ristrutturar, jidher li, minkejja li l-impriża kienet ħallset lura l-għajnuna ta' EUR 22,5 miljun mill-2004 (jiġifieri fix-xhur wara d-Deċiżjoni finali negattiva tal-Kummissjoni), hija kienet għadha ma tilfitx nofs il-fondi proprji tagħha fl-2004. Fir-rigward tal-punt 11 tal-linji gwida għar-ristrutturar, minkejja li l-impriża kienet ħallset lura l-għajnuna ta' EUR 22,5 miljun mill-2004, hija kellha biss sena waħda li fiha sar telf (2004), u dan mhuwiex biżżejjed sabiex titqies f'diffikultà abbażi ta' dan il-punt. Għalhekk, għandu jiġi kkonstatat li d-diffikultajiet finanzjarji tal-grupp FagorBrandt marru għall-agħar mis-sena 2005, b'mod li l-impriża setgħet titqies bħala impriża f'diffikultà skont il-linji gwida dwar l-għajnuniet għar-ristrutturar (jiġifieri impriża li, "fin-nuqqas ta' intervent estern mill-awtoritajiet pubbliċi" timxi "lejn mewta ekonomika kważi ċerta fuq żmien qasir jew medju") mingħajr dubju mis-sena ta' wara (filwaqt li jitqies l-obbligu li titħallas lura l-għajnuna 44f) u ċertament fl-2007.

*Tabella 1*

| miljun EUR | 2002 | 2003 | 2004 | 2005 | 2006 | 2007 |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Fatturat | 847,1 | 857,6 | 813,2 | 743,6 | 779,7 | 903,0 |
| Marġini gross | 205,2 | 215,1 | 207,0 | 180,6 | 171,6 | 190,4 |
| Qligħ nett | 15,5 | 13,8 | (3,6) | (13,4) | (18,2) | (5,7) |
| Fondi proprji | 69,8 | 83,4 | 79,8 | 70,6 | 79,4 | 73,6 |

(54) Il-Kummissjoni nnutat ukoll li, matul l-ewwel semestru tas-sena 2005, il-grupp Fagor ħa d-deċiżjoni li jixtri 90 % tal-ishma tal-impriża bi prezz ta' EUR [150-200] miljun. Dan juri li s-suq ma kienx iqis li l-impriża kienet f'diffikultà skont il-linji gwida dwar l-għajnuniet għar-ristrutturar, jiġifieri impriża li, fin-nuqqas ta' intervent estern tal-awtoritajiet pubbliċi, qiegħda timxi lejn mewta ekonomika kważi ċerta fuq żmien qasir jew medju.

(55) Fuq il-bażi ta' dak li ntqal qabel, il-Kummissjoni tqis li l-impriża, li twaqqfet f'Jannar 2002, ma setgħetx titqies f'diffikultà matul l-ewwel tliet snin tal-eżistenza tagħha, anke jekk kienet ħallset lura l-għajnuna 44f minnufih. Għaldaqstant, hija tqis li l-fatt li f'Jannar 2005 Franza kienet għadha ma rkupratx l-għajnuniet 44f – jiġifieri tliet snin wara t-twaqqif ta' FagorBrandt – ma kellux l-effett li jżomm impriża ħajja b'mod artifiċjali, li, fin-nuqqas ta' dan, kienet toħroġ mis-suq. Hija tqis ukoll li matul dan il-perjodu, l-impriża ma kellhiex raġuni biex titlob għajnuna għar-ristrutturar. Fuq il-bażi ta' dak li ntqal qabel, il-Kummissjoni tqis li l-fatt li f'Jannar 2005 Franza kienet għadha ma rkupratx l-għajnuniet 44f ma jikkostitwix evażjoni tal-projbizzjoni tal-għajnuna għar-ristrutturar favur l-impriżi ġodda skont il-punt 12 tal-linji gwida għar-ristrutturar.

(56) B'konklużjoni, id-dubji dwar l-eliġibilità tal-impriża twarrbu u l-Kummissjoni tqis li l-kundizzjonijiet previsti fit-Taqsima 2.1 tal-linji gwida dwar l-għajnuniet għar-ristrutturar huma sodisfatti.

### 6.4. **Dispożizzjonijiet fir-rigward tal-għajnuniet illegali u inkompatibbli**

6.4.1. *L-għajnuna mogħtija minn Franza*

(57) Fuq il-bażi tal-punt 23 tal-linji gwida dwar l-għajnuniet għar-ristrutturar u mill-fatt li l-għajnuna nnotifikata tidher li fil-biċċa l-kbira tagħha tintuża biex tiffinanzja r-rimborż tal-għajnuna 44f, fil-punt 30 tad-deċiżjoni tal-ftuħ tal-proċedura l-Kummissjoni indikat li kellha dubji jekk l-għajnuna nnotifikata kinitx tikkostitwixxi evażjoni mill-obbligu ta' rimborż u tneħħix is-sustanza u l-effett utli ta' dan tal-aħħar.

(58) Fl-evalwazzjoni tagħha ta' din il-kwistjoni, il-Kummissjoni qieset l-elementi li ġejjin.

(59) L-ewwel nett, skont ġurisprudenza kostanti, ir-rimborż ta' għajnuniet inkompatibbli bl-imgħax jippermetti li terġa' tiġi stabbilita s-sitwazzjoni li kienet teżisti qabel ma ngħatat l-għotja tal-għajnuna u għalhekk tiġi eliminata d-distorsjoni tal-kompetizzjoni li din tikkawża. Għaldaqstant, f'dan il-każ, ir-rimborż tal-għajnuna 44f bl-imgħax – li l-ħlas tal-għajnuna l-ġdida hija subordinata għalih – għandu jerġa' jistabbilixxi s-sitwazzjoni li kien hemm qabel l-għotja tagħha.

(60) It-tieni nett, l-impriża hija eliġibbli għal għajnuniet għar-ristrutturar. Fil-fatt, l-ewwel nett, id-diffikultajiet finanzjarji tal-impriża mhumiex ġejjin prinċipalment mir-rimborż tal-għajnuna inkompatibbli. Dawn ġejjin minn sorsi oħra, li huma l-kawża tat-telf li sar mill-2004 (ara t-Tabella 1). Ir-rimborż fil-futur tal-għajnuna inkompatibbli jiggrava biss dawn id-diffikultajiet sa' punt fejn l-impriża ma tkunx tista' tiffaċċjahom aktar mingħajr l-għajnuna mill-Istat. It-tieni nett, ġie implimentat pjan għar-ristrutturar tal-attivitajiet li l-ispiża tiegħu kienet ta' EUR 62,5 miljun. Dan juri li r-ristrutturar operattiv meħtieġ sabiex terġa' tiġi stabbilita l-profitabilità tal-attivitajiet jikkawża spejjeż kbar ħafna, akbar mir-rimborż tal-għajnuna 44f li hija ta' EUR 22,5 miljun, bl-imgħaxijiet mhux inklużi. Dawn l-elementi juru li FagorBrandt hija impriża f'diffikultà li l-eżistenza tagħha tinsab fil-periklu. Għalhekk tista', bħal kull impriża f'sitwazzjoni bħal din, tibbenefika minn għajnuniet għar-ristrutturar jekk tissodisfa l-kundizzjonijiet l-oħra previsti mill-linji gwida dwar l-għajnuniet għar-ristrutturar.

(61) It-tielet nett, fid-Deċiżjoni tagħha tal-1991 dwar il-każ Deggendorf [21], li josserva li l-"għajnuniet allokati b'mod illegali li Deggendorf ilha tirrifjuta li tħallas lura mill-1986 u l-għajnuniet ġodda (…) għandhom bħala effett akkumulat li jagħtu lil din il-kumpanija vantaġġ eċċessiv u indebitu li jbiddel il-kundizzjonijiet tal-kummerċ b'mod kuntrarju għall-interess komuni", il-Kummissjoni kkunsidrat l-għajnuniet ġodda huma kompatibbli bil-kundizzjoni li "l-awtoritajiet (…) huma obbligati li jwaqqfu l-ħlas tal-għajnuniet lill-kumpanija Deggendorf (…)sakemm ikunu għadhom ma pproċedewx għall-irkupru tal-għajnuniet inkompatibbli (…)". Fis-sentenza tagħha tal-15 ta' Mejju 1997 [22], il-Qorti tal-Ġustizzja approvat l-approċċ adottat mill-Kummissjoni. Minn dak iż-żmien, il-Kummissjoni adottat bosta deċiżjonijiet li fihom tuża l-istess approċċ, jiġifieri tikkunsidra li għajnuna ġdida hija kompatibbli filwaqt li tobbliga t-twaqqif tal-ħlas tagħha sakemm titħallas lura l-għajnuna illegali [23]. Il-Kummissjoni tosserva li f'dan il-każ, sakemm l-għajnuna ġdida tissodisfa l-kundizzjonijiet previsti fil-linji gwida dwar l-għajnuniet għar-ristrutturar, ma jidher li hemm l-ebda element li jopponi l-applikazzjoni tal-approċċ meħud fil-każ Deggendorf, jiġifieri li l-għajnuna ġdida titqies kompatibbli bil-kundizzjoni li l-ħlas tagħha jkun sospiż sal-irkupru tal-għajnuna 44f.

(62) Fuq il-bażi tal-konsiderazzjonijiet imsemmijin qabel, id-dubji tal-Kummissjoni twarrbu.

(63) F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni tixtieq tippreċiża dan li ġej. Il-punt 23 tal-linji gwida dwar l-għajnuniet għar-ristrutturar jobbliga lill-Kummissjoni, fil-qafas tal-investigazzjoni ta' għajnuna għar-ristrutturar, li "tikkunsidra, l-ewwel nett, l-effett akkumulat tal-għajnuna li ngħatat qabel u tal-għajnuna l-ġdida, it-tieni nett, il-fatt li l-għajnuna li ngħatat qabel ma tħallsitx lura." Kif ġie indikat fin-nota nru 2 tal-punt 23 tal-linji gwdida dwar l-għajnuniet għar-ristrutturar, din id-dispożizzjoni tibbaża fuq il-każistika Deggendorf [24]. Fil-każ preżenti, Franza impenjat ruħha li tirkupra l-għajnuna 44f qabel ma tipproċedi għall-ħlas tal-għajnuna l-ġdida. Fid-Deċiżjoni preżenti, il-Kummissjoni għandha l-obbligu, skont il-każistika Deggendorf, li tbiddel dan l-impenn f'kundizzjoni tal-kompatibbiltà tal-għajnuna nnotifikata. B'hekk hija tkun qiegħda tiżgura li ma jkunx hemm akkumulazzjoni tal-għajnuna ta' qabel mal-għajnuna l-ġdida u li l-għajnuna ta' qabel titħallas lura.

6.4.2. *L-għajnuna Taljana illegali*

(64) Fil-21 ta' Ottubru 2008, Brandt Italia, il-kumpanija sussidjarja Taljana ta' Fagor Brandt, baqgħet responsabbli minn parti mill-għajnuna mogħtija mill-awtoritajiet Taljani. Din l-għajnuna ġiet iddikjarata inkompatibbli mill-Kummissjoni fid-Deċiżjoni tagħha tat-30 ta' Marzu 2004 [25].

[21] Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-26 ta' Marzu 1991 dwar l-għajnuniet allokati mill-gvern Ġermaniż lill-kumpanija Deggendorf GmbH (ĠU L 215, 2.8.1991,p. 16).

[22] Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-15 ta' Mejju 1997 fil-kawża C-355/95 P TWD vs Il-Kummissjoni, Ġabra I-2549, punti 25-26 (is-sentenza "Deggendorf"). Din is-sentenza tikkonferma l-validità tas-sentenza tat-13 ta' Settembru 1995 tal-Qorti, TWD vs Il-Kummissjoni, T-244/93 u T-486/93, Ġabra, II-2265.

[23] F'dan ir-rigward, il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Lejn implimentazzjoni effettiva tad-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni li jordnaw lill-Istati Membri biex tiġi rkuprata għajnuna mill-Istat inkompatibbli li ngħatat kontra l-liġi" (ĠU C 272, 15.11.2007, p. 4) tindika li l-"Kummissjoni bdiet … tapplika l-każistika Deggendorf … b'mod iktar sistematiku. Din il-każistika tippermetti lill-Kummissjoni, jekk ċerti kundizzjonijiet jiġu sodisfatti, li tordna lill-Istati Membri jissospendu l-ħlas ta' għajnuna ġdida kompatibbli lil kumpanija sakemm dik il-kumpanija tħallas lura għajnuna antika illegali u inkompatibbli li hija suġġetta għal deċiżjoni ta' rkupru."

[24] Iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna nru 22.

[25] ĠU L 352, 27.11.2004, p. 10. Brandt Italia u l-Italja appellaw din id-deċiżjoni quddiem il-Qorti li ċaħdet dawn l-appelli fit-12 ta' Settembru 2007 (kawżi konġunti T-239/04 u T-323/04). Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja kkundannat l-Istat Taljan fis-6 ta' Diċembru 2007 talli ma mexiex mas-sentenza tat-30 ta' Marzu 2004 (Kawża C0280/05).

(65) F'dan il-każ, kif diġà ntqal fil-premessa (61), il-każistika Deggendorf ([26]) tikkonferma li l-Kummissjoni ma tmurx lil hinn mis-setgħa diskrezzjonali tagħha meta timponi l-irkupru tal-għajnuna li ngħatat qabel bħala kundizzjoni preċedenti għall-ħlas tal-għajnuna l-ġdida. Jekk il-Kummissjoni tikkundizzjona l-għotja tal-għajnuna prevista għall-irkupru preċedenti tal-għajnuna jew għajnuniet li ngħatat/w qabel, hija mhijiex obbligata li tgħaddi għal eżami tal-effett kumulattiv ta' dawn l-għajnuniet fuq il-kompetizzjoni, liema kundizzjoni tippermetti li jiġi evitat li l-vantaġġ mogħti mill-għajnuna prevista jiżdied ma dak mogħti mill-għajnuniet li ngħataw qabel ([27]).

(66) B'hekk, fil-qafas tal-prattika tat-teħid tad-deċiżjonijiet tagħha, il-Kummissjoni privileġġat l-irkupru tal-għajnuniet inkompatibbli qabel il-ħlas ta' għajnuniet ġodda ([28]) minflok ma privileġġat l-applikazzjoni tal-punt 23 tal-linji gwida dwar l-għajnuniet għar-ristrutturar li jippermetti li jitqies l-effett kumulattiv tal-għajnuna illegali flimkien mal-għajnuna l-ġdida.

(67) Madankollu, minħabba ċ-ċirkustanzi partikulari tal-każ preżenti, il-Kummissjoni beħsiebha tapplika l-punt 23 tal-linji gwida. Fil-fatt, f'dan il-każ il-Kummissjoni trid tadotta deċiżjoni ġdida wara l-annullament tad-deċiżjoni tagħha tal-21 ta' Ottubru 2008 mill-Qorti. F'dan il-qafas, il-Kummissjoni ma tistax tqis elementi ta' informazzjoni li hi ma kellhiex meta ħadet l-ewwel deċiżjoni. Għalhekk, il-Kummissjoni ma tistax tqis impenji ġodda mill-Istati Membri u lanqas modalitajiet ta' rkupru ta' għajnuniet illegali li setgħu seħħew wara dik id-data.

(68) Għaldaqstant, kif stabbilit fis-sentenza tal-Qorti tal-14 ta' Frar 2012 ([29]), il-Kummissjoni trid teżamina l-effett kumulattiv tal-għajnuna Taljana fuq il-kompetizzjoni flimkien mal-għajnuna nnotifikata għar-ristrutturar.

(69) Madankollu, jeħtieġ li jiġi determinat minn qabel kemm hu l-ammont tal-għajnuna Taljana li kellu jitqies fil-21 ta' Ottubru 2008.

### Determinazzjoni tal-ammont tal-għajnuna Taljana

(70) FagorBrandt tqis li r-rimborż tal-għajnuna Taljana minn Brandt Italia għandu jkun probabbilment inqas minn EUR 200 000.

(71) Fil-fatt, fl-2003, permezz tas-sussidjarja tagħha Brandt Italia, FagorBrandt xtrat il-fabbrika ta' Verolanuova u l-assi tagħha mill-kumpanija Ocean, li kienet falliet. Il-prezz li Brandt Italia offriet għall-assi kkonċernati għola għal EUR 10 miljun.

(72) L-amministraturi ġudizzjarji tal-kumpanija Ocean qiesu dan l-ammont bħala insuffiċjenti, u l-awtoritajiet Taljani xtaqu jestendu d-dispożizzjonijiet li ġejjin mir-reġimi ta' "Mobilita" u ta' "Cassa Integrazione" għal dawn l-operazzjonijiet ta' rkupru, liema dispożizzjonijiet ġew iddikjarati kumpatibbli mal-liġi Ewropea applikabbli. Dawn ippjanaw b'mod notevoli li l-impriżi li jimpjegaw ħaddiema qiegħda jkunu jistgħu jibbenefikaw minn eżenzjoni ta' kontribuzzjonijiet soċjali. L-għan tal-estenzjoni ta' dawn il-miżuri kien li l-benefiċċju għax-xerrej iżid b'mod korrispondenti l-prezz tal-bejgħ tal-assi kkonċernati.

(73) Huwa għalhekk li l-awtoritajiet Taljani għaddew digriet tal-liġi fl-14 ta'Frar 2003 li kien jipprevedi li x-xerrej tal-assi kollha ta' kumpanija li tkun falliet li tkun tħaddem aktar minn 1 000 impjegat jibbenifika minn eżenzjonijiet soċjali u minn kontribuzzjonijiet addizzjonali għal kull impjegat li jżomm. L-operazzjoni ta' akkwist tal-attivitajiet ta' apparat domestiku ta' Océan SpA minn Brandt Italia fis-7 ta' Marzu 2003 kienet eliġibbli għal dan ir-reġim li tqiegħed fis-seħħ minħabba dan id-digriet tal-liġi. Għalhekk, l-ammont ta' dawn l-eżenzjonijiet, li huma stmati għal EUR 8,5 miljun, żied il-prezz tal-akkwist propost minn Brandt Italia, li tela' għal EUR 18,5-il miljun.

(74) Fid-deċiżjoni tagħha tat-30 ta' Marzu 2004 ([30]), il-Kummissjoni qieset li d-digriet tal-liġi tal-14 ta' Frar 2003, li ġie kkonvertit f'liġi fis-17 ta' April 2003, kien jikkostitwixxi reġim ta' għajnuna illegali u inkompatibbli. Malli Brandt Italia ġiet mgħarrfa b'din id-deċiżjoni tal-Kummissjoni, fil-5 ta' Lulju 2004 hija kisbet is-sekwestru tal-aħħar parti tal-ħlas tal-prezz tal-bejgħ (EUR 5,7 miljuni) mill-Qorti tal-Kummerċ ta' Brescia u avviċinat lill-korpi tal-proċedura ta' Ocean bil-għan li tirkupra l-ammont imħallas b'mod eċċessiv. Fil-fatt, Brandt Italia kienet qieset li l-Istat Taljan kellu jirkupra l-għajnuna illegali mill-benefiċjarju reali.

([26]) Iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna nru 22.
([27]) Is-sentenza Electrolux u Whirlpool, iċċitata qabel fin-nota f'qiegħ il-paġna nru 6, il-punt 67.
([28]) Ara d-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni li ġejjin: id-Deċiżjoni tal-21 ta' Ottubru 2003 dwar l-għajnuniet għar-riċerka u l-iżvilupp għas-sit ta' Zamudio (pajjiż Bask) li Spanja pprevediet li ddaħħal fis-seħħ għall-impriża "Industria de Turbo Propulsores, SA" (ITP) (ĠU L 61 tas-27.2.2004, p. 87, il-premessi 32–36, 55 u 117–119); Id-deċiżjoni tas-16 ta' Marzu 2005 dwar l-għajnuna mill-Istat li l-Italja –ir-reġjun ta' Lazio – beħsiebha ddaħħal fis-seħħ għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett serra (ĠU L 244 tas-7.9.2006, p. 8); Id-deċiżjoni tat-8 ta' Novembru 2006 dwar l-għajnuna mill-Istat C 11/06 (ex N 127/05) li l-Italja beħsiebha ddaħħal fis-seħħ għal AEM Torino (ĠU L 366 tal-21.12.2006, p. 62), il-premessi 39-41).
([29]) Is-sentenza Electrolux u Whirlpool, iċċitata qabel fin-nota f'qiegħ il-paġna nru 6, il-punt 71: "Peress li l-Kummissjoni ma ssuġġettatx l-għoti tal-għajnuna inkwistjoni għall-irkupru tal-għajnuna inkompatibbli Taljana, hija bilfors kellha teżamina l-effett kumulattiv ta' dawn iż-żewġ istanzi ta' għajnuna, u hija naqset milli tagħmel hekk f'dan il-każ."

([30]) ĠU L 352, 27.11.2004, p. 10.

(75) Għalhekk, anke jekk il-benefiċjarju tal-għajnuna inkwistjoni għar-reġim ikkundannat mill-Kummissjoni kien Brandt Italia (kumpanija li effettivament ibbenefikat mill-eżenzjonijiet), FagorBrandt qieset li l-benefiċċju finali ta' din l-għajnuna ġie ttrasferit kważi kollu lill-kredituri rrikonoxxuti mill-amministraturi ġudizzjarji tal-kumpanija Ocean permezz ta' żieda fil-prezz tal-bejgħ tal-assi (żieda fil-prezz ta' EUR 8,5 miljuni, meta mqabbla ma' EUR 8 624 283 ta' eżenzjonijiet effettivament mogħtija). B'konsegwenza ta' dan, l-awtoritajiet Franċiżi jqisu li l-bilanċ ta' Brandt Italia/ FagorBrandt ikun ta' EUR 124 283, ammont li miegħu jrid jiżdied l-imgħax.

(76) Madankollu, l-awtoritajiet Taljani pprovdew informazzjoni lill-Kummissjoni li tikkontradixxi dan ir-raġunament.

(77) Fit-13 ta' Mejju 2008, l-awtoritajiet Taljani bagħtu żewġ sentenzi mill-Qorti ta' Brescia lill-Kummissjoni. Dawn jikkonċernaw tilwima bejn l-Istitut Nazzjonali tas-Sigurtà Soċjali (INSS) u Brandt Italia dwar id-determinazzjoni tal-ammont tal-għajnuna, jiġifieri eżenzjonijiet mill-kontribuzzjonijiet soċjali, li minnhom ibbenefikat Brandt Italia.

(78) L-ewwel sentenza tal-1 ta' Frar 2008 tissospendi l-ordni ta' rkupru maħruġ mill-INSS kontra Brandt Italia fit-18 ta' Diċembru 2007. L-INSS appellat din is-sentenza. Fit-29 ta' April 2008, Il-Qorti tal-Appell annullat is-sospensjoni tal-ordni ta' rkupru.

(79) It-tielet sentenza ddatata t-8 ta' Lulju 2008, mibgħuta lill-Kummissjoni fl-20 ta' Ottubru 2008, sostanzjalment taqbel mal-INSS u timponi li Brandt Italia tħallas lura l-għajnuna kollha. Din is-sentenza ġiet notifikata lil Brandt Italia fil-15 ta' Settembru 2008.

(80) Għalhekk, il-Kummissjoni trid tistabbilixxi, fid-dawl ta' din l-informazzjoni, l-ammont ta' għajnuna li għandha tintradd lura minn Brandt Italia/FagorBrandt, li setgħet tiġi stmata b'mod raġonevoli fil-21 ta' Ottubru 2008. B'hekk, il-Kummissjoni tosserva li s-sentenza tal-Qorti ta' Brescia tat-8 ta' Lulju 2008 tordna li Brandt Italia trodd lura EUR 8 890 878,02.

(81) Madankollu, il-Kummisjoni tqis li minn dan l-ammont irid jitnaqqas l-ammont issekwestrat ta' EUR 5,7 miljun. Fil-fatt, Brandt Italia ma użatx din is-somma miżmuma bħala prekawzjoni mill-5 ta' Lulju 2004 meta nqatgħet is-sentenza tal-Qorti tal-Kummerċ ta' Brescia. Din id-deċiżjoni ttieħdet minħabba d-deċiżjoni adottata mill-Kummissjoni fit-30 ta' Marzu 2004 u huwa għalhekk li din is-somma nżammet f'każ ta' bżonn ta' rkupru. Għaldaqstant, fil-21 ta' Ottubru 2008, wieħed seta' jimmaġina li din is-somma setgħet tintuża biex tħallas lura parti mill-għajnuna inkwistjoni. Din il-konklużjoni hija appoġġjata mill-fatt li:

— id-deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-30 ta' Marzu 2004 tippreċiża fil-premessa (18) tagħha li kemm ix-xerrejja tal-impriżi f'diffikultà kif ukoll l-impriżi f'diffikultà jistgħu jibbenefikaw mir-reġim ta' għajnuna kkundannata. Fi kliem ieħor, wieħed seta' jimmaġina li parti mill-irkupru jew inqas kienet se taqa' taħt ir-responsabilità tal-kumpanija Ocean;

— is-sentenza tal-Qorti ta' Brescia tat-8 ta' Lulju 2008 issemmi l-eżistenza ta' din is-somma miżmuma f'kont issekwestrat u huwa meqjus "evidenti" li din is-somma setgħet isservi biex tħallas lura parzjalment lill-INSS.

(82) B'konsegwenza ta' dan, meta wieħed iqis l-elementi esposti fil-premessi (76) sa (81), il-Kummissjoni tqis li l-ammont definittiv tal-għajnuna Taljana li għandu jitqies għall-finijiet tal-analiżi preżenti jitla' għal EUR 3 190 878,02, li magħhom irid jiżdied l-imgħax sal-21 ta' Ottubru 2008.

(83) F'dak li għandu x'jaqsam mal-imgħaxijiet, fil-fatt il-Kummissjoni tqis li d-data li għandha titqies biex jiġi ddeterminat l-ammont tagħhom mhix dik tal-irkupru effettiv tal-għajnuna iżda dik tad-deċiżjoni li ġiet annullata għaliex, f'dan il-każ, il-Kumissjoni tanalizza l-kompatibilità tal-għajnuna Franċiża fil-21 ta' Ottunru 2008. Madankollu, fil-21 ta' Ottubru 2008, l-għajnuna Franċiża żdiedet mal-għajnuna Taljana, flimkien mal-imgħaxijiet sa dik id-data. Għalhekk, il-Kummissjoni trid tqis l-akkumulazzjoni ta' dawn l-elementi u ma żżidx l-imgħaxijiet sad-data tal-irkupru effettiv.

(84) Barra minn hekk, il-vantaġġ ikkostitwit mill-imgħaxijiet bejn il-21 ta' Ottubru 2008 u d-data tal-irkupru effettiv jinżamm mill-irkupru stess li, naturalment, ikollu jinkludihom.

*Eżami tal-effett kumulattiv tal-għajnuna għar-ristrutturar tal-għajnuna Taljana*

(85) B'konsegwenza ta' dan, FagorBrandt żammet somma ta' EUR 3 190 878,02 (li magħhom iridu jiżdiedu l-imgħaxijiet) flimkien mal-EUR 31 miljun f'għajnuna mogħtija mill-awtoritajiet Franċiżi. Dan il-vantaġġ għandu impatt fuq il-kompetizzjoni: l-impriża kellha likwidità addizzjonali li kieku hi ma kienx ikollha f'kundizzjonijiet normali tas-suq (jiġifieri fin-nuqqas tal-għajnuna Taljana inkompatibbli).

(86) B'mod konformi mal-punt 23 tal-linji gwida għar-restawr u s-sentenza tal-Qorti tal-14 ta' Frar 2012, il-Kummissjoni beħsiebha teżamina l-effett kumulattiv tal-għajnuna Taljana u l-għanjuna għar-ristrutturar fil-qafas tal-analiżi tal-kompatibilità ta' din tal-aħħar.

(87) Dan l-eżami tal-effett kumulattiv iwassal lill-Kummissjoni għal kontroll doppju. Minn naħa waħda, il-Kummissjoni trid tivverifika li l-miżuri kompensatorji (ara l-premessa (89) u l-premessi sussegwenti, b'mod partikolari (118) u l-premessi sussegwenti) jippermettu preċiżament li jikkumpensaw għall-ħsara fil-kompetizzjoni bil-pussess minn FagorBrandt tal-likwidità addizzjonali. Min-naħa l-oħra, il-Kummissjoni beħsiebha tiżgura li l-kontribuzzjoni proprja tal-benefiċjarju tkun eżentata minn għajnuna (ara l-premessa (154) u l-premessi sussegwenti). Fil-fatt, wieħed ma jistax jeskludi li fil-kontribuzzjoni proprja prevista mill-impriża hemm is-somma inkwistjoni.

(88) Waqt dan il-kontroll doppju, il-Kummissjoni tista' timponi kundizzjonijiet ġodda lill-Istat Membru kkonċernat, indipendentament mid-dispożizzjonijiet eventwali tiegħu (f'dan il-każ, il-Kummissjoni ma tistax tqis jekk dawn sarux wara l-21 ta Ottubru 2008). Kif inhu kkonfermat fil-punt 46 tal-linji gwida dwar l-għajnuniet għar-ristrutturar, "il-Kummissjoni tista' timponi l-kundizzjonijiet u l-obbligazzjonijiet li hi tħoss li huma meħtieġa sabiex il-kompetizzjoni ma toħloqx distorsjoni fil-miżura li tmur kontra l-interess komuni, f'każ fejn l-Istat Membru kkonċernat ma jimpenjax ruħu li jadotta dawn id-dispożizzjonijiet".

### 6.5. **Prevenzjoni ta' kull distorsjoni eċċessiva tal-kompetizzjoni**

#### 6.5.1. *Analiżi tal-ħtieġa ta' miżuri kompensatorji*

(89) Il-punt 38 tal-linji gwida dwar l-għajnuniet għar-ristrutturar jipprevedi li, sabiex l-għajnuniet għar-ristrutturar ikunu jistgħu jiġu awtorizzati mill-Kummissjoni, għandhom jittieħdu xi miżuri kompensatorji biex itaffu l-effetti negattivi tal-għajnuniet fuq il-kundizzjonijiet tal-kummerċ. Jekk ma jsirx dan, l-għajnuniet għandhom jiġu kkunsidrati bħala "kontra l-interess komuni" u jiġu ddikjarati inkompatibbli mas-suq komuni. Din il-kundizzjoni bosta drabi tirriżulta f'limitazzjoni tal-preżenza li l-impriża jista' jkollha fuq is-suq jew swieq tagħha wara l-perjodu għar-ristrutturar.

(90) Fin-notifika tagħha, Franza affermat li jidher li mhumiex meħtieġa miżuri kompensatorji f'dan il-każ, b'mod partikolari għaliex l-għajnuna m'għandhiex effetti ta' distorsjoni eċċessivi. Fil-punti 37, 38 u 40 tad-deċiżjoni tal-ftuħ tal-proċedura, il-Kummissjoni spjegat b'mod konċiż għaliex irrifjutat din l-affermazzjoni.

(91) Fil-premessi li ġejjin, il-Kummissjoni tispjega aktar fid-dettall għaliex hija tqis li l-għajnuna twassal għal distorsjoni u għaliex l-implimentazzjoni ta' miżuri kompensatorji hija meħtieġa, kontra l-affermazzjoni tal-awtoritajiet Franċiżi.

(92) Kif diġà ntqal, FagorBrandt hija preżenti fis-settur tal-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni mad-distributuri (b'oppożizzjoni għad-distribuzzjoni u l-bejgħ lill-individwi) ta' apparat domestiku kbir. Rigward id-dimensjoni ġeografika tas-suq tal-apparat domestiku kbir, il-Kummissjoni qieset fil-passat li din kienet għallinqas fuq l-iskala tal-Unjoni Ewropea, minħabba, b'mod partikolari, in-nuqqas ta' ostakoli għad-dħul, l-armonizzazzjoni teknika u l-ispejjeż ta' trasport relattivament baxxi ([31]). L-informazzjoni pprovduta minn FagorBrandt u miż-żewġ kompetituri li taw xi kummenti tikkonferma li s-suq huwa fuq skala tal-Unjoni.

(93) Il-Kummissjoni tqis li għajnuna għar-ristrutturar toħloq awtomatikament distorsjoni tal-kompetizzjoni billi tfixkel il-ħruġ tal-benefiċjarju mis-suq u billi twaqqaf b'hekk l-iżvilupp tal-impriżi kompetituri. Għalhekk hija tmur kontra l-irtirar tal-impriżi l-inqas effikaċi, li "huwa fatt normali ta' kif jaħdem is-suq", kif jindika l-paragrafu 4 tal-linji gwida dwar l-għajnuniet għar-ristrutturar. L-għajnuna nnotifikata favur FagorBrandt għalhekk twassal għad-distorsjoni tal-kompetizzjoni msemmija qabel. Madankollu, il-Kummissjoni tosserva li l-elementi li ġejjin għandhom it-tendenza li jillimitaw id-daqs ta' din id-distorsjoni tal-kompetizzjoni. L-ewwel nett, fis-suq Ewropew tal-apparat domestiku kbir, FagorBrandt għandha parti mis-suq ta' ammont massimu ta' [0-5] % ([32]). It-tieni nett, hemm erba' kompetituri f'dan is-suq b'ishma fis-suq ta' 10 % jew aktar (Indesit,

([31]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-21 ta' Ġunju 1994, Electrolux/AEG (ĠU C 187, 9.7.1994) tikkonkludi li d-dimensjoni ġeografika tas-swieq tal-apparat domestiku kbir kienet l-Ewropa tal-Punent. Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-24 ta' Jannar 1999 dwar proċedura ta' applikazzjoni tal-Artikolu 81 tat-Trattat KE u tal-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE dwar is-CECED (ĠU L 187, 26.7.2000, p. 47) tikkonkludi li d-dimensjoni ġeografika hija ż-ŻEE. Dan il-każ tal-aħħar kien jikkonċerna s-settur tal-magni tal-ħasil tal-ħwejjeġ.

([32]) Is-sehem tas-suq ikkombinat ta' FagorBrandt u ta' Fagor Electrodomesticos huwa massimu ta' [5-10] %.

Whirlpool, BSH u Electrolux) ([33]). Barra minn hekk, il-kompetitur li talab li jibqa' anonimu jirrikonoxxi li FagorBrandt huwa attur relattivament żgħir fis-suq Ewropew (ara hawn fuq id-dubji espressi minn dan il-kompetitur dwar ir-ritorn għall-vijabilità tal-impriża u relatati mad-daqs żgħir tagħha), li l-ishma tiegħu fis-suq qegħdin jonqsu ([34]). It-tielet nett, l-ammont ta' għajnuna huwa limitat meta mqabbel mal-fatturat Ewropew ta' FagorBrandt (l-għajnuna tirrappreżenta inqas minn 4 % tal-fatturat tal-2007), u aktar u aktar meta mqabbel ma' dak tal-erba' atturi ewlenin tas-suq li għandhom fatturat aktar għoli minn dak ta' FagorBrandt ([35]).

(94) Filwaqt li l-premessa preċedenti tanalizza d-distorsjoni tal-kompetizzjoni maħluqa mill-għajnuna, għandu jiġi analizzat ukoll id-daqs tal-"effetti sfavorevoli fuq il-kundizzjonijiet tal-kummerċ" bejn l-Istati Membri, kif indikat fil-punt 38 tal-linji gwida dwar l-għajnuniet għar-ristrutturar li jirrifletti l-Artikolu 107 (3) (c) tat-TFUE. Kif diġà ġie osservat fil-punt 38 tad-deċiżjoni tal-ftuħ tal-proċedura, l-għajnuna toħloq distorsjoni fil-post tal-attivitajiet ekonomiċi bejn l-Istati Membri, u b'konsegwenza ta' dan anke fil-kummerċ ta' bejniethom. FagorBrandt hija impriża li l-parti l-kbira tal-attivitajiet tal-produzzjoni u tal-impjegati tagħha jinsabu fi Franza ([80-100] % tal-volumi prodotti mill-impriża huma prodotti fi Franza). Mingħajr l-għajnuna tal-Istat Franċiż, FagorBrandt malajr toħroġ mis-suq. Madankollu, il-prodotti ffabbrikati fis-siti ta' produzzjoni ta' FagorBrandt huma f'kompetizzjoni prinċipalment ma' prodotti li jipproduċu l-kompetituri fl-Istati Membri l-oħra ([36]). Għaldaqstant, l-għejba ta' FagorBrandt kienet tippermetti lill-kompetituri Ewropej iżidu ħafna l-bejgħ tagħhom u għalhekk anke l-produzzjoni tagħhom. L-għajnuna għandha l-effett li żżomm attivitajiet ta' produzzjoni fi Franza li kieku parti minnhom kienu jmorru lejn Stati Membri oħra. Għalhekk hija għandha effett sfavorevoli fuq il-kundizzjonijiet tal-kummerċ, billi tnaqqas il-possibbiltajiet ta' esportazzjoni tal-kompetituri li qegħdin fi Stati Membri oħra lejn Franza ([37]). L-għajnuna tnaqqas ukoll il-possibbiltajiet ta' bejgħ lejn il-pajjiżi fejn FagorBrandt se tkompli tesporta l-prodotti tagħha. Meta jitqies l-ammont ta' bejgħ ta' FagorBrandt u n-numru ta' postijiet tax-xogħol rispettiv, dawn l-effetti sfavorevoli fuq il-kundizzjonijiet tal-kummerċ mhumiex negliġibbli.

(95) Fuq il-bażi tal-analiżi preċedenti, il-Kummissjoni tqis li huma meħtieġa miżuri kompensatorji reali (jiġifieri mhux negliġibbli) iżda xorta waħda ta' ambitu limitat.

6.5.2. *Analiżi tal-miżuri li diġà ġew implimentati*

(96) Fil-punt 39 tad-deċiżjoni tal-ftuħ tal-proċedura, il-Kummissjoni esprimiet xi dubji dwar jekk il-miżuri nnotifikati mill-awtoritajiet Franċiżi jistgħux jitqiesu bħala miżuri kompensatorji, peress li l-punt 40 tal-linji gwida għar-ristrutturar jindika li "t-tpaċija tal-kontijiet u l-waqfien ta' attivitajiet b'telf li xorta ser ikunu meħtieġa biex tiġi stabbilita mill-ġdid il-vijabilità mhux ser jiġu kkunsidrati bħala tnaqqis tal-kapaċità jew tal-preżenza fis-suq għall-finijiet tal-evalwazzjoni tal-kontropartijiet." Jidher li l-miżuri kollha deskritti mill-awtoritajiet Franċiżi jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din l-esklużjoni. Fil-qafas tal-proċedura ta' investigazzjoni formali, Franza tenniet li hija kkunsidrat li l-waqfien tal-produzzjoni taċ-chest freezers u tal-majkrowejvs għalihom waħidhom, u anke l-bejgħ ta' Brandt Components, jikkostitwixxu tliet miżuri kompensatorji validi. Għaldaqstant il-Kummissjoni bdiet analiżi dettaljata ta' dawn il-miżuri u waslet għall-konklużjonijiet li ġejjin.

([33]) Il-Kummissjoni ma tistax taċċetta l-argument mogħti minn Franza li ż-żamma tal-preżenza fis-suq ta' FagorBrandt għandha effett pożittiv għax tevita l-ħolqien ta' sitwazzjoni oligopolistika. L-awtoritajiet Franċiżi ma ġġustifikawx l-affermazzjoni tagħhom b'mod preċiż. Barra minn hekk, din l-affermazzjoni hija kontradittorja meta mqabbla man-notifika tagħhom li kienet tiddeskrivi suq kompetittiv ħafna, b'kompetizzjoni multipla, b'mod partikolari minn marki distributuri. Fl-aħħar nett, il-punt 39 tal-linji gwida dwar l-għajnuniet għar-ristrutturar jindika li se jiġu meqjusa s-sitwazzjonijiet "ta' monopolju jew ta' oligopolju strett", li mhuwiex il-każ hawnhekk peress li jekk inqisu biss l-impriżi ewlenin, in-numru ta' kompetituri diġà jilħaq erbgħa.

([34]) Skont l-informazzjoni li pprovda hu, is-sehem tas-suq f'termini ta' volum fl-Ewropa niżel minn 5,3 % fl-2004, għal 5,2 % fl-2005 u 5 % fl-2006 u fl-2007.

([35]) Jekk l-analiżi ssir fuq livell dinji, id-differenza hija akbar għaliex il-gruppi bħal Electrolux u Whirlpool għandhom attivitajiet kbar ħafna 'l barra mill-Ewropa. Bħala eżempju, fl-2005, il-fatturat ikkombinat ta' FagorBrandt u ta' Fagor Electrodomesticos tela' għal inqas minn EUR 2 biljun, filwaqt li l-fatturat dinji fis-settur tal-apparat domestiku kbir ta' Whirlpool, Electrolux, BSH u Indesit espress f'EUR kien rispettivament 11,8 biljun, 10,8 biljun, 7,3 biljun u 3,1 biljun.

([36]) Kif inhu indikat, FagorBrandt mhux se tipproduċi iktar […] hi stess. FagorBrandt se tipproduċi […] hi stess. Madankollu, f'dawn it-taqsimiet, il-parti tal-prodotti ffabbrikati barra mill-Unjoni Ewropea hija aktar dgħajfa. Huwa fil-[…] li s-sehem tal-prodotti ffabbrikati bara mill-Unjoni Ewropea huwa l-akbar.

([37]) [50-80] % tal-bejgħ ta' FagorBrandt fil-fatt isir fis-suq Franċiż. F'dan ir-rigward, il-Qorti indikat kemm-il darba li "meta Stat Membru jalloka għajnuna lil impriża, il-produzzjoni interna tista' tinżamm stabbli jew tiżdied, bil-konsegwenza li l-possibbiltajiet tal-impriżi stabbiliti fi Stati Membri oħra li jesportaw il-prodotti tagħhom lejn is-suq ta' dan l-Istat Membru jonqsu" Sentenza tat-13 ta' Lulju 1988, Franza vs Il-Kummissjoni (C-102/87, Ġabra p. 04067) (ara l-punt 19); Sentenza tal-14 ta' Settembru 1994, Spanja vs Il-Kummissjoni (C-278/92, C-279/92 u C-280/92, Ġabra p. I-4103) (ara l-punt 40); Sentenza tas-7 ta' Marzu 2002, L-Italja vs Il-Kummissjoni (C-310/99, Ġabra p. I-2289) (ara l-punti 84 sa 86); Sentenza tal-11 ta' Lulju 2002, HAMSA vs Il-Kummissjoni (T-152/99, Ġabra p. II-3049) (ara l-punti 220 u 221).

(97) Fir-rigward tal-għeluq tal-fabbrika għall-produzzjoni taċ-chest freezers fl-2005 (is-sit ta' Lesquin) Franza indikat, fin-notifika tagħha tas-6 ta' Awwissu 2007, li dan is-sit "li kien jiffabbrika chest freezers u kantini tal-inbejjed għall-grupp FagorBrandt kollu, kien laħaq daqs … li ma ppermettilux aktar ikopri la l-ispejjeż li jvarjaw u lanqas l-ispejjeż fissi tiegħu u kien iġġenera EUR 5,8 miljun telf ta' produzzjoni fl-2004." Għalhekk m'hemm ebda dubju li fil-każ inkwistjoni dan huwa għeluq ta' attività b'defiċit li huwa meħtieġ sabiex tiġi stabbilita mill-ġdid il-vijabilità ([38]) u b'applikazzjoni tal-punt 40 tal-linji gwida dwar l-għajnuniet għar-ristrutturar, ma jistax jitqies bħala miżura kompensatorja.

(98) Fir-rigward tal-waqfien ta' produzzjoni ta' majkrowejvs għalihom waħidhom fis-sit ta' Azenay, dan kien ukoll għeluq ta' attività b'defiċit meħtieġ sabiex tiġi stabbilita mill-ġdid il-vijabilità, u li l-awtoritajiet Franċiżi fil-fatt irrikonoxxew b'mod espliċitu fl-osservazzjonijiet tagħhom ([39]). In-nuqqas ta' profitabilità ta' din l-attività mhijiex sorpriża peress li l-majkrowejvs għalihom waħidhom huma wieħed mis-segmenti tas-suq fejn daħlu l-aktar il-prodotti li ġejjin mill-pajjiżi rħas ([40]). Barra minn hekk, il-fabbrika ta' Azenay kienet tilfet xi kuntratti kbar ta' produzzjoni ta' majkrowejvs għal gruppi oħra ([41]). B'konklużjoni, fuq il-bażi tal-punt 40 tal-linji gwida dwar l-għajnuniet għar-ristrutturar, din il-miżura għalhekk ma tistax titqies bħala miżura kompensatorja.

(99) Għall-kuntrarju ta' dan, f'Marzu 2004, l-impriża ċediet is-sussidjarja tagħha Brandt Components (il-fabbrika ta' Nevers) lill-grupp Awstrijak ATB għal ammont ta' EUR 3 miljun. Għaldaqstant din mhix tpaċija tal-kontijiet ([42]) u lanqas waqfien tal-attività. Għalhekk din il-miżura mhijiex eskluża mid-dispożizzjoni msemmija qabel tal-punt 40 tal-linji gwida dwar l-għajnuniet għar-ristrutturar. L-attività ċeduta f'Marzu 2004 ([43]) kellha fatturat ta' EUR 35,4 miljun fl-2003 – ekwivalenti għal 4 % tal-fatturat tal-impriża fl-2003 – u kienet tħaddem 306 impjegat – ekwivalenti għal 6 % tal-ħaddiema tal-impriża. Hija kienet involuta fit-tfassil, fl-iżvilupp, fil-produzzjoni u fil-kummerċjalizzazzjoni tal-muturi tal-elettriku għall-magni tal-ħasil tal-ħwejjeġ. Għalhekk din iċ-ċessjoni wasslet għat-tnaqqis tal-preżenza tal-impriża fis-suq tal-komponenti tal-magni tal-ħasil tal-ħwejjeġ.

(100) Madankollu, din l-aħħar miżura ma tistax tinżamm bħala miżura kompensatorja valida. Fil-fatt, il-bejgħ ta' Brandt Components twettaq madwar tliet snin u nofs qabel in-notifika tal-għajnuna eżaminata. Min-naħa l-oħra, din il-miżura ma tnaqqasx il-preżenza ta' FagorBrandt fis-suq tal-apparat domestiku kbir ([44]), li huwa s-suq ewlieni li fih se tibqa' preżenti FagorBrandt. B'konsegwenza ta' dan, din il-miżura ma kellhiex l-għan li tnaqqas id-distorsjonijiet fil-kompetizzjoni ġġenerati mill-għoti tal-għajnuna prevista, u ma setax ikollha dan l-effett.

([38]) L-istampa Franċiża kienet semmiet ħafna n-nuqqas ta' qligħ tal-attività tal-"friżers". Artiklu f'Ouest France tat-8 ta' Lulju 2004 kien indika, pereżempju: "ElcoBrandt, il-grupp Franċiż tal-apparat domestiku, fl-2005 se jagħlaq il-fabbrika tiegħu ta' Lesquin (fit-Tramuntana), li hija speċjalizzata fil-fabbrikazzjoni tal-friżers, għax din 'mhux qiegħda tagħmel qligħ aktar'. Sentejn ilu Elco kien xtara l-istabbiliment minn Brandt. Is-600 impjegat kienu aċċettaw pjan soċjali li kien jipprevedi ż-żamma ta' 150 post tax-xogħol, li issa tneħħew." B'mod aktar preċiż, persuni mid-direttorat ta' Brandt indikaw fil-gazzetta "Les Echos", f'artiklu li ġie ppubblikat fis-7 ta' Lulju 2004, li "[m]inkejja l-isforzi kbar ta' kompetizzjoni, ix-xiri ta' 35 % tal-komponenti miċ-Ċina jew it-titjib tal-kwalità u l-produttività, it-tnaqqis tal-ispejjeż tas-suq għaġġel aktar minna" u li ż-"żamma ta' attività ta' produzzjoni ta' chest freezers ma tagħmilx aktar sens ekonomikament fi ħdan il-grupp ElcoBrandt. Fil-fatt, kull darba li nbigħu wieħed minn dawn il-prodotti nkunu qegħdin nagħmlu telf ta' 25 %."

([39]) Fin-notifika, l-awtoritajiet Franċiżi indikaw li wieħed mill-għanijiet tal-pjan għar-ristrutturar huwa "r-razzjonalizzazzjoni tal-produzzjoni, bl-abbandun ta' ċerti segmenti li sar għandhom defiċit strutturali, sabiex nillimitaw it-telf relatat mal-akkwist tal-ishma fis-suq minn fabbrikanti ta' pajjiżi rħas (majkrowejvs għalihom waħidhom, friżers u friġġijiet żgħar)". Fl-ittra tagħhom tal-15 ta' Frar 2008 fejn ikkumentaw fuq l-osservazzjonijiet tal-partijiet interessati, l-awtoritajiet Franċiżi jindikaw: "L-awtoritajiet Franċiżi jfakkru li … d-diversi miżuri li diġà ttieħdu l-ewwel nett għandhom l-għan li jwaqqfu t-telf (l-għeluq ta' sit ta' produzzjoni b'defiċit, Lesquin, u l-abbandun ta' ċerti fabbrikazzjonijiet li ma jiġġenerawx qligħ, majkrowejs għalihom waħidhom)." Barra minn hekk, dawn iż-żewġ siltiet jikkonfermaw il-konklużjonijiet preċedenti dwar l-għeluq tal-fabbrika ta' Lesquin.

([40]) Dan il-fatt kien enfasizzat mill-awtoritajiet Franċiżi, b'mod partikolari fl-Anness 7 tan-notifika.

([41]) Ara pereżempju l-Artikolu "Brandt: fin du contrat Miele confirmée. Après le retrait d'Électrolux, autre coup dur à Aizenay" (Brandt: ikkonfermat it-tmiem tal-kuntratt Miele. Wara l-irtirar ta' Électrolux, daqqa ta' ħarta oħra f'Aizenay) ippubblikat f'Ouest France tat-3 ta' Marzu 2005.

([42]) U dan, inqas u inqas għax l-impriża għamlet qligħ tal-kapital mill-bejgħ ta' EUR 774 000 miljun.

([43]) Kif indikat fit-Taqsima 2.2 tad-deċiżjoni tal-ftuħ tal-proċedura, FagorBrandt bdiet tirristruttura ruħha mill-2004, meta deħru n-nuqqas ta' kompetittività u l-ewwel diffikultajiet finanzjarji. Il-Kummissjoni għalhekk tqis li dan il-bejgħ "huwa part mir-ristruttur stess" bħal ma huwa meħtieġ mill-punt 40 tal-linji gwida dwar l-għajnuniet għar-ristrutturar.

([44]) L-awtoritajiet Franċiżi jindikaw li l-attività ta' Brandt Components kienet tippermetti li l-impriża tibbenefika minn integrazzjoni qawwija fil-produzzjoni tal-magni tal-ħasil tal-ħwejjeġ li jinfetħu minn fuq, li hija storikament pożizzjoni b'saħħitha tal-grupp FagorBrandt. Skont l-awtoritajiet Franċiżi, din it-tip ta' integrazzjoni hija b'mod partikolari mmirata għall-prodotti innovattivi jew li jeħtieġu għarfien speċifiku u hija pprattikata mill-atturi ewlenin tas-settur (pereżempju BSH jew Miele). Madankollu, il-Kummissjoni tosserva li, minbarra l-affermazzjonijiet preċedenti, l-awtoritajiet Franċiżi ma għandhomx elementi li jippermettulha tistabbilixxi mingħajr dubju – u inqas biex tikkwantifika dan l-effett – li l-bejgħ ta' Brandt Components se jnaqqas il-possibbiltà għal FagorBrandt li tiżviluppa magni tal-ħasil tal-ħwejjeġ kompetittivi u għalhekk inaqqas il-preżenza ta' FagorBrandt fis-suq tal-magni tal-ħasil tal-ħwejjeġ. Għaldaqstant il-Kummissjoni ma tistax tikkonkludi li ċ-ċessjoni ta' Brandt Components għandha effett reali fis-suq tal-apparat domestiku kbir.

6.5.3. *Miżuri kompensatorji proposti mill-awtoritajiet Franċiżi*

(101) Bħala risposta għad-dubji mqajma fid-deċiżjoni tal-ftuħ tal-proċedura dwar is-suffiċjenza tal-miżuri kompensatorji nnotifikati, l-awtoritajiet Franċiżi jipproponu l-waqfien tal-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti tat-"tkessiħ" u tal-prodotti tat-"tisjir" Vedette għal ħames snin. Barra minn hekk, huma jipproponu l-waqfien tal-kummerċjalizzazzjoni tal-magni tal-ħasil tal-platti Vedette, jew iċ-ċessjoni tal-marka […].

(102) Kif kien indikat qabel, FagorBrandt tagħmel [50-80] % tal-bejgħ tagħha fis-suq Franċiż, fejn fl-2006 l-impriża kellha sehem mis-suq ta' [10-20] % fil-valur u ta' [10-20] % fl-ammont. Dan ifisser li kieku FagorBrandt waqqfet l-attivitajiet tagħha, kienu jibbenefikaw minn dan b'mod partikolari l-kompetituri tagħha fis-suq Franċiż billi jżidu l-bejgħ tagħhom. Għalhekk huma dawn l-impriżi li huma affettwati l-aktar mis-sopravivenza ta' FagorBrandt permezz tal-għajnuna. Min-naħa l-oħra, il-bejgħ ta' FagorBrandt fis-suq Taljan huwa limitat ħafna. Bħala miżura kompensatorja, il-Kummissjoni għalhekk tippreferi l-waqfien tal-kummerċjalizzazzjoni tal-magni tal-ħasil tal-platti taħt il-marka Vedette milli ċ-ċessjoni tal-marka […], peress li l-prodotti tal-marka Vedette ([45]) huma kkummerċjalizzati esklużivament fis-suq Franċiż filwaqt li l-prodotti […] jinbiegħu prinċipalment […].

(103) Għalhekk għandu jiġi analizzat id-daqs ta' dawn il-miżuri kompensatorji addizzjonali, sabiex jiġi stabbilit jekk humiex biżżejjed.

Il-prodotti tat-tkessiħ

(104) Il-bejgħ tal-prodotti tat-tkessiħ (friġġijiet u friżers) tal-marka Vedette kien jirrappreżenta, fl-2007, EUR [10-20] miljun, jiġifieri [0-5] % tal-fatturat tal-grupp FagorBrandt.

(105) Il-waqfien tal-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti tat-tkessiħ għal perjodu ta' ħames snin se jippermetti lill-kompetituri preżenti fis-suq Franċiż li jsaħħu l-pożizzjoni tagħhom fir-rigward tal-prodotti tat-tkessiħ. Skont l-istudju GfK tal-2007, il-kompetituri ewlenin ta' FagorBrandt – li għandhom sehem mis-suq għall-valur ta' […] % - fis-suq tal-friġġijiet fi Franza huma Whirlpool ([…] %), Indesit ([…] %) u Electrolux ([…] %). Fis-suq tal-friżers, il-kompetituri ewlenin ta' FagorBrandt ([…] %) huma Whirlpool ([…] %), Liebherr ([…] %) u Electrolux ([…] %).

Il-prodotti tat-tisjir

(106) Il-bejgħ ta' prodotti tat-tisjir tal-marka Vedette kien jirrappreżenta, fl-2007, EUR [5-10] miljun, jiġifieri [0-5] % tal-fatturat tal-grupp FagorBrandt.

(107) B'konsegwenza ta' dan, il-waqfien tal-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti tat-tisjir għal perjodu ta' ħames snin se jippermetti lill-kompetituri li jsaħħu l-pożizzjoni tagħhom fis-suq tal-kukers. Skont l-istudju GfK tal-2007, il-kompetituri ewlenin ta' FagorBrandt (li għandhom sehem mis-suq għall-valur ta' […] %) fis-suq tal-kukers fi Franza huma Indesit ([…] %), Electrolux ([…] %) u Candy ([…] %).

Il-magni tal-ħasil tal-platti

(108) Il-bejgħ tal-magni tal-ħasil tal-platti tal-marka Vedette kienu jirrappreżentaw, fl-2007, EUR [5-10] miljun, jiġifieri [0-5] % tal-fatturat tal-grupp FagorBrandt.

(109) Skont l-istudju GfK tal-2007, il-kompetituri ewlenin ta' FagorBrandt (li għandhom sehem mis-suq għall-valur ta' […] %) fis-suq tal-magni tal-ħasil tal-platti fi Franza huma BSH ([…] %), Whirlpool ([…] %) u Electrolux ([…] %). B'konsegwenza ta' dan, il-waqfien tal-kummerċjalizzazzjoni tal-magni tal-ħasil tal-platti taħt il-marka Vedette se jippermetti lill-kompetituri li jżidu l-preżenza tagħhom fis-suq.

Konklużjoni

(110) Fil-qosor, il-prodotti Vedette li l-kummerċjalizzazzjoni tagħhom se titwaqqaf jirrappreżentaw [0-5] % tal-fatturat tal-grupp ([46]). L-awtoritajiet Franċiżi jindikaw li dan se jkun jeħtieġ aġġustamenti sinifikattivi fi ħdan l-impriża […].

6.5.4. *Konklużjoni dwar il-miżuri kompensatorji proposti mill-awtoritajiet Franċiżi u l-impożizzjoni ta' miżura kompensatorja addizzjonali mill-Kummissjoni*

(111) Il-miżuri kompensatorji proposti huma l-waqfien tal-kummerċjalizzazzjoni għal perjodu ta' ħames snin ta' ċerti prodotti (tat-tisjir, tat-tkessiħ u tal-ħasil tal-platti) tal-marka Vedette ([47]) u ċ-ċessjoni ta' Brandt Components. Dan huwa tnaqqis tal-preżenza fis-suq reali (jiġifieri mhux negliġibbli) iżda ta' daqs limitat.

([45]) Fis-suq Franċiż, Vedette hija marka li tinsab fil-[…] post fis-suq tal-prodotti […]. Il-miżuri proposti għalhekk ma jnaqqsux il-preżenza ta' FagorBrandt fis-suq tal-prodotti […]. Madankollu, il-maġġoranza l-kbira tal-gruppi li huma kompetituri ta' FagorBrandt għall-[…] għandhom ukoll marki li huma kompetituri ta' Vedette fis-suq tal-prodotti […]. Għalhekk huma jibbenefikaw mill-irtirar tal-prodotti Vedette deskritti hawn fuq.

([46]) Fl-2007, dawn kienu jirrappreżentaw [30-40] % tal-fatturat tal-marka Vedette u [0-10] % tal-bejgħ ta' FagorBrandt ta' apparat domestiku kbir fis-suq Franċiż.

([47]) L-għan ta' din il-miżura huwa l-irtirar mis-suq tal-prodotti Vedette kkonċernati. Għalhekk huwa ċar li l-effett tal-miżura jisparixxi jekk FagorBrandt tagħti liċenzja għall-produzzjoni u/jew kummerċjalizzazzjoni ta' dawn il-prodotti taħt il-marka Vedette lil impriża oħra.

(112) Madankollu, il-Kummissjoni tqis li l-miżura kompensatorja proposta mill-awtoritajiet Franċiżi fuq il-marka Vedette hija l-unika miżura kompensatorja valida u li mhijiex sufficjenti. Għaldaqstant, il-Kummissjoni tiddeċiedi li timponi, bħala kundizzjoni ta' kompatibilità, l-estensjoni tal-waqfien tal-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti tal-marka Vedette bi tliet snin oħra. Fil-fatt, peress li l-projbizzjoni proposta kienet ta' ħames snin, din se tiġi estiża bi tliet snin għal total ta' tmien snin.

(113) Skont l-informazzjoni li kellha l-Kummissjoni fil-21 ta' Ottubru 2008, l-impatt ta' din il-miżura kompensatorja ("MK") f'termini ta' telf ta' fatturat tista titqies b'żewġ modi kif jidher fit-Tabella 2 hawn taħt ([48]).

*Tabella 2*

| EUR Miljuni | 2009 | 2010 | 2011 | 2012 | 2013 | 2014 | 2015 | 2016 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Fatturat ta' FagorBrandt | [900-1 200] | [900-1 200] | [900-1 200] | [900-1 200] | [900-1 200] | [900-1 200] | [900-1 200] | [900-1 200] |
| Impatt tal-MK, stima għolja | – [40-60] | – [40-60] | – [40-60] | – [40-60] | – [40-60] | – [40-60] | – [40-60] | – [40-60] |
| Impatt tal-MK, stima baxxa | – [55-75] | – [55-75] | – [55-75] | – [55-75] | – [55-75] | – [55-75] | – [55-75] | – [55-75] |

(114) Iċ-ċifri tat-Tabella 2 tas-snin 2009 sa 2012 huma ċ-ċifri mogħtija mill-awtoritajiet Franċiżi u FagorBrandt fir-rigward tal-impatt tal-miżura kompensatorja li jipproponu huma (dwar dan l-impatt ara wkoll il-premessa (143) u l-premessi sussegwenti.

(115) L-ewwel mod kif jiġi kkalkulat l-impatt tal-miżura kompensatorja addizzjonali imposta mill-Kummissjoni huwa billi jiġi mmultiplikat bi 3 it-telf ta' profitt tal-aħħar sena evalwata mill-awtoritajiet Franċiżi (jiġifieri l-2012). F'xenarju ottimist għall-impriża, dan l-impatt huwa għalhekk ta' 3 × [40-60] miljun, jew EUR [120-180] miljun.

(116) It-tieni mod kif jista' jiġi kkalkulat l-impatt tal-miżura kompensatorja addizzjonali huwa billi jiġu kkalkulati ċ-ċifri mill-2013 sal-2016 billi tiġi applikata żieda lineari ta' [1,5-3] % fuq iċ-ċifri tal-2012 fl-estensjoni taż-żieda fil-fatturat li hija stmata għal [1,5-3] % mill-impriża bejn l-2009 u l-2012. Minħabba r-raġunijiet stabbiliti fil-premessa (125) u l-–premessi sussegwenti, din l-ipoteżi taż-żieda tal-fatturat hija fil-fatt meqjusa bħala raġonevoli fid-dawl tal-istrateġija tal-grupp u l-perspettivi tas-suq. Minn dan il-lat, il-miżura kompensatorja se ċċaħħad lil FagorBrandt, f'xenarju ottimist għall-impriża, minn fatturat ta' EUR [120-180] miljun.

(117) Għalhekk, jidher li l-miżura kompensatorja proposta hija xierqa u biżżejjed biex tnaqqas waħidha b'mod proporzjonat l-effetti negattivi fuq il-kompetizzjoni li rriżultaw mill-għotja tal-għajnuna inkwistjoni: f'xenarju ottimist, dan iċaħħad lill-impriża minn fatturat bejn EUR [120-180] miljun fil-perjodu 2014-2016. Dan il-fatturat mhux miksub se jippermetti lill-kompetituri li jżidu l-bejgħ tagħhom. Din il-miżura kompensatorja se tikkomplika aktar ukoll għall-impriża l-introduzzjoni mill-ġdid tal-prodotti Vedette kkonċernati wara 8 snin ta' assenza (attwalment il-magni tal-ħasil tal-ħwejjeġ Vedette biss huma kkumerċjalizzati). Fil-fatt anke jekk il-marka ma tgħebx għalkollox, l-ispejjeż biex tirritorna huma proporzjonati mas-snin ta' assenza mis-suq. Aktar ma l-marka ddum assenti mis-suq, aktar se tonqos il-fama tagħha.

(118) Barra minn hekk, irid jiġi vverifikat ukoll jekk din il-miżura kompensatorja ġdida tippermettix li jiġi kkumpensat ukoll il-vantaġġ kompetittiv maħruġ mill-effett kumulattiv tal-għajnuna Taljana u l-għajnuna għar-ristrutturar. Fil-fatt, wieħed jista' jqis li, fil-21 ta' Ottubru 2008, FagorBrandt kellha somma ta' EUR 3 190 878,02 (jew madwar EUR 4 miljun bl-imgħax) li hi ma kellhiex tibbenefika minnha. Dan il-vantaġġ għandu impatt fuq il-kompetizzjoni: l-impriża kellha likwidità addizzjonali. Madankollu, il-miżura kompensatorja addizzjonali tikkumpensa għal din il-ħsara fil-kompetizzjoni.

([48]) It-tabella tassumi li l-miżura tibda b'mod effettiv mill-1 ta' Jannar 2009.

(119) It-Tabella 3 hawn taħt turi t-telf nett (jew il-likwidità ħielsa negattiva) marbuta mal-miżura kompensatorja. Iċ-ċifri għas-snin 2009-2012 huma ċ-ċifri nnotifikati lill-Kummissjoni mill-awtoritajiet Franċiżi. Iċ-ċifri għas-snin 2013-2016 huma kkalkulati billi ċ-ċifri tas-sena 2012 jiżdiedu b'[1,5-3] % kull sena ([49]).

*Tabella 3*

| EUR Miljuni | 2009 | 2010 | 2011 | 2012 | 2013 | 2014 | 2015 | 2016 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Riżultat finali mingħajr MK | [0-5] | [5-10] | [10-15] | [10-15] | *[15-20]* | *[15-20]* | *[15-20]* | *[15-20]* |
| Impatt tal-MK, stima għolja | – [10-15] | – [5-10] | – [5-10] | – [5-10] | *– [5-10]* | *– [5-10]* | *– [5-10]* | *– [5-10]* |
| Impatt tal-MK, stima baxxa | – [15-20] | – [5-10] | – [5-10] | – [5-10] | *– [5-10]* | *– [5-10]* | *– [5-10]* | *– [5-10]* |

(120) Għaldaqstant jidher li f'xenarju ottimist (għall-impriża), tliet snin addizzjonali jċaħħdu lil FagorBrandt mil-likwidità għal ammont bejn EUR [10-20] miljun (jekk wieħed jimmultipla bi 3 ċ-ċifra tal-2012) u EUR [10-20] miljun (jekk wieħed iżid iċ-ċifri kkalkulati). Fi kliem ieħor, l-impożizzjoni ta' din il-miżura kompensatorja ġdida tpatti bil-kbir għall-vantaġġ ta' likwidità ta' madwar EUR 4 miljun.

(121) Fl-aħħar nett, il-fatt li l-miżuri kompensatorji huma estiżi lil hinn minn tmiem il-perjodu ta' ristrutturar (li hu ffissat għall-31 ta' Diċembru 2012) ma jagħmilhomx inadegwati. Fil-fatt, jekk il-miżuri kompensatorji jitħallsu firrigward tal-għotja ta' għajnuna għar-ristrutturar, dawn ma jkunux parti mill-proċess ta' ristrutturar innifsu iżda jirrappreżentaw kumpens mogħti lill-kompetituri tal-impriża megħjuna fid-dawl li tissewwa l-ħsara għall-kompetizzjoni li dawn setgħu soffrew. Għalhekk, l-effett tagħhom u l-ħtieġa tagħhom mhumiex diskussi minħabba l-fatt li dawn jiġu estiżi fuq perjodu li jmur lil hinn mill-perjodu għar-ristrutturar, għaldaqstant dawn tpoġġew fis-seħħ minħabba operazzjoni ta' ristrutturar iffaċilitata minn għajnuna mill-Istat u għaldaqstant huma għandhom l-għan u l-effett li jsewwu l-ħsara li tirriżulta minn din l-għajnuna.

(122) Għaldaqstant, il-Kummissjoni tqis li dawn il-miżuri jippermettu li jiġu evitati distorsjonijiet tal-kompetizzjoni eċċessivi skont il-punti 38 sa 40 tal-linji gwida dwar l-għajnuniet għar-ristrutturar.

### 6.6. **Ritorn għall-vijabilità tal-impriża**

#### 6.6.1. *Pjan ta' ristrutturar, prospetti tas-suq u kredibbiltà tat-tbassir inklużi fil-pjan għar-ristrutturar*

(123) Il-pjan għar-ristrutturar ta' FagorBrandt, li diġà beda, essenzjalment jipprevedi:

— li jiġi ffukat mill-ġdid u li jkun hemm żvilupp iffukat fuq […];

— razzjonalizzazzjoni tal-politika tal-bejgħ u […];

— it-twaqqif ta' attivitajiet u l-għeluq ta' siti ([50]);

— it-tnaqqis ta' impjegati ([51]);

— miżuri bl-iskop li jsaħħu s-sostenibbiltà tal-impriża ([52]).

(124) Wara l-eżami, il-Kummissjoni kkonfermat dak li kienet ħabbret fid-deċiżjoni tal-ftuħ tal-proċedura, jiġifieri li hi tqis li dan il-pjan jikkonforma mal-eżiġenzi previsti fil-punti 35 sa 37 tal-linji gwida dwar l-għajnuniet għar-ristrutturar. Fi kliem ieħor, il-pjan għar-ristrutturar jidher li jippermetti li tiġi stabbilita mill-ġdid il-vijabilità tal-impriża fit-tul.

(125) Madankollu, il-Kummissjoni tixtieq turi l-analiżi u l-konklużjonijiet tagħha fir-rigward tal-prospetti tas-suq u l-kredibbiltà tal-previżjonijiet li jidhru fil-pjan ta' ristrutturar.

(126) Il-Kummissjoni evalwat il-previżjonijiet li rriżultaw mill-pjan għar-ristrutturar, b'mod partikolari l-prospetti ta' tkabbir. Il-Kummissjoni tixtieq tfakkar li fid-deċiżjoni preżenti tqieset biss l-informazzjoni disponibbli f'Ottubru 2008

([49]) Barra minn hekk, jekk l-affarijiet l-oħra jibqgħu l-istess, jinħass raġonevoli li tinżamm ir-rata ta' [1,5-3] % għaliex din ir-rata hija aċċettata bħala ipoteżi għal tkabbir raġonevoli tal-fatturat fid-dawl tal-istrateġija tal-grupp u tal-prospetti tas-suq (ara l-premessa (125) u l-premessi sussegwenti.

([50]) F'Marzu 2004 FagorBrandt biegħet il-fabbrika ta' Nevers tagħha (muturi tal-elettriku) u f'Jannar 2005 għalqet il-fabbrika ta' Lesquin (friżers). Fl-aħħar nett, fl-2006 il-grupp waqqaf il-produzzjoni tal-majkrowejvs għalihom waħidhom mill-fabbrika ta' Aizenay

([51]) Il-grupp poġġa fis-seħħ […]. Ittieħdu ħafna miżuri oħra fi Franza fl-2006. F'dik l-istess sena, il-Grupp beda wkoll jirrazzjonalizza s-sit Taljan ta' Verolanuova.

([52]) F'dak li għandu x'jaqsam mal-miżuri ta' żvilupp tal-perennità tal-impriża, u wara li saru studji bejn Marzu 2004 u Frar 2005, il-Grupp: […].

(127) Skont is-CECED ([53]), l-iżvilupp fis-suq Ewropew f'termini ta' volum bejn l-2005 u l-2007 juri żieda moderata fl-Ewropa tal-Punent (madwar 2 % kull sena) u stabbli fl-Ewropa tal-Lvant (madwar 7 % kull sena). Madankollu, din l-aħħar rata ta' żieda hija aleatorja, għaliex tiddependi fuq il-varjazzjonijiet tal-ekonomija, fejn żieda b'2 ċifri u nuqqas b'2 ċifri wkoll jistgħu jalternaw wara xulxin.

(128) Jekk, fuq perjodu ta' żmien twil, tista' ssir konverġenza tal-imġiba tax-xiri tal-Ewropa tal-Lvant mal-Ewropa tal-Punent, is-saħħa tax-xiri dgħajfa fil-pajjiżi tal-Ewropa tal-Lvant twassal għal konċentrazzjoni tad-domanda fuq il-prodotti essenzjali (magni tal-ħasil tal-ħwejjeġ jew friġġijiet) u ta' kwalità baxxa. Madankollu, huwa f'dawn is-swieq li daħlu l-kompetituri Torok u Asjatiċi.

(129) Is-swieq li għandhom potenzjal għal FagorBrandt għalhekk huma fl-Ewropa tal-Punent, għaliex huma akbar f'termini ta' valur, iżda wkoll f'termini ta' volum, u jikkonċentraw inqas fuq il-prodotti rħas, li bihom FagorBrandt ma jistax aktar ikun kompetittiv u li huma r-raġuni tat-tkabbir kbir fl-Ewropa tal-Lvant.

(130) B'mod aktar partikolari, is-suq ta' referenza ta' FagorBrandt huwa s-suq Franċiż fejn il-grupp jagħmel [50-80] % tal-bejgħ tiegħu, jipproduċi [80-100] % tal-ammonti tiegħu u jħaddem [80-100] % tal-impjegati tal-grupp. Skont il-GIFAM ([54]), fi Franza, is-suq tal-apparat domestiku kbir żdied fl-2007, b'1 % meta mqabbel mal-2006, kemm fil-volum kif ukoll fil-valur. B'mod aktar speċifiku, is-suq tal-apparat […] li fuqu tixtieq tikkonċentra FagorBrandt żdied b'[…] % meta mqabbel mal-2006 filwaqt li għall-apparat […], il-bejgħ naqas b'[…] %.

(131) L-iżviluppi għal kull tip ta' prodott juru li s-swieq li għandhom potenzjal li qegħdin jiżviluppaw fl-Ewropa u b'mod partikolari fi Franza huma essenzjalment dawk tal-prodotti […]. It-tkabbir tal-prodotti […] huwa sinifikanti, filwaqt li s-settur tat-tkessiħ huwa kważi wieqaf kif turi t-tabella li ġejja meħuda mill-istudju GIFAM:

*Tabella 4*




| | 2001 | 2002 | 2003 | 2004 | 2005 | 2006 | 2007 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Friġġijiet | 2 350 | 2 220 | 2 485 | 2 310 | 2 330 | 2 428 | 2 330 |
| Chest freezers | 760 | 760 | 800 | 785 | 770 | 775 | 730 |
| Magni tal-ħasil tal-ħwejjeġ | 2 225 | 2 270 | 2 225 | 2 290 | 2 350 | 2 446 | 2 490 |
| Magni tal-tnixxif tal-ħwejjeġ | 595 | 580 | 555 | 570 | 585 | 631 | 690 |
| Magni tal-ħasil tal-platti | 1 050 | 1 040 | 1 055 | 1 110 | 1 166 | 1 237 | 1 320 |
| Hobs fissi (built-in) | 1 200 | 1 200 | 1 220 | 1 280 | 1 305 | 1 384 | 1 410 |
| Fornijiet fissi (built-in) | 630 | 645 | 665 | 730 | 800 | 840 | 870 |

([53]) CECED: Kunsill Ewropew għall-Kostruzzjoni ta' Apparat Domestiku (Conseil Européen de la Construction d'appareils Domestiques), organizzazzjoni li tħaddan 15-il produttur li mill-inqas għandhom dimensjoni Ewropea u 26 assoċjazzjoni tas-settur preżenti f'bosta pajjiżi Ewropej (membri jew le tal-Unjoni Ewropea).

([54]) GIFAM: Grupp Interprofessjonali tal-Produtturi ta' Tagħmir Domestiku (Groupement Interprofessionnel des Fabricants d'Appareils d'équipements Ménagers) li jiġbor madwar ħamsin impriża preżenti fis-swieq tat-tagħmir domestiku.

(132) B'konsegwenza ta' dan, l-għażla ta' FagorBrandt, minn naħa, li tikkonċentra b'mod partikolari fuq […] u, min-naħa l-oħra, li tiżviluppa […], tidher koerenti mal-iżvilupp tas-segmenti u prodotti differenti.

(133) Il-Kummissjoni, wara li analizzat l-elementi fundamentali l-oħra tal-pjan għar-ristrutturar li għandhom l-iskop li jiġġustifikaw ir-rilevanza tal-previżjonijiet fir-rigward tal-profitabilità operattiva ta' FagorBrandt fiż-żmien, tqis li dawn il-previżjoijiet huma realistiċi.

*Tabella 5*

| EUR Miljuni | 2009 | 2010 | 2011 | 2012 |
|---|---|---|---|---|
| Fatturat ta' FagorBrandt | [900-1 200] | [900-1 200] | [900-1 200] | [900-1 200] |
| Riżultat finali | [0-5] | [5-10] | [10-15] | [10-15] |

(134) Għaldaqstant, il-bqija tal-analiżi se tillimita ruħha għażżewġ dubji preċiżi dwar in-natura realistika u suffiċjenti tal-pjan għar-ristrutturar li tqajmu fid-deċiżjoni tal-ftuħ tal-proċedura.

(135) L-ewwel nett, il-Kummissjoni talbet spjegazzjonijiet dwar iż-żieda mistennija ta' 20 % tal-fatturat fl-2007. L-awtoritajiet Franċiżi spjegaw li l-medda ta' attività ta' FagorBrandt tbiddlet fl-2006 bit-trasferiment tad-distribuzzjoni tal-marka Fagor minn Fagor għal FagorBrandt fis-swieq Brittaniċi u Franċiżi, u mbagħad tal-attivitajiet Franċiżi kollha ta' Fagor ([55]). Il-fatturat ta' dawn l-attivitajiet ġie stmat għal EUR [50-100] miljun għall-2007 u ġie inkluż fil-fatturat ta' FagorBrandt għas-sena 2007. Fuq medda kostanti, iż-żieda prevista tal-fatturat kienet biss ta' [5-10] %. Minn dak iż-żmien, Franza kkomunikat l-fatturat li sar realment fl-2007 lill-Kummissjoni. Dan kien EUR 903 miljun mqabbel ma' EUR 779,7 miljun fl-2006, jiġifieri żieda ta' madwar 16 % minn sena għall-oħra.

(136) It-tieni nett, il-Kummissjoni osservat li l-pjan għar-ristrutturar ma kienx jindika kif FagorBrandt kienet se tagħmel biex tiffaċċja r-rimborż tal-għajnuna inkompatibbli li ngħatat mis-sussidjarja Taljana tagħha u li għalhekk b'dan il-mod inħoloq riskju għar-ritorn għall-vijabilità tal-impriża. L-awtoritajiet Franċizi ppreċiżaw li r-rimborż tal-għajnuna Taljana minn Brandt Italia għandu jkun probabbilment inqas minn EUR 200 000 (ara l-premessa (70) u l-premessi sussegwenti). Madankollu, kif il-Kummissjoni diġà indikat (ara l-premessa (76) u l-premessi sussegwenti), l-ammont tal-għajnuna Taljana li għandu jitqies għall-finijiet tad-deċiżjoni preżenti jitla' għal EUR 3 190 878,02, li magħhom irid jiżdied l-imgħax sal-21 ta' Ottubru 2008. Madankollu, il-Kummissjoni tqis li r-rimborż ta' din is-somma ma jqajjimx dubju dwar ir-ritorn għall-vijabilita tal-impriża, għaldaqstant FagorBrandt hija mistennija li żżid il-kontribuzzjoni proprja tagħha għal ammont ekwivalenti għal EUR 3 190 878,02 u l-imgħax (f'dan ir-rigward ara l-premessa (149) u l-premessi sussegwenti).

(137) Fuq il-bażi tal-konsiderazzjonijiet preċedenti, il-Kummissjoni tikkonkludi li d-dubji dwar ir-ritorn għall-vijabilità li tqajmu fid-deċiżjoni tal-ftuħ tal-proċedura huma mwarrba.

6.6.2. *Dubji dwar ir-ritorn għall-vijabilità mqajmin minn parti interessata*

(138) Kif ġie indikat qabel, il-kompetitur li talab li jibqa' anonimu jikkontesta l-fatt li r-ristrutturar jista' jerġa' jistabbilixxi l-vijabilità tal-impriża fit-tul. L-ewwel nett, huwa jqis li l-impriża kellha ċċaqlaq parti mill-produzzjoni tagħha lejn iż-żoni ta' produzzjoni rħas, fejn tkun tista' tibbenefika minn ekonomiji ta' skala. It-tieni nett, l-impriża mhux se tkun tista' tiffaċċja l-investimenti meħtieġa sabiex ittejjeb il-prodotti tagħha f'industrija li kull sena tirrikjedi investimenti kbar fl-għodda industrijali, it-tfassil, ir-riċerka u l-iżvilupp. Fl-aħħar nett, huwa jenfasizza li l-impriża għadha żgħira wisq meta mqabbla mal-kompetituri tagħha. Fil-premessi li ġejjin, il-Kummissjoni se tagħmel mezz li tivverifika jekk dawn l-osservazzjonijiet tal-kompetitur li talab li jibqa' anonimu jqajmux dubju dwar il-konklużjonijiet dwar ir-ritorn għall-vijabilità.

(139) Fir-rigward tal-ħtieġa li ċċaqlaq parti mill-produzzjoni f'pajjiżi irħas, il-Kummissjoni tosserva li l-awtoritajiet Franċiżi rrispondew b'mod preċiż għal dan il-punt. Huma jfakkru li l-iżvilupp immirat minn FagorBrandt (prodotti b'valur miżjud għoli u innovattivi), kif ukoll dak ta' xi wħud mill-kompetituri strettament Ewropej tagħha, ma jaqbilx ma' sistematizzazzjoni tal-produzzjoni tagħhom fil-pajjiżi rħas. […] Għall-impriżi ewlenin, l-istabbiliment ta' unitajiet ta' produzzjoni fil-pajjiżi rħas huwa wkoll pass għar-rieda li jiġi żviluppat il-bejgħ hemmhekk.

([55]) Il-Kummissjoni analizzat jekk din l-integrazzjoni avvanzata ta' FagorBrandt f'Fagor titfax dubju fuq il-konklużjonijiet li waslu għalihom fil-punt 27 tad-deċiżjoni tal-ftuħ tal-proċedura dwar l-eġibilità ta' FagorBrandt. Hija kkonkludiet li dan ma kienx il-każ għaliex il-maġġoranza tal-elementi msemmija f'dan il-punt għadhom validi.

(140) Fir-rigward tal-affermazzjonijiet tal-kompetitur li talab li jibqa' anonimu dwar l-impossibbiltà għal FagorBrandt li tiffaċċja l-investimenti kbar meħtieġa sabiex tibqa' kompetittiva u dwar id-daqs żgħir wisq tal-impriża meta mqabbla mal-impriżi ewlenin, il-Kummissjoni tosserva li hija stess indikat fil-punt 8 tad-deċiżjoni tal-ftuħ tal-proċedura li dawn l-elementi kkontribwixxew għad-diffikultajiet tal-impriża. Madankollu hija tosserva li l-pjan għar-ristrutturar jidher li jilqa' dawn l-isfidi. Fil-fatt, l-impriża beħsiebha tikkonċentra fuq […]. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tosserva li ċerti impriżi fis-settur, minkejja d-daqs żgħir tagħhom meta mqabbla mal-impriżi l-kbar u l-produzzjoni kbira tagħhom fil-pajjiżi tal-Ewropa tal-Punent, jirnexxielhom jibqgħu kompetittivi billi jikkonċentraw fuq ċerti prodotti u segmenti (dawn huma atturi li sabu settur komdu għalihom bħal Miele, Smeg, Liebherr, Teka, jew fabbrikanti żgħar ta' daqs nazzjonali bħal Candy u Gorenje). Barra minn hekk, il-Kummissjoni tosserva li l-integrazzjoni aktar u aktar avvanzata ta' FagorBrandt fil-grupp Fagor tikkontribwixxi wkoll biex jiġu solvuti dawn il-problemi relatati mad-daqs. Fil-qosor, il-Kummissjoni tirrikonoxxi li l-punti msemmija mill-kompetitur huma sfidi għal FagorBrandt iżda temmen li l-pjan għar-ristrutturar huwa ta' tali natura li tiffaċċjahom u għandha probabilità suffiċjenti ta' ritorn għall-vijabilità.

(141) Fuq il-bażi ta' dak li ntqal qabel, il-Kummissjoni tqis li l-kummenti li saru mill-kompetitur li talab li jibqa' anonimu ma jitfgħux dubju fuq l-evalwazzjoni li minnha ħareġ li l-pjan għar-ristrutturar jippermetti li terġa' tiġi stabbilita l-vijabilità ta' FagorBrandt fit-tul.

6.6.3. *Effett tal-miżuri kompensatorji addizzjonali fuq ir-ritorn għall-vijabilità*

(142) Fl-aħħar nett, dejjem fir-rigward tar-ritorn għall-vijabilità fit-tul, il-Kummissjoni, kif previst fl-aħħar sentenza tal-punt 38 tal-linji gwida dwar l-għajnuniet għar-ristrutturar, trid tivverifika jekk il-miżuri kompensatorji previsti jpoġġux fil-periklu l-vijabilità tal-impriża. Kif diġà ġie analizzat, l-awtoritajiet Franċiżi pproponew miżuri kompensatorji li ma kinux inklużi fil-previżjonijiet finanzjarji mehmuża man-notifika. Peress li l-Kummissjoni dehrilha li dawn il-miżuri kienu meħtieġa, dawn għandhom għaldaqstant ikunu implimentati. Fir-rigward ta' dawn il-miżuri – il-waqfien tal-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti tat-tkessiħ, tat-tisjir u tal-ħasil tal-platti tal-marka Vedette għal perjodu ta' ħames snin – li jwasslu għal deterjorazzjoni fir-riżultati finanzjarji tal-impriża, għandu jiġi żgurat li l-impriża tista' tiflaħ għalihom.

(143) Skont l-awtoritajiet Franċiżi, it-Tabelli 6 u 7 li ġejjin jindikaw ir-riżultati finanzjarji tal-impriża, filwaqt li jqisu l-implimentazzjoni tal-miżuri kompensatorji proposti mill-awtoritajiet Franċiżi. It-Tabella 6 tiddeskrivi xenarju ottimist u t-Tabella 7 xenarju pessimist.

*Tabella 6*

| Waqfien tal-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti tat-tkessiħ, tat-tisjir u tal-ħasil tal-platti tal-marka Vedette (EUR Miljuni) | Xenarju ottimist | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | 2007 | 2008 | 2009 | 2010 | 2011 | 2012 |
| Fatturat | 903,0 | [900-1 000] | [900-1 000] | [900-1 000] | [900-1 000] | [900-1 000] |
| Marġini gross | […] | […] | […] | […] | […] | […] |
| Introjtu operatorju qabel l-elementi mhux rikorrenti | […] | […] | […] | […] | […] | […] |
| Introjtu operatorju (EBIT) | […] | […] | […] | […] | […] | […] |
| Qligħ qabel it-taxxa | […] | […] | […] | […] | […] | […] |
| Qligħ nett | – [5-10] | – [5-10] | – [5-10] | [0-5] | [5-10] | [5-10] |
| Likwidità Ħielsa | […] | […] | […] | […] | […] | […] |
| Likwidità Ħielsa akkumulata | […] | […] | […] | […] | […] | […] |

*Tabella 7*

| Waqfien tal-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti tat-tkessiħ, tat-tisjir u tal-ħasil tal-platti tal-marka Vedette (EUR Miljuni) | Xenarju pessimist | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | 2007 | 2008 | 2009 | 2010 | 2011 | 2012 |
| Fatturat | 903,0 | [900-1 000] | [900-1 000] | [900-1 000] | [900-1 000] | [900-1 000] |
| Marġini gross | […] | […] | […] | […] | […] | […] |
| Introjtu operatorju qabel l-elementi mhux rikorrenti | […] | […] | […] | […] | […] | […] |
| Introjtu operatorju (EBIT) | […] | […] | […] | […] | […] | […] |
| Qligħ qabel it-taxxa | […] | […] | […] | […] | […] | […] |
| Qligħ nett | – [5-10] | – [5-10] | – [10-15] | [0-5] | [0-5] | [5-10] |
| Likwidità Ħielsa | […] | […] | […] | […] | […] | […] |
| Likwidità Ħielsa akkumulata | […] | […] | […] | […] | […] | […] |

(144) It-Tabelli 6 u 7 huma bbażati fuq l-ipoteżijiet li ġejjin dwar it-telf fil-fatturat li se jwassal għall-irtirar ta' bosta familji ta' prodotti kkummerċjalizzati taħt il-marka Vedette. Irtirar bħal dan jista' jwassal għall-effetti li ġejjin:

a) tnaqqis tal-bejgħ fil-familja tal-prodotti tal-marka Vedette li l-kummerċjalizzazzjoni tagħhom hija sospiża;

b) tnaqqis tal-bejgħ fil-familji l-oħra ta' prodotti kkummerċjalizzati taħt il-marka Vedette ([56]) (l-effett negattiv tal-marka fuq il-prodotti tal-marka Vedette);

c) tnaqqis tal-bejgħ tal-marki l-oħra (l-effett ta' portafoll negattiv fuq il-marki kollha tal-grupp FagorBrandt).

(145) Ix-xenarju ottimist jikkunsidra biss l-effetti a) u b) tal-premessa (144) u t-telf relatat mal-waqfien tal-kummerċjalizzazzjoni ta' prodott jirrappreżenta telf ta' [70-90] % tal-fatturat tal-familja ta' prodotti mwaqqfa (l-[10-30] % li jifdal jiġu rkuprati minn FagorBrandt permezz taż-żieda fil-bejgħ ta' prodotti identiċi mibjugħa taħt marki oħra li mhumiex Vedette) u ta' [20-30] % tal-fatturat ta' prodotti oħra kkummerċjalizzati taħt il-marka Vedette. Ix-xenarju pessimist iqis l-effett imsemmi fil-punt c) tal-premessa (144) billi jissupponi rata ta' telf ta' [110-130] % għall-familja ta' prodotti mwaqqfa (it-telf jista' mhux biss jaffettwa 100 % tal-fatturat tal-familja ta' prodotti mwaqqfa iżda jista' wkoll jaffettwa prodotti u marki oħra mill-familja li titwaqqaf il-kummerċjalizzazzjoni tagħha) u ta' [20-40] % għall-prodotti l-oħra kkumerċjalizzati taħt il-marka Vedette. L-awtoritajiet Franċiżi jispjegaw li ipoteżi pessimista bħal din tikkorrispondi għal esperjenza magħrufa mill-impriża: fl-2003 hija kienet iddeċidiet li tabbanduna l-kummerċjalizzazzjoni tal-majkrowejvs taħt il-marka Vedette fi Franza sabiex tikkonċentra biss fuq il-marka Brandt li kienet tibbenefika minn forza ta' bejgħ speċifika. Dan it-twaqqif kellu effett sekondarju negattiv ħafna, għaliex mhux biss il-fatturat kollu magħmul taħt il-marka Vedette intilef iżda t-telf laħaq ukoll lill-marka Brandt (telf totali fuq dawn iż-żewġ marki ta' […] apparati f'sentejn fuq bejgħ inizjali ta' […] unitajiet, fosthom […] taħt il-marka Vedette, jiġifieri telf ta' [120-140] % tal-ammonti abbandunati) ([57]).

([56]) Dan it-tnaqqis jirriżulta mill-effetti li nħolqu mill-waqfien tal-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti tal-marka Vedette fuq il-viżibilità tal-marka Vedette fir-rigward tad-distributuri.

([57]) Il-Kummissjoni tqis, fuq il-bażi tal-informazzjoni pprovduta mill-awtortajiet Franċiżi, li hemm probabbiltà żgħira li jseħħ ix-xenarju pessimist. Fil-fatt, l-awtoritajiet Franċiżi jibbażaw fuq l-esperjenza tal-majkrowejvs Vedette. Madankollu, kif se jkun indikat, dan huwa prodott li bih FagorBrandt ma kenitx kompetittiva aktar (din hija r-raġuni għaliex iddeċiediet li twaqqaf il-produzzjoni internament) u li għalih hemm dħul kbir fis-suq tal-produtturi mill-pajjiżi rħas. L-ipoteżi magħżula mill-awtoritajiet Franċiżi, jiġifieri li jiġi attribwit it-tnaqqis kollu tal-bejgħ tal-majkrowejvs osservat matul dawn is-sentejn biss għad-deċiżjoni li titwaqqaf il-kummerċjalizzazzjoni tal-majkrowejvs taħt il-marka Vedette, tidher li hija waħda estrema.

(146) Fuq il-bażi tal-analiżi tal-istatistiċi inklużi fiż-żewġ tabelli preċedenti u informazzjoni oħra pprovduta mill-awtoritajiet Franċiżi, il-Kummissjoni tosserva li l-miżuri kompensatorji magħżula se jdgħajfu l-impriża, għaliex se jwasslu għal deterjorazzjoni tal-qligħ tal-impriża mill-2009, is-sena li fiha ġew implimentati. Madankollu, l-impriża jerġa' jkollha qligħ nett pożittiv mill-2010, li jiżdied fis-snin ta' wara. Għaldaqstant, il-Kummissjoni tqis li l-miżuri kompensatorji proposti mill-awtoritajiet Franċiżi, anke jekk idgħajfu l-impriża, mhux se jimpedixxu r-ritorn għall-vijabilità.

(147) L-impożizzjoni ta' miżura kompensatorja addizzjonali mill-Kummissjoni, jiġifieri l-ħtieġa li l-waqfien tal-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti kkonċernati tal-marka Vedette, ma tqajjimx dubju dwar din il-konklużjoni.

(148) Fil-fatt, kif jirriżulta mit-Tabella 3 li tippreżenta l-impatt tal-miżura kompensatorja addizzjonali fuq ir-riżultat finali tal-impriża, dan tal-aħħar jibqa' pożittiv fis-snin 2014 sa 2016, u jkun hemm żieda stamata ta' [1,5-3] %. Għaldaqstant, wieħed jasal għall-istess konklużjoni fir-rigward tal-miżura kompensatorja imposta mill-Kummissjoni: għalkemm din iddgħajjef lill-impriża, mhix se ċċaħħadha milli tirritorna għall-vijabilità.

### 6.7. **Limitazzjoni tal-għajnuna għall-minimu: kontribuzzjoni reali, eżenta minn għajnuna**

(149) Sabiex l-għajnuna tkun tista' tiġi awtorizzata, jeħtieġ li, b'applikazzjoni tal-punti 43 sa 45 tal-linji gwida dwar l-għajnuniet għar-ristrutturar, l-ammont u l-intensità tal-għajnuna jkunu limitati strettament għall-minimu meħtieġ sabiex jippermettu li jsir ir-ristrutturar skont id-disponibilitajiet finanzjarji tal-impriża, tal-azzjonisti tagħha jew tal-grupp li hija parti minnu. Il-benefiċjarji tal-għajnuna jridu jikkontribwixxu b'mod sostanzjali għall-pjan għar-ristrutturar mir-riżorsi proprji tagħhom, inkluż bil-bejgħ ta' assi li mhumiex indispensabbli għas-sopravivenza tal-impriża, jew minn finanzjament estern miksub bil-kundizzjonijiet tas-suq.

(150) Kif huwa indikat fil-punt 43 tad-deċiżjoni tal-ftuħ tal-proċedura, l-ispejjeż għar-ristrutturar, bħal ma huma deskritti fin-notifika tal-awtoritajiet Franċiżi, jitilgħu għal EUR 62,5 miljun. L-impriża beħsieba tikkontribwixxi għal EUR 31,5 miljun u tirċievi għajnuna ta' EUR 31 miljun.

| | EUR Miljuni | % |
|---|---|---|
| Spejjeż għar-ristrutturar | 62,5 | 100 % |
| Iffinanzjati minn: | | |
| Sforz proprju tal-benefiċjarju | 4,6 | 7,4 % |
| Provvista tal-azzjonist | 26,9 | 43 % |
| Għajnuna mill-Istat | 31 | 49,6 % |

(151) Fil-punt 44 tad-deċiżjoni tal-ftuħ, il-Kummissjoni tqajjem żewġ dubji dwar din l-informazzjoni. Minn naħa, il-Kummissjoni titlob lill-awtoritajiet Franċiżi biex jiġġustifikaw għaliex ma inkludewx ir-rimborż tal-għajnuna 44f fl-ispejjeż għar-ristrutturar. Min-naħa l-oħra, il-Kummissjoni titlob spjegazzjoni tan-natura tal-isforz proprju tal-benefiċjarju.

(152) L-awtoritajiet Franċiżi taw risposta għat-tieni dubju u indikaw li l-isforz proprju tal-benefiċjarju huwa self mill-bank li tneħħa minn FagorBrandt minn fuq is-suq. Huma jispeċifikaw li fl-2006 l-impriża ħadet xi self mill-bank għal ammont ta' EUR [20-40] miljun li sar EUR [20-40] miljun fl-2007 ([58]). Dan is-self ġie żgurat minn […]. Il-Kummissjoni tosserva li dan huwa "finanzjament estern miksub bil-kundizzjonijiet tas-suq" bħal ma huwa stabbilit fil-punt 43 tal-linji gwida dwar l-għajnuniet għar-ristrutturar u għalhekk huwa kontribuzzjoni valida.

(153) Fir-rigward tal-ewwel dubju li tqajjem mill-Kummissjoni, l-awtoritajiet Franċiżi jindikaw li r-rimborż ta' għajnuna inkompatibbli ma jistax ikun, a priori, ikkwalifikat bħala spiża għar-ristrutturar (u lanqas bħala sforz proprju tal-impriża benefiċjarja skont il-punti 43 u 44 tal-linji gwida dwar l-għajnuniet għar-ristrutturar). Huwa għal din ir-raġuni li ma għaddewx l-għajnuna 44f mal-ispejjeż għar-ristrutturar. Madankollu, huma jindikaw li, ovvjament, dan ir-rimborż, ikkalkulat għal madwar EUR [25-30] miljun (inklużi l-imgħaxijiet), huwa integrat fil-pjan kummerċjali mehmuż man-notifika bħal kull spiża finanzjarja oħra normali. Il-Kummissjoni taħseb li huwa indispensabbli li r-rimborż jitqies fil-pjan kummerċjali, li huwa l-każ hawnhekk ([59]).

([58]) Ittra tal-awtoritajiet Franċiżi tal-15 ta' Frar 2008.

([59]) Fid-Deċiżjoni tagħha tas-26 ta' April 2006 dwar l-għajnuna mill-Istat li Franza qed tippjana li timplimenta favur Euromoteurs (ĠU L 307, 7.11.2006, p. 213), il-Kummissjoni qieset li l-fatt li l-pjan għar-ristrutturar sottomess ma kienx jinkludi r-rimborż ta' għajnuna inkompatibbli li rċeviet l-impriża jikkonferma l-konklużjoni li dan il-pjan ma jippermettix li terġa' tiġi stabbilita il-vijabilità tal-impriża fit-tul.

(154) Madankollu, ta' min iqis ukoll li fil-21 ta' Ottubru 2008 l-għajnuna Taljana riċevuta minn Brandt Italia telgħet għal EUR 3 190 878,02, ammont li miegħu wieħed għandu jżid l-imgħax. Għaldaqstant, wieħed ma jistax jeskludi li fil-kontribuzzjoni proprja prevista mill-impriża hemm is-somma inkwistjoni. B'konsegwenza ta' dan, il-kontribuzzjoni proprja tal-benefiċjarju taqa' taħt il-50 % mitluba mill-punt 44 tal-linji gwida dwar l-għajnuniet għar-ristrutturar.

(155) Għaldaqstant, sabiex jiġi żgurat li l-kontribuzzjoni proprja tal-impriża tkun eżenti mill-għajnuna u tirrappreżenta mill-inqas 50 % tal-ispejjeż tar-ristrutturar, il-Kummissjoni timponi bħala kundizzjoni għad-deċiżjoni pożittiva preżenti żieda fil-kontribuzzjoni proprja li tikkorrispondi għall-ammont tal-għajnuna Taljana, jiġifieri EUR 3 190 878,02, ammont li wieħed irid iżid miegħu l-imgħax sal-21 ta' Ottubru 2008.

(156) B'mod konkret, il-kontribuzzjoni proprja għall-ispejjeż tar-ristrutturar proposti minn FagorBrandt trid tiżdied b'dan l-ammont (b'self, permezz tal-azzjonisti je b'mezzi oħra) qabel tmiem il-perjodu tar-ristrutturar tal-impriża stabbilita fil-31 ta' Diċembru 2012. L-awtoritajiet Franċiżi iridu juru prova ta' din iż-żieda fi żmien xahrejn mill-iskadenza fil-31 ta' Diċembru 2012.

(157) Fir-rigward tal-affirmazzjoni tal-kompetitur li talab li jibqa' anonimu li l-għajnuna mhijiex limitata għall-minimu, il-Kummissjoni tikkonferma li lil hinn mill-verifika tar-rispett tal-kriterju formali ta' kontribuzzjoni proprja li taqbeż il-50 %, hija evalwat ukoll jekk l-għajnuna kinitx limitata għall-minimu possibbli, b'mod partikolari fuq il-bażi tal-kriterji definiti fil-punt 45 tal-linji gwida dwar l-għajnuniet għar-ristrutturar. Il-Kummissjoni tqis li dan huwa l-każ u li l-ammont tal-għajnuna ma jippermettix lill-impriża li jkollha "assi likwidi aktar minn dawk li hija tista' tiddedika għal attivitajiet aggressivi li jistgħu jipprovokaw distorsjonijiet fuq is-suq li ma jkunux relatati mal-proċess tar-ristrutturar."

(158) Il-Kummissjoni tosserva b'mod partikolari li wara l-għotja tal-għajnuna u fi tmiem il-perjodu ta' ristrutturar, il-grupp xorta se jkollu dejn kbir bil-proporzjon dejn-għal-ekwità iżjed minn 1. Għalhekk, FagorBrandt trid tindirizza bi prijorità l-likwidità maħluqa biex tnaqqas dan il-livell tad-dejn.

### 6.8. **Prinċipju ta' għajnuna unika**

(159) B'mod konformi mal-punti 72 u l-punti sussegwenti tal-linji gwida dwar l-għajnuniet għar-ristrutturar, għajnuna għar-ristrutturar tingħata darba waħda biss f'perjodu ta' għaxar snin.

(160) F'dan il-każ, l-għajnuniet Franċiżi u Taljani li bbenefikat minnhom FagorBrandt ma setgħux jikkwalifikaw bħala għajnuniet għas-salvataġġ u r-ristrutturar. Fil-fatt, meta ingħataw dawn l-għajnuniet, fl-2002 u l-2003 rispettivament, FagorBrandt ma kinitx f'diffikultà kif deher fil-premessi (45) sa (56).

(161) B'konsegwenza ta' dan, il-prinċipju ta' għajnuna unika mitlub mil-linji gwida dwar l-għajnuniet għar-ristrutturar kien rispettat.

### 6.9. **Implimentazzjoni kompluta tal-pjan**

(162) Il-pjan għar-ristrutturar ta' FagorBrandt, inklużi l-impenji kollha ta' Franza, għandu jkun eżegwit b'mod sħiħ ([60]). Il-Kumissjoni titlob li tiġi infurmata bl-iżvilupp tal-implimentazzjoni tal-pjan kif ukoll bl-impenji relatati miegħu.

## 7. **KONKLUŻJONI**

(163) L-għajnuna tista' tiġi ddikjarata kompatibbli mas-suq intern jekk il-kundizzjonijiet kollha imposti jkunu sodisfatti.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-għajnuna li Franza qed tippjana li timplimenta favur l-impriża FagorBrandt għal ammont ta' EUR 31 miljun hija kompatibbli mas-suq intern bil-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 2.

*Artikolu 2*

1. L-awtoritajiet Franċiżi għandhom jissospendu l-ħlas tal-għajnuna msemmija fl-Artikolu 1 ta' din id-Deċiżjoni lill-impriża FagorBrandt sakemm ma jsirx l-irkupru minn FagorBrandt tal-għajnuna inkompatibbli msemmija fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/343/KE tas-16 ta' Diċembru 2003 ([61]).

2. Il-pjan għar-ristrutturar ta' FagorBrandt, bħal ma kien ippreżentat lill-Kummissjoni minn Franza fis-6 ta' Awwissu 2007, għandu jiġi eżegwit b'mod sħiħ.

---

([60]) Bħal ma kien indikat qabel, il-pjan għar-ristrutturar beda fl-2004 u l-maġġoranza tal-miżuri għar-ristrutturar diġà kienu implimentati.

([61]) Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-16 ta' Diċembru 2003, dwar l-iskema ta' għajnuniet mill-Istat implimentata minn Franza għall-akkwist ta' impriżi f'diffikultà, ĠU L 108, 16 ta' April 2004, p. 38.

3. Il-kontribut proprju għall-ispejjeż tar-ristrutturar propost minn FagorBrandt ta' EUR 31,5 miljun irid jiżdied bi EUR 3 190 878,02 u l-imgħax fuq dan l-ammont mid-data li fiha l-għajnuna Taljana tpoġġiet għad-dispożizzjoni ta' FagorBrandt fl-21 ta' Ottubru 2008. Din iż-żieda trid isseħħ qabel tmiem il-perjodu tar-ristrutturar tal-impriża stabbilit fil-31 ta' Diċembru 2012. L-awtoritajiet Franċiżi iridu juru prova ta' din iż-żieda fi żmien xahrejn mill-iskadenza fil-31 ta' Diċembru 2012.

4. FagorBrandt twaqqaf il-produzzjoni tal-prodotti tat-tkessiħ, tat-tisjir u tal-ħasil tal-platti tal-marka Vedette għal perjodu ta' tmien snin.

5. Sabiex jiġi żgurat li jkunu sodisfatti l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi 1 sa 4 ta' dan l-Artikolu, Franza tinforma lill-Kummissjoni, permezz ta' rapporti annwali, dwar is-sitwazzjoni tal-iżvilupp tar-ristrutturar ta' FagorBrandt, dwar l-irkupru tal-għajnuna inkompatibbli deskritt fil-paragrafu 1, dwar il-ħlas tal-għajnuna kompatibbli, u dwar l-implimentazzjoni tal-miżuri kompensatorji.

*Artikolu 3*

Franza tinforma lill-Kummissjoni, fi żmien xahrejn mid-data tan-notifika ta' din id-Deċiżjoni, bil-miżuri li ttieħdu sabiex tkun konformi magħha.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Franċiża.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Lulju 2012.

*Għall-Kummissjoni*

Joaquín ALMUNIA

*Viċi President*

# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tad-19 ta’ Diċembru 2012

## dwar l-għajnuna mill-istat SA.20829 (C 26/2010, qabel NN 43/2010 (qabel CP 71/2006)) Is-sistema għall-eżenzjoni mill-ICI għal bini li jintuża minn istituzzjonijiet mhux kummerċjali għal skopijiet speċifiċi li ġiet implimentata mill-Italja

*(notifikata bid-dokument C(2012) 9461)*

**(It-test bit-Taljan biss huwa awtentiku)**

**(Test b’relevanza għaż-ŻEE)**

(2013/284/UE)

Il-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, b’mod partikolari l-Artikolu 108(2), l-ewwel subparagrafu,

Wara li kkunsidrat il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, b’mod partikolari l-Artikolu 62(1)(a),

Wara li sejħet lill-partijiet interessati biex jippreżentaw il-kummenti tagħhom skont id-dispożizzjonijiet ta’ hawn fuq [1] u wara li kkunsidrat il-kummenti tagħhom,

Billi:

### 1. PROĊEDURA

(1) Fl-2006, il-Kummissjoni rċeviet bosta lmenti li essenzjalment irrigwardaw żewġ sistemi, li kienu relatati mal-eżenzjoni mit-taxxa muniċipali u mat-tnaqqis tat-taxxa fuq id-dħul tal-persuni ġuridiċi, jiġifieri:

(a) l-eżenzjoni mit-taxxa muniċipali fuq il-proprjetà immobbli (minn hawn ’il quddiem imsejħa “ICI”) għal proprjetà immobbli li tintuża minn istituzzjonijiet mhux kummerċjali u li hija maħsuba biss għat-twettiq ta’ attivitajiet ta’ għajnuna, ta’ sigurtà soċjali, tas-saħħa, tal-edukazzjoni, tal-akkomodazzjoni, kulturali, rikreattivi, sportivi, kif ukoll attivitajiet relatati mar-reliġjon u qima (Artikolu 7(1)(i) tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 504 tat-30 ta’ Diċembru 1992);

(b) it-tnaqqis bin-nofs tat-taxxa fuq id-dħul tal-persuni ġuridiċi għall-istituzzjonijiet imniżżla fl-Artikolu 6 tad-Digriet Presidenzali Nru 601 tad-29 ta’ Settembru 1973, jiġifieri l-aktar istituzzjonijiet ta’ assistenza soċjali, istituti edukattivi u ta’ riċerka mingħajr skop ta’ qligħ u istituzzjonijiet ta’ karità u edukazzjoni (inkluż istituzzjonijiet ekkleżjastiċi). Din id-dispożizzjoni tinkludi wkoll l-istituti indipendenti għall-akkomodazzjoni soċjali, kif ukoll il-fondazzjonijiet u l-assoċjazzjonijiet li joperaw għal skopijiet kulturali biss.

(2) Wara lmenti li waslu rigward l-eżenzjoni mill-ICI msemmija hawn fuq, fil-5 ta’ Mejju 2006 il-Kummissjoni bagħtet l-ewwel talba għal informazzjoni lill-awtoritajiet Taljani. Fid-dawl tal-informazzjoni pprovduta mill-Italja fis-6 ta’ Ġunju 2006 u wara d-dħul fis-seħħ ta’ emendi għal-leġiżlazzjoni dwar l-ICI, permezz ta’ ittra tat-8 ta’ Awwissu 2006 il-Kummissjoni infurmat lill-ilmentaturi li, fuq il-bażi ta’ analiżi preliminari, ma kien hemm ebda raġuni biex tkompli bl-investigazzjoni.

(3) Madankollu, b’ittra tal-24 ta’ Ottubru 2006, l-ilmentaturi enfasizzaw għal darb’oħra n-nuqqas ta’ konformità tal-eżenzjoni mill-ICI għall-istituzzjonijiet mhux kummerċjali mal-Artikolu 107(1) tat-Trattat. Permezz ta’ ittra tal-14 ta’ Novembru 2006, il-Kummissjoni tenniet lill-ilmentaturi li, skont l-informazzjoni disponibbli, ma kien hemm ebda raġuni biex twettaq aktar investigazzjonijiet dwar din l-eżenzjoni.

(4) F’Jannar u f’Settembru 2007 rispettivament, il-Kummissjoni rċeviet ittri oħra mingħand l-ilmentaturi rigward l-eżenzjoni mill-ICI. Fl-ittra tat-12 ta’ Settembru 2007, l-ilmentaturi ġibdu l-attenzjoni tal-Kummissjoni lejn l-Artikolu 149 tat-Test Uniku dwar it-Taxxa fuq id-Dħul (minn hawn ’il quddiem imsejjaħ “TUTD”), li ġie approvat bid-Digriet tal-President tar-Repubblika Nru 917 tat-22 ta’ Diċembru 1986. Dan l-Artikolu, fil-fehma tagħhom, offra trattament fiskali favorevoli biss lil istituzzjonijiet ekkleżjastiċi u lil assoċjazzjonijiet sportivi mhux professjonali.

(5) Fil-5 ta’ Novembru 2007, il-Kummissjoni talbet lill-awtoritajiet Taljani u lill-ilmentaturi biex jippreżentaw aktar informazzjoni dwar l-allegati dispożizzjonijiet preferenzjali li semmew l-ilmentaturi. L-awtoritajiet Taljani pprovdew l-informazzjoni mitluba permezz ta’ ittri tat-3 ta’ Diċembru 2007 u tat-30 ta’ April 2008. L-ilmentaturi ppreżentaw ukoll informazzjoni addizzjonali permezz ta’ ittra tal-21 ta’ Mejju 2008.

(6) Fl-20 ta’ Ottubru 2008, l-ilmentaturi bagħtu ittra ta’ intimazzjoni (Artikolu 265 tat-Trattat), li fiha talbu lill-Kummissjoni biex tibda l-proċedura ta’ investigazzjoni formali u tadotta deċiżjoni formali dwar l-ilmenti tagħhom.

(1) ĠU C 348 tal-21.12.2010, paġ. 17.

(7) Fl-24 ta' Novembru 2008, il-Kummissjoni baghtet talba ġdida għal informazzjoni lill-awtoritajiet Taljani, li wieġbu b'ittra tat-8 ta' Diċembru 2008.

(8) Permezz ta' ittra tad-19 ta' Diċembru 2008, il-Kummissjoni għarrfet lill-ilmentaturi li, fuq il-bażi ta' analiżi preliminari, huma kkunsidraw li l-miżuri kkontestati ma jidhirx li jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat u li għalhekk ma kienx meħtieġ li titkompla l-investigazzjoni.

(9) Fis-26 ta' Jannar 2009, il-Ministeru tal-Finanzi Taljan ħareġ iċ-ċirkolari 2/DF (minn hawn 'il quddiem imsejħa iċ-"ċirkolari") li tiċċara l-kamp ta' applikazzjoni tal-eżenzjoni mill-ICI għal istituzzjonijiet mhux kummerċjali. Fit-2 ta' Marzu 2009, l-ilmentaturi kitbu lill-Kummissjoni biex jesprimu n-nuqqas ta' sodisfazzjon tagħhom rigward il-leġiżlazzjoni fis-seħħ, u biex jikkritikaw l-imsemmija ċirkolari.

(10) Fil-11 ta' Jannar 2010, permezz ta' ittra elettronika, l-ilmentaturi reġgħu talbu lill-Kummissjoni, anki fid-dawl tal-kontenut taċ-ċirkolari, biex tibda l-proċedura ta' investigazzjoni formali. Wara li ħadet nota taċ-ċirkolari, fil-15 ta' Frar 2010 l-Kummissjoni baghtet ittra lill-ilmentaturi, li fiha tenniet ir-raġunijiet imsemmija fl-ittra tagħha tad-19 ta' Diċembru 2008.

(11) Fis-26 ta' April 2010, żewġ ilmentaturi ressqu rikorsi separati għal annullament quddiem il-Qorti kontra l-ittra tal-Kummissjoni tal-15 ta' Frar 2010 ([2]). Fuq talba tal-applikanti, fit-18 ta' Novembru 2010 il-Qorti ordnat it-tħassir tal-kawża mir-reġistru ([3]).

(12) Permezz tad-deċiżjoni tat-12 ta' Ottubru 2010 (minn hawn 'il quddiem imsejħa id-"id-deċiżjoni ta' ftuħ"), il-Kummissjoni bdiet il-proċedura formali ta' investigazzjoni skont l-Artikolu 108(2) tat-Trattat, fir-rigward tal-eżenzjoni mill-ICI għal proprjetà immobbli li tintuża minn istituzzjonijiet mhux kummerċjali għal skopijiet speċifiċi u b'referenza għall-Artikolu 149(4) tat-TUTD ([4]). Id-deċiżjoni ta' ftuħ, li permezz tagħha l-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati biex jippreżentaw il-kummenti tagħhom, ġiet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([5]) fil-21 ta' Diċembru 2010.

(13) B'ittra tal-10 ta' Novembru 2010, l-awtoritajiet Taljani talbu lill-Kummissjoni kopji tal-ittri mibgħuta lill-ilmentaturi bejn l-2006 u l-2010. L-ittri kienu ntbagħtu lill-Italja fit-2 ta' Diċembru 2010.

(14) Bejn il-21 ta' Jannar 2011 u l-4 ta' April 2011, il-Kummissjoni rċeviet kummenti dwar id-deċiżjoni ta' ftuħ minn 80 parti interessata, li huma mniżżla fl-Anness 1 ta' din id-Deċiżjoni.

(15) B'ittra tat-2 ta' Marzu 2011, il-Kummissjoni rċeviet kummenti mill-Italja rigward id-deċiżjoni tal-ftuħ. Sussegwentement, il-Kummissjoni baghtet il-kummenti tal-partijiet terzi lill-awtoritajiet Taljani, li ppreżentaw il-ħsibijiet tagħhom fl-10 ta' Ġunju 2011.

(16) Fid-19 ta' Lulju 2011 saret laqgħa teknika bejn l-awtoritajiet Taljani u l-Kummissjoni.

(17) B'ittra tal-15 ta' Frar 2012, l-Italja infurmat lill-Kummissjoni bl-intenzjoni tagħha li tadotta liġi ġdida dwar it-taxxa muniċipali fuq il-proprjetà immobbli u ħabbret li, b'effett mill-1 ta' Jannar 2012, l-ICI kienet ġiet sostitwita bit-*Taxxa Muniċipali Unika* (*Imposta Municipale Propria*, minn hawn 'il quddiem imsejħa "TMU").

(18) Wara li l-Italja adottat il-Liġi Nru 27 tal-24 ta' Marzu 2012, li stipulat, fost affarijiet oħra, dispożizzjonijiet ġodda għall-eżenzjoni mit-TMU għal istituzzjonijiet mhux kummerċjali li jwettqu attivitajiet speċifiċi, u b'hekk ipposponiet id-definizzjoni ta' għadd ta' aspetti għal miżura ta' implimentazzjoni suċċessiva, fis-16 ta' Mejju 2012 il-Kummissjoni baghtet talba għal informazzjoni lill-awtoritajiet Taljani.

([2]) Ara l-Kawża T-192/10, *Ferracci vs Il-Kummissjoni* (ĠU C 179 tat-3.7.2010 paġ. 45) u l-Kawża T-193/10, *Scuola Elementare Maria Montessori vs. Il-Kummissjoni* (ĠU C 179 tat-3.7.2010 paġ. 46).

([3]) ĠU C 30 tad-29.1.2011, paġ. 57.

([4]) Fid-deċiżjoni ta' ftuħ, il-Kummissjoni waslet għall-konklużjoni li t-tnaqqis ta' 50% tat-taxxa fuq id-dħul tal-persuni ġuridiċi msemmija fl-Artikolu 6 tad-Digriet Presidenzjali Nru 601/73 jista' jikkostitwixxi għajnuna eżistenti (punt 18) filwaqt li speċifikat li din il-miżura kienet se tiġi ttrattata fi proċedura separata dwar għajnuna eżistenti li nbdiet aktar tard fi Frar 2011. L-entitajiet imsemmija fl-Artikolu 6 tad-Digriet Presidenzjali Nru 601/73 huma: a) istituzzjonijiet u istituti ta' assistenza soċjali, għaqdiet ta' għajnuna reċiproka, sptarijiet, istituzzjonijiet ta' għajnuna u ta' karità; b) istituti edukattivi u istituti ta' studju u esperimentazzjoni ta' interess ġenerali li joperaw mingħajr skop ta' qligħ, korpi xjentifiċi; akkademji, fondazzjonijiet u assoċjazzjonijiet dwar l-istorja, letterarji, xjentifiċi li għandhom biss finijiet relatati mal-kultura; c) istituzzjonijiet li, bil-liġi, l-għanijiet tagħhom jitqiesu bħala li huma l-istess bħal dawk ta' karità jew edukattivi; ca) istituti indipendenti għall-akkomodazzjoni u l-konsorzji tagħhom.

([5]) Ara n-nota nru 1.

(19) Fis-27 ta' Ġunju 2012, il-Kummissjoni rċeviet informazzjoni addizzjonali mill-ilmentaturi, inkluż kummenti dwar ir-regolamenti l-ġodda dwar it-TMU, li fis-6 ta' Lulju 2012 ġew mgħoddija lill-Istat Membru, sabiex dan ikun jista' jesprimi l-opinjoni tiegħu rigward is-suġġett.

(20) B'ittra tal-5 ta' Settembru 2012, l-Italja pprovdiet lill-Kummissjoni l-informazzjoni mitluba, kif ukoll il-ħsibijiet tagħha dwar il-kummenti minn partijiet interessati li kienu ġew mgħoddija fis-6 ta' Lulju 2012.

(21) Sussegwentement, b'ittra tal-21 ta' Novembru 2012, l-awtoritajiet Taljani bagħtu lill-Kummissjoni kopja tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tat-TMU, li ġie adottat fid-19 ta' Novembru 2012.

## 2. DESKRIZZJONI TAL-MIŻURI

### 2.1. Eżenzjoni mit-taxxa muniċipali fuq il-proprjetà immobbli għal istituzzjonijiet mhux kummerċjali

(22) Fl-1992, l-awtoritajiet Taljani introduċew taxxa muniċipali fuq il-proprjetà immobbli (ICI). Kif stabbilit mid-Digriet Leġiżlattiv nru 504 tat-30 ta' Diċembru 1992, l-entitajiet soġġetti għat-taxxa kienu l-persuni fiżiċi u ġuridiċi kollha li għandhom proprjetà immobbli (għal raġunijiet ta' proprjetà, dritt ta' użufrutt, użu, abitazzjoni jew kiri). It-taxxa kellha titħallas kemm minn min kien resident kif ukoll minn min ma kienx resident, irrispettivament mill-użu li kien isir mill-proprjetà, u din kienet tiġi kkalkulata fuq il-bażi tal-valur stmat tal-bini.

(23) Skont l-Artikolu 7(1)(i) tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 504/92, il-bini li jintuża minn istituzzjonijiet mhux kummerċjali maħsub biss għat-twettiq ta' attivitajiet ta' għajnuna, sigurtà soċjali, saħħa, edukazzjoni, akkomodazzjoni, kulturali, rikreattivi u sportivi, kif ukoll ta' reliġjon u qima, kienu eżentati mill-ICI.

(24) Skont l-Artikolu 7(2)(a) tad-Digriet-Liġi Nru 203 tat-30 ta' Settembru 2005 ([6]), l-eżenzjoni msemmija fl-Artikolu 7(1)(i) tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 504/92 kienet applikabbli għall-attivitajiet indikati fl-istess ittra, anki jekk dawn kienu ta' natura kummerċjali. L-Artikolu 39 tad-Digriet-Liġi nru 223 tal-4 ta' Lulju 2006 ([7]) jistipula li l-eżenzjoni għandha tiġi applikata biss sakemm l-attivitajiet inkwistjoni ma jkunux ta' natura kummerċjali biss.

([6]) Traspost bil-Liġi Nru 248 tat-2 ta' Diċembru 2005.
([7]) Traspost bil-Liġi Nru 248 tal-4 ta' Awwissu 2006.

(25) L-awtoritajiet Taljani għamluha ċara li l-eżenzjoni mit-taxxa muniċipali fuq il-proprjetà immobbli msemmija fl-Artikolu 7(1)(i) kellha tapplika biss meta jkun hemm żewġ kundizzjonijiet kumulattivi:

i. il-proprjetà kellha tintuża minn istituzzjonijiet mhux kummerċjali ([8]). Il-liġi tiddefinixxi bħala istituzzjonijiet mhux kummerċjali l-istituzzjonijiet pubbliċi u privati li mhumiex kumpaniji, li m'għandhomx l-eżerċizzju ta' attivitajiet kummerċjali bħala l-għan esklussiv jew ewlieni tagħhom.

ii. il-proprjetà immobbli kellha tintuża biss għat-twettiq tal-attivitajiet imniżżla fl- Artikolu 7(1) (i).

(26) Biċ-ċirkolari 2/DF tas-26 ta' Jannar 2009, l-awtoritajiet Taljani stipulaw liema istituzzjonijiet setgħu jiġu meqjusa bħala li mhumiex ta' natura kummerċjali, kif ukoll il-karatteristiki li kienu meħtieġa li jkollhom l-attivitajiet ta' dawn tal-aħħar biex ikunu jistgħu jibbenefikaw mill-eżenzjoni inkwistjoni.

(27) Iċ-ċirkolari fakkret fil-fatt li l-istituzzjonijiet mhux kummerċjali jistgħu jkunu kemm pubbliċi kif ukoll privati. B'mod aktar preċiż, dawn li ġejjien kienu jitqiesu bħala li huma istituzzjonijiet pubbliċi mhux kummerċjali: l-Istat, ir-reġjuni, il-provinċji, il-muniċipalitajiet, il-kmamar tal-kummerċ, l-impriżi tas-saħħa, l-istituzzjonijiet pubbliċi stabbiliti esklussivament għat-twettiq ta' attivitajiet ta' sigurtà soċjali, ta' għajnuna u tas-saħħa, l-istituzzjonijiet pubbliċi mhux ekonomiċi, l-istituti għas-sigurtà soċjali u l-għajnuna, l-universitajiet u l-istituti ta' riċerka kif ukoll l-impriżi pubbliċi għal servizzi personali (li qabel kienu magħrufa bħala IPAB). Eżempji ta' istituzzjonijiet privati mhux kummerċjali imsemmija fiċ-ċirkolari jinkludu: l-assoċjazzjonijiet, il-fondazzjonijiet u l-kumitati, l-organizzazzjonijiet mhux governattivi (NGOs), l-assoċjazzjonijiet sportivi mhux professjonali, l-organizzazzjonijiet ta' volontarjat, l-istituzzjonijiet li jiksbu l-kwalifika fiskali ta' organizzazzjoni ta' karità u l-istituzzjonijiet ekkleżjastiċi tal-Knisja Kattolika u ta' denominazzjonijiet reliġjużi oħra.

(28) Iċ-ċirkolari indikat ukoll li l-attivitajiet imwettqa fi proprjetajiet immobbli eżenti mill-ICI fil-fatt ma kellhomx ikunu disponibbli fis-suq ([9]) jew li dawn kellhom jitwettqu biex iwieġbu għal ħtiġijiet li huma soċjalment rilevanti u li mhux dejjem kienu jiġu ssodisfati minn entitajiet pubbliċi jew minn negozji privati.

([8]) Aktar preċiżament, l-Artikolu 7(1)(i) tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 504/92 jirreferi għall-entitajiet imsemmija fl-Artikolu 87 [li sar l-Artikolu 73](1) (c), tad-Digriet Presidenzjali Nru 917/86. Id-definizzjoni ta' entitajiet mhux kummerċjali tinsab f'din id-dispożizzjoni tal-aħħar.
([9]) Ara ċ-ċirkolari, punt 5.

(29) Iċ-ċirkolari kienet tinkludi wkoll sensiela ta' kriterji għall kull waħda mill-attivitajiet imniżżla fl-Artikolu 7(1) (i), li permezz tagħhom seta' jiġi stabbilit meta kull waħda minnhom kellha titqies bħala ta' natura mhux purament kummerċjali [10].

(30) B'effett mill-1 ta' Jannar 2012, l-ICI ġiet sostitwita mit-TMU. Fl-2012 ġew mibdula wkoll id-dispożizzjonijiet dwar it-taxxa muniċipali fuq il-proprjetà immobbli għal istituzzjonijiet mhux kummerċjali, kif deskritt fit-taqsima 5.

2.2 **L-Artikolu 149 tat-Testu Uniku dwar it-Taxxa fuq id-Dħul**

(31) L-Artikolu 149 jinsab fit-Titolu II, Kapitolu III tat-Test Uniku dwar it-Taxxa fuq id-Dħul (TUTD). It-Titolu II jinkludi dispożizzjonijiet relatati mat-taxxa fuq id-dħul tal-kumpaniji u l-Kapitolu III jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet tat-taxxa applikabbli għal istituzzjonijiet mhux kummerċjali, bħal regoli għall-kalkolu tal-bażi tat-taxxa u għat-tassazzjoni tagħhom [11]. L-Artikolu 149 jiddefinixxi l-kondizzjonijiet li jistgħu jwasslu għat-telf tal-"kwalifika ta' istituzzjoni mhux kummerċjali".

(32) B'mod partikolari, l-Artikolu 149(1) tat-TUTD jistabbilixi li istituzzjoni mhux kummerċjali titlef dan l-istatus jekk tkun twettaq prinċipalment attivitajiet kummerċjali għal sena fiskali sħiħa.

(33) L-Artikolu 149(2) tat-TUTD jiddefinixxi "kwalifika kummerċjali" ta' istituzzjoni f'termini ta', pereżempju, prevalenza ta' dħul minn attivitajiet kummerċjali fir-rigward ta' dħul istituzzjonali kif ukoll f'termini ta' prevalenza ta' assi fissi marbutin mal-attività kummerċjali meta mqabbel mal-attivitajiet l-oħra [12]. Il-forma ġuridika magħżula mill-istituzzjonijiet inkwistjoni bl-ebda mod ma taffettwa t-telf ta' "kwalifika ta' istituzzjoni mhux kummerċjali".

(34) L-Artikolu 149(4) tat-TUTD jistabbilixxi li d-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq (jiġifieri l-Artikolu 149(1) u (2)) ma għandhomx japplikaw għal istituzzjonijiet ekkleżjastiċi rikonoxxuti bħala persuni ġuridiċi fil-kuntest ċivili u għal assoċjazzjonijiet sportivi mhux professjonali.

3. **RAĠUNIJIET GĦALL-FTUĦ TAL-PROĊEDURA TA' INVESTIGAZZJONI FORMALI**

(35) Il-Kummissjoni bdiet il-proċedura ta' investigazzjoni formali fir-rigward tal-eżenzjoni mit-taxxa muniċipali fuq il-proprjetà immobbli (eżenzjoni mill-ICI) għal proprjetà immobbli li tintuża minn istituzzjonijiet mhux kummerċjali għal skopijiet speċifiċi, billi l-miżura dehret li tissodisfa l-kundizzjonijiet meħtieġa sabiex titqies bħala għajnuna mill-Istat skont l-Artikolu 107(1) tat-Trattat. Bl-istess mod, il-Kummissjoni bdiet il-proċedura ta' investigazzjoni formali fir-rigward tal-Artikolu 149(4) tat-TUTD, li jistipula li r-regoli li jirregolaw it-telf tal-kwalifika ta' istituzzjoni mhux kummerċjali ma għandhomx japplikaw għal istituzzjonijiet ekkleżjastiċi u għal assoċjazzjonijiet sportivi mhux professjonali.

(36) Sabiex jiġi stabbilit jekk il-miżuri inkwistjoni kenux selettivi, skont il-każistika konsolidata [13], il-Kummissjoni l-ewwel identifikat, għal kull miżura, is-sistema fiskali ta' referenza, u wara wettqet valutazzjoni dwar jekk il-miżura kenitx tikkostitwixxi eżenzjoni minn din is-sistema u, jekk iva, jekk din l-eżenzjoni kenitx ġustifikata min-natura u mill-istruttura ġenerali tas-sistema tat-taxxa.

[10] Pereżempju, kif diġà indikat fid-deċiżjoni ta' ftuħ, fis-setturi tal-attivitajiet tas-saħħa u dawk soċjali, iċ-ċirkolari teħtieġ ftehim mal-awtoritajiet pubbliċi. Rigward attivitajiet edukattivi, iċ-ċirkolari min-naħa waħda jidher li titlob li jkun hemm konformità mal-prinċipji bażiċi obbligatorji sabiex jiġi żgurat li l-attività li titwettaq tkun ugwali fir-rigward ta' dik tal-Istat, u min-naħa l-oħra teħtieġ li kull ammont żejjed jerġa' jiġi investit mill-ġdid fl-attività ta' tagħlim stess. Fir-rigward tas-swali taċ-ċinema, iċ-ċirkolari tidher li teħtieġ li l-operaturi li jixtiequ jibbenefikaw mill-eżenzjoni għandhom joperaw biss f'setturi tas-suq partikolari (films magħrufa ta' interess kulturali, films li jkun inħarġilhom iċ-ċertifikat ta' kwalità, films għat-tfal). Bl-istess mod, fir-rigward tal-faċilitajiet ta' akkomodazzjoni b'mod ġenerali, il-faċilitajiet li jixtiequ li jibbenefikaw mill-eżenzjoni għandhom japplikaw prezzijiet iktar baxxi minn dawk tas-suq, u ma għandhomx joperaw bħala lukandi normali.

[11] Ara l-Artikolu 143 u l-artikoli ta' wara tat-TUTD. F'termini ġenerali, id-dħul totali tal-istituzzjonijiet mhux kummerċjali huwa magħmul minn dħul mill-artijiet, minn kapital ta' negozju u oħrajn (Artikolu 143 tat-TUTD). L-istituzzjonijiet mhux kummerċjali jistgħu jagħżlu sistemi simplifikati biex jiddeterminaw id-dħul, sakemm jiġu ssodisfati ċerti kundizzjonijiet (Artikolu 145 tat-TUTD).

[12] L-elementi li jistgħu jintużaw għall-finijiet tal-valutazzjoni skont l-Artikolu 149(2) tat-TUTD huma: il-prevalenza ta' assi fissi marbuta mal-attivitajiet kummerċjali meta mqabbla mal-attivitajiet l-oħra, il-prevalenza tad-dħul minn attivitajiet kummerċjali meta mqabbel mal-valur normali tal-kapital jew tal-benefiċċji relatati mal-attivitajiet istituzzjonali, il-prevalenza ta' dħul minn attivitajiet kummerċjali meta mqabbel mad-dħul istituzzjonali (jiġifieri għotjiet, sussidji, donazzjonijiet u miżati ta' shubija).

[13] Ara l-Kawża C-88/03, *Il-Portugall vs. Il-Kummissjoni* (Ġabra 2006, paġ. I-7115, punt 56, u l-Kawża C-487/06 P *British Aggregates* (Ġabra 2008, paġ. I-10505, punti 81 sa 83).

(37) Rigward l-eżenzjoni mill-ICI, il-Kummissjoni kkonkludiet li s-sistema ta' referenza għall-valutazzjoni tal-miżura inkwistjoni kienet l-ICI stess. Minħabba li kienet toffri eżenzjoni lil istituzzjonijiet mhux kummerċjali li kienu jużaw proprjetajiet immobbli għal attivitajiet speċifiċi, li wħud minnhom kienu jitqiesu bħala li huma ekonomiċi, il-miżura inkwistjoni kienet tikkostitwixxi eżenzjoni mis-sistema ta' referenza (li tistabbilixxi li kull persuna ġuridika fil-pussess ta' proprjetà immobbli għandha tħallas it-taxxa muniċipali, irrispettivament mill-użu li kient tagħmel minnha). L-għoti ta' eżenzjoni biss lil entitajiet mhux kummerċjali li kienu jwettqu attivitajiet definiti ta' valur soċjali ma ġiex meqjus bħala li hu ġustifikat min-natura u mill-istruttura ġenerali tas-sistema Taljana fir-rigward tat-taxxa fuq il-proprjetà immobbli.

(38) Fir-rigward tal-Artikolu 149(4) tat-TUTD, il-Kummissjoni identifikat is-sistema ta' referenza fit-taxxa fuq id-dħul. Il-Kummissjoni kkonkludiet li l-miżura kienet, *prima facie*, selettiva, peress li dehret li tagħti l-opportunità, lill-istituzzjonijiet ekkleżjastiċi u lill-assoċjazzjonijiet sportivi mhux professjonali biss, li jżommu l-istatus ta' istituzzjoni mhux kummerċjali, anki jekk dawn ma jkunux għadhom meqjusa bħala istituzzjonijiet mhux kummerċjali. Miżura bħal din ma tistax tiġi ġġustifikata fuq il-bażi tal-prinċipji tas-sistema fiskali Taljana.

(39) L-awtoritajiet Taljani ma pprovdewx informazzjoni li turi li l-miżuri inkwistjoni setgħu jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-każistika *Altmark* [14]. Peress li deher li ġew issodisfati l-kriterji l-oħra kollha msemmija fl-Artikolu 107(1) tat-Trattat, il-miżuri dehru li jinvolvu għajnuna mill-Istat.

(40) Fir-rigward tal-kompatibbiltà, ma kienx jidher li d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 107(2) tat-Trattat kienu japplikaw għal dawn il-miżuri. Barra minn hekk, anki l-eċċezzjonijiet previsti fl-Artikolu 107(3) dehru li ma japplikawx, mingħajr ħsara għall-Artikolu 107(3)(d), dwar il-promozzjoni tal-kultura u l-konservazzjoni tal-wirt. Fil-fatt, il-Kummissjoni kkunsidrat li, b'referenza għall-eżenzjoni mill-ICI, din l-eċċezzjoni setgħet tapplika għal istituzzjonijiet mhux kummerċjali li jwettqu attivitajiet speċifiċi fl-oqsma tal-edukazzjoni, tal-kultura u tad-divertiment biss. Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni ma eskludietx li xi attivitajiet jistgħu jiġu kklassifikati bħala servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali skont l-Artikolu 106(2) tat-Trattat. Madankollu, l-awtoritajiet Taljani ma pprovdew l-ebda informazzjoni li setgħet tippermetti li ssir valutazzjoni tal-kompatibbiltà tal-miżuri kkonċernati mas-suq intern.

(41) Bħala riżultat ta' dan, il-Kummissjoni kellha dubji dwar il-kompatibbiltà tal-miżuri mas-suq intern u, skont l-Artikolu 4(4) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999 tat-22 ta' Marzu 1999 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 93 tat-Trattat tal-KE [15], iddeċiediet li tibda l-proċedura ta' investigazzjoni formali, u titlob lill-Italja u lill-partijiet interessati l-oħra sabiex jippreżentaw il-kummenti tagħhom.

(42) Skont il-Kummissjoni, kemm l-eżenzjoni mill-ICI, kif ukoll l-Artikolu 149(4) tat-TUTD setgħu jiġu klassifikati bħala għajnuna ġdida. L-ICI, li tiġi imposta fuq bażi annwali, fil-fatt kienet ġiet introdotta fl-1992 u l-eżenzjoni fiskali kkonċernata ma kenitx ġiet innotifikata lill-Kummissjoni u approvata mill-Kummissjoni. L-eżenzjoni kienet tapplika għal firxa wiesgħa ta' attivitajiet li ma kenux magħluqa għall-kompetizzjoni meta kienet ġiet introdotta l-ICI. Għalhekk, kwalunkwe eżenzjoni mid-dispożizzjonijiet normali ta' din it-taxxa bilfors kellha titqies bħala għajnuna ġdida, sal-punt fejn dehru rilevanti l-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 107(1) 1 tat-Trattat. Bl-istess mod, l-Artikolu 149 tat-TUTD [16] ġie introdott fl-1998 u lanqas dan ma ġie notifikat lill-Kummissjoni jew approvat mill-Kummissjoni. Għal din ir-raġuni, l-eżenzjoni prevista minn din il-miżura għandha tiġi klassifikata bħala għajnuna ġdida, sal-punt sa fejn jidher li qed jiġu ssodisfati l-kondizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 107(1) tat-Trattat.

## 4. OSSERVAZZJONIJIET TAL-AWTORITAJIET TALJANI U TAL-PARTIJIET INTERESSATI

(43) Skont l-Artikolu 20(2) tar-Regolament (KE) 659/1999 u bi tweġiba għall-pubblikazzjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea [17], il-Kummissjoni rċeviet kummenti mill-awtoritajiet Taljani u minn 80 parti interessata.

(44) Fil-qosor, skont l-awtoritajiet Taljani, l-istituzzjonijiet li bbenefikaw mill-ICI ma kenux "impriżi" skont it-tifsira tal-liġi tal-UE. Fi kwalunkwe każ, l-attivitajiet ta' dawn l-istituzzjonijiet kellhom rwol pubbliku u soċjali importanti. Għalhekk, kien konformi man-natura u l-loġika tas-sistema fiskali li jiġi previst trattament fiskali differenzjat għal attivitajiet purament ekonomiċi, min-naħa waħda, u għal attivitajiet bħal attivitajiet ta' assistenza soċjali, karità, solidarjetà u reliġjużi, min-naħa l-oħra. L-awtoritajiet

(14) Ara l-Kawża C-280/00, *Altmark Trans u Regierungspräsidium Magdeburg* (Ġabra 2003, paġ. I-7747).

(15) ĠU C 83 tas-27.03.2011, paġ. 1.

(16) L-Artikolu 111a ta' qabel tat-TUTD.

(17) Ara n-nota nru 1.

Taljani oġġezzjonaw ukoll għall-klassifikazzjoni tal-ICI bħala għajnuna ġdida, u ddikjaraw li din il-miżura għandha tiġi vvalutata fid-dawl tar-relazzjoni mill-qrib tagħha ta' kontinwità mat-taxxi ta' qabel fuq il-proprjetà (li kienu diġà fis-seħħ qabel id-dħul fis-seħħ tat-Trattat KEE). Barra minn hekk, fuq il-bażi tal-ittri amministrattivi ta' rifjut mibgħuta lill-ilmentaturi, il-miżura kellha titqies bħala approvata mill-Kummissjoni. Madankollu, il-Kummissjoni ħolqot aspettattivi leġittimi fost il-benefiċjarji tal-miżura, minħabba risposta tagħha għal mistoqsija bil-miktub tal-Parlament u, kif diġà ġie indikat, billi kkomunikat il-pożizzjoni tagħha lill-ilmentaturi, li dwarha kienu ġew mgħarrfa fuq bażi informali anki l-awtoritajiet Taljani.

(45) Fir-rigward tal-Artikolu 149(4) tat-TUTD, minkejja dak li jissuġġerixxu l-kliem tad-dispożizzjoni, l-awtoritajiet Taljani jsostnu li l-istituzzjonijiet ekkleżjastiċi u l-assoċjazzjonijiet sportivi mhux professjonali jistgħu jitilfu l-kwalifika ta' istituzzjoni mhux kummerċjali. F'dan il-każ, dawn l-istituzzjonijiet ma jibqgħux jibbenefikaw minn eżenzjonijiet mit-taxxa.

(46) Mit-80 parti interessata, 78 (minn hawn 'il quddiem imsejħa "it-78 parti interessata") jaqblu mal-pożizzjoni tal-awtoritajiet Taljani filwaqt li tnejn minnhom, li kienu fost l-ilemntaturi oriġinali (minn hawn 'il quddiem imsejħa "iż-żewġ partijiet interessati" jew "l-ilmentaturi"), jemmnu li l-ICI u l-Artikolu 149(4) tat-TUTD jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat li hija illegali u inkompatibbli mas-suq intern. Għalhekk, l-argumenti tat-78 parti interessata se jiġu ppreżentati flimkien mal-pożizzjoni tal-awtoritajiet Taljani, filwaqt li r-raġunijiet tal-ilmentaturi se jiġu ttrattati b'mod separat.

## 4.1. **Osservazzjonijiet tal-awtoritajiet Taljani u tas-78 parti interessata**

### 4.1.1. *ICI: l-attivitajiet speċifiċi mwettqa minn istituzzjonijiet mhux kummerċjali ma jistgħux jitqiesu bħala attivitajiet ekonomiċi*

(47) L-awtoritajiet Taljani u s-78 parti interessata l-ewwel nett isostnu li l-attivitajiet speċifiċi mwettqa minn istituzzjonijiet mhux kummerċjali li huma eżenti mill-ICI ma jistgħux jitqiesu bħala attivitajiet ekonomiċi, minħabba li dawn l-attivitajiet, li huma maħsuba prinċipalment għal kategoriji speċifiċi ħafna ta' utenti, ma jikkostitwixxux offerta ta' oġġetti jew servizzi fis-suq u għalhekk mhumiex f'kompetizzjoni ma' attivitajiet imwettqa minn impriżi kummerċjali. Dawn l-istituzzjonijiet mhux kummerċjali, li joperaw f'setturi ta' utilità pubblika, b'hekk ma jistgħux jitqiesu bħala impriżi, u dan huwa prerekwiżit għall-applikazzjoni tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat.

(48) Skont l-awtoritajiet Taljani u wħud mit-78 parti interessata, f'ħafna mill-każijiet dawn l-attivitajiet huma attivitajiet b'karatteristiki speċifiċi, bħalma huma l-attivitajiet ta' interess soċjali jew ta' solidarjetà, l-attivitajiet li jsiru mingħajr ħlas u l-attivitajiet li jsiru bi ħlas imnaqqas. Fid-dawl tal-karatteristiki msemmija hawn fuq u tal-għanijiet speċifiċi tal-istituzzjonijiet mhux kummerċjali inkwistjoni, mhuwiex possibbli li istituzzjonijiet bħal dawn jitqiesu bħala negozji.

### 4.1.2. *ICI: il-miżura hija ġustifikata mil-loġika tas-sistema fiskali Taljana*

(49) L-awtoritajiet Taljani u t-78 parti interessata huma tal-fehma li l-eżenzjoni mill-ICI bl-ebda mod ma tikkostitwixxi eżenzjoni mis-sistema tat-taxxa fl-intier tagħha, u li din tirrappreżenta sempliċiment l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' gwida ta' din is-sistema.

(50) It-trattament fiskali differenzjat bejn l-attivitajiet ekonomiċi u għal skopijiet ta' qligħ min-naħa waħda, u l-attivitajiet ta' għajnuna, ta' karità u reliġjużi mwettqa minn istituzzjonijiet għal skopijiet speċifiċi [18], min-naħa l-oħra, fil-fatt huwa konsistenti mal-loġika tas-sistema fiskali Taljana. It-tieni tip ta' attivitajiet huwa bbażat fuq il-prinċipju ta' solidarjetà, li huwa prinċipju fundamentali tal-liġi nazzjonali u tal-Unjoni. Billi jimplimenta differenzazzjoni bħal dan, il-leġiżlatur ikun qiegħed biss iqis is-sitwazzjoni ġuridika u fattwali differenti tal-istituzzjonijiet li jwettqu l-attivitajiet ta' utilità pubblika msemmija hawn ta' valur soċjali għoli.

(51) Ikun f'idejn l-Istat Membru li jiddefinixxi l-attivitajiet ta' utilità pubblika. L-uniku limitu għall-azzjoni tal-Istat Membru huwa rrappreżentat mill-fatt li t-trattament fiskali għandu jkun konsistenti. Fi kliem ieħor, kull trattament fiskali differenzjat għandu jkun konsistenti mal-loġika tas-sistema fiskali kollha kemm hi u għandha tiġi stabbilita wkoll sistema xierqa ta' kontrolli. Fil-każ tal-eżenzjoni mill-ICI, iż-żewġ kundizzjonijiet qed jiġu ssodisfati.

[18] Barra minn hekk, l-istituzzjonijiet inkwistjoni joperaw prinċipalment f'kamp ta' applikazzjoni territorjali limitat (f'livell lokali) u l-attivitajiet huma maħsuba għal kategoriji speċifiċi ta' utenti/benefiċjarji.

(52) Il-loġika għall-eżenzjoni mill-ICI hija bbażata fuq l-Artikoli 2 u 3 tal-Kostituzzjoni Taljana, li jeħtieġu t-twettiq tad-dmirijiet ta' solidarjetà politika, ekonomika u soċjali għaċ-ċittadini, u fuq l-Artikolu 38 tagħha, li jistabbilixxi d-dritt li persuni nieqsa mill-mezzi meħtieġa għas-sussistenza jingħataw għajnuna soċjali. Għandu jiġi nnotat ukoll li l-istituzzjonijiet mhux kummerċjali jaħdmu flimkien mal-Istat biex iwettqu kompiti speċifiċi ta' rilevanza soċjali. L-Istat minn dejjem irrikonoxxa r-rwol partikolari li jaqdu dawn l-istituzzjonijiet, u minn dejjem kien konxju dwar il-fatt li ma kienx se jkun kapaċi jipprovdi servizzi ta' għajnuna, tas-saħħa, kulturali, edukattivi u sportivi waħdu.

(53) L-awtoritajiet Taljani kkonfermaw il-kontenut taċ-ċirkolari, jiġifieri li biex jibbenefikaw mill-eżenzjoni mill-ICI kellhom jagħmlu użu miż-żewġ kundizzjonijiet kumulattivi msemmija fil-paragrafu (22) (rekwiżit soġġettiv u oġġettiv).

(54) Fir-rigward tar-rekwiżit ta' natura soġġettiva (li istituzzjoni tkun istituzzjoni mhux kummerċjali), u b'mod aktar speċifiku l-istituzzjonijiet reliġjużi, l-awtoritajiet Taljani indikaw li l-kategorija tal-istituzzjonijiet mhux kummerċjali tinkludi istituti ekkleżjastiċi rikonoxxuti bħala persuni ġuridiċi rregolati mil-liġi ċivili, sew jekk huma parti mill-Knisja Kattolika kif ukoll jekk ikunu parti minn denominazzjonijiet reliġjużi oħra ([19]).

(55) Fir-rigward tar-rekwiżit ta' natura oġġettiva (it-twettiq ta' kwalunkwe waħda mill-attivitajiet mniżżla fir-regolament), l-awtoritajiet Taljani indikaw li l-Qorti Suprema ddeċidiet ripetutament li, għal finijiet ta' eżenzjoni mill-ICI, huwa essenzjali li tqis l-attività li fil-fatt tkun qed titwettaq fil-proprjetà immobbli. Għandu jiġi żgurat li din l-attività, filwaqt li tkun fost dawk indikati bħala eżenti, fil-prattika ma titwettaqx fl-istess mod ta' attività kummerċjali ([20]). Barra minn hekk, kif diġà ġie stabbilit mill-Kunsill tal-Istat ([21]), fil-każ ta' proprjetà immobbli shiha maħsuba biss b'mod parzjali, għalkemm b'mod prevalenti, għall-iskopijiet previsti mil-liġi, in-natura restrittiva tal-eżenzjoni mit-taxxa xorta tipprevjeni l-attribuzzjoni tal-eżenzjoni għall-proprjetà kollha.

### 4.1.3. *Kwalifikazzjoni tal-miżura bħala għajnuna eżistenti*

(56) Skont l-awtoritajiet Taljani, l-ICI tirrappreżenta l-evoluzzjoni naturali tal-liġi tat-taxxa ta' qabel fuq il-proprjetà, li magħhom żammet relazzjoni mill-qrib ta' kontinwità, formali u sostantiva. L-eżenzjoni ta' proprjetà immobbli li tintuża għal attivitajiet speċifiċi ta' valur soċjali għoli dejjem kienet element ċentrali tal-leġiżlazzjoni kollha dwar il-proprjetà immobbli sa mill-1931, ferm qabel id-dħul fis-seħħ tat-Trattat KEE.

(57) Barra minn hekk, l-awtoritajiet Taljani u s-78 parti interessata jqisu li, fuq il-bażi tal-ittri ta' rifjut mibgħuta lill-ilmentaturi, li dwarhom l-Italja kienet ġiet innotifikata, l-eżenzjoni mill-ICI kienet ġiet approvata mill-Kummissjoni.

(58) Għar-raġunijiet imsemmija hawn fuq, jekk titqies bħala għajnuna, l-eżenzjoni mill-ICI għandha titqies bħala għajnuna eżistenti.

### 4.1.4. *Kompatibilità*

(59) L-awtoritajiet Taljani ddeċidew li ma jippreżentaw ebda kummenti dwar il-kompatibilità possibbli tal-miżuri skont l-Artikolu 107(2) u l-Artikolu 107(3) tat-Trattat, u dwar il-klassifikazzjoni possibbli tagħhom bħala servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali skont l-Artikolu 106(2) tat-Trattat u skont il-każistika *Altmark*.

(60) Uħud mis-78 parti interessata isostnu li l-eżenzjoni mill-ICI hija kompatibbli mal-Artikolu 106(2) u mal-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat, peress li l-miżura hija meħtieġa sabiex jitwettqu attivitajiet soċjalment utli bbażati fuq il-prinċipju ta' solidarjetà. Barra minn hekk, l-eżenzjoni ma twassalx għal distorsjoni sinifikanti tal-kompetizzjoni u ma għandhiex effett sinifikanti fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri.

### 4.1.5. *Aspettattivi leġittimi*

(61) L-awtoritajiet Taljani jsostnu li r-risposti mogħtija mill-Kummissjoni lill-ilmentaturi rigward l-eżenzjoni mill-ICI, u li dwarhom l-Italja kienet mgħarrfa b'mod informali, wasslu biex l-istituzzjonijiet mhux kummerċjali jkollhom aspettattivi leġittimi fir-rigward tal-kompatibbiltà tal-eżenzjoni mill-ICI mal-liġijiet tal-UE.

(62) Barra minn hekk, anki t-tweġiba mogħtija mill-Kummissjoni fl-2009 għal mistoqsija bil-miktub tal-Parlament dwar it-trattament fiskali ta' istituzzjonijiet mhux kummerċjali kienet wasslet għal aspettattivi leġittimi ([22]).

([19]) Għall-kulti kollha ammessi fl-Istat, inkluż il-Knisja Kattolika, il-liġi tgħid li, għall-finijiet ta' taxxa, l-għan ta' qima huwa ekwivalenti għal dak tal-karità u tal-edukazzjoni.

([20]) Ara s-sentenzi nru 20776 tas-26 ta' Ottubru 2005, nru 23703 tal-15 ta' Novembru 2007, nru 5485 tad-29 ta' Frar 2008 u nru 19731 tas-17 ta' Settembru 2010. Ara wkoll is-sentenza nru 8495 tad-9 ta' April 2010.

([21]) Ara l-Opinjoni Nru 266 tat-18 ta' Ġunju 1996.

([22]) Mistoqsija bil-miktub E-177/2009 (ĠU C 189 tat-13.7.2010).

(63) Dan jimplika li, jekk il-Kummissjoni kellha tqis il-miżura bħala għajnuna illegali u mhux kompatibbli, mingħajr ma taċċetta l-kwalifika ta' għajnuna eżistenti, din ma għandhiex tipprovdi għall-irkupru, skont l-Artikolu 14(1) 1 tar-Regolament (KE) Nru 659/1999.

(64) Skont uħud mill-partijiet interessati, fi kwalunkwe każ l-irkupru ma għandux jiġi pprovdut fir-rigward tal-Artikolu 149(4) tat-TUTD, minħabba li jkun pjuttost diffiċli li ssir kwantifikazzjoni tal-vantaġġ ipotetiku, u din teħtieġ sforz sproporzjonat min-naħa tal-awtoritajiet nazzjonali.

4.1.6. *L-Artikolu 149 tat-TUTD*

(65) Fil-kummenti tagħhom, l-awtoritajiet Taljani pprovdew deskrizzjoni dettaljata tar-regoli speċifiċi dwar it-tassazzjoni applikabbli għal istituzzjonijiet mhux kummerċjali, inkluż l-istituzzijonijiet ekkleżjastiċi u l-assoċjazzjonijiet sportivi mhux professjonali. L-awtoritajiet Taljani jenfasizzaw li t-tieni paragrafu tal-Artikolu 149 tat-TUTD jipprovdi lista mhux eżawrjenti ta' parametri li jistgħu jintużaw ([23]) biex istituzzjoni tikkwalifika bħala istituzzjoni kummerċjali. Is-sodisfazzjoni ta' wieħed jew aktar minn dawn ir-rekwiżiti ma jfissirx li l-istituzzjoni mhux kummerċjali titlef il-kwalifika tagħha b'mod awtomatiku, minħabba li dawn il-parametri ma jistgħux jiġu kkunsidrati bħala preżunzjonijiet legali. Il-fatt li dawn ir-rekwiżiti huma ssodisfati huwa indikazzjoni sempliċi tan-natura possibbilment primarjament kummerċjali tal-attivitajiet imwettqa mill-istituzzjoni kkonċernata.

(66) Kif indikat fiċ-Ċirkolari Nru 124/E tad-Dipartiment tat-Taxxi Interni tat-12 ta' Mejju 1998, l-istituzzjonijiet ekkleżjastiċi rikonoxxuti bħala persuni ġuridiċi rregolati mil-liġi ċivili jistgħu jitqiesu bħala istituzzjonijiet mhux kummerċjali biss jekk l-iskop waħdieni jew prinċipali taxxogħol tagħhom ikun wieħed ta' natura mhux kummerċjali.

(67) Għalhekk, skont l-Italja, l-Artikolu 149(4) tat-TUTD sempliċiment jeskludi l-applikazzjoni tal-parametri speċifiċi ta' żmien u kummerċjabilità definiti fl-ewwel u t-tieni paragrafu tal-Artikolu 149 ([24]). L-Artikolu 149(4) tat-TUTD ma jeskludix il-possibbiltà li l-istituzzjonijiet ekkleżjastiċi jitilfu l-kwalifika ta' istituzzjonijiet mhux kummerċjali. Madankollu, skont xi wħud mit-78 parti interessata, miżura bħal din ma tinvolvix trasferiment ta' riżorsi pubbliċi u ma tagħti ebda vantaġġ.

([23]) Ara n-Nota Nru 12.

([24]) Ara l-punt ta' qabel 2.2, u dawk ta' wara.

(68) L-awtoritajiet Taljani spjegaw li l-miżura hija mmirata lejn il-preservazzjoni tal-ġuriżdizzjoni esklussiva tal-CONI (il-Kumitat Olimpiku Nazzjonali Taljan) fir-rigward tal-assoċjazzjonijiet sportivi mhux professjonali u tal-Ministeru tal-Intern rigward l-għoti u r-revoka tal-istatus ta' persuna ġuridika tal-liġi ċivili lil istituzzjonijiet ekkleżjastiċi ([25]). Huwa mifhum li jekk, waqt verifika, l-awtoritajiet fiskali josservaw li l-attivitajiet li jkunu qed iwettqu dawn l-istituzzjonijiet ikunu l-aktar ta' natura kummerċjali, dawn għandhom jinnotifikaw minnufih lill-Ministeru tal-Intern jew lill-CONI. Min-naħa tagħhom, l-awtoritajiet tat-taxxa għandhom jirkupraw id-differenza mill-istituzzjoni kkonċernata f'taxxi.

(69) L-awtoritajiet Taljani kkonfermaw li saru verifiki kemm fir-rigward tal-istituzzjonijiet ekkleżjastiċi, kif ukoll fir-rigward tal-assoċjazzjonijiet sportivi mhux professjonali. Fir-rigward, b'mod speċifiku, tal-istituzzjonijiet ekkleżjastiċi, il-Ministeru tal-Intern wettaq ukoll il-kontrolli tal-kompetenza tiegħu, u ma identifika ebda tip ta' abbuż.

4.2. **Osservazzjonijiet taż-żewġ partijiet interessati**

(70) Fil-kummenti tagħhom, iż-żewġ partijiet interessati ([26]) jirreferu għad-dokumenti u l-kummenti kollha li diġà kienu ġew mgħoddija lill-Kummissjoni matul il-proċedura amministrattiva qabel id-deċiżjoni ta' ftuħ. Fil-fehma tagħhom, dawn id-dokumenti juru li fir-realtà l-istituzzjonijiet ekkleżjastiċi jwettqu attivitajiet ekonomiċi.

(71) Fir-rigward tal-eżenzjoni mill-ICI, iż-żewġ partijiet interessati juru li l-Italja adottat il-miżura kkontestata fl-2005. Wara d-dħul fis-seħħ tad-Digriet-Liġi Nru 203/2005, l-eżenzjoni mill-ICI kienet tapplika għal istituzzjonijiet mhux kummerċjali li kienu jwettqu l-attivitajiet speċifikati mil-liġi, anki jekk ta' natura kummerċjali ([27]). Wara numru ta' emendi għal-Liġi dwar l-ICI li saru fl-2006, l-eżenzjoni tal-ICI saret applikabbli għall-istess attivitajiet, bil-kundizzjoni li dawn ma kenux ta' natura purament kummerċjali ([28]). L-emenda tal-2006 ma ħassritx in-natura ta' għajnuna mill-Istat tal-miżura inkwistjoni.

([25]) Dan jiżgura wkoll li jiġu rrispettati l-ftehimiet internazzjonali li ġew konklużi bejn l-Italja u s-Santa Sede rigward l-istituzzjonijiet ekkleżjastiċi.

([26]) Mill-ilmentaturi oriġinali, Pietro Ferracci u l-iScuola Elementare Maria Montessori s.r.l. biss ippreżentaw kummenti dwar il-deċiżjoni ta' ftuħ.

([27]) Digriet-Liġi Nru 203/2005 traspost bil-Liġi Nru 248 tat-2 ta' Diċembru 2005.

([28]) Digriet-Liġi Nru 223/2006 traspost bil-Liġi Nru 248 tal-4 ta' Awwissu 2006.

(72) Iċ-ċirkolari stess tat vantaġġ selettiv lill-istituzzjonijiet li fil-fatt għandhom jitqiesu bħala impriżi. Fil-fatt, f'ħafna każijiet relatati mal-attivitajiet deskritti fiċ-ċirkolari, il-possibbiltà li tingħata l-eżenzjoni mill-ICI kienet tiddependi biss fuq il-kundizzjoni li l-istituzzjoni ma tagħmilx qligħ. Madankollu, skont il-prinċipji definiti fil-każistika tal-Unjoni, il-fatt li istituzzjoni ma jkollhiex skopijiet ta' qligħ huwa irrilevanti għall-iskopijiet relatati mal-applikazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat. B'hekk, iċ-ċirkolari ma solvietx il-kwistjonijiet li jikkonċernaw l-għajnuna mill-Istat fir-rigward tal-eżenzjoni mill-ICI, peress li din l-eżenzjoni kompliet tiġi applikata għal istituzzjonijiet mhux kummerċjali li jwettqu attività ekonomika, iżda mhux għal istituzzjonijiet li, filwaqt li wettqu l-istess attività, kellhom skop li jagħmlu qligħ.

(73) Skont l-ilmentaturi, huwa prattikament impossibbli li tinkiseb informazzjoni speċifika dwar il-proprjetà immobbli tal-istituzzjonijiet inkwistjoni, prinċipalment minħabba li dawn tal-aħħar ma kenux meħtieġa li jiddikjaraw il-proprjetà immobbli li kienet eżenti mill-ICI.

(74) Fir-rigward tal-Artikolu 149(4) tat-TUTD, l-ilmentaturi jargumentaw li mhuwiex possibbli li l-istituzzjonijiet ekkleżjastiċi jitilfu l-istatus ta' istituzzjoni mhux kummerċjali.

(75) Fir-rigward tal-eżenzjoni mill-ICI u l-Artikolu 149(4) tat-TUTD, l-ilmentaturi jaqblu mal-konklużjonijiet preliminari milħuqa mill-Kummissjoni fid-deċiżjoni ta' ftuħ rigward l-eżistenza ta' riżorsi tal-Istat u l-eżistenza ta' vantaġġ, kif ukoll rigward is-selettività, id-distorsjoni tal-kompetizzjoni u l-effetti fuq il-kummerċ.

(76) Fir-rigward tal-kompatibilità ta' dawn il-miżuri, l-ilmentaturi jaqblu mal-konklużjoni preliminari tal-Kummissjoni dwar in-nuqqas ta' applikabbiltà tal-Artikolu 107(2) tat-Trattat u tal-Artikolu 107(3)(a), (b) u (c) tat-Trattat. Madankolu, l-ilmentaturi ma jaqblux rigward il-possibbiltà li d-deroga prevista fl-Artikolu 107(3)(d) tat-Trattat tiġi applikata għal ċerti istituzzjonijiet li jwettqu biss attivitajiet relatati mal-edukazzjoni, mal-kultura u mar-rikreazzjoni. Huma wkoll tal-fehma li f'dan il-każ ma ġewx issodisfati l-kondizzjonijiet tal-każistika *Altmark*.

### 4.3. Osservazzjonijiet tal-awtoritajiet Taljani dwar il-kummenti tal-partijiet interessati

(77) L-awtoritajiet Taljani ppreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom dwar il-kummenti tal-partijiet terzi permezz ta' ittra tal-10 ta' Ġunju 2011.

(78) L-ewwel nett, anki jekk wieħed jassumi li ċerti attivitajiet imwettqa minn istituzzjonijiet mhux kummerċjali koperti mill-eżenzjoni jistgħu jiġu kklassifikati bħala attivitajiet ekonomiċi, il-Kummissjoni xorta waħda trid tistabbilixxi jekk il-benefiċċju mogħti huwiex selettiv, u li dan mhuwiex ġustifikat fid-dawl tal-loġika tas-sistema tat-taxxa Taljana.

(79) It-tieni nett, fir-rigward tal-osservazzjonijiet ġenerali li saru rigward iċ-ċirkolari, l-awtoritajiet Taljani huma tal-fehma li l-Kummissjoni għandha tiġi mitluba biex teżamina miżura li tipprovdi eżenzjoni mit-taxxa. Dan ifisser li l-Kummissjoni għandha tivvaluta l-kriterji ta' interpretazzjoni tar-regoli stabbiliti mill-awtoritajiet nazzjonali, kif ukoll l-eżistenza ta' sistema ta' kontroll xierqa.

(80) B'mod partikolari, b'referenza għall-allegati diffikultajiet irrappurtati mill-ilmentaturi dwar il-ġbir ta' dejta dwar il-proprjetajiet immobbli ta' istituzzjonijiet mhux kummerċjali, l-awtoritajiet Taljani jispeċifikaw li l-obbligu li tiġi ppreżentata d-dikjarazzjoni tal-ICI kien ġie abolit b'mod ġenerali fl-2006. L-awtoritajiet Taljani jispeċifikaw ukoll li bħalissa s-sistema katastali u d-databases dwar il-proprjetà immobbli qed jiġu riveduti.

(81) Fir-rigward tal-Artikolu 149(4) tat-TUTD, l-awtoritajiet Taljani jfakkru li, kif fil-fatt ġie rikonoxxut mill-ilmentaturi istess, din ir-regola mhix klawżola fiha innifisha u lanqas ma għandha saħħa sostanzjali, iżda hija dispożizzjoni ta' natura proċedurali u li hija importanti biss mill-perspettiva tal-kontrolli.

## 5. IR-REGOLI L-ĠODDA DWAR IT-TAXXA MUNIĊIPALI FUQ IL-PROPRJETÀ IMMOBBLI

### 5.1. Deskrizzjoni tat-taxxa muniċipali l-ġdida fuq il-proprjetà immobbli: it-TMU

(82) Fil-qafas tal-hekk imsejħa riforma dwar il-federaliżmu fiskali, id-Digriet Leġiżlattiv Nru 23 tal-14 ta' Marzu 2011 stabbilixxa li t-TMU kellha tissostitwixxi l-ICI mill-1 ta' Jannar 2014. Bid-Digriet-Liġi Nru 201 tas-6 ta' Diċembru 2011, li ġie traspost f'liġi fit-22 ta' Diċembru 2011, l-Italja ddeċidiet li twettaq l-adozzjoni tat-TMU qabel, fl-2012.

(83) Kull min għandu proprjetà immobbli huwa soġġett għat-TMU. Il-bażi tat-taxxa tiġi kkalkulata billi jitqies il-valur tal-proprjetà. B'mod aktar preċiż, il-valur jiġi kkalkulat billi l-ewwel jitqies id-dħul katastali tal-proprjetà immobbli, u billi jiġu applikati l-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 5 tad-Digriet tal-ICI (Digriet Leġiżlattiv Nru 504/92), flimkien mal-kriterji stabbiliti fid-Digriet-Liġi Nru 201/2011. Wara jiġu applikati multiplikaturi proporzjonali skont il-kriterji msemmija hawn fuq, li jvarjaw skont il-kategorija katastali tal-proprjetà. Ir-rata bażika tat-TMU hija ta' 0.76 %.

(84) Għalhekk, is-sistema katastali għandha importanza ewlenija għat-taxxa fuq il-proprjetà. L-unità tal-proprjetà immobbli bażika rilevanti għal finijiet katastali tista' tkun bini jew parti minnu, jew numru ta' binjiet jew żona, sakemm dawn ikollhom awtonomija funzjonali u dħul indipendenti. Is-sistema katastali Taljana, li dalwaqt se tiġi riveduta, tidentifika sitt kategoriji ta' proprjetà immobbli. Il-grupp A jinkludi proprjetà immobbli għal użu residenzjali jew simili; il-grupp B jinkludi proprjetà immobbli għal użu pubbliku bħal kulleġġi, sptarijiet, uffiċċji tal-gvern u skejjel; il-grupp C jinkludi bini għal użu ordinarju kummerċjali bħal ħwienet, imħażen u binjiet għall-eżerċizzju tal-isport; il-grupp D jinkludi proprjetajiet immobbli għal użu speċjali bħal lukandi, teatri, sptarijiet u binjiet għall-eżerċizzju tal-isport; il-grupp E jinkludi proprjetà immobbli maħsuba għal għanijiet speċjali bħalma huma stazzjonijiet għat-trasport bl-art, bil-baħar u bl-ajru, pontijiet soġġetti għal pedaġġ, fanali u binjiet li jintużaw għall-qima fil-pubbliku; u l-grupp F jinkludi proprjetà immobbli mniżżla f'kategoriji fittizji.

(85) B'referenza speċifika għat-TMU l-ġdida, l-Artikolu 91a tad-Digriet-Liġi Nru 1 tal-24 ta' Jannar 2012, li ġie traspost bil-Liġi Nru 27 tal-24 ta' Marzu 2012, introduċa għadd ta' bidliet fir-rigward tat-tassazzjoni tal-proprjetà immobbli ta' istituzzjonijiet mhux kummerċjali li jwettqu attivitajiet speċifiċi. B'mod partikolari, il-liġi l-ġdida ħassret l-emenda tal-2006, li kienet estendiet il-kamp ta' applikazzjoni tal-ICI biex jinkludi proprjetajiet li fihom jitwettqu attivitajiet "*li mhumiex biss ta' natura kummerċjali*" ([29]) (paragrafu 4), u speċifikat ukoll li l-eżenzjoni mit-TMU hija limitata għall-attivitajiet speċifikati fil-Liġi ([30]), imwettqa minn istituzzjonijiet mhux kummerċjali b'metodi li mhumiex kummerċjali (l-ewwel paragrafu). Id-Digriet-Liġi Nru 1/2012 introduċa wkoll regoli speċifiċi li jippermettu ħlas proporzjonali tat-TMU jekk wieħed jassumi li l-istess proprjetà immobbli tintuża kemm għal attivitajiet kummerċjali kif ukoll għal attivitajiet mhux kummerċjali. B'mod partikolari, l-Artikolu 91a, it-tieni paragrafu, jistabbilixxi li jekk l-unità tal-proprjetà tintuża għal attivitajiet differenti, mill-1 ta' Jannar 2013 l-eżenzjoni tapplika biss għal dik il-parti tal-unità fi fiha titwettaq l-attività ta' natura mhux kummerċjali, jekk ikun possibbli li dik il-parti tal-unità ta' proprjetà immobbli li tintuża biss għal dik l-attività tiġi identifikata. F'każijiet fejn ma jkunx possibbli li jiġu identifikati dawn il-partijiet individwali ta' unitajiet ta' proprjetà immobbli, mill-1 ta' Jannar 2013, l-eżenzjoni għandha tapplika b'mod proporzjonali għall-użu tal-proprjetà immobbli għal skopijiet mhux kummerċjali fuq il-bażi ta' dikjarazzjoni xierqa (Artikolu 91a, it-tielet paragrafu). Id-Digriet-Liġi Nnru 1/2012 jirreferi għad-definizzjoni ta' għadd ta' elementi għal regolament ta' implementazzjoni sussegwenti, li għandu jiġi adottat mill-Ministru tal-Ekonomija u l-Finanzi, rigward: it-termini u l-kundizzjonijiet biex issir din id-dikjarazzjoni; il-fatturi rilevanti għall- identifikazzjoni proporzjonali; u, bħala riżultat tal-bidliet li ġew introdotti mid-Digriet-Liġi Nru 174/2012 ([31]), ir-rekwiżiti ġenerali u settorjali li għandhom jintlaħqu sabiex attività tiġi klassifikata bħala li tkun twettqet b'mod mhux kummerċjali.

(86) Wara li sema' l-approvazzjoni tal-Kunsill tal-Istat u wara li kkunsidra l-kummenti espressi mill-istess Kunsill ([32]), bid-Digriet Nnru 200 tad-19 ta' Novembru 2012, il-Ministru tal-Ekonomija u l-Finanzi ppromulga r-Regolament ta' Implimentazzjoni tat-TMU (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "ir-Regolament") ([33]). Dan ir-Regolament jistabbilixxi meta l-attivitajiet speċifiċi li għalihom

([29]) Artikolu 7(2a) tad-Digriet-Liġi Nru 203 tat-30 ta' Settembru 2005, Artikolu 91a(4) tad-Digriet-Liġi Nru 1/2012.

([30]) Ara l-Artikolu 13(13) tad-Digriet-Liġi Nru 201/2011 kif ukoll l-Artikolu 9(8) tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 23/2011, li jirreferi għall-Artikolu 7(1) tal-Liġi dwar l-ICI. Għal deskrizzjoni tal-Artikolu 7(1)(i) tal-Liġi dwar l-ICI, ara l-punt 23.

([31]) Ara l-Artikolu 9(6) tad-Digriet-Liġi Nru 174 tal-10 ta' Ottubru 2012, li ġie traspost b'emendi bil-Liġi Nru 213 tas-7 ta' Diċembru 2012 (ĠU nru 286 tas-7 ta' Diċembru 2012).

([32]) Ara l-opinjoni Nru 4802/2012, li ġiet ippreżentata fit-13 ta' Novembru 2012 (Kwistjoni Nru 10380/2012).

([33]) Decreto 19 novembre 2012, n. 200, pubblicato nella GU n. 274 del 23 novembre 2012.

tapplika l-eżenzjoni mit-TMU, kif definiti mill-imsemmi Regolament, għandhom jitqiesu bħala li jitwettqu "b'mod mhux kummerċjali". L-ewwel nett, bħala rekwiżit ġenerali, dawn l-attivitajiet m'għandhomx ikollhom għanijiet ta' qligħ, u, barra minn hekk, skont il-liġi tal-Unjoni, min-natura tagħhom stess, dawn ma għandhomx ikunu f'kompetizzjoni ma' operaturi oħra fis-suq li joperaw bi skopijiet ta' qligħ u jikkostitwixxu espressjoni tal-prinċipji ta' solidarjetà u ta' sussidjarjetà ([34]). Barra minn hekk, għandhom jiġu ssodisfati żewġ settijiet ta' kriterji kumulattivi li jirrigwardaw istituzzjonijiet mhux kummerċjali (rekwiżiti soġġettivi), min-naħa waħda, u l-attivitajiet speċifiċi li dawn iwettqu (rekwiżiti oġġettivi), mill-oħra. Fir-rigward tar-rekwiżiti soġġettivi, ir-Regolament jistabbilixxi l-kundizzjonijiet li jridu jissodisfaw l-istituzzjonijiet mhux kummerċjali sabiex jikkwalifikaw għall-eżenzjoni mit-TMU ([35]). B'mod speċifiku, ir-Regolament jistabbilixxi li l-att ta' kostituzzjoni jew l-istatut tal-istituzzjoni mhux kummerċjali għandu jinkludi projbizzjoni ġenerali kontra t-tqassim ta' kwalunkwe tip ta' qligħ, profitti żejda, fondi u riżervi. Barra minn hekk, hemm obbligu li kull qligħ jerġa' jiġi investit biss għall-iżvilupp tal-attività funzjonali għall-ksib tal-għan istituzzjonali tas-solidarjetà soċjali. Fil-każ ta' xoljiment tal-istituzzjoni mhux kummerċjali, hemm l-obbligu li l-assi jiġu ttrasferiti lil istituzzjoni mhux kummerċjali oħra li twettaq attivitajiet simili. Fir-rigward tar-rekwiżiti oġġettivi ([36]), huma definiti speċifiċitajiet għat-tipi differenti ta' attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 1 ([37]). Għall-attivitajiet ta' għajnuna u tas-saħħa, għandhom jiġu ssodisfati żewġ rekwiżiti oħra: a) il-benefiċjarju jrid ikun iċċertifikat mill-Istat u jrid ikun għamel kuntratt jew ftehim mal-awtoritajiet pubbliċi; l-attivitajiet ikunu jridu jitwettqu b'mod supplimentari jew kumplimentari għas-servizz pubbliku, u jipprovdu lill-utenti b'servizz b'xejn jew kontra ħlas ta' ammont li jirrappreżenta kontribuzzjoni sempliċi biex tiġi koperta parti mill-ispejjeż għas-servizz kollu; b) fejn l-istituzzjoni ma tkunx iċċertifikata jew irregolata bi ftehim kuntrattwali, is-servizzi għandhom jiġu pprovduti mingħajr ħlas jew kontra ħlas nominali tal-ammont tal-ispejjeż, u li fi kwalunkwe każ ma għandux ikun ta' aktar minn nofs tal-ispejjeż medji għal attivitajiet simili li jitwettqu fl-istess żona ġeografika b'mod kompetittiv, filwaqt li jitqies ukoll in-nuqqas ta' relazzjoni mal-ispejjeż proprji tas-servizz.

Għal attivitajiet edukattivi għandhom jiġu ssodisfati tliet rekwiżiti kumulattivi: a) l-attività għandha tkun tal-istess livell tal-edukazzjoni pubblika u l-iskola għandha tiżgura li ma jkunx hemm diskriminazzjoni fl-istadju ta' aċċettazzjoni tal-istudenti; b) l-iskola għandha wkoll tilqa' studenti b'diżabilità, għandha tapplika n-negozjar kollettiv, għandu jkollha faċilitajiet xierqa għall-istandards stabbiliti u għandha tippubblika l-baġit; c) l-attività għandha tiġi pprovduta mingħajr ħlas jew kontra ħlas ta' ammont nominali li jkopri biss parti mill-ispejjeż proprji tas-servizz, filwaqt li jitqies ukoll in-nuqqas ta' relazzjoni mal-ispejjeż proprji tas-servizz. Fir-rigward ta' attivitajiet ta' akkomodazzjoni, kulturali, rikreattivi u sportivi, il-benefiċjarju għandu jipprovdi servizzi mingħajr ħlas jew kontra ħlas nominali tal-ammont tal-ispejjeż, u li fi kwalunkwe każ ma għandux ikun ta' aktar minn nofs l-ispejjeż medji għal attivitajiet simili li jitwettqu fl-istess żona ġeografika b'mod kompetittiv, filwaqt li jitqies ukoll in-nuqqas ta' relazzjoni mal-ispejjeż proprji tas-servizz.

### 5.2. **Osservazzjonijiet taż-żewġ partijiet interessati rigward il-leġiżlazzjoni tat-TMU**

(87) Skont iż-żewġ partijiet, l-Artikolu 91a(2) u (3) tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 1/2012 jidderogaw il-liġijiet ordinarji dwar it-taxxa fuq il-proprjetà immobbli.

(88) L-ewwel nett, iż-żewġ ilmentaturi jippreżentaw il-kummenti tagħhom rigward l-Artikolu 91a(2). Dan il-paragrafu jistipula li jekk l-unità tal-proprjetà immobbli tintuża għal attivitajiet differenti, l-ezenzjoni mit-TMU għandha tapplika biss għall-parti li fiha titwettaq l-attività mhux kummerċjali, jekk tkun tista' tiġi identifikata permezz tal-individwazzjoni tal-parti tal-proprjetà immobbli li tkun qed tintuża biss għal dik l-attività. Għall-bqija tal-unità tal-proprjetà immobbli, sakemm tkun mgħammra b'awtonomija funzjonali permanenti u jkollha qligħ permanenti, japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 2(41), (42) u (44) tad-Digriet-Liġi Nru 262 tat-3 ta' Ottubru 2006, li ġie traspost b'emendi bil-Liġi Nru 286 tal-24 ta' Novembru 2006. Dawn id-dispożizzjonijiet għandhom jirregolaw il-proċedura applikabbli għall-proprjetajiet immobbli li huma parti mill-grupp katastali E, li għalihom għandhom isiru kwalifikazzjoni u evalwazzjoni mill-ġdid tad-dħul katastali. Skont din il-liġi, fil-fatt, fost il-proprjetajiet klassifikati fil-Grupp E (proprjetajiet immobbli għal użu partikolari) ([38]), ma jistax jiġi inkluż bini jew partijiet ta' bini għal użu kummerċjali jew industrijali, jew għal skopijiet differenti, sakemm ma jkollhomx awtonomija funzjonali u dħul indipendenti.

([34]) Ara l-Artikolu 1(1)(p) tar-Regolament tal-Ministru tal-Ekonomija u l-Finanzi tad-19 ta' Novembru 2012.

([35]) Artikolu 3 tar-Regolament tal-Ministru tal-Ekonomija u l-Finanzi tad-19 ta' Novembru 2012.

([36]) Artikolu 4 tar-Regolament tal-Ministru tal-Ekonomija u l-Finanzi tad-19 ta' Novembru 2012.

([37]) Id-definizzjonijiet fl-Artikolu 1 tar-Regolament fihom rekwiżiti oħra.
B'mod partikolari, fir-rigward ta' faċilitajiet ta' akkomodazzjoni, l-Artikolu 1(1)(j) tar-Regolament jistipula li l-aċċess għandu jingħata biss lil ċerti kategoriji ta' riċevituri u li hemm nuqqas ta' kontinwità fil-ftuħ. B'mod aktar speċifiku, rigward l-"akkomodazzjoni soċjali", ir-Regolament jistipula li l-attivitajiet għandhom ikunu mmirati lejn persuni bi bżonnijiet speċjali temporanji jew permanenti jew lejn persuni żvantaġġjati minħabba raġunijiet fiżiċi, psikoloġiċi, ekonomiċi, soċjali jew relatati mal-familja. Fi kwalunkwe każ, l-eżenzjoni ma għandhiex tingħata għal attivitajiet li jitwettqu fil-lukandi jew fi strutturi oħra li joffru akkomodazzjoni msemmija fl-Artikolu 9 tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 79 tat-23 ta' Mejju 2011. Rigward "attivitajiet sportivi", l-Artikolu 1(1)(m) jistipula li r-riċevituri għandhom ikunu assoċjazzjonijiet sportivi mingħajr skop ta' qligħ affiljati mal-federazzjonijiet sportivi nazzjonali jew ma' istituzzjonijiet li jippromwovu l-isport u li huma rikonoxxuti mill-Artikolu 90 tal-Liġi Nru 289 tas-27 ta' Diċembru 2002.

([38]) Ara l-punt ta' qabel (84).

(89) Iż-żewġ partijiet interessati jinnotaw li r-referenza għad-Digriet-Liġi Nru 262/2006, li jinsab fl-Artikolu 91a(2) għandha tinqara bħala referenza ġenerali għall-proċedura ta' riklassifikazzjoni katastali. Skont iż-żewġ partijiet, fil-fatt, jekk il-proċedura stabbilita bid-Digriet-Liġi Nru 262/2006 kienet applikabbli biss għall-proprjetà immobbli tal-grupp katastali E, l-obbligu li proprjetà immobbli maħsuba għal użu varjat tiġi "maqsuma" għandu jkun applikabbli biss għal numru limitat ħafna ta' bini, jiġifieri bini tal-kategoriji E7 u E9

(90) Iż-żewġ partijiet jinnotaw ukoll li d-dikjarazzjoni prevista fl-Artikolu 91a(3) tista' toħloq problemi ta' evitar u li l-liġi l-ġdida tħalli wisq diskrezzjoni lill-amministrazzjonijiet pubbliċi. Barra minn hekk, ir-regoli l-ġodda se jappplikaw biss mill-1 ta' Jannar 2013 u b'hekk, fi kwalunkwe każ, il-Kummissjoni għandha tipprovdi għall-irkupru tal-għajnuna mogħtija b'mod illegali mill-2006 sal-2012 fil-kamp ta' applikazzjoni tal-eżenzjoni mill-ICI.

### 5.3. Osservazzjonijiet mill-awtoritajiet Taljani dwar il-kummenti taż-żewġ partijiet interessati

(91) L-awtoritajiet Taljani spjegaw li r-referenza għall-Artikolu 2(41), (42) u (44) tad-Digriet-Liġi Nru. 262/2006, li tinsab fl-Artikolu 91a, hija maħsuba bħala referenza ġenerali għat-tip ta' proċedura li għandha tiġi applikata biex jitwettaq il-qsim ta' proprjetà immobbli li tintuża għal attivitajiet differenti. Din il-proċedura għandha tapplika irrispettivament mill-fatt li proprjetà immobbli tkun parti minn grupp speċifiku.

(92) L-Italja nnotat ukoll li, b'mod ġenerali, is-sistema fiskali Taljana hija bbażata fuq l-obbligu ta' dikjarazzjoni min-naħa tal-kontribwenti, u li hija prattika leġiżlattiva pjuttost komuni li r-regolamentazzjoni ta' aspetti speċifiċi tiġi devoluta f'miżuri ta' implimentazzjoni. Barra minn hekk, peress li l-Liġi li ġiet adottata f'Marzu 2012 tintroduċi sistema dikjarattiva ġdida għall-proprjetajiet immobbli li jintużaw minn istituzzjonijiet mhux kummerċjali, kien meħtieġ li d-data tad-dħul fis-seħħ tas-sistema l-ġdida għall-dawn l-istituzzjonijiet tiġi posposta.

(93) Rigward l-irkupru, l-awtoritajiet Taljani indikaw li mhuwiex possibbli li jiġu identifikati b'mod retrospettiv liema huma l-proprjetajiet immobbli li jappartjenu lil istituzzjonijiet mhux kummerċjali li fihom twettqu attivitajiet esklussivament mhux kummerċjali (u li għalhekk ibbenefikaw mill-eżenzjoni mill-ICI). Id-dejta katastali fil-fatt ma tipprovdiex informazzjoni dwar it-tip ta' attività li titwettaq fi proprjetà immobbli [39]. Lanqas id-databases l-oħra tat-taxxa ma jippermettu li jiġu individwati l-proprjetajiet immobbli li jkunu wżaw istituzzjonijiet mhux kummerċjali għal attivitajiet istituzzjonali mwettqa b'mod mhux purament kummerċjali.

[39] Ara wkoll iċ-Ċirkolari nru 4/2006 tar-Reġistru tal-Artijiet tas-16 ta' Mejju 2006.

## 6. VALUTAZZJONI

(94) Sabiex jiġi żgurtat jekk miżura tikkostitwixxix għajnuna mill-Istat, il-Kummissjoni għandha tivvaluta jekk il-miżura kkonċernata tissodisfax il-kundizzjonijiet kollha stabbiliti fl-Artikolu 107(1) tat-Trattat, li jistabblixxi dak li ġej: *"Ħlief għad-derogi previsti fit-Trattati, kull għajnuna, ta' kwalunkwe forma, mogħtija minn Stat Membru jew permezz ta' riżorsi tal-Istat, li twassal għal distorsjoni jew theddida ta' distorsjoni għall-kompetizzjoni billi tiffavorixxi ċerti impriżi jew ċerti prodotturi għandha, safejn tolqot il-kummerċ bejn l-Istati Membri, tkun inkompatibbli mas-suq intern."* Skont din id-dispożizzjoni, il-Kummissjoni se teżamina: i) jekk il-miżura hijiex iffinanzjata mill-Istat jew permezz ta' riżorsi tal-Istat, ii) jekk il-miżura tagħtix vantaġġ selettiv, iii) jekk il-miżura taffettwax il-kummerċ bejn l-Istati Membri jew twassalx għal distorsjoni jew theddida ta' distorsjoni tal-kompetizzjoni.

(95) Qabel xejn, il-Kummissjoni għandha tivvaluta jekk mill-inqas uħud mill-istituzzjonijiet mhux kummerċjali kkonċernati humiex fil-fatt impriżi skont il-leġiżlazzjoni tal-UE fil-kuntest tal-kompetizzjoni.

### 6.1. Il-kwalifika ta' istituzzjonijiet mhux kummerċjali bħala impriżi

(96) Fid-deċiżjoni ta' ftuħ, il-Kummissjoni nnutat li l-istituzzjonijiet mhux kummerċjali milquta minn dawn il-miżuri kienu qed iwettqu, għall-inqas b'mod parzjali, attivitajiet ekonomiċi u b'hekk ġew klassifikati bħala impriżi sal-punt fejn kienu qed iwettqu dawn l-attivitajiet.

(97) L-awtoritajiet Taljani u t-78 parti interessata jqisu li l-attivitajiet speċifiċi mwettqa minn istituzzjonijiet mhux kummerċjali ma jistgħux jitqiesu bħala attivitajiet ekonomiċi, u jsostnu, b'mod partikolari, li, skont il-miżura ICI, l-għoti ta' appoġġ lil ommijiet żgħażagħ li jinsabu f'diffikultà jew il-ġestjoni ta' bini fil-muntanji fejn iqattgħu l-vaganzi tat-tfal ta' parroċċa fis-sajf ma jikkostitwixxux attività ekonomika. Fil-fatt, dawn l-attivitajiet, li huma mmirati lejn kategoriji preċiżi ta' riċevituri, ma jikkwalifikawx bħala għoti ta' oġġetti u servizzi li l-istituzzjonijiet mhux kummerċjali joffru fuq is-suq, u mhumiex f'kompetizzjoni ma' attivitajiet li jwettqu impriżi kummerċjali. Dawn l-istituzzjonijiet mhux kummerċjali, li joperaw fl-interess pubbliku, b'hekk m'għandhomx jitqiesu bħala impriżi; għaldaqstant ma japplikax il-prerekwiżit għall-applikazzjoni tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat. Barra minn hekk, skont l-awtoritajiet Taljani u wħud mit-78 parti interessata, f'ħafna każijiet ma hemm ebda suq reali għal attivitajiet bħal dawn. Dawn l-attivitajiet kważi kollha għandhom karatteristiki speċifiċi li jistgħu jiġu mqassra kif ġej:

a) huma pprovduti mingħajr ħlas jew għal tariffi/prezzijiet imraħħsa;

b) jiġu pprovduti bi ħsieb ta' solidarjetà u ta' utilità soċjali barra mill-isfera ta' azzjoni tal-impriżi kummerċjali;

c) għandhom kapaċità ta' ħlas imnaqqsa meta mqabbla ma' impriżi kummerċjali li joperaw skont il-prinċipji tas-suq;

d) jipproduċu żbilanċi jew jiġġeneraw dħul imnaqqas; il-profitti kollha għandhom jiġu investiti mill-ġdid skont l-għanijiet tal-istituzzjoni.

(98) Fid-dawl tal-karatteristiki msemmija hawn fuq u tal-għanijiet speċifiċi tal-istituzzjonijiet mhux kummerċjali inkwistjoni, mhuwiex possibbli li istituzzjonijiet bħal dawn jitqiesu bħala impriżi.

(99) Il-Kummissjoni tinnota li, skont ġurisprudenza stabbilita, il-kunċett ta' impriża jinkludi kull entità li teżerċita attività ekonomika, irrispettivament mill-istatus legali tal-entità u tal-metodi tagħha ta' finanzjament ([40]). Il-klassifikazzjoni ta' entità partikolari bħala impriża b'hekk tiddependi bis-sħiħ fuq in-natura tal-attivitajiet li twettaq. Dan il-prinċipju ġenerali għandu tliet konsegwenzi importanti, kif deskritt hawn taħt.

(100) L-ewwel nett, l-istatus li liġi nazzjonali speċifika tikkonferixxi lil entità partikolari m'għandux effett. Dan ifisser li l-forma ġuridika u organizzattiva huma irrilevanti. Għalhekk, anki entità li hija klassifikata bħala assoċjazzjoni jew klabb sportiv skont il-leġislazzjoni nazzjonali tista' madankollu tiġi kkunsidrata bħala impriża skont l-Artikolu 107(1) tat-Trattat. L-uniku kriterju rilevanti f'dan ir-rigward huwa jekk l-entità kkonċernata twettaqx attività ekonomika jew le.

(101) It-tieni, l-applikazzjoni tar-regolamenti dwar l-għajnuna mill-Istat ma tiddependix fuq jekk entità tkunx ġiet stabbilita sabiex tagħmel qligħ, minħabba li anki organizzazzjoni li topera mingħajr skop ta' qligħ tista' toffri prodotti u servizzi fis-suq ([41]).

(102) It-tielet, entità tiġi klassifikata bħala impriża dejjem fir-rigward ta' attività speċifika. Entità li twettaq attivitajiet kemm ekonomiċi kif ukoll attivitajiet mhux ekonomiċi titqies bħala impriża biss fir-rigward tal-ewwel tip ta' attività.

(103) Attività ekonomika tfisser kull attività li tinvolvi l-offerta ta' prodotti u servizzi fis-suq. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tinnota li l-karatteristiki u l-elementi msemmija fil-punt 6.1, li ġew indikati mill-Italja u mit-78 parti interessati, li, madankollu, kif ammettew huma stess mhumiex preżenti fil-każijiet kollha, mhumiex fihom infushom biżżejjed biex tiġi eskluża n-natura ekonomika tal-attivitajiet ikkonċernati.

(104) Kif imsemmi hawn fuq, skont l-Artikolu 7(2a) tal-Digriet-Liġi Nru 203/2005, kif emendat bid-Digriet-Liġi Nru 223/2006 (issa mħassar), l-attivitajiet imniżżla fl-Artikolu 7(1)(i) tal-Liġi dwar l-ICI seta' kienu ta' natura kummerċjali, sakemm dawn ma kenux ta' natura purament kummerċjali. Iċ-Ċirkolari tad-29 ta' Jannar 2009 kienet tinkludi għadd ta' kriterji għall kull waħda mill-attivitajiet imniżżla fl-Artikolu 7(1)(i), li permezz tagħhom seta' jiġi stabbilit meta kull waħda minnhom kellha titqies bħala ta' natura mhux purament kummerċjali. Jekk ikunu ġew issodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti fiċ-ċirkolari, l-istituzzjonijiet mhux kummerċjali kienu eżenti mill-ICI, anki meta l-attivitajiet li jwettqu kienu jinvolvu elementi ta' natura ekonomika. Fil-fatt, kif diġà ġie spjegat fid-deċiżjoni ta' ftuħ, fil-qasam ta' attivitajiet tas-saħħa kien essenzjalment meħtieġ li l-istituzzjonijiet mhux kummerċjali jkunu kkonkludew ftehim jew kuntratt mal-awtoritajiet pubbliċi. Huwa ċar li din il-kundizzjoni minnha nnifisha mhijiex biżżejjed sabiex tiġi eskluża n-natura ekonomika tal-attivitajiet inkwistjoni. Bl-istess mod, fir-rigward tal-attivitajiet relatati mat-tagħlim, l-iskola kellha tissodisfa l-istandards ta' tagħlim, tilqa' studenti b'diżabilità, tapplika n-negozjar kollettiv u tiżgura li ma jkunx hemm diskriminazzjoni fil-fażi ta' aċċettazzjoni tal-istudenti. Barra minn hekk, kwalunkwe ammonti żejda kellhom jerġgħu jiġu investiti mill-ġdid fl-edukazzjoni. Lanqas dawn ir-rekwiżiti ma jeskludu n-natura ekonomika tal-attivitajiet ta' tagħlim imwettqa skont il-modi deskritti. Fir-rigward tas-swali taċ-ċinema, dawn kellhom juru films ta' interess kulturali, films li jkun inħarġilhom iċ-ċertifikat ta' kwalità jew films għat-tfal. Fir-rigward tal-attivitajiet ta' akkomodazzjoni kien mitlub li dawn ma jkunux immirati lejn udjenza ġenerali, iżda lejn kategoriji definiti minn qabel, u li s-servizz ma jkunx ipprovdut għas-sena kalendarja kollha. Il-fornitur tas-servizz kien ukoll marbut li japplika rati mnaqqsa meta mqabbla mal-prezzijiet tas-suq u l-istruttura ma kellhiex topera bħala lukanda normali. Anki f'dan il-każ, il-kundizzjonijiet ta' hawn fuq ma jeskludux in-natura ekonomika tal-attivitajiet ikkonċernati.

---

([40]) Ara wkoll il-Kawża C-41/90, *Höfner* (Ġabra 1991, paġ. I-1979, punt 21) u l-Kawża C-222/04, *Cassa di Risparmio di Firenze*, (Ġabra 2006, paġ. I-289, punti 107 u ta' wara).

([41]) Kawżi konġunti minn 209/78 sa 215/78 u 218/78, *Van Landewyck* (Ġabra 1980, paġ. 3125, punt 21), Kawża C-244/94, *FFSA u oħrajn*, (Ġabra 1995, paġ. I-4013); Kawża C-49/07, *MOTOE* (Ġabra 2008, paġ. I-4863, punti 27 u 28).

(105) Il-Kummissjoni tinnota wkoll li għalkemm, f'ħafna mill-każijiet, l-attivitajiet inkwistjoni huma pprovduti għal finijiet ta' utilità soċjali, dan l-element waħdu mhuwiex biżżejjed sabiex tiġi eskluża n-natura ekonomika tagħhom. Fi kwalunkwe każ, anki meta attività jkollha għan soċjali, dan waħdu mhuwiex biżżejjed biex tiġi eskluża l-klassifikazzjoni bħala attività ekonomika. Barra minn hekk, anki jekk wieħed jassumi li l-istituzzjonijiet mhux kummerċjali għandhom kapaċità mnaqqsa biex iħallsu, dan ma jimplikax in-nuqqas ta' attività ekonomika u mhuwiex ta' rilevanza għall-finijiet ta' taxxa fuq il-proprjetà immobbli bbażata fuq is-sjieda ta' proprjetà immobbli, li ma tqisx fatturi oħrajn ta' kapaċità ta' ħlas.

(106) Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, meta wieħed iqis li l-istess Liġi tal-2005 kienet tippermetti l-eżenzjoni mill-ICI anki għal attivitajiet kummerċjali u minħabba li l-kriterji stabbiliti fiċ-ċirkolari, bħall-elementi indikati mill-Italja, mhumiex fihom infushom suffiċjenti biex jeskludu n-natura ekonomika tal-attivitajiet imwettqa, il-Kummissjoni tqis li l-istituzzjonijiet mhux kummerċjali inkwistjoni għandhom jiġu klassifikati bħala impriżi fir-rigward ta' dawk l-attivitajiet. L-istess japplika għall-istituzzjonijiet mhux kummerċjali koperti mill-Artikolu 149(4) tat-TUTD, li huma awtorizzati biex iwettqu attivitajiet ekonomiċi. Din il-konklużjoni mhijiex ikkontestata mill-awtoritajiet Taljani.

(107) Fi kwalunkwe każ, skont il-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja ([42]), sabiex sistema tikkwalifika bħala għajnuna mill-Istat, il-Kummissjoni ma tqisx li huwa meħtieġ li jintwera li l-miżuri individwali mogħtija bħala parti mill-iskema għandhom jitqiesu bħala għajnuna mill-Istat skont l-Artikolu 107(1) tat-Trattat. Għal dan il-għan, sabiex jiġi konkluż li sistema tinkludi elementi ta' għajnuna skont l-Artikolu 107(1) tat-Trattat, huwa biżżejjed li fil-kamp ta' applikazzjoni tal-implimentazzjoni tagħha jkun hemm sitwazzjonijiet li jitqiesu bħala għajnuna. *Mutatis mutandis*, fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni, mhuwiex meħtieġ li tiġi eżaminata n-natura tal-attivitajiet individwali elenkati fl-Artikolu 7(1)(i) tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 504/92. Kif diġà ntqal fil-punt (102), il-Kummissjoni kienet ikkonfermat li wħud mill-applikazzjonijiet individwali tal-iskema ta' għajnuna kkontestata kienu jikkonċernaw l-impriżi.

(108) Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Kummissjoni tikkonkludi li ma hemmx għalfejn tirrevedi l-pożizzjoni espressa fid-deċiżjoni ta' ftuħ: is-sistema inkwistjoni tinkludi wkoll attivitajiet ekonomiċi. Skont il-karatteristiki speċifiċi ta' mill-inqas uħud mill-attivitajiet involuti, il-Kummissjoni tista' tikklassifikahom bħala attivitajiet ekonomiċi. Peress li l-benefiċjarji ta' dawn il-miżuri jistgħu jinvolvu ruħhom f'attivitajiet ekonomiċi, huwa possibbli li jiġu kklassifikati bħala impriżi, sal-punt sa fejn iwettqu dawk l-attivitajiet.

([42]) Ara l-kawżi C-471/09 P a C 473/09 P, *Diputación Foral de Álava et al. vs. Il-Kummissjoni* (għadha mhux ippubblikata fil-Ġabra, punt 98). Ara wkoll il-kawżi konġunti C-71/09 P, C-73/09 P u C-76/09 P Kumitat *"Venezia vuole vivere" vs. Il-Kummissjoni* (għadha mhux ippubblikata fil-Ġabra, punt 130 u l-każistika kkwotata).

### 6.2. **L-eżenzjoni mill-ICI**

(109) F'din it-taqsima, il-Kummissjoni se tinvestiga jekk l-eżenzjoni mill-ICI mogħtija lil istituzzjonijiet mhux kummerċjali, imsemmija fl-Artikolu 7(1)(i) tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 504/92, fil-verżjoni fis-seħħ qabel l-emendi li ġew introdotti bid-Digriet-Liġi Nru 1/2012, kenitx iffinanzjata mill-Istat jew permezz ta' riżorsi tal-Istat, jekk tatx xi vantaġġ selettiv, jekk kenitx iġġustifikata mil-loġika tas-sistema fiskali Taljana, jekk kellhiex effett fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri u jekk ikkawżatx distorsjoni jew theddida ta' distorsjoni tal-kompetizzjoni.

#### 6.2.1. *Riżorsi tal-Istat*

(110) Il-miżura kienet tinvolvi l-użu ta' riżorsi tal-Istat u r-rinunzja ta' dħul fiskali għall-ammont tat-tnaqqis fit-taxxa.

(111) Telf ta' dħul mit-taxxa huwa ekwivalenti għall-użu ta' riżorsi tal-Istat fil-forma ta' nefqa fiskali. Billi ppermettew lil istituzzjonijiet, li setgħu jiġu klassifikati bħala impriżi, li jnaqqsu l-piżijiet tagħhom tat-taxxa permezz ta' eżenzjonijiet, l-awtoritajiet Taljani irrinunzjaw għal dħul li kieku kien jasal għandhom li kieku ma kienx hemm din l-eżenzjoni.

(112) Għar-raġunijiet imsemmija hawn fuq, il-Kummissjoni tqis li l-miżura inkwistjoni hija l-kawża ta' telf ta' riżorsi tal-Istat sal-punt fejn kienet tiggarantixxi eżenzjoni mit-taxxa.

#### 6.2.2. *Vantaġġ*

(113) Skont il-każistika, il-kunċett ta' għajnuna jinkludi mhux biss benefiċċji pożittivi, iżda wkoll miżuri li f'forom diversi jtaffu l-piżijiet li normalment ikunu inklużi fil-baġit ta' impriża ([43]).

(114) Billi naqqset l-ispejjeż li normalment ikunu inklużi fl-ispejjeż operattivi tal-kumpaniji fil-pussess ta' proprjetajiet immobbli fl-Italja, l-eżenzjoni mill-ICI tat vantaġġ ekonomiku lill-istituzzjonijiet ikkonċernati fuq kumpaniji oħra li ma setgħux jibbenefikaw minn dan it-tnaqqis fit-taxxa.

([43]) Kawża C-143/99, *Adria-Wien Pipeline*, (Ġabra 2001, paġ. I-8365, punt 38).

6.2.3. *Selettività*

(115) Biex tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat, miżura għandha tkun selettiva ([44]), fis-sens li għandha tiffavorixxi ċerti impriżi jew il-produzzjoni ta' ċerti oġġetti. Skont il-każistika konsolidata ([45]), biex miżura fiskali nazzjonali titqies bħala "selettiva", din għandha timplika, b'mod ġenerali, l-identifikazzjoni u l-analiżi tas-sistema tat-taxxa ordinarja jew "normali" applikabbli fl-Istat Membru kkonċernat. Huwa fir-rigward ta' din is-sistema tat-taxxa li huwa meħtieġ, fit-tieni lok, li jiġi stabbilit jekk il-vantaġġi fiskali li ġġib magħha l-miżura inkwistjoni jistgħux ikunu selettivi. Biex isir hekk irid jintwera li d-dispożizzjoni tagħti eżenzjoni fis-sistema ordinarja sa fejn tagħmel distinzjoni bejn operaturi ekonomiċi li, fid-dawl tal-għan li jrid jintlaħaq mis-sistema, jinsabu f'sitwazzjoni fattwali u ġuridika simili. It-tielet, jekk ikun hemm eżenzjoni ta' dan it-tip, jeħtieġ li jiġi eżaminat jekk din hijiex riżultat tan-natura jew tal-istruttura ġenerali tas-sistema fiskali li hija parti minnha u jekk b'hekk tistax tiġi ġġustifikata min-natura jew l-istruttura ġenerali tas-sistema. F'dan il-kuntest, huwa l-Istat Membru li għandu juri li t-trattament fiskali differenzjat jirriżulta direttament mill-prinċipji bażiċi u ta' gwida tas-sistema fiskali tiegħu ([46]).

a) Sistema ta' referenza

(116) L-ICI kienet taxxa indipendenti, li kellha tiġi mħallsa lill-muniċipalitajiet fuq bażi annwali. Fid-deċiżjoni ta' ftuħ, il-Kummissjoni kkonkludiet li s-sistema ta' referenza għall-valutazzjoni tal-eżenzjoni mill-ICI kellha tkun l-istess taxxa muniċipali fuq il-proprjetà immobbli. Din il-konklużjoni ma kenitx ġiet ikkontestata, la mill-Italja u lanqas mill-partijiet interessati l-oħra parteċipanti.

(117) Għalhekk il-Kummissjoni tikkonkludi li ma hemmx għalfejn tirrevedi l-pożizzjoni espressa fid-deċiżjoni ta' ftuħ: f'dan il-każ is-sistema ta' referenza hija l-ICI stess.

b) Eżenzjoni mis-sistema ta' referenza

(118) Skont ir-regolament dwar l-ICI ([47]), il-persuni ġuridiċi kollha fil-pussess ta' proprjetà immobbli, irrispettivament mill-użu li jagħmlu minnha, kellhom iħallsu t-taxxa tal-ICI. L-Artikolu 7 kien jindika liema kategoriji ta' proprjetà immobbli kienu eżenti mit-taxxa.

(119) Il-Kummissjoni tinnota li l-Artikolu 7(1)(i) tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 504/92 kien jagħti deroga mis-sistema ta' referenza, u fuq il-bażi tiegħu, kull min kien sid ta' proprjetà immobbli kien obbligat li jħallas l-ICI irrispettivament mill-użu li jagħmel minnha. Kif deskritt hawn fuq, l-istituzzjonijiet mhux kummerċjali inkwistjoni setgħu jwettqu attivitajiet ta' natura kummerċjali, bħal kull impriża oħra li kienet twettaq attivitajiet ekonomiċi simili. Meta mqabbla ma' kumpaniji soġġetti għall-ħlas tal-ICI, l-istituzzjonijiet mhux kummerċjali b'hekk kienu f'sitwazzjoni ġuridika u fattwali komparabbli, fid-dawl tal-għan maħsub tas-sistema tat-taxxa tal-ICI, jiġifieri t-tassazzjoni fuq is-sjieda ta' proprjetà immobbli min-naħa tal-muniċipalitajiet.

(120) Pereżempju, skont il-kondizzjonijiet stabbiliti fiċ-ċirkolari, is-swali taċ-ċinema li kienu mmexxija minn istituzzjonijiet mhux kummerċjali b'modi mhux purament kummerċjali kienu jibbenefikaw mill-eżenzjoni mill-ICI. Dawn is-servizzi, jekk jiġu offruti fis-suq b'mod organizzat u bi ħlas, xorta jikkostitwixxu attività ekonomika. Huwa fatt mhux ikkontestat li fil-każijiet fejn l-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 7(1)(i) kienu twettqu minn istituzzjonijiet mhux kummerċjali, dawn tal-aħħar ibbenefikaw mill-eżenzjoni mill-ICI għall-proprjetà immobbli li fiha jkunu twettqu l-attivitajiet, sakemm ikunu ġew osservati r-rekwiżiti minimi taċ-ċirkolari. L-istituzzjonijiet kummerċjali ma kenux eliġibbli għal din l-eżenzjoni mit-taxxa, anki jekk kienu jwettqu l-istess attivitajiett u kienu jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fiċ-ċirkolari rigward in-natura tal-films.

(121) Għaldaqstant il-Kummissjoni kkonkludiet li l-eżenzjoni mill-ICI prevista fl-Artikolu 7(1)(i), fl-ewwel verżjoni fis-seħħ qabel ġew introdotti l-emendi bid-Digriet-Liġi Nru 1/2012, kienet eżenzjoni mis-sistema ta' referenza u kienet miżura selettiva skont il-każistika.

c) Ġustifikazzjoni fuq il-bażi tan-natura u tal-istruttura ġenerali tas-sistema fiskali

(122) Peress li l-Kummissjoni tqis li l-eżenzjoni fiskali inkwistjoni hija selettiva, il-Kummissjoni għandha tiddefinixxi, skont il-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, jekk din l-eżenzjoni hijiex ġustifikata min-natura u mill-istruttura ġenerali tas-sistema li hija parti minnha. Miżura li tidderoga mill-applikazzjoni tas-sistema fiskali ġenerali tista' tiġi ġustifikata min-natura u mill-istruttura ġenerali tas-sistema fiskali jekk l-Istat Membru kkonċernat ikun jista' juri li din il-miżura tirriżulta b'mod dirett mill-prinċipji bażiċi jew ta' gwida tas-sistema fiskali tiegħu.

([44]) Ara l-Kawża C-66/02, *L-Italja vs. Il-Kummissjoni* (Ġabra 2005, paġ. I-10901, punt 94).

([45]) Ara l-Kawża C-88/03, *Il-Portugall vs. Il-Kummissjoni* (Ġabra 2006, paġ. I-7115, punt 56) u l-kawżi konġunti minn C-78/08 sa C-80/08, *Paint Graphos* (għadha mhux ippubblikata, punt 49).

([46]) Kawża C-143/99, *Adria-Wien Pipeline GmbH u Wietersdorfer & Peggauer Zementwerke*, (Ġabra 2001, paġ. I-8365, punt 42).

([47]) Ara l-Artikoli 1 u 3 tad-Digriet Leġiżlattiv 504/92.

(123) L-awtoritajiet Taljani u t-78 parti interessata huma tal-fehma li l-eżenzjoni mill-ICI tikkostitwixxi l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' gwida tas-sistema fiskali Taljana. Fil-fehma tagħhom, it-trattament differenzjat ta' attivitajiet li għandhom valur soċjali għoli u li jiġu pprovduti f'kuntest ta' interess soċjali jsib post fi ħdan il-loġika tas-sistema fiskali. Dawn l-attivitajiet huma ispirati mill-prinċipju ta' solidarjetà, li huwa prinċipju fundamentali tal-leġiżlazzjoni nazzjonali u tal-UE. L-istituzzjonijiet mhux kummerċjali kkonċernati jaqsmu wkoll ċerti kompiti ta' rilevanza soċjali mal-Istat. Il-loġika għall-eżenzjoni mill-ICI hija bbażata fuq l-Artikoli 2 u 3 tal-Kostituzzjoni Taljana, li jeħtieġu t-twettiq tad-dmirijiet ta' solidarjetà politika, ekonomika u soċjali għaċ-ċittadini, u fuq l-Artikolu 38 tagħha, li jistabbilixxi d-dritt għal persuni nieqsa mill-mezzi meħtieġa għas-sussistenza għal għajnuna soċjali.

(124) F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tqis li l-awtoritajiet Taljani ma wrewx li l-miżura inkwistjoni tirriżulta b'mod dirett mill-prinċipji bażiċi jew ta' gwida tas-sistema fiskali tagħhom. L-artikoli tal-Kostituzzjoni Taljana li tirreferi għalihom l-Italja fil-fatt ma jirreferu għal ebda prinċipju gwida tas-sistema fiskali Taljana, iżda biss għall-prinċipji ġenerali tas-solidarjetà soċjali.

(125) It-tieni nett, il-Kummissjoni tinnota li l-għan li jrid jinkiseb mill-miżuri statali mhuwiex biżżejjed biex tiġi eskluża, għal dawn il-miżuri, il-kwalifika ta' "għajnuna" skont l-Artikolu 107 tat-Trattat ([48]). Il-Qorti sostniet ukoll diversi drabi li l-Artikolu 107(1) tat-Trattat ma jagħmel ebda distinzjoni bejn il-kawżi jew l-għanijiet tal-għajnuna mill-Istat, iżda jiddefinixxihom skont l-effetti tagħhom ([49]). Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, il-Kummissjoni tinnota wkoll li dawn mhumiex biżżejjed sabiex jeskludu l-kwalifika ta' miżura ta' għajnuna mill-Istat inkwistjoni u lanqas l-għan soċjali, jew it-twettiq ta' attivitajiet ta' interess soċjali.

(126) It-tielet nett, il-Kummissjoni tinnota wkoll li, kif diġà ġie msemmi, miżura li tidderoga mill-applikazzjoni tas-sistema fiskali ordinarja tista' tiġi ġġustifikata min-natura u mill-istruttura ġenerali tas-sistema fiskali (ta' referenza), f'dan il-każ l-ICI. F'dan il-kuntest, kif indikat ukoll fil-punt 26 tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat għall-miżuri relatati mat-tassazzjoni diretta tan-negozju ([50]), jeħtieġ li ssir distinzjoni bejn żewġ kategoriji ta' għanijiet, jiġifieri l-għanijiet mogħtija għal skema fiskali partikolari barra minnha (b'mod partikolari, għanijiet soċjali jew reġjonali) u għanijiet li huma parti mis-sistema fiskali nfisha. Bħala riżultat, l-eżenzjonijiet mit-taxxa li jirriżultaw mill-għanijiet esterni għat-tassazzjoni ta' referenza ma jistgħux jevitaw id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat ([51]). L-iskop tat-taxxa inkwistjoni huwa li tiġbor introjtu sabiex jiġi ffinanzjat l-infiq tal-tal-Istat ([52]) permezz ta' taxxi fuq is-sjieda ta' proprjetà immobbli. Għalhekk il-Kummissjoni tqis li l-għanijiet soċjali li jridu jiksbu l-istituzzjonijiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-eżenzjoni mill-ICI huma esterni għal-loġika tas-sistema tat-taxxa tal-ICI u għaldaqstant ma jistgħux jiġu invokati biex jiġġustifikaw is-selettività tal-miżura *prima facie*.

(127) Ir-raba' nett, b'konformità mal-każistika ([53]), sabiex jiġi ddeterminat jekk miżura tistax tiġi ġustifikata min-natura jew mill-istruttura ġenerali tas-sistema li hija parti minnha, jeħtieġ li jiġi ddeterminat mhux biss jekk il-miżura hijiex parti sħiħa mill-prinċipji essenzjali tas-sistema fiskali applikabbli fl-Istat Membru kkonċernat, iżda anki jekk hijiex konformi mal-prinċipji ta' koerenza u ta' proporzjonalità. Madankollu, minħabba li l-miżura inkwistjoni ma tirriżultax direttament mill-prinċipji bażiċi tas-sistema fiskali ta' referenza, il-Kummissjoni tqis li mhuwiex meħtieġ li tiġi analizzata s-sistema ta' kontrolli implimentati mill-Italja sabiex jiġi żgurat li jiġu osservati l-kondizzjonijiet għall-eżenzjoni mill-ICI għal istituzzjonijiet mhux kummerċjali, kif deskritt mill-awtoritajiet Taljani. Fi kwalunkwe każ, it-trattament fiskali differenzjat tal-istituzzjonijiet mhux kummerċjali, li ġie introdott mill-miżura inkwistjoni, la huwa meħtieġ u lanqas mhu proporzjonali fir-rigward tal-loġika tas-sistema fiskali.

(128) Fid-dawl tal-punti c) (122) sa (127), il-Kummissjoni tikkonkludi li n-natura selettiva tal-miżura fiskali inkwistjoni mhijiex iġġustifikata mil-loġika tas-sistema fiskali. Għaldaqstant għandu jiġi konkluż li l-miżura kkontestata tagħti vantaġġ selettiv lill-istituzzjonijiet mhux kummerċjali li jwettqu ċertu tipi ta' attivitajiet.

([48]) Kawżi konġunti minn C-78/08 sa C-80/08, *Paint Graphos*, punt 67. Ara wkoll il-Kawża C-487/06 P *British Aggregates vs. Il-Kummissjoni* (Ġabra 2008, paġ. I-10505, punt 84) u l-każistika kkwotata fiha.

([49]) Kawża C-487/06, *British Aggregates vs. Il-Kummissjoni*, (Ġabra 2001, paġ. I-10505, punt 85).

([50]) ĠU C 384 tal-10.12.1998, paġ. 3.

([51]) Kawżi konġunti minn C-78/08 sa C-80/08, *Paint Graphos*, punt 70.

([52]) Ara l-punt 26 tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tar-regoli dwar l- għajnuna mill-Istat għall-miżuri relatati mat-tassazzjoni diretta tan-negozju.

([53]) Kawżi konġunti minn C-78/08 sa C-80/08, *Paint Graphos*, punt 73 u ta' wara.

6.2.4. *Effett fuq il-kummerċ bejn Stati Membri u d-distorsjoni tal-kompetizzjoni*

(129) L-Artikolu 107(1) tat-Trattat jipprojbixxi għajnuna li għandha impatt fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri u li toħloq distorsjoni jew thedded li toħloq distorsjoni tal-kompetizzjoni. Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja ([54]), biex miżura nazzjonali tikkwalifika bħala għajnuna mill-Istat mhuwiex neċessarju li jintwera effett konkret tal-għajnuna fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri u distorsjoni konkreta tal-kompetizzjoni, izda jkun biżżejjed li jiġi eżaminat jekk l-għajnuna tistax taffettwa l-kummerċ u tfixkel il-kompetizzjoni. Kif spjegat fil-punt (104), għandu jiġi osservat ukoll li sabiex tintlaħaq konklużjoni dwar il-kwalifika ta' sistema bħala għajnuna mill-Istat, mhuwiex meħtieġ li jintwera li l-miżuri individwali kollha mogħtija bħala parti mill-iskema jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat skont l-Artikolu 107(1) tat-Trattat. Għal dan il-għan, sabiex jiġi konkluż li sistema tinkludi elementi ta' għajnuna skont l-Artikolu 107(1) tat-Trattat, huwa biżżejjed li fil-kamp ta' applikazzjoni tal-implimentazzjoni tagħha jkun hemm sitwazzjonijiet li jitqiesu bħala għajnuna.

(130) Fir-rigward, b'mod aktar speċifiku, tar-rekwiżit ta' effett fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri, il-każistika turi li l-għoti ta' għajnuna minn Stat Membru fil-forma ta' tnaqqis fit-taxxa lil ċerti entitajiet taxxabbli għandhu jitqies bħala li jaffettwa l-kummerċ u, bħala konsegwenza, li jissodisfa r-rekwiżit inkwistjoni, meta l-entitajiet taxxabbli jeżerċitaw l-istess attività ekonomika li hija s-suġġett ta' dan il-kummerċ jew ma jistax jiġi eskluż li huma f'kompetizzjoni ma' operaturi stabbiliti fi Stati Membri oħra ([55]). Barra minn hekk, meta għajnuna mogħtija minn Stat Membru ssaħħaħ il-pożizzjoni ta' impriża meta mqabbel ma' impriżi oħra li jkunu f'kompetizzjoni magħha fil-kummerċ fi ħdan l-Unjoni, dawn tal-aħħar għandhom jitqiesu bħala li ġew affettwati minn dik l-għajnuna. Mhuwiex neċessarju li l-impriża benefiċjarja stess tkun qed tipparteċipa fil-kummerċ fi ħdan l-Unjoni. Fil-fatt, fejn Stat Membru jagħti għajnuna lil impriża, l-attività kummerċjali tas-suq intern tista' tibqa' kif inhi jew tiżdied, bil-konsegwenza li l-opportunitajiet għall-impriżi stabbiliti fi Stati Membri oħra li jippenetraw is-suq ta' dak l-Istat Membru jonqsu.

(131) Fir-rigward tal-kundizzjoni tad-distorsjoni għall-kompetizzjoni, għandu jiġi osservat li l-għajnuna diretta li tippermetti lil impriża biex din ma tħallasx l-ispejjeż kollha li normalment kien ikollha tħallas għall-ġestjoni tagħha ta' kuljum jew għall-attivitajiet normali tagħha, fil-prinċipju toħloq distorsjoni għall-kundizzjonijiet tal-kompetizzjoni ([56]).

(132) L-awtoritajiet Taljani ma ppreżentawx kummenti f'dan ir-rigward. Uħud mit-78 parti interessata huma tal-fehma li l-eżenzjoni mill-ICI ma setgħetx twassal għal effetti sinifikanti fuq il-kummerċ jew għal distorsjonijiet sinifikanti għall-kompetizzjoni, minħabba l-karatteristiki partikolari tal-benefiċjarji tal-miżura u l-mod li bih dawn wettqu l-attivitajiet meta ddaħħlet l-eżenzjoni.

(133) Il-Kummissjoni ma taqbilx mal-allegazzjonijiet magħmula minn dawn il-partijiet terzi, li jallegaw li l-eżenzjoni inkwistjoni, mogħtija lil istituzzjonijiet mhux kummerċjali li joperaw f'livell lokali, ma kellha l-ebda effett sinifikanti fuq il-kummerċ, u ma kkawżat ebda distorsjoni sinifikanti tal-kompetizzjoni. Skont każistika stabbilita, fil-fatt, biex jiġu kkawżati effetti kummerċjali negattivi fuq il-kummerċ huwa biżżejjed li l-impriża benefiċjarja tkun topera f'suq miftuħ għall-kompetizzjoni (importazzjoni jew esportazzjoni ta' merkanzija jew il-forniment ta' servizzi transkonfinali) ([57]). Ma jimpurtax jekk is-swieq ikkonċernati huma lokali, reġjonali, nazzjonali jew f'livell tal-UE. Il-fattur deċiżiv mhuwiex id-definizzjoni fil-livell sostantiv u ġeografiku tas-swieq rilevanti iżda pjuttost l-effett negattiv possibbli fuq il-kummerċ fl-Unjoni. L-ammont relattivament żgħir ta' għajnuna jew id-daqs relattivament żgħir tal-benefiċjarju ma jeskludix il-possibbiltà li jista' jiġi influwenzat il-kummerċ fl-UE ([58]). Id-daqs żgħir tal-għajnuna jew id-daqs żgħir tal-impriżi benefiċjarji ma jeskludix il-preżenza tal-għajnuna ([59]).

([54]) Kawża C-372/97, *L-Italja vs. Il-Kummissjoni* (Ġabra 2004, paġ. I-3679, punt 44), il-Kawża C-148/04, *Unicredito Italiano*, (Ġabra 2005, paġ. I-11137, punt 54) u l-Kawża C-222/04, *Cassa di Risparmio di Firenze*, (Ġabra 2006, paġ. I-289, punt 140), il-kawżi konġunti minn C-78/08 sa C-80/08, *Paint Graphos*, punt 78 (għadha mhux ippubblikata, punt 78) u l-Kawża T-303/10, *Wam Industriale Spa vs. Il-Kummissjoni*, punt 25 u ta' wara (għadha mhux ippubblikata).

([55]) Ara l-Kawża C-88/03, *Il-Portugall vs. il-Kummissjoni*, punt 91, u l-Kawża C-172/03 P *Heiser* (Ġabra 2005, paġ. I-1627, punt 35); Kawża C-494/06 P, *Il-Kummissjoni vs. Wam* (Ġabra 2009, paġ. I-3639, punt 51).

([56]) Ara l-kawża C-156/98, *Il-Ġermanja vs. Il-Kummissjoni* (Ġabra 2000, paġ. I-6857, punt 30) u *Heiser*, punt 55.

([57]) Ara l-kawża T-298/97, *Alzetta* (Ġabra 2000, paġ. II-2319, punti 93 u ta' wara).

([58]) Ara l-Kawża C-142/87, *Il-Belġju vs. Il-Kummissjoni* (Ġabra 1990, paġ. I-959, punt 43), il-Kawżi konġunti C-278/92, C-279/92 u C-280/92, *Spanja vs. Il-Kummissjoni* (Ġabra 1994, paġ. I-4103, punt 42), u l-kawża C-280/00, *Altmark Trans u Regierungspräsidium Magdeburg* (Ġabra 2003, paġ. I-7747, punt 81).

([59]) Kawża T-171/02, *Sardegna vs. Il-Kummissjoni* (Ġabra 2005, paġ. II-2123, punt 86 u ta' wara), il-Kawża C-113/00, *Spanja vs. Il-Kummissjoni* (Ġabra 2002, paġ. I-7601, punt 30); Kawża T-288/97, *Van den Bergh Foods vs. Il-Kummissjoni* (Ġabra 2001, paġ. II-1169, punti 44 u 46).

(134) F'dan il-każ, il-Kummissjoni tinnota li mill-inqas uħud mis-setturi li bbenefikaw mill-eżenzjoni mill-ICI, bħal servizzi ta' akkomodazzjoni u tas-saħħa, kienu u huma tabilħaqq miftuħa għall-kompetizzjoni u għall-kummerċ fi ħdan l-Unjoni. Fir-rigward tal-miżura inkwistjoni, il-Kummissjoni tqis li l-kondizzjonijiet stipulati mil-liġi ġew issodisfatti. Il-miżura fil-fatt tagħti vantaġġ f'termini ta' finanzjament tal-attivitajiet imwettqa mill-istituzzjonijiet ikkonċernati, u tnaqqsilhom l-ispejjeż li suppost għandhom iħallsu. Għalhekk, il-miżura tista' tfixkel il-kompetizzjoni.

(135) Għaldaqstant, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-miżura inkwistjoni tista' taffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri u toħloq distorsjoni għall-kompetizzjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat.

6.2.5. *Konklużjoni dwar il-kwalifika tal-miżura kkontestata*

(136) Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-miżura inkwistjoni tissodisfa l-kondizzjonijiet kollha stabbiliti fl-Artikolu 107(1) tat-Trattat u għandha titqies bħala għajnuna mill-Istat.

6.2.6. *Kwalifikazzjoni tal-miżura bħala għajnuna ġdida*

(137) Fid-deċiżjoni tal-ftuħ, il-Kummissjoni kkunsidrat li l-eżenzjoni mill-ICI prevista fl-Artikolu 7(1)(i) tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 504/92 għandha titqies bħala għajnuna ġdida. L-ICI, taxxa li titħallas fuq bażi annwali lill-muniċipalitajiet u li ġiet introdotta fl-1992, ma ġietx innotifikata lill-Kummissjoni, u din qatt ma approvatha. Fiż-żmien meta ġiet introdotta, l-eżenzjoni msemmija kienet tapplika għal firxa wiesgħa ta' attivitajiet miftuħa għall-kompetizzjoni.

(138) L-Italja hija tal-fehma li l-pożizzjoni tal-Kummissjoni fid-deċiżjoni ta' ftuħ hija żbaljata, għaliex temmen li jekk l-eżenzjoni mill-ICI għandha titqies bħala għajnuna, din l-għajnuna għandha titqies bħala għajnuna eżistenti. Fil-fatt, l-ICI tirrappreżenta l-evoluzzjoni leġiżlattiva loġika tat-taxxi tal-proprjetà fuq il-proprjetà immobbli, u li għandha relazzjoni mill-qrib ta' kontinwità formali u sostantiva mat-taxxi ta' qabel. L-għoti ta' eżenzjoni għall-proprjetà immobbli li tintuża biex jitwettqu attivitajiet speċifiċi ta' valur soċjali għoli huwa komponent ewlieni tat-taxxi kollha fuq il-proprjetà immobbli li ġew introdotti fl-1931 u wara l-1931, jiġifieri ħafna qabel id-dħul fis-seħħ tat-Trattat KEE.

(139) L-awtoritajiet Taljani jsostnu wkoll li r-risposti mogħtija mill-Kummissjoni lill-ilmentaturi rigward l-eżenzjoni mill-ICI, li dwarhom l-Italja kienet mgħarrfa b'mod informali, wasslu biex l-istituzzjonijiet mhux kummerċjali jkollhom aspettattivi leġittimi fir-rigward tal-kompatibbiltà tal-eżenzjoni mal-liġijiet tal-UE.

(140) L-Italja ppreżentat deskrizzjoni dettaljata tat-taxxi fuq il-proprjetà immobbli li kienu fis-seħħ qabel l-ICI. Fl-1931, bil-Liġi Konsolidata dwar il-Finanzi Lokali, l-Italja introduċiet imposti ta' titjib speċifiku u ġeneriku. Sussegwentement, fl-1963, il-Liġi Nru 246 tal-5 ta' Marzu 1963 stabbilixxiet taxxa fuq iż-żieda fil-valur ta' plottijiet għall-bini. Fl-aħħarnett, id-Digriet tal-President tar-Repubblika Nru 643 tas-26 Ottubru 1972 introduċa t-taxxa fuq iż-żieda fil-valur tal-proprjetà immobbli (l-hekk imsejħa INVIM). Għall-kalkolu ta' taxxi ta' titjib speċifiku u ġeneriku, kellha titqies iż-żieda fil-valur tal-proprjetà immobbli. Bl-istess mod, anki t-taxxa tal-1963 kienet tolqot il-valur miżjud ta' plottijiet għall-bini. Dan il-valur żejjed madankollu kien jiġi ntaxxat fil-mument tat-trasferiment ta' proprjetà permezz ta' atti *inter vivos* u, b'mod ġenerali, wara kull għaxar snin ta' sjieda tal-proprjetà immobbli. L'INVIM, li kienet ġiet introdotta fl-1972, ħadet post kemm it-taxxa tal-1931 kif ukoll dik tal-1963. Skont il-liġi dwar l-INVIM, l-entitajiet taxxabbli kienu min qed jagħmel it-trasferiment, bi ħlas, jew ix-xerrej, mingħajr ħlas u, fi kwalunkwe każ, it-taxxa kienet dovuta fi tmiem kull għaxar snin ta' sjieda. L-INVIM kienet ġiet abolita meta ġiet introdotta l-ICI. Skont l-Italja, din l-analiżi turi r-relazzjoni mill-qrib ta' kontinwità bejn id-diversi strumenti ta' tassazzjoni fuq il-proprjetà immobbli li ntużaw mill-1931 'il quddiem. L-Italja tinnota wkoll li r-regoli li għandhom x'jaqsmu mal-eżenzjoni mit-taxxi fuq il-proprjetà dejjem qiesu t-tip ta' attività mwettqa mill-istituzzjoni li tibbenefika mill-eżenzjoni. Il-fatt li l-kategoriji tal-benefiċjarji tal-eżenzjoni żdiedu matul is-snin seħħ sempliċiment għaliex in-numru tal-istituzzjonijiet li jwettqu attivitajiet soċjalment rilevanti żdied biż-żmien.

(141) Il-Kummissjoni ma tqisx li l-argumenti tal-awtoritajiet Taljani huma korretti. L-ewwel nett, il-Kummissjoni tinnota li t-taxxa tal-ICI hija taxxa ta' natura kompletament differenti mit-taxxi ta' qabel fuq il-proprjetà immobbli li hija ssostitwiet. Fi kwalunkwe każ, hemm ħafna differenzi bejn l-ICI u l-taxxi ta' qabel fuq il-proprjetà immobbli, fil-livell tal-entitajiet taxxabbli, tal-ammonti taxxabbli u tal-avvenimenti li taw lok għall-obbligu tal-ħlas tat-taxxi. Fil-fatt, saż-żmien meta ġiet introdotta l-ICI, it-taxxi fuq il-proprjetà immobbli kienu jiġu kkalkulati mill-bażi tal-valur żejjed tal-proprjetà immobbli. Minflok, l-ICI kienet tiġi kkalkulata fuq il-bażi tad-dħul katastali tal-proprjetà. Barra minn hekk, filwaqt li l-INVIM kienet tidentifika bħala entitajiet taxxabbli liċ-ċedent, bil-ħlas, jew lix-xerrej, mingħajr ħlas, l-ICI kellha titħallas minn kull persuna fiżika jew

ġuridika li kellha proprjetà immobbli. Fl-aħħarnett, filwaqt li l-INVIM kienet essenzjalment titħallas kull għaxar snin, l-ICI kienet dovuta kull sena. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, il-Kummissjoni tqis li l-bidliet introdotti maż-żmien u, b'mod partikolari, bil-liġi dwar l-ICI, għandhom effett fuq is-sustanza tas-sistema oriġinali u ma jistgħux jiġu separati minnha, bir-riżultat li l-iskema oriġinali ġiet trasformata f'sistema ġdida ta' għajnuna ([60]). Il-Kummissjoni m'għandha l-ebda raġuni biex tirrevedi dak li ġie espress fid-deċiżjoni ta' ftuħ u tikkonferma li l-eżenzjoni mill-ICI kienet tikkostitwixxi għajnuna ġdida.

(142) Fir-rigward tal-allegata awtorizzazzjoni tal-miżura dwar l-ICI, il-Kummissjoni tinnota li l-għajnuna inkwistjoni qatt ma ġiet awtorizzata mill-Kummissjoni jew mill-Kunsill. Li kieku ġiet approvata, l-għajnuna titqies bħala għajnuna eżistenti skont l-Artikolu 1(b)(ii) tar-Regolament (KE) Nru 659/1999, iżda l-ittri li jkun fihom il-valutazzjoni preliminari tal-Kummissjoni, li l-Kummissjoni tibgħat lill-ilmentaturi fil-kuntest tal-proċedura amministrattiva li sseħħ qabel id-deċiżjoni ta' ftuħ, ma jistgħux jiġu inklużi ma' deċiżjonijiet tal-Kummissjoni. Fil-fatt, jistgħu jitqiesu bħala għajnuna eżistenti skont it-tifsira tal-Artikolu 1(b)(ii) dawk it-tipi ta' għajnuna li jkunu ġew awtorizzati mill-Kummissjoni jew mill-Kunsill b'deċiżjoni espliċita biss. Fi kwalunkwe każ, tnejn mill-ilmentaturi li ntbagħtitilom ittra fil-15 ta' Frar 2010 ippreżentaw rikors quddiem il-Qorti, u għalhekk din l-ittra ma saritx finali. Ir-rikorsi ġew irtirati biss wara d-deċiżjoni ta' ftuħ. Il-Kummissjoni għalhekk tikkonkludi li, fin-nuqqas ta' deċiżjoni mill-Kummissjoni jew mill-Kunsill l-Artikolu 1(b)(ii) tar-Regolament (KE) Nru 659/1999 ma japplikax. Għaldaqstant, l-għajnuna inkwistjoni ma tistax titqies bħala għajnuna eżistenti. Għall-kuntrarju, din hija għajnuna ġdida.

6.2.7. *Kompatibilità*

(143) Fid-deċiżjoni ta' ftuħ, il-Kummissjoni qieset li s-sistema ta' għajnuna inkwistjoni ma kenitx taqa' taħt ebda waħda mill-eżenzjonijiet previsti fl-Artikolu 107(2) u (3) tat-Trattat, u li l-awtoritajiet Taljani ma wrewx il-kompatibilità tal-għajnuna skont l-Artikolu 106(2).

(144) Matul il-proċeduri, l-awtoritajiet Taljani ma ppreżentawx argumenti li juru li għas-sistema inkwistjoni jistgħu jiġu applikati l-eċċezzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 107(2) u (3) u fl-Artikolu 106(2) tat-Trattat. Skont uħud mit-78 parti interessata, is-sistema hija konformi mal-Artikolu 106(2) u mal-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat. Fil-fehma tagħhom, l-eżenzjoni fil-fatt kienet meħtieġa għal attivitajiet ta' interess soċjali bbażati fuq il-prinċipju ta' solidarjetà. Iż-żewġ ilmentaturi huma tal-fehma li ebda waħda mill-eżenzjonijiet previsti mit-Trattat ma hija applikabbli.

(145) Skont il-Kummissjoni, f'dan il-każ ma japplikawx l-eċċezzjonijiet previsti fl-Artikolu 107(2) tat-Trattat, li jirrigwardaw għajnuna ta' natura soċjali mogħtija lill-konsumaturi individwali, għajnuna li tagħmel tajjeb għall-ħsara kkawżata minn diżastri naturali jew minn avvenimenti eċċezzjonali, u għajnuna mogħtija lil ċerti żoni tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja.

(146) L-istess japplika għall-eċċezzjoni msemmija fl-Artikolu 107(3)(a) li tipprovdi għall-awtorizzazzjoni ta' għajnuna maħsuba biex tippromwovi l-iżvilupp ekonomiku tar-reġjuni fejn il-livell ta' għajxien huwa baxx b'mod anormali jew fejn ikun hemm sitwazzjoni serja ta' qgħad, u tar-reġjuni msemmija fl-Artikolu 349, filwaqt li titqies is-sitwazzjoni strutturali, ekonomika u soċjali tagħhom. Il-miżura inkwistjoni lanqas ma tista' titqies bħala li hi xierqa biex tippromwovi t-twettiq ta' proġett importanti ta' interess komuni Ewropew jew biex tirrimedja taqlib serju fl-ekonomija tal-Italja, kif stipulat fl-Artikolu 107(3)(b).

(147) Skont l-Artikolu 107(3)(c), għajnuna maħsuba biex tiffaċilita l-iżvilupp ta' ċerti attivitajiet ekonomiċi tista' titqies bħala li hi kompatibbli bil-kundizzjoni li ma tfixkilx il-kundizzjonijiet tal-kummerċ sa punt li jmur kontra l-interess komuni. Il-Kummissjoni, madankollu, ma ġietx ipprovduta b'elementi konkreti biex tiddetermina jekk l-eżenzjoni fiskali mogħtija mill-miżura inkwistjoni kenitx relatata ma' investimenti speċifiċi jew ma' proġetti awtorizzati biex jirċievu għajnuna skont ir-regoli u linji gwida tal-Unjoni jew li huma direttament kompatibbli mal-Artikolu 107(3)(c). Għalhekk, il-Kummissjoni ma taqbilx mal-pożizzjoni tal-partijiet interessati li jinvokaw il-kompatibilità tal-miżura skont l-Artikolu 107(3)(c), u li

([60]) Ara l-kawżi konġunti T-195/01 u T-207/01, *Il-Gvern ta' Ġibiltà vs. Il-Kummissjoni* (Ġabra 2002, paġ. II-2309, punt 111).

jirreferu għall-bżonn li istituzzjonijiet mhux kummerċjali jwettqu attivitajiet li huma bbażati fuq il-prinċipju ta' solidarjetà u li għandhom funzjoni soċjali importanti. B'mod partikolari, fid-dawl tan-natura tal-benefiċċju, li huwa sempliċement relatat mat-tneħħija tat-taxxa fuq is-sjieda tal-proprjetà, mhuwiex possibbli li jiġu ddeterminat l-ħtieġa u l-proporzjonalità fir-rigward tal-kisba ta' għan ta' interess komuni għall-każijiet individwali. Il-Kummissjoni għalhekk tqis li l-miżura inkwistjoni ma tistax titqies bħala li hi kompatibbli fuq il-bażi ta' kwalunkwe linji gwida bbażati fuq l-Artikolu 107(3)(c).

(148) Skont l-Artikolu 107(3)(d) tat-Trattat, għajnuna għall-promozzjoni tal-kultura u tal-konservazzjoni tal-wirt tista' titqies bħala kompatibbli mas-suq intern, meta din ma tfixkilx il-kundizzjonijiet tal-kummerċ u tal-kompetizzjoni fl-Unjoni sa punt li jmur kontra l-interess komuni. Fid-deċiżjoni ta' ftuħ il-Kummissjoni ma qisitx li kien possibbli li teskludi *a priori* li ċerti istituzzjonijiet, bħal pereżempju istituzzjonijiet mhux kummerċjali li jwettqu biss attivitajiet edukattivi, kulturali u rikreattivi, kellhom l-għan li jippromwovu l-kultura u l-konservazzjoni tal-wirt, u li għalhekk dawn setgħu jiġu inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 107(3)(d) tat-Trattat. Madankollu, la l-Italja u lanqas il-partijiet interessati ma ppreżentaw evidenza lill-Kummissjoni li setgħet turi l-kompatibilità tal-miżura inkwistjoni għal ċerti istituzzjonijiet skont l-Artikolu 107(3) (d) tat-Trattat ([61]). Anki f'dan il-kuntest, minħabba n-natura tal-benefiċċju mhuwiex possibbli li l-għajnuna titqies bħala neċessarja u proporzjonata fil-każijiet individwali kollha.

(149) Fl-aħħar nett, fid-deċiżjoni ta' ftuħ, il-Kummissjoni ma eskludietx li xi wħud mill-attivitajiet li jibbenefikaw mill-miżuri inkwistjoni jistgħu jiġu klassifikati bħala servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali skont il-liġi Taljana, b'konformità mal-Artikolu 106( 2) tat-Trattat u mal-każistika *Altmark*. Uħud mill-partijiet interessati jsostnu li l-Kummissjoni għandha tivvaluta l-miżura fil-kuntest tal-Artikolu 106(2) tat-Trattat, mingħajr ma tiġi pprovduta ebda evidenza utli għall-analiżi. Iż-żewġ partijiet interessati huma tal-fehma li l-miżura ma tissodisfax il-kriterji stabbiliti fil-każistika *Altmark*. Fid-dawl ta' dan, u meta wieħed jikkunsidra li la l-Italja u lanqas il-partijiet interessati ma pprovdew informazzjoni li setgħet tippermetti lill-Kummissjoni biex tivvaluta l-miżura fid-dawl tal-Artikolu 106(2) tat-Trattat, il-Kummissjoni tikkonkludi li mhuwiex possibbli li jiġi ddeterminat jekk l-attivitajiet inkwistjoni jistgħux jiġu klassifikati bħala servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali skont l-imsemmi Artikolu. Bl-istess mod, mhuwiex possibbli li jiġi ddeterminat jekk, f'kull każ individwali, l-għajnuna hijiex neċessarja u proporzjonata biex jiġu koperti l-ispejjeż iġġenerati mill-obbligi tas-servizz pubbliku jew biex jiġu pprovduti servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali.

(150) Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet ta' hawn fuq, il-Kummissjoni tikkonkludi li s-sistema ta' għajnuna inkwistjoni mhijiex kompatibbli mas-suq intern.

### 6.3. **L-Artikolu 149(4) tat-TUTD**

(151) Fid-deċiżjoni ta' ftuħ, il-Kummissjoni qieset li l-miżura inkwistjoni tidher li tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat. Fit-taqsima li ġejja, il-Kummissjoni se tiddetermina jekk l-Artikolu 149(4) tat-TUTD tikkostitwixxix għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE.

(152) L-awtoritajiet Taljani spjegaw li l-Artikolu 149(2) tat-TUTD jinkludi lista mhux eżawrjenti ta' parametri li jistgħu jittieħdu inkunsiderazzjoni sabiex tiġi vvalutata n-natura kummerċjali ta' istituzzjoni ([62]). L-okkorrenza ta' wieħed jew aktar minn dawn il-parametri ma tfissirx it-telf b'mod awtomatiku tal-kwalifika ta' istituzzjoni mhux kummerċjali (li ma jkollhiex l-istess livell ta' preżunzjonijiet legali) iżda minflok hija ħjiel tan-natura kummerċjali proprja tal-istituzzjoni. Fir-rigward tal-istituzzjonijiet ekkleżjastiċi rikonoxxuti b'mod legali, l-Italja tinnota li ċ-Ċirkolari tad-Dipartiment tat-Taxxi Interni Nru 124/E tat-12 ta' Mejju 1998 stipulat b'mod ċar li l-istituzzjonijiet ekkleżjastiċi jistgħu jibbenefikaw mit-trattament fiskali li jingħata lil istituzzjonijiet mhux kummerċjali biss jekk dawn ma jkollhomx bħala l-għan

([61]) Fl-osservazzjonijiet tagħhom dwar il-kummenti mressqa mill-partijiet interessati, l-awtoritajiet Taljani argumentaw li l-Artikolu 107(3) (d) tat-Trattat seta' kien applikabbli, fil-prinċipju, għal ċerti attivitajiet imniżżla fl-Artikolu 7(1)(i) biss. Madankollu, ma ġew ippreżentati ebda argumenti oħra f'dan ir-rigward.

([62]) Ara n-Nota Nru 12.

ewlieni tagħhom l-eżerċizzju ta' attivitajiet kummerċjali. Fi kwalunkwe każ, l-istituzzjonijiet ekkleżjastiċi rikonoxxuti b'mod legali għandhom iżommu l-prevalenza tal-attività istituzzjonali ispirata minn prinċipji idealisti. Għalhekk, l-Artikolu 149(4) tat-TUTD jeskludi l-applikazzjoni ta' parametri ta' żmien u kummerċjabilità speċifiċi msemmija fl-Artikolu 149(1) u (2), għall-istituzzjonijiet ekkleżjastiċi u għall-assoċjazzjonijiet sportivi mhux professjonali, iżda ma jeskludix li dawn l-istituzzjonijiet jistgħu jitilfu l-kwalifika ta' istituzzjoni mhux kummerċjali.

(153) L-awtoritajiet Taljani indikaw li l-miżura hija mmirata lejn il-preservazzjoni tal-kompetenza esklużiva miżmuma mill-CONI għall-assoċjazzjonijiet sportivi mhux professjonali u mill-Ministeru tal-Intern għall-istituzzjonijiet ekkleżjastiċi.

(154) B'mod aktar speċifiku, fir-rigward tal-istituzzjonijiet ekkleżjastiċi, il-Liġi Nru 222/1985 għall-implimentazzjoni ta' ftehimiet internazzjonali bejn l-Italja u s-Santa Sede tirregola, fost oħrajn, is-setgħat tal-Ministeru tal-Intern. L-Italja saħqet li l-Ministeru tal-Intern għandu kompetenza esklussiva kemm fir-rigward tar-rikonoxximent tal-personalità ġuridika fil-liġi ċivili tal-istituzzjonijiet ekkleżjastiċi kif ukoll fir-rigward tal-irtirar ta' dan ir-rikonoxximent ([63]). L-Artikolu 149(4) tat-TUTD jikkonferma l-għoti ta' din il-kompetenza esklussiva u jipprevjeni r-revoka impliċita tal-personalità ġuridika fil-liġi ċivili tal-istituzzjonijiett ekklesjastiċi mill-awtoritajiet tat-taxxa. Li kieku l-Ministeru tal-Intern kellu jirrevoka l-personalità ġuridika fil-liġi ċivili ta' istituzzjoni ekkleżjastika, din tal-aħħar titlef il-kwalifika ta' istituzzjoni mhux kummerċjali u ma tkunx tista' tibqa tibbenefika mit-trattament fiskali applikabbli għall-istituzzjonijiet mhux kummerċjali. Skont id-Digriet tal-President tar-Repubblika Nru 361/2000, il-Ministeru tal-Intern, permezz tal-prefetti, jivverifika wkoll li l-istituzzjonijiet ekkleżjastiċi jkomplu jissodisfaw ir-rekwiżiti għaż-żamma tal-personalità ġuridika fil-liġi ċivili.

(155) B'referenza għall-assoċjazzjonijiet sportivi mhux professjonali, l-Italja kkonfermat li l-CONI huwa l-uniku korp li jista' jivverifika t-twettiq kif suppost tal-attività sportiva mwettqa mill-assoċjazzjonijiet. L-awtoritajiet Taljani ċċaraw ukoll li l-assoċjazzjonijiet sportivi mhux professjonali jistgħu jitilfu l-kwalifika ta' istituzzjoni mhux kummerċjali jekk il-CONI jikkonkludi li dawn ma jwettqux attivitajiet sportivi mhux professjonali. L-assoċjazzjonijiet sportivi mhux professjonali għandhom jiżvelaw l-informazzjoni dwar it-taxxa rilevanti li tirrigwardahom permezz tal-mudell EAS xieraq ([64]). Madankollu, l-assoċjazzjonijiet sportivi mhux professjonali li ma jwettqux attivitajiet kummerċjali mhumiex meħtieġa li jippreżentaw dan il-mudell. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet ta' hawn fuq, jirriżulta li l-awtoritajiet Taljani ppjanaw u implimentaw strumenti xierqa li jippermettu li l-attivitajiet ta' assoċjazzjonijiet sportivi mhux professjonali jiġu verifikati anki minn perspettiva fiskali.

(156) Barra minn hekk, l-Italja spjegat li jekk l-awtoritajiet tat-taxxa jkunu kkonfermaw li l-istituzzjonijiet ekkleżjastiċi u l-assoċjazzjonijiet sportivi mhux professjonali fil-biċċa l-kbira jwettqu attivitajiet kummerċjali, dawn għandhom jgħarrfu minnufih lill-Ministeru tal-Intern u lill-CONI. Il-Ministeru tal-Intern u l-CONI għandhom ukoll iwettqu kontrolli b'mod indipendenti, b'konformità mas-setgħat mogħtija lilhom mil-liġi. Fl-istess ħin, l-awtoritajiet fiskali jistgħu jwettqu korrezzjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-istituzzjoni mhux kummerċjali kkonċernata u jirkupraw id-differenza fl-ammonti tat-taxxa.

(157) L-awtoritajiet Taljani kkonfermaw li twettqu kontrolli fuq istituzzjonijiet mhux kummerċjali ([65]).F'dan ir-rigward, id-Dipartiment tat-Taxxi Interni dan l-aħħar ħareġ struzzjonijiet operattivi speċifiċi dwar istituzzjonijiet mhux kummerċjali maħsuba għall-uffiċċji territorjali ([66]). Fir-rigward tal-istituzzjonijiet ekkleżjastiċi, il-Ministeru tal-Intern wettaq ukoll sensiela ta' spezzjonijiet fuq dawn l-istituzzjonijiet, u ma identifika ebda każ ta' abbuż.

(158) Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet ta' hawn fuq, il-Kummissjoni tqis li jeżistu strumenti legali li jiżguraw il-prevenzjoni u t-trażżin effettiv tal-abbużi tal-kwalifika ta' istituzzjoni mhux kummerċjali mill-istituzzjonijiet ekkleżjastiċi u mill-assoċjazzjonijiet sportivi mhux professjonali. L-awtoritajiet Taljani wrew ukoll li l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkonformaw mal-obbligi ta' spezzjoni u li, fir-realtà, kemm l-istituzzjonijiet ekkleżjastiċi kif ukoll l-assoċjazzjonijiet sportivi mhux professjonali jistgħu jitilfu l-kwalifika ta' istituzzjoni mhux kummerċjali jekk iwettqu attivitajiet li huma primarjament ta' natura ekonomika. Għalhekk, anki l-istituzzjonijiet ekkleżjastiċi u l-assoċjazzjonijiet sportivi mhux professjonali jistgħu jitilfu l-benefiċċju tat-trattament fiskali li jingħata lil istituzzjonijiet mhux kummerċjali b'mod ġenerali. Għalhekk ma jidhirx li teżisti dik is-sistema ta' "kwalifika permanenti ta' istituzzjoni mhux kummerċjali" li jsemmu l-ilmentaturi. Is-sempliċi fatt li jiġu applikati proċeduri speċifiċi għall-kontrolli fuq istituzzjonijiet b'personalità ġuridika fil-liġi ċivili u fuq l-assoċjazzjonijiet sportivi mhux professjonali inkwistjoni ma jikkostitwixxix vantaġġ.

([63]) B'mod partikolari, fir-rigward tar-revoka ara l-Artikolu 19 tal-Liġi Nru 222 tal-20 ta' Mejju 1985.

([64]) Ara l-Artikolu 30 tal-Liġi Nru 185 tad-29 ta' Novembru 2008. Ara wkoll iċ-Ċirkolari Nru 12 tad-Dipartiment tat-Taxxi Interni tad-9 ta' April 2009 u d-Deċiżjoni tad-Direttur tad-Dipartiment tat-Taxxi Interni tat-2 ta' Settembru 2009.

([65]) Rigward il-perjodu 2012-2011, l-Italja wettqet 2 030 kontroll fuq istituzzjonijiet mhux kummerċjali, u ħarġet 5 086 avviż ta' ċertifikazzjoni.

([66]) Ara ċ-Ċirkolari Nru 20/E tad-Dipartiment tat-Taxxi Interni tas-16 ta' April 2010.

(159) Għalhekk, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-Artikolu 149(4) tat-TUTD ma jagħti ebda vantaġġ selettiv lill-istituzzjonijiet ekkleżjastiċi jew lill-assoċjazzjonijiet sportivi mhux professjonali. Għaldaqstant, il-miżura ma tikkostitwixxix għajnuna mill-Istat skont l-Artikolu 107(1) tat-Trattat.

## 6.4. **L-eżenzjoni mit-TMU**

(160) Wara li ddaħħlet it-TMU, it-taxxa muniċipali l-ġdida fuq il-proprjetà immobbli li ħadet post l-ICI, fuq talba tal-awtoritajiet Taljani u fid-dawl tal-osservazzjonijiet tal-ilmentaturi dwar il-leġiżlazzjoni l-ġdida, il-Kummissjoni qablet li tivverifika jekk l-eżenzjoni l-ġdida mit-TMU għal istituzzjonijiet mhux kummerċjali li jwettqu attivitajiet speċifiċi hijiex konformi mar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat. Il-Kummissjoni se tivvaluta jekk l-eżenzjoni mit-TMU inkwistjoni hijiex għajnuna mill-Istat skont l-Artikolu 107(1) tat-Trattat.

(161) Il-Kummissjoni tinnota li, mid-data tad-dħul fis-seħħ tad-Digriet-Liġi Nru 1/2002, li ġie traspost bil-Liġi Nru 27/2012, l-eżenzjoni prevista fl-Artikolu 7(1)(i) tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 504/92 tapplika għal proprjetà immobbli ta' istituzzjonijiet mhux kummerċjali biss jekk l-attivitajiet elenkati fih jitwettqu b'mod mhux kummerċjali. Id-dispożizzjonijiet dwar "użu varjat" tal-proprjetajiet immobbli, kemm fil-każ fejn il-partijiet ta' proprjetajiet immobbli jkollhom awtonomija funzjonali u dħul indipendenti, kif ukoll fil-każ li tkun meħtieġa d-dikjarazzjoni tal-istituzzjonijiet ikkonċernati, għandhom jidħlu fis-seħħ mill-1 ta' Jannar 2013.

(162) Skont il-Kummissjoni, ir-regoli l-ġodda jesprimu b'mod ċar li l-eżenzjoni tista' tkun iggarantita biss jekk ma jitwettqux attivitajiet kummerċjali. Għalhekk m'għadux possibbli li jkun hemm sitwazzjonijiet imħallta maħluqa mil-leġiżlazzjoni dwar l-ICI, skont liema, f'ċerti proprjetajiet immobbli li jibbenefikaw minn eżenzjonijiet fiskali, kienu jitwettqu attivitajiet kummerċjali.

(163) B'mod ġenerali, l-interpretazzjoni tal-kunċett ta' attività ekonomika tiddependi, fost affarijiet oħra, fuq iċ-ċirkostanzi partikolari, mill-mod li bih l-attività tiġi organizzata mill-Istat u mill-kuntest li fih tiġi organizzata. Biex tiġi ddetminata n-natura mhux ekonomika ta' attività skont il-każistika tal-UE, jeħtieġ li jiġu eżaminati n-natura, il-kamp ta' applikazzjoni u r-regoli li jirregolaw dawn l-attivitajiet. Il-fatt li xi attivitajiet jistgħu jiġu kklassifikati bħala "soċjali" mhuwiex biżżejjed biex tiġi eskluża n-natura ekonomika tagħhom. Madankollu, anki l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea għarfet li xi attivitajiet li jaqdu funzjoni purament soċjali jistgħu jitqiesu bħala li mhumiex ekonomiċi, speċjalment fl-oqsma relatati mad-dmirijiet u mar-responsabbiltajiet bażiċi tal-Istat.

(164) B'hekk, fir-rigward tat-TMU, il-Kummissjoni tqis li huwa essenzjali li jiġi ddeterminat minn qabel jekk il-kriterji msemmija mis-sistema ġuridika Taljana għall-esklużjoni tan-natura kummerċjali tal-attivitajiet koperti mill-eżenzjoni mit-TMU humiex konformi mal-kunċett ta' attività mhux ekonomika previst mil-liġi tal-Unjoni.

(165) F'dan ir-rigward, kif spjegat fil-paragrafu 5 u fil-paragrafi ta' wara, l-awtoritajiet Taljani dan l-aħħar approvaw ir-regoli ta' implimentazzjoni previsti fl-Artikolu 91a(3) tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 1/2012. Ir-Regolament tal-Ministeru tal-Ekonomija u l-Finanzi tad-19 ta' Novembru 2012 jistabbilixxi, fost affarijiet oħra, ir-rekwiżiti ġenerali u settorjali li jiddeterminaw meta l-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 7(1)(i) tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 504/92 jitwettqu b'mod mhux kummerċjali.

(166) L-ewwel nett, l-Artikolu 1(1)(p) tar-Regolament Ministerjali tad-19 ta' Novembru 2012 jiddefinixxi l-kunċett ta' "mod mhux kummerċjali". L-attivitajiet istituzzjonali jitqiesu bħala li twettqu b'mod mhux kummerċjali meta a) ma jkollhomx skop ta' qligħ, b) b'konformità mal-liġi tal-Unjoni Ewropea, min-natura tagħhom stess, ma jkunux f'kompetizzjoni ma' operaturi oħra fis-suq li jkollhom skop ta' qligħ u c) jikkostitwixxu espressjoni tal-prinċipji ta' solidarjetà u ta' sussidjarjetà. F'dan ir-rigward, ir-rekwiżit imsemmi fl-ittra (b) huwa protezzjoni importanti minħabba li, billi jirreferi b'mod espliċitu għal-liġi tal-Unjoni, jiżgura b'mod ġenerali li l-attività mhijiex qed tikkompeti ma' operaturi oħra fis-suq li għandhom skop ta' qligħ; din hija karatteristika importanti ħafna għall-attivitajiet ta' natura mhux ekonomika ([67]).

(167) It-tieni nett, l-Artikolu 3 tar-Regolament jistabbilixxi r-rekwiżiti ġenerali ta' natura soġġettiva li għandhom jiġu ddikjarati fl-att ta' kostituzzjoni jew fl-istatut tal-istituzzjoni mhux kummerċjali sabiex l-attivitajiet previsti jitwettqu b'mod mhux kummerċjali. Il-kriterji huma dawn li ġejjin: a) il-projbizzjoni li jiġu mqassma, anki b'mod indirett, profitti, ammonti żejda, fondi, riżervi

([67]) Ara l-Kawża C-222/04, *Cassa di Risparmio di Firenze*, (Ġabra 2006, paġ. I-289, punti 121 sa 123).

jew kapital waqt iż-żmien ta' operat tal-istituzzjoni, sakemm it-tqassim ma jkunx meħtieġ bil-liġi jew ikun sar favur istituzzjonijiet li huma parti mill-istess struttura u jwettqu l-istess attivitajiet, b) l-obbligu li kull qligħ jerġa' jiġi investit biss għall-iżvilupp tal-attivitajiet funzjonali għall-ksib tal-għan istituzzjonali tas-solidarjetà soċjali, c) fil-każ ta' xoljiment tal-istituzzjoni mhux kummerċjali, l-obbligu li l-assi jiġu ttrasferiti lil istituzzjoni mhux kummerċjali oħra li twettaq attivitajiet simili.

(168) It-tielet nett, l-Artikolu 4 tar-Regolament jidentifika rekwiżiti oħra li għandhom jiġu ssodisfati, flimkien mal-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 1 u 3, sabiex l-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 7(1) (i) tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 504/92 jitqiesu bħala li twettqu b'mod mhux kummerċjali.

(169) B'mod partikolari, fir-rigward tat-twettiq ta' attivitajiet ta' karità u tas-saħħa, ir-Regolament jistabbilixxi li dawn ikunu twettqu b'mod mhux kummerċjali jekk tiġi ssodisfata mill-inqas waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin: a) l-attivitajiet iridu jkunu ċċertifikat mill-Istat u għandhom jiġu pprovduti bħala parti minn kuntratt jew ftehim mal-Istat, mar-reġjuni jew mal-awtoritajiet pubbliċi; l-attivitajiet iridu jkunu jitwettqu b'mod supplimentari jew kumplimentari għas-servizz pubbliku, u jipprovdu lill-utenti b'servizz b'xejn jew kontra ħlas ta' ammont li jirrappreżenta kontribuzzjoni sempliċi biex tiġi koperta parti mill-ispejjeż għas-servizz kollu; b) fejn ma jkunux iċċertifikati jew irregolati bi ftehim kuntrattwali, l-attivitajiet għandhom jiġu pprovduti mingħajr ħlas jew kontra ħlas nominali tal-ammont tal-ispejjeż, u li fi kwalunkwe każ ma għandux ikun ta' aktar minn nofs tal-ispejjeż medji għal attivitajiet simili li jitwettqu fl-istess żona ġeografika b'mod kompetittiv, filwaqt li jitqies ukoll in-nuqqas ta' relazzjoni mal-ispejjeż proprji tas-servizz.

(170) Rigward l-ewwel kundizzjoni, il-Kummissjoni tinnota li, kif ġie spjegat mill-awtoritajiet Taljani, sabiex jikkwalifikaw għal eżenzjoni, l-istituzzjonijiet ikkonċernati għandhom ikunu parti mis-sistema nazzjonali tas-saħħa, li tipprovdi kopertura sħiħa u hija bbażata fuq il-prinċipju ta' solidarjetà. Bħala parti minn din is-sistema, l-isptarijiet pubbliċi jiġu ffinanzjati b'mod dirett permezz tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali u permezz ta' riżorsi oħra tal-Istat. Dawn l-isptarijiet jipprovdu s-servizz mingħajr ħlas fuq il-bażi ta' kopertura sħiħa jew kontra ħlas ta' ammont imraħħas li jkopri biss parti żgħira mill-ispejjeż proprji tas-servizz. L-istituzzjonijiet mhux kummerċjali li jaqgħu fl-istess kategorija u li jissodisfaw l-istess kundizzjonijiet jitqiesu wkoll parti integrali mis-sistema nazzjonali tas-saħħa ([68]). Fid-dawl tal-karatteristiċi bażiċi tal-każ u skont il-prinċipji stabbiliti mill-każistika tal-Unjoni ([69]), peress li s-sistema nazzjonali Taljana tipprovdi sistema ta' kopertura universali, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-istituzzjonijiet inkwistjoni li jwettqu l-attivitajiet deskritti hawn fuq u li jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti bil-liġi ma jistgħux jitqiesu bħala impriżi.

(171) Rigward it-tieni kundizzjoni, ir-Regolament jistabbilixxi li l-attivitajiet għandhom jitwettqu mingħajr ħlas jew kontra ħlas ta' ammont nominali. Is-servizzi pprovduti bla ħlas ġeneralment ma jikkostitwixxux attività ekonomika. B'mod partikolari, dan ikun il-każ jekk, kif stipulat fl-Artikolu 1, is-servizzi ma jiġux offruti f'kompetizzjoni ma' operaturi oħra fis-suq. L-istess japplika għas-servizzi pprovduti bi ħlas ta' ammont nominali. F'dan ir-rigward għandu jiġi osservat, minn naħa, li skont ir-Regolament, biex ħlas jitqies bħala ta' natura nominali, dan ma jridx ikun l-istess bħall-ispiża tas-servizz, u min-naħa l-oħra, li l-limitu ta' nofs il-prezz medju għal attivitajiet simili li jitwettqu fl-istess żona ġeografika b'mod kompetittiv jista' jintuża biss biex jiġi eskluż id-dritt ta' eżenzjoni (kif indikat bil-kliem "fi kwalunkwe każ") u, ma jfissirx, *b'mod kuntrarju*, li l-fornituri tas-servizzi li japplikaw prezz li jkun ta' inqas minn dak il-limitu jistgħu jibbenefikaw minn dan il-limitu. Għalhekk, meta jitqies li l-attivitajiet ta' għajnuna u tas-saħħa jissodisfaw anki r-rekwiżiti ġenerali u soġġettivi msemmija fl-Artikoli 1 u 3 tar-Regolament, il-Kummissjoni kkonkludiet li dawn l-attivitajiet, li twettqu skont il-prinċipji stabbiliti mil-liġijiet fis-seħħ, ma jikkostitwixxix attività ekonomika.

(172) Fir-rigward ta' attivitajiet edukattivi, dawn l-attivitajiet jitqiesu bħala li twettqu b'mod mhux kummerċjali jekk jiġu ssodisfati xi kundizzjonijiet speċifiċi. B'mod partikolari, l-attività għandha tkun tal-istess livell tal-edukazzjoni pubblika u l-iskola għandha tiżgura li ma jkunx hemm diskriminazzjoni fl-istadju ta' aċċettazzjoni tal-istudenti; l-iskola għandha wkoll tilqa' studenti b'diżabilità, għandha tapplika n-negozjar kollettiv, għandu jkollha faċilitajiet xierqa għall-istandards stabbiliti u għandha tippubblika l-baġit. Barra minn hekk, l-attività għandha tiġi pprovduta mingħajr ħlas jew kontra ħlas ta' ammont nominali

([68]) B'mod partikolari, ara l-Artikolu 1(18) tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 502 tat-30 ta' Diċembru 1992.

([69]) Ara l-kawża T-319/99, *FENIN vs. Il-Kummissjoni* (Ġabra 2003, paġ. II-357, punt 39, ikkonfermata mill-Kawża C-205/03 P, *FENIN vs. Il-Kummissjoni* (Ġabra 2006, paġ. I-6295; il-Kawżi konġunti C-264/01, C-306/01, C-354/01 u C-355/01, *AOK Bundesverband et al.* (Raccolta 2004, pag. I-2493, punti 45 sa 55); ara wkoll il-Kawża T-137/10, *CBI vs. Il-Kummissjoni*, li għadha mhux ippubblikata.

li jkopri biss parti mill-ispejjeż proprji tas-servizz, filwaqt li jitqies ukoll in-nuqqas ta' relazzjoni mal-ispejjeż proprji tas-servizz. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tinnota li, skont il-każistika ([70]), korsijiet offruti minn stabbilimenti speċifiċi li jagħmlu parti mis-sistema edukattiva pubblika u li huma ffinanzjati bis-sħiħ jew prinċipalment minn fondi pubbliċi ma jikkostitwixxux attività ekonomika. In-natura mhux ekonomika tal-edukazzjoni pubblika, fil-prinċipju ma tmurx kontra l-fatt li ġieli l-istudenti jew il-ġenituri tagħhom ikollhom iħallsu miżati tal-iskola jew ta' reġistrazzjoni, li jikkontribwixxu lejn il-ħlas għall-ispejjeż operattivi tas-sistema skolastika, bil-kundizzjoni li dawn il-ħlasijiet ikopru biss parti mill-ispejjeż proprji tas-servizz u b'hekk ma jistgħux jitqiesu bħala ħlas għas-servizz ipprovdut. Kif irrikonoxxiet anki l-Kummissjoni fil-Komunikazzjoni tagħha dwar l-applikazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat tal-Unjoni Ewropea għall-kumpens mogħti għall-fornitura ta' servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali ([71]), dawn il-prinċipji jinkludu t-taħriġ vokazzjonali, l-iskola primarja u l-kindergartens privati u pubbliċi, l-attivitajiet ta' tagħlim imwettqa fuq bażi anċillari fl-universitajiet, u l-għoti tal-edukazzjoni universitarja. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, il-Kummissjoni tqis li l-ħlasijiet tal-ammonti nominali msemmija fid-digriet ma jistgħux jitqiesu bħala ħlas għas-servizz ipprovdut. Għalhekk, f'dan il-każ, minħabba r-rekwiżiti ġenerali u soġġettivi msemmija fl-Artikoli 1 u 3 tar-Regolament u l-ħtiġijiet oġġettivi speċifikati fl-Artikolu 4, il-Kummissjoni tqis li s-servizz edukattiv ipprovdut mill-istituzzjonijiet inkwistjoni ma jistax jitqies bħala attività ekonomika.

(173) Fir-rigward ta' attivitajiet ta' akkomodazzjoni, kulturali, rikreattivi u sportivi, l-Artikolu 4 tar-Regolament jistipula li dawn għandhom jiġu offruti mingħajr ħlas jew kontra ħlas nominali tal-ammont tal-ispejjeż, u li fi kwalunkwe każ ma għandux ikun ta' aktar minn nofs l-ispejjeż medji għal attivitajiet simili li jitwettqu fl-istess żona ġeografika b'mod kompetittiv, filwaqt li jitqies ukoll in-nuqqas ta' relazzjoni mal-ispejjeż proprji tas-servizz. Dan ir-rekwiżit huwa identiku għat-tieni kundizzjoni għall-attivitajiet ta' għajnuna u tas-saħħa li ġew eżaminati fil-paragrafu (169), u għaldaqstant jgħoddu l-istess kunsiderazzjonijiet imsemmija hawn fuq. Is-servizzi pprovduti bla ħlas ġeneralment ma jikkostitwixxix attività ekonomika. L-istess japplika għas-servizzi pprovduti bi ħlas ta' ammont nominali. F'dan ir-rigward għandu jiġi osservat, minn naħa, li skont ir-Regolament, biex ħlas jitqies bħala ta' natura nominali, dan ma jridx ikun l-istess bħall-ispiża tas-servizz, u min-naħa l-oħra, li l-limitu ta' nofs il-prezz medju għal attivitajiet simili li jitwettqu fl-istess żona ġeografika b'mod kummerċjali jista' jintuża biss biex jiġi eskluż id-dritt ta' eżenzjoni (kif indikat bil-kliem "fi kwalunkwe każ") u, ma jfissirx, *b'mod kuntrarju*, li l-fornituri tas-servizzi li japplikaw prezz li jkun ta' inqas minn dak il-limitu jistgħu jibbenefikaw minn dan il-limitu.

(174) Barra minn hekk, għall-attivitajiet ta' akkomodazzjoni u sportivi, il-Kummissjoni tqis ukoll ir-rekwiżiti addizzjonali li jinħolqu mid-definizzjonijiet ta' dawn l-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 1(1) (j) u (m) tar-Regolament. B'mod partikolari, fir-rigward ta' attivitajiet ta' akkomodazzjoni, ir-regolament jillimita l-eżenzjoni għal attivitajiet imwettqa minn istituzzjonijiet mhux kummerċjali li jipprovdu aċċess għal ċerti kategoriji ta' riċevituri u diskontinwità fil-ftuħ. B'mod aktar speċifiku, fir-rigward tal-"akkomodazzjoni soċjali", ir-Regolament jistipula li l-attivitajiet għandhom ikunu mmirati lejn persuni bi bżonnijiet speċjali temporanji jew permanenti, jew lejn persuni żvantaġġati minħabba raġunijiet fiżiċi, psikoloġiċi, ekonomiċi, soċjali jew relatati mal-familja. L-istituzzjoni tista' titlob biss li jsir ħlas ta' ammont nominali u li fi kwalunkwe każ mhuwiex ta' aktar minn nofs il-prezz medju li jitħallas għal attivitajiet simili li jitwettqu minn istituzzjonijiet kummerċjali fl-istess żona ġeografika, filwaqt li jitqies ukoll in-nuqqas ta' relazzjoni mal-ispejjeż proprji tas-servizz. Ir-regolament jikkjarifika wkoll li, fi kwalunkwe każ, l-eżenzjoni ma tapplikax għal attivitajiet imwettqa f'lukandi jew fi strutturi li joperaw bħala lukandi, skont l-Artikolu 9 tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 79 tat-23 ta' Mejju 2011 ([72]). L-eżenzjoni għalhekk ma tapplikax fir-rigward ta' attivitajiet li jitwettqu fil-lukandi, f'motels u f'*bed and breakfasts*. Minħabba li l-istituzzjonijiet mhux kummerċjali li joffru faċilitajiet ta' akkomodazzjoni għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti ġenerali soġġettivi u oġġettivi msemmija fl-Artikoli 1, 3 u 4 tar-Regolament, il-Kummissjoni tqis li, fid-dawl taċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, l-attivitajiet inkwistjoni li jkollhom il-karatteristiki msemmija hawn fuq mhumiex attivitajiet ekonomiċi skont il-liġijiet tal-UE.

([70]) Kawża 263/86, *Humbel and Edel* (Ġabra 1988, paġ. 5365, punti 17 u 18); Kawża C-109/92, *Wirth* (Ġabra 1993, pag. 5365, punti 15 u 16); Kawża C-76/92, *Wirth* (Ġabra 1993, pag. I-6849, punt 39). Ara wkoll is-sentenza tal-Qorti tal-ESA tal-21 ta' Frar 2008 fil-Kawża E-5/07, *Private Barnehagers Landsforbund vs. l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA*, punti 80 sa 83.

([71]) ĠU C 8 tal-11.1.2012, paġ. 4.

([72]) Digriet Leġiżlattiv Nru 79 tat-23 ta' Mejju 2011, Kodiċi tal-Liġi tal-Istat dwar l-istruttura u s-suq tat-turiżmu skont l-Artikolu 14 tal-Liġi Nru 246 tat-28 ta' Novembru 2005, u l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2008/122/KE dwar il-protezzjoni tal-konsumatur rigward ċerti aspetti ta' kuntratti ta' timeshare, kuntratti dwar prodotti ta' vaganza għal perijodu fit-tul, kuntratti ta' bejgħ mill-ġdid u kuntratti ta' skambju (ĠU nru 129 tas-6.6.2011 – Suppliment Ordinarju Nru 139). L-Artikolu 9 tad-Digriet Leġiżlattiv jiddefinixxi bħala lukandi u strutturi li joperaw bħala lukandi l-istrutturi li ġejjin: a) lukandi), b) motels, c) villaġġi-lukandi, d) residenzi li jintużaw bħala lukandi mit-turisti, e) lukandi ta' akkomodazzjoni integrata, f) djar antiki li jintużaw bħala lukandi, g) bed and breakfasts li joperaw bħala kumpaniji, h) ir-residenzi tas-saħħa - beauty farms, i) kull faċilità turistika oħra ta' akkomodazzjoni li jkollha elementi li jistgħu jiġu konnessi ma' waħda jew aktar mill-kategoriji msemmija hawn fuq.

(175) Għalhekk, minħabba ċ-ċirkustanzi speċifiċi tal-każ u l-fatt li dawn l-istituzzjonijiet mhux kummerċjali li jwettqu attivitajiet ta' akkomodazzjoni, kulturali, rikreattivi u sportivi għandhom jikkonformaw ukoll mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 1 u 3 tar-Regolament, il-Kummissjoni tikkonkludi li dawn l-attivitajiet, li huma mwettqa skont il-prinċipji stabbiliti mil-liġi, mhumiex meqjusa bħala attivitajiet ekonomiċi.

(176) Bħala konklużjoni, il-Kummissjoni tqis li, skont l-informazzjoni pprovduta mill-awtoritajiet Taljani, fid-dawl tal-karatteristiki speċifiċi u partikolari għall-każ inkwistjoni, l-attivitajiet li ġew eżaminati fil-paragrafi ta' qabel, li jitwettqu minn istituzzjonijiet mhux kummerċjali b'konformità sħiħa mal-kriterji ġenerali soġġettivi u oġġettivi msemmija fl-Artikoli 1, 3 u 4 tar-Regolament, mhumiex ta' natura ekonomika. Għalhekk, meta l-istituzzjonijiet mhux kummerċjali inkwistjoni jwettqu l-attivitajiet imsemmija hawn fuq b'konformità sħiħa mal-kundizzjonijiet stabbiliti mil-leġiżlazzjoni Taljana, dawn ma jkunux qed joperaw bħala impriżi skont il-liġijiet tal-UE. Peress li l-Artikolu 107(1) tat-Trattat japplika biss għall-impriżi, f'dan il-każ il-miżura ma taqax fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan l-Artikolu.

(177) Il-Kummissjoni tfakkar ukoll li, mill-1 ta' Jannar 2013, fil-każ ta' użu varjat ta' proprjetà immobbli, il-liġi Taljana se tippermetti li tiġi kkalkulata l-parti tal-proprjetà immobbli li tintuża għal skopijiet kummerċjali, u li t-TMU tiġi applikata biss għal attivitajiet ekonomiċi. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tinnota li, f'każijiet li fihom istituzzjoni twettaq attivitajiet kemm ekonomiċi kif ukoll attivitajiet mhux ekonomiċi, l-eżenzjoni parzjali li minnha tibbenefika l-parti tal-proprjetà immobbli li tintuża għal attivitajiet mhux ekonomiċi mhijiex ta' vantaġġ għal dik l-istituzzjoni meta twettaq attività ekonomika bħala impriża. Għaldaqstant, f'sitwazzjoni bħal din, il-miżura ma tikkostitwixxix għajnuna mill-Istat skont l-Artikolu 107(1) tat-Trattat.

### 6.5. **Irkupru**

(178) Skont id-dispożizzjonijiet tat-Trattat u l-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, jekk tikkonferma li l-għajnuna mhijiex kompatibbli mas-suq intern, il-Kummissjoni għandha l-awtorità li tiddeċiedi jekk l-Istat interessat għandux jabolixxi jew ibiddel l-għajnuna [73]. Skont l-istess każistika stabbilita tal-Qorti, l-obbligu ta' Stat li jħassar għajnuna li l-Kummissjoni tqis bħala inkompatibbli mas-suq intern huwa mmirat lejn ir-restawr tas-sitwazzjoni li kienet teżisti qabel [74]. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja iddeċidiet li dan l-għan jitqies bħala milħuq meta l-benefiċjarju jkun ħallas lura l-ammonti mogħtija bħala għajnuna illegali, biex b'hekk jintilef il-vantaġġ li bbenefika minnu fuq il-kompetituri tiegħu fis-suq, u meta tkun ġiet restawrata s-sitwazzjoni li kienet teżisti qabel l-għoti tal-għajnuna [75].

(179) Fuq il-bażi ta' din il-każistika, l-Artikolu 14(1) tar-Regolament (KE) nru 659/99 [76] jistabbilixxi li "*Fejn jittieħdu deċiżjonijiet negattivi f'każijiet ta' għajnuna illegali, il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi li l-Istat Membru kkonċernat għandu jieħu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jirkupra l-għajnuna mill-benefiċjarju (minn hawn 'l quddiem imsejħa 'deċiżjoni ta' rkupru'). Il-Kummissjoni m'għandhiex teħtieġ ir-rkupru tal-għajnuna jekk dan ikun kuntrarju għal prinċipju ġenerali tal-liġi tal-Komunità.*".

(180) Għalhekk, peress li l-miżura tal-eżenzjoni mill-ICI għandha titqies bħala għajnuna illegali u mhux kompatibbli, fil-prinċipju, l-ammont tal-għajnuna għandu jingħata lura biex is-sitwazzjoni tas-suq tiġi rrestawrata għal dik li kienet qabel l-għoti tal-għajnuna.

(181) Madankollu, ir-Regolament (KE) nru 659/99 jimponi limiti għad-dispożizzjonijiet dwar l-irkupru. B'mod partikolari, skont l-Artikolu 14(1), "*il-Kummissjoni m'għandhiex teħtieġ ir-rkupru tal-għajnuna jekk dan ikun kuntrarju għal prinċipju ġenerali tal-liġi tal-Komunità*", bħall-protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi. Il-Qorti tal-Ġustizzja ppermettiet ukoll eċċezzjoni għal dan l-obbligu li Stat Membru jimplimenta deċiżjoni ta' rkupru indirizzata lilu, jiġifieri l-eżistenza ta' ċirkostanzi eċċezzjonali li jwasslu biex ikun assolutament impossibbli li l-Istat Membru jimplimenta d-deċiżjoni b'mod xieraq [77].

(182) Minħabba li dawn l-eċċezzjonijiet ġew invokati mill-awtoritajiet Taljani fil-kuntest tal-investigazzjoni formali, il-Kummissjoni għandha teżamina jekk humiex applikabbli għal dan il-każ, sabiex tiddetermina jekk huwiex meħtieġ li jsir l-irkupru.

#### 6.5.1. *Aspettattivi leġittimi*

(183) Skont il-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja u l-prattika deċiżjonali tal-Kummissjoni, ordni ta' rkupru tal-għajnuna tinvolvi ksur tal-prinċipju ġenerali tal-liġi tal-Unjoni jekk, bħala riżultat ta' azzjoni tal-Kummissjoni, jinħolqu aspettattivi leġittimi fil-benefiċjarju li l-għajnuna ngħatat skont il-liġi tal-Unjoni.

(73) Kawża C-70/72, *Il-Kummissjoni vs. Il-Ġermanja* (Ġabra 1973, paġ. 813, punt 13).
(74) Kawżi konġunti C-278/92, C-279/92 u C-280/92, *Spanja vs. Il-Kummissjoni* (Ġabra 1994, paġ. I-4103, punt 75).
(75) Kawża C-75/97, *Il-Belġju vs. Il-Kummissjoni* (Ġabra 1999, paġ. I-030671, punti 64 sa 65).
(76) ĠU C 83 tas-27.03.2011, paġ. 17.
(77) Komunikazzjoni mill-Kummissjoni - Lejn implimentazzjoni effettiva tad-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni li jordnaw lill-Istati Membri biex tiġi rkuprata Għajnuna mill-Istat inkompatibbli li ngħatat kontra l-liġi, ĠU C 272 tal-15.11.2007, pag. 4, punt 18.

(184) Il-Qorti tal-Ġustizzja sostniet ħafna drabi li d-dritt li wieħed jibbaża ruħu fuq il-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi japplika għal kull entità li fil-konfront tagħha istituzzjoni tal-Unjoni tkun wasslet biex toħloq aspettattivi leġittimi. Madankollu, persuna ma tistax tinvoka l-protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi jekk l-awtoritajiet amministrattivi ma jkunux ipprovdewha b'garanziji speċifiċi ([78]).

(185) F'dan il-każ, l-awtoritajiet Taljani u t-78 parti interessata bażikament invokaw il-protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi fuq il-bażi ta' risposta bil-miktub għal mistoqsija tal-Parlament tal-2009 ([79]). Bi tweġiba għal din il-mistoqsija, il-Kummissjoni ppreċiżat li hija *"wettqet valutazzjoni preliminari u sabet li ma kienx jeħtieġ li jsiru investigazzjonijiet ulterjuri, peress li mhuwiex probabbli li s-sistema tal-ICI tqiegħed lill-istituzzjonijiet ekkleżjastiċi f'pożizzjoni ta' vantaġġ f'termini ta' kompetizzjoni."*

(186) Il-Kummissjoni hija tal-fehma li din it-tweġiba ma tat lok għal ebda aspettattiva leġittima, għar-raġunijiet li ġejjin.

(187) L-ewwel nett, id-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni kienet ibbażata sempliċiment fuq *"valutazzjoni preliminari"*; il-Kummissjoni ma qalitx li kienet ħadet deċiżjoni, iżda stabbiliet biss li ma kienx hemm raġunijiet biex isiru investigazzjonijiet ulterjuri. It-tieni nett, il-Kummissjoni esprimiet ruħha b'mod li kien jesprimi dubju, u ddikjarat li ma kienx probabbli li l-eżenzjoni mill-ICI tagħti vantaġġ lill-istituzzjonijiet ekkleżjastiċi. It-tielet nett, il-mistoqsija u t-tweġiba jirreferu biss għall-istituzzjonijiet ekkleżjastiċi, li huma sottokategorija tal-istituzzjonijiet mhux kummerċjali affettwati mill-eżenzjoni mill-ICI.

(188) Fid-dawl ta' dan, il-Kummissjoni hija tal-fehma li ma tatx garanziji speċifiċi, solidi u konsistenti li setgħu wasslu biex jinħolqu fil-benefiċjarji tal-miżura inkwistjoni aspettattivi raġjonevoli dwar il-fatt li s-sistema setgħet kienet leġittima, fis-sens li ma taqax fil-kamp ta' applikazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat u li għaldaqstant il-benefiċċji possibbli ta' din il-miżura ma setgħux ikunu soġġetti għal proċedimenti ta' rkupru. Bħala konklużjoni, il-Kummissjoni hija tal-fehma li ma għamlet ebda dikjarazzjoni preċiża u solida li setgħet tiżgura li l-eżenzjoni mill-ICI inkwistjoni ma kellhiex titqies bħala għajnuna mill-Istat.

(189) L-Italja tenniet ukoll li t-tweġibiet tal-Kummissjoni lill-ilmentaturi rigward l-eżenzjoni mill-ICI, li l-awtoritajiet Taljani ġew innotifikati dwarhom b'mod informali, ħolqu aspettattiva leġittima fl-istituzzjonijiet mhux kummerċjali fir-rigward tal-kompatibbiltà ta' din l-eżenzjoni mal-liġijiet tal-UE. Il-Kummissjoni ma taqbilx mal-osservazzjonijiet tal-Italja. Fil-fatt, l-ittri li jinkludu valutazzjoni preliminari li l-Kummissjoni bagħtet lill-ilmentaturi, li l-Istat Membru jiġi notifikat dwarhom biss b'mod informali, ma jirrappreżentawx il-pożizzjoni finali tal-Kummissjoni. Filwaqt li d-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni jiġu magħmula pubbliċi u jiġu ppubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali, dan ma jsirx fil-każ ta' proċedura amministrattiva sempliċi li fir-rigward tagħha l-Kummissjoni, fuq il-bażi tad-dejta disponibbli, ma jkollhiex dubji serji dwar il-kompatibbiltà tal-miżuri li qed jiġu kkunsidrati. Barra minn hekk, tnejn mill-ilmentaturi ppreżentaw rikors quddiem il-Qorti rigward l-ittra li ntbagħtitilhom fil-15 ta' Frar 2010, u għalhekk din l-ittra ma saritx finali. Ir-rikorsi ġew irtirati biss wara d-deċiżjoni ta' ftuħ.

(190) Għaldaqstant, f'dan il-każ il-Kummissjoni tikkonkludi li l-Italja u t-78 parti interessata ma ngħataw ebda garanzija minn istituzzjoni tal-Unjoni li setgħet tiġġustifika l-aspettattivi leġittimi, u li b'hekk, tista' tipprevjeni lill-Kummissjoni milli twettaq irkupru.

6.5.2. *Ċirkostanzi eċċezzjonali: impossibbiltà assoluta li jitwettaq l-irkupru.*

(191) Skont l-Artikolu 288 tat-Trattat, l-Istat Membru li fir-rigward tiegħu issir deċiżjoni ta' rkupru huwa obbligat li jwettaqha. Kif indikat hawn fuq, hemm eċċezzjoni għal dan l-obbligu, li hija rrappreżentata mill-każ li fih l-Istat Membru juri li jeżistu ċirkostanzi eċċezzjonali li jwasslu biex ikun impossibbli li d-deċiżjoni tiġi implimentata b'mod korrett.

(192) Normalment, l-Istati Membri jinvokaw din il-possibbiltà fil-kuntest tad-diskussjonijiet mal-Kummissjoni wara l-adozzjoni tad-deċiżjoni ([80]). F'dan il-każ, madankollu, qabel ġiet adottata d-deċiżjoni, l-Italja sostniet li l-irkupru ma kellux isir, għaliex kien se jkun assolutament impossibbli li dan jiġi implimentat. Peress li l-Italja qajmet din il-kwistjoni matul investigazzjoni formali u peress li, skont prinċipju ġenerali tal-liġi, ħadd ma jista' jiġi sfurzat biex jagħmel l-impossibbli, il-Kummissjoni tqis li l-kwistjoni tiġi ttrattata f'din id-deċiżjoni.

([78]) Każi C-182/03 u C-217/03, *Il-Belġju u Forum 187 ASBL vs. Il-Kummissjoni* (Ġabra 2006, paġ. I-5479, punt 147).

([79]) Mistoqsija bil-miktub E-177/2009 (ĠU C 189 tat-13.7.2010).

([80]) Kawża C 214/07, *Il-Kummissjoni vs. Spanja* (Ġabra 2008, paġ. I-08357, punti 13 u 22).

(193) Qabel kollox, għandu jiġi mfakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja tat, fuq bażi konsistenti, interpretazzjoni restrittiva ħafna tal-kunċett ta' "impossibbiltà assoluta". Il-kundizzjoni ta' impossibbiltà assoluta li jsir rkupru ma titqiesx bħala li tkun ġiet issodisfata meta l-Istat Membru sempliċiment ikun għarraf lill-Kummissjoni dwar id-diffikultajiet legali, politiċi jew prattiċi li tinvolvi l-implimentazzjoni tad-deċiżjoni ([81]). L-uniku każ li fih tista' tiġi aċċettata l-impossibbiltà assoluta huwa dak fejn ikun impossibbli li l-irkupru jsir sa mill-bidu, u b'mod oġġettiv u assolut ([82]).

(194) F'dan il-każ, l-awtoritajiet Taljani sostnew li jkun assolutament impossibbli li jiġi definit liema proprjetajiet immobbli ta' istituzzjonijiet mhux kummerċjali kienu maħsuba għat-twettiq ta' attivitajiet mhux ta' natura kummerċjali biss, u li tinġabar l-informazzjoni kollha meħtieġa biex jiġi kkalkulat l-ammont tat-taxxa li suppost kellu jitħallas.

(195) Fil-fatt, l-awtoritajiet Taljani spjegaw li minħabba l-istruttura tar-Reġistru tal-Artijiet, huwa impossibbli li d-dejta tad-databases dwar proprjetajiet immobbli ta' istituzzjonijiet mhux kummerċjali li jintużaw għal attivitajiet li mhumiex biss ta' natura mhux kummerċjali tat-tip indikat fid-dispożizzjonijiet dwar l-eżenzjoni mill-ICI fir-Reġistru tal-Artijiet tiġi estrapolata b'effett retroattiv. L-informazzjoni li tinsab fir-Reġistru tal-Artijiet ma tidentifikax l-attivitajiet imwettqa fil-proprjetajiet immobbli. Fi kliem ieħor, fuq il-bażi tad-dejta li tinsab fir-Reġistru tal-Artijiet, mhuwiex possibbli li jiġi ddeterminat jekk istituzzjoni tkunx wettqet attivitajiet kummerċjali jew mhux kummerċjali fi proprjetà immobbli partikolari. Fil-fatt, kull proprjetà immobbli (inkluż il-partijiet ta' proprjetajiet immobbli li jaqgħu taħt klassifikazzjoni separata) tiġi rreġistrata fir-Reġistru tal-Artijiet biss fuq il-bażi tal-karatteristiki oġġettivi tagħha, li jirriflettu l-karatteristiki fiżiċi u strutturali li jindikaw l-użu maħsub tagħha.

(196) B'referenza għad-databases tat-taxxa u, b'mod partikolari, għall-arkivji tad-dikjarazzjonijiet tat-taxxa ppreżentati minn istituzzjonijiet mhux kummerċjali, l-Italja ddikjarat b'mod ċar li dawn jippermettu biss li jiġu identifikati l-proprjetajiet immobbli li jintużaw b'mod mhux kummerċjali. F'dan il-każ, il-bini li jiġġenera dħul għandu jiġi indikat fil-Mudell Uniku tad-dikjarazzjoni tat-taxxa fil-Parti RB dwar id-dħul tal-bini, filwaqt li ma hemmx għalfejn timtela' l-Parti RS dwar l-ispejjeż varji u d-dħul varju. Min-naħa l-oħra, fil-każ fejn istituzzjoni mhux kummerċjali jkollha proprjetajiet immobbli li fihom jitwettqu wkoll attivitajiet kummerċjali, għandhom jimtlew kemm il-Parti RB kif ukoll il-Parti RS. Madankollu, jekk fil-Parti RB jiġi ddikjarat aktar minn bini wieħed, ma jkunx possibbli li jiġi identifikat il-bini li fih tkun twettqet l-attività li tkun iġġenerat id-dħul indikat fid-dikjarazzjoni. Fi kwalunkwe każ, għandu jiġi osservat li l-Parti RS tal-Mudell Uniku tinkludi dejta aggregata dwar l-ispejjeż u d-dħul fir-rigward ta' oġġetti u servizzi wżati fuq bażi kummerċjali u mhux kummerċjali (prodotti u servizzi wżati b'mod varjat għat-twettiq ta' attivitajiet kummerċjali u ta' attivitajiet oħra). B'hekk, anki meta fil-Parti RB jiġi indikat biss bini wieħed, minħabba l-karatteristiki strutturali tas-sistema tar-Reġistru tal-Artijiet (li ma tippermettix tqassim proporzjonali bejn użu kummerċjali u mhux kummerċjali tal-bini), mhuwiex possibbli li jiġi identifikat f'liema parti tal-proprjetà immobbli jkunu twettqu l-attivitajiet ekonomiċi li jkunu ġġeneraw id-dħul irrappurtat fid-dikjarazzjoni.

(197) Għaldaqstant, il-Kummissjoni tqis li l-awtoritajiet Taljani wrew li l-benefiċjarji tal-għajnuna inkwistjoni ma jistgħux jiġu identifikati, u li l-għajnuna ma tistax tiġi kkalkulata b'mod affidabbli minħabba n-nuqqas ta' dejta disponibbli. Fil-fatt, id-databases tat-taxxa u tar-Reġistru tal-Artijiet ma jippermettux li jiġu identifikati l-proprjetajiet immobbli li huma proprjetà ta' istituzzjonijiet mhux kummerċjali, li jkunu ntużaw għal skopijiet mhux kummerċjali tat-tip speċifikat fir-regolamenti dwar l-eżenzjoni mill-ICI, u b'hekk lanqas ma jippermettu li tinkiseb l-informazzjoni meħtieġa biex jiġi kkalkulat l-ammont tat-taxxa li għandu jiġi rkuprat. Għalhekk, l-implimentazzjoni ta' kwalunkwe ordni ta' rkupru tkun impossibbli f'termini oġġettivi u assoluti.

(198) Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni tikkunsidra li, fid-dawl tal-każ inkwistjoni, ikun assolutament impossibbli li l-Italja tirkupra għajnuna illegali mogħtija fil-qafas tad-dispożizzjonijiet dwar l-eżenzjoni mill-ICI. Għaldaqstant, l-irkupru ta' għajnuna illegali u inkompatibbli relatata mal-eżenzjoni mit-taxxa muniċipali fuq il-proprjetà immobbli mhuwiex se jsir.

## 7. KONKLUŻJONI

(199) Il-Kummissjoni tikkonkludi li l-Italja implimentat l-eżenzjoni mit-taxxa muniċipali fuq il-proprjetà immobbli msemmija fl-Artikolu 7(1)(i) tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 504/92 b'mod illegali, bi ksur tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat.

(200) Minħabba li ma tista' tiġi identifikata ebda raġuni ta' kompatibilità għas-sistema inkwistjoni, din tirriżulta bħala inkompatibbli mas-suq intern. Madankollu, fid-dawl taċ-ċirkostanzi eċċezzjonali invokati mill-Italja, m'għandux jiġi ordnat li jsir l-irkupru tal-għajnuna, peress li l-Italja wriet l-impossibbiltà assoluta li dan jiġi implementat.

([81]) Kawża C-404/00, *Il-Kummissjoni vs. Spanja* (Ġabra 2003, paġ. I-6695, punt 47).

([82]) Kawża C-75/97, *Il-Belġju vs. Il-Kummissjoni ("Maribel I")* (Ġabra 1999, paġ. I-3671, punt 86), Kawża C-214/07, *Il-Kummissjoni vs. Franza* (Ġabra 2008, paġ. I - 08357, punti 13, 22 u 48).

(201) Il-Kummissjoni hija tal-fehma li l-Artikolu 149(4) tat-TUTD ma jikkostitwixxix għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat.

(202) Fl-aħħar nett, fid-dawl tal-karatteristiki speċifiċi tal-eżenzjoni mit-TMU għal istituzzjonijiet mhux kummerċjali, li jwettqu biss attivitajiet speċifiċi mhux kummerċjali b'osservanza tal-kundizzjonijiet imposti mil-liġi nazzjonali, il-Kummissjoni tikkonkludi li dawn l-attivitajiet ma jistgħux jitqiesu bħala attivitajiet ekonomiċi skont ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat, u li għalhekk, il-miżura ma taqax fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-għajnuna mill-Istat mogħtija fil-forma ta' eżenzjoni mill-ICI, mogħtija lil istituzzjonijiet mhux kummerċjali li fil-binjiet wettqu biss l-attivitajiet imniżżla fl-Artikolu 7(1)(i) tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 504/92, li ġiet introdotta mill-Italja b'mod illegali bi ksur tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat, mhijiex kompatibbli mas-suq intern.

*Artikolu 2*

L-Artikolu 149(4) tat-TUTD ma jikkostitwixxix għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat.

*Artikolu 3*

L-eżenzjoni mit-TMU, mogħtija lil istituzzjonijiet mhux kummerċjali li fil-binjiet iwettqu biss l-attivitajiet imniżżla fl-Artikolu 7(1)(i) tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 504/92, ma tikkostitwixxix għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika tal-Italja.

Magħmula fi Brussell, id-19 ta' Diċembru 2012.

*Għall-Kummissjoni*
Joaquín ALMUNIA
*Viċi President*

*ANNESS 1*

**LISTA TAL-PARTIJIET INTERESSATI LI PPREŻENTAW L-OSSERVAZZJONIJIET TAGĦHOM DWAR ID-DEĊIŻJONI TA' FTUĦ**

Isem/indirizz

1. Santa Maria Annunciata in Chiesa Rossa, 24, Via Neera, Milan, l-Italja
2. Fondazzjoni Pro-Familia, 2, Piazza Fontana, Milan, l-Italja
3. Pietro Farracci, San Cesareo, l-Italja
4. Scuola Elementare Maria Montessori s.r.l., Ruma, l-Italja
5. Parroċċa , 14, Via Negarville, Turin, l-Italja
6. Parroċċa S. Nicolò di Bari, 3, Piazza Principe Napoli, Tortorici (Messina), l-Italja
7. Parroċċa S. Nicolò di Bari, 30, Via Libertà, Caronia (Messina), l-Italja
8. Parroċċa S. Nicolò di Bari, Piazza Matrice, S. Stefano di Camastra (Messina), l-Italja
9. Parroċċa ta' S. Orsola, Contrada S. Orsola, S. Angelo di Brolo (Messina), l-Italja
10. Parroċċa Sacro Cuore di Gesù, Frazione Galbato, Gioiosa Marea (Messina), l-Italja
11. Parroċċa Sacro Cuore di Gesù, 51, Corso Matteotti, Patti (Messina), l-Italja
12. Parroċċa Sacro Cuore di Gesù, 411, Via Medici, S. Agata Militello (Messina), l-Italja
13. Istitut Sacro Cuore di Gesù, 411, Via Medici, S. Agata Militello (Messina), l-Italja
14. Parroċċa Santi Nicolò e Giacomo, Discesa Sepolcri, Capizzi (Messina), l-Italja
15. Istituto Diocesano Sostentamento Clero, 7, Via Cattedrale, Patti (Messina), l-Italja
16. Parroċċa Madonna del Buon Consiglio e S. Barbara, Con. Cresta, Naso (Messina), l-Italja
17. Parroċċa Maria SS. Annunziata, Frazione Marina, Marina di Caronia (Messina), l-Italja
18. Parroċċa Maria SS. Assunta, Via Battisti, Militello Rosmarino (Messina), l-Italja
19. Parroċċa Maria SS. Assunta, 131, Via Monte di Pietà, Cesaro (Messina), l-Italja
20. Parroċċa Maria SS. Assunta, Piazza S. Pantaleone, Alcara Li Fusi (Messina), l-Italja
21. Parroċċa Maria SS. Assunta, 6, Via Oberdan 6, Castell'Umberto (Messina), l-Italja
22. Parroċċa Maria SS. Assunta, Piazza Duomo, Tortorici (Messina), l-Italja
23. Parroċċa Maria SS. Assunta, 33, Via Roma, Mirto (Messina), l-Italja
24. Parroċċa Maria SS. Del Rosario, Contrada Scala, Patti (Messina), l-Italja
25. Parroċċa Maria SS. Della Scala, Contrada Sceti, Tortorici (Messina), l-Italja

26. Parroċċa Maria SS. Della Visitazione, Contrada Casale, Gioiosa Marea (Messina), l-Italja
27. Parroċċa Maria SS. Delle Grazie, 3, Via Campanile, Montagnareale (Messina), l-Italja
28. Parroċċa Maria SS. Delle Grazie, 2, Via Cappellini, Castel di Lucio (Messina), l-Italja
29. Parroċċa Maria SS. Annunziata, 1, Piazza Regina Adelasia, Frazzanò (Messina), l-Italja
30. Parroċċa Maria SS. Annunziata, Contrada Sfaranda, Castell'Umberto (Messina), l-Italja
31. Parroċċa Maria SS. Di Lourdes, Frazione Gliaca, Piraino (Messina), l-Italja
32. Parroċċa S. Giuseppe, Contrada Malvicino, Capo d'Orlando (Messina), l-Italja
33. Parroċċa s. Maria del Carmelo, 20, Piazza Duomo, S. Agata Militello (Messina), l-Italja
34. Parroċċa S. Maria di Gesù, 43, Via Giovanni XXIII, Raccuja (Messina), l-Italja
35. Parroċċa S. Maria Maddalena, Contrada Maddalena, Gioiosa Marea (Messina), l-Italja
36. Parroċċa S. Maria, Via S. Maria, San Angelo di Brolo (Messina), l-Italja
37. Parroċċa S. Michele Arcangelo, 5, Via San Michele, Patti (Messina), l-Italja
38. Parroċċa S. Michele Arcangelo, Via Roma, Sinagra (Messina), l-Italja
39. Parroċċa S. Antonio, Via Forno Basso, Capo d'Orlando (Messina), l-Italja
40. Parroċċa S. Caterina, Frazione Marina, Marina di Patti (Messina), l-Italja
41. Parroċċa Cattedrale S. Bartolomeo, Via Cattedrale, Patti (Messina), l-Italja
42. Parroċċa Maria SS. Addolorata, Contrada Torre, Tortorici (Messina), l-Italja
43. Parroċċa S. Nicolò di Bari, Via Risorgimento, San Marco d'Alunzio (Messina), l-Italja
44. Parroċċa Immacolata Concezione, Frazione Landro, Gioiosa Marea (Messina), l-Italja
45. Parroċċa Maria SS Assunta, 11, Piazza Mazzini, Tusa (Messina), l-Italja
46. Parroċċa Maria SS Assunta, Frazione Torremuzza, Motta d'Affermo (Messina), l-Italja
47. Parroċċa Maria SS Assunta, Salita Madre Chiesa, Ficarra (Messina), l-Italja
48. Parroċċa Maria SS. Della Catena, 10, Via Madonna d. Catena, Castel di Tusa (Messina), l-Italja
49. Parroċċa Maria SS. Delle Grazie, 2, Via N. Donna, Pettineo (Messina), l-Italja
50. Parroċċa Ognissanti, Frazione Mongiove, Mongiove di Patti (Messina), l-Italja
51. Parroċċa S. Anna, 155, Via Umberto, Floresta (Messina), l-Italja
52. Parroċċa S. Caterina, Vico S. Caterina 2, Mistretta (Messina), l-Italja
53. Parroċċa S. Giorgio Martire, Frazione S. Giorgio, San Giorgio di Gioiosa M. (Messina), l-Italja
54. Parroċċa S. Giovanni Battista, Frazione Martini, Sinagra (Messina), l-Italja
55. Parroċċa S. Lucia, Via G. Rossini, S. Agata Militello (Messina), l-Italja

56. Parroċċa S. Maria delle Grazie, Via Normanni, S. Fratello (Messina), l-Italja
57. Parroċċa S. Maria, 8, Piazzetta Matrice, Piraino (Messina), l-Italja
58. Parroċċa S. Michele Arcangelo, Piazza Chiesa Madre, Librizzi (Messina), l-Italja
59. Parroċċa S. Michele Arcangelo, Via Umberto I, Longi (Messina), l-Italja
60. Parroċċa S. Nicolò di Bari, Piazza S. Nicola, Patti (Messina), l-Italja
61. Parroċċa S. Nicolò di Bari, 10, Via Ruggero Settimo, Gioiosa Marea (Messina), l-Italja
62. Parroċċa S. Nicolò di Bari, Via S. Nicolò, S. Fratello (Messina), l-Italja
63. Parroċċa Santa Maria e San Pancrazio, Via Gorgone, S. Piero Patti (Messina), l-Italja
64. Parroċċa Maria SS Assunta, Piazza Convento, S. Fratello (Messina), l-Italja
65. Parroċċa Maria SS. Del Rosario, 7, Via Provinciale, Caprileone (Messina), l-Italja
66. Parroċċa Maria SS Assunta, 10, Via Monachelle, Caprileone (Messina), l-Italja
67. Parroċċa Maria SS del Tindari, Via Nazionale, Caprileone (Messina), l-Italja
68. Parroċċa S. Febronia, Contrada Case Nuove, Patti (Messina), l-Italja
69. Parroċċa Maria SS. della Stella, Contrada S. Maria Lo Piano, S. Angelo di Brolo (Messina), l-Italja
70. Parroċċa S. Erasmo, Piazza del Popolo, Reitano (Messina), l-Italja
71. Parroċċa Maria SS. della Catena, Via Roma, Naso (Messina), l-Italja
72. Parroċċa S. Benedetto il Moro, Piazza Libertà, Acquedolci (Messina), l-Italja
73. Parroċċa S. Giuseppe, Frazione Tindari, Tindari (Messina), l-Italja
74. Parroċċa Santi Filippo e Giacomo, 2, Via D. Oliveri, Naso (Messina), l-Italja
75. Parroċċa SS. Salvatore, 7, Via Cavour, Naso (Messina), l-Italja
76. Santuario Maria SS del Tindari, Via Mons. Pullano, Tindari (Messina), l-Italja
77. Parroċċa S. Maria Assunta, Via Roma, Galati Mamertino (Messina), l-Italja
78. Fondazione Opera Immacolata Concezione O.N.L.U.S., Padova, l-Italja
79. Parroċċa San Giuseppe, 11, Piazza Dante, Oliveri (Messina), l-Italja
80. Parroċċa S. Leonardo, Frazione San Leonardo, Gioiosa Marea (Messina), l-Italja

# ATTI ADOTTATI MINN KORPI STABBILITI PERMEZZ TA' FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

It-testi oriġinali NU/KEE biss għandhom effett legali skont id-dritt internazzjonali pubbliku. L-istatus u d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu vverifikati fl-aħħar verżjoni tad-dokument tal-istatus NU/KEE TRANS/WP.29/343, disponibbli fuq: http://www.unece.org/trans/main/wp29/wp29wgs/wp29gen/wp29fdocstts.html.

## Ir-Regolament Nru 53 tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NU/KEE) – Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' vetturi tal-kategorija $L_3$ fir-rigward tal-installazzjoni ta' apparati għat-tidwil u għas-sinjalar bid-dawl

Li jinkorpora t-test validu kollu sa:

Is-Suppliment 13 għas-serje 01 ta' emendi - Id-data tad-dħul fis-seħħ: it-28 ta' Ottubru 2011

Is-Suppliment 14 għas-serje 01 ta' emendi - Id-data tad-dħul fis-seħħ: il-15 ta' Lulju 2013

WERREJ

REGOLAMENT

1. Ambitu

2. Definizzjonijiet

3. Applikazzjoni għall-approvazzjoni

4. Approvazzjoni

5. Speċifikazzjonijiet ġenerali

6. Speċifikazzjonijiet individwali

7. Modifiki għat-tip ta' vettura jew għall-installazzjoni ta' apparati għat-tidwil u għas-sinjalar bid-dawl

8. Konformità tal-produzzjoni

9. Penali għal nuqqas ta' konformità tal-produzzjoni

10. Produzzjoni mwaqqfa għalkollox

11. Dispożizzjonijiet tranżitorji

12. Ismijiet u indirizzi tas-Servizzi Tekniċi responsabbli mit-twettiq tat-testijiet ta' approvazzjoni, u tad-Dipartimenti Amministrattivi

ANNESSI

Anness 1 — Komunikazzjoni li tikkonċerna l-approvazzjoni jew l-estensjoni jew ir-rifjut jew l-irtirar ta' approvazzjoni jew produzzjoni mwaqqfa għalkollox ta' tip ta' vettura tal-kategorija $L_3$ fir-rigward tal-installazzjoni ta' apparati għat-tidwil u għas-sinjalar bid-dawl, skont ir-Regolament Nru 53

Anness 2 — Arranġament tal-marki tal-approvazzjoni

Anness 3 — Superfiċji, assi u ċentru ta' referenza, u angoli ta' viżibilità ġeometrika tal-fanali

Anness 4 — Viżibilità 'l quddiem tad-dwal ħomor u viżibilità lura tad-dwal bojod

Anness 5 — Kontroll tal-konformità tal-produzzjoni

Anness 6 — Spjegazzjoni dwar "l-inklinazzjoni orizzontali", "l-angolu ta' timjil" u l-angolu "δ"

1. AMBITU

Dan ir-Regolament japplika għall-vetturi tal-kategorija $L_3$ [1] fir-rigward tal-installazzjoni ta' apparati għat-tidwil u għas-sinjalar bid-dawl.

2. DEFINIZZJONIJIET

Għall-fini ta' dan ir-Regolament:

2.1. "Approvazzjoni ta' vettura" tfisser l-approvazzjoni ta' tip ta' vettura fir-rigward tan-numru u tal-mod tal-installazzjoni ta' apparati għat-tidwil u għas-sinjalar bid-dawl;

2.2. "Tip ta' vettura" tfisser kategorija ta' vetturi li ma jvarjawx minn xulxin f'aspetti essenzjali bħal:

2.2.1. id-dimensjonijiet u s-sura esterna tal-vettura;

2.2.2. in-numru u l-pożizzjoni tal-apparati;

2.2.3. dawn li ġejjin lanqas ma għandhom jitqiesu bħala "vetturi ta' tip differenti":

2.2.3.1. vetturi li huma differenti skont it-tifsira tal-paragrafi 2.2.1 u 2.2.2 t'aktar 'il fuq imma mhux b'tali mod li jinvolvu bidla fit-tip, fin-numru, fil-pożizzjoni u fil-viżibilità ġeometrika tal-fanali preskritti għat-tip ta' vettura kkonċernat; u

2.2.3.2. vetturi li fuqhom fanali approvati skont wieħed mir-Regolamenti annessi mal-Ftehim tal-1958, jew fanali permessi fil-pajjiż li fih ikunu rreġistrati l-vetturi, jitwaħħlu jew ikunu nieqsa jekk it-twaħħil tagħhom ikun fakultattiv;

2.3. "Pjan trasversali" tfisser pjan vertikali perpendikulari għall-pjan medjan lonġitudinali tal-vettura;

2.4. "Vettura mhux mgħobbija" tfisser vettura mingħajr sewwieq jew passiġġier u mhux mgħobbija, imma bit-tank tal-fjuwil tagħha mimli u bl-għodod kollha li normalment jinġarru;

2.5. "Fanal" tfisser apparat maħsub biex idawwal it-triq jew biex jitfa' sinjal bid-dawl lil utenti oħra tat-triq. Il-fanal tal-pjanċa tar-reġistrazzjoni ta' wara u r-retroriflettur bl-istess mod għandhom jitqiesu bħala fanali;

2.5.1. "Fanali ekwivalenti" tfisser fanali li jkollhom l-istess funzjoni u li jkunu awtorizzati fil-pajjiż fejn tkun irreġistrata l-vettura; fanali ta' din ix-xorta jista' jkollhom karatteristiċi differenti minn dawk tal-fanali li l-vettura tkun mgħammra bihom fi żmien tal-approvazzjoni, bil-kundizzjoni li jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament;

2.5.2. "Fanali indipendenti" tfisser apparati li jkollhom superfiċji li jdawlu separati, sorsi tad-dawl separati u bodis tal-fanali separati;

2.5.3. "Fanali ggruppati" tfisser apparati li jkollhom superfiċji li jdawlu separati u sorsi tad-dawl separati, imma li jkollhom bodi tal-fanal komuni;

2.5.4. "Ikkombinati" tfisser apparati li jkollhom superfiċji li jdawlu separati, imma sors tad-dawl komuni u bodi tal-fanal komuni;

[1] / Kif ġiet iddefinita fl-Anness 7 għar-Riżoluzzjoni Konsolidata dwar il-Kostruzzjoni tal-Vetturi (R.E.3), (dokument TRANS/WP.29/78/Rev.1/Amend.2 kif emendat l-aħħar bl-Emenda 4).

2.5.5. “Reċiprokament inkorporati” tfisser apparati li jkollhom sorsi tad-dawl separati jew sors tad-dawl wieħed li jaħdem f'kundizzjonijiet differenti (pereżempju, differenzi ottiċi, mekkaniċi, elettriċi), superfiċji li jdawlu totalment jew parzjalment komuni u bodi tal-fanal komuni;

2.5.6. “Fanal ta' quddiem b'raġġ tas-sewqan (raġġ tas-sewqan)” tfisser il-fanal li jintuża biex idawwal it-triq tul distanza twila quddiem il-vettura;

2.5.7. “Fanal ta' quddiem b'raġġ għaddieni (raġġ baxx)” tfisser il-fanal li jintuża biex idawwal it-triq quddiem il-vettura mingħajr ma jgħammex l-għajnejn jew jikkawża skumdità lis-sewwieqa li jkunu ġejjin minn faċċata u lill-utenti l-oħra tat-triq;

2.5.7.1. “Raġġ għaddieni ewlieni (raġġ baxx ewlieni)” tfisser ir-raġġ baxx prodott mingħajr il-kontribut tal-emittenti tar-raġġi infraħomor (IR) u/jew sorsi addizzjonali tad-dawl għal dawl għal-liwi.

2.5.8. “Fanal li jindika d-direzzjoni” tfisser il-fanal li jintuża biex jindika lill-utenti l-oħra tat-triq li s-sewwieq biħsiebu jbiddel id-direzzjoni lejn il-lemin jew lejn ix-xellug;

Fanal jew fanali li tindika(jindikaw) id-direzzjoni jistgħu jintużaw ukoll skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 97.

2.5.9. “Fanal tal-waqfien” tfisser il-fanal użat biex jindika lill-utenti l-oħra tat-triq li qegħdin wara l-vettura li s-sewwieq tagħha qed japplika l-brejk ta' servizz;

2.5.10. “Apparat li jdawwal il-pjanċa tar-reġistrazzjoni ta' wara” tfisser l-apparat li jintuża biex idawwal l-ispazju maħsub għall-pjanċa tar-reġistrazzjoni ta' wara; apparat ta' din ix-xorta jista' jikkonsisti f'diversi komponenti ottiċi;

2.5.11. “Fanal tal-pożizzjoni ta' quddiem” tfisser il-fanal li jintuża biex jindika l-preżenza tal-vettura meta wieħed jaraha minn quddiem;

2.5.12. “Fanal tal-pożizzjoni ta' wara” tfisser il-fanal li jintuża biex jindika l-preżenza tal-vettura meta wieħed jaraha minn wara;

2.5.13. “Retroriflettur” tfisser apparat li jintuża biex jindika l-preżenza ta' vettura permezz tar-rifless tad-dawl li ġej minn sors tad-dawl li mhux konness mal-vettura, meta l-osservatur ikun jinsab qrib is-sors;

Għall-fini ta' dan ir-Regolament, pjanċi tan-numri retroriflettenti ma jitqiesux bħala retroriflet-turi;

2.5.14. “Sinjal ta' twissija f'każ ta'periklu” tfisser it-tħaddim fl-istess ħin tal-fanali kollha ta' vettura li jindikaw id-direzzjoni biex juru li l-vettura temporanjament hija ta' periklu partikolari għall-utenti l-oħra tat-triq;

2.5.15. “Fanal kontra ċ-ċpar ta' quddiem” tfisser il-fanal li jintuża biex tiddawwal aktar it-triq fil-każ ta' ċpar, borra, maltempati b'xita qalila jew sħab tat-trab;

2.5.16. “Fanal kontra ċ-ċpar ta' wara” tfisser il-fanal li jintuża biex jagħmel il-vettura viżibbli aktar malajr min-naħa ta' wara fi ċpar oħxon;

2.5.17. “Fanal tas-sewqan binhar” tfisser fanal li jħares f'direzzjoni 'l quddiem li jintuża biex jagħmel il-vettura viżibbli b'mod aktar faċli waqt is-sewqan binhar.

2.6. “Superfiċje li titfa' d-dawl” ta' “apparat għat-tidwil”, “apparat għas-sinjalar bid-dawl” jew retro-riflettur tfisser is-superfiċje ta' barra kollha jew parti minnha tal-materjal trasparenti kif iddikjarat fit-talba għall-approvazzjoni mill-manifattur tal-apparat fid-disinn, ara l-Anness 3;

2.7. “Superfiċje li ddawwal” (ara l-Anness 3);

2.7.1. “Superfiċje li ddawwal ta' apparat għat-tidwil” (il-paragrafi 2.5.6, 2.5.7 u 2.5.15) tfisser il-projezzjoni ortogonali tal-fetħa kollha tar-riflettur, jew fil-każ ta' fanali ta' quddiem b'riflettur ellissojdali tal-“lenti ta' projezzjoni”, fuq pjan trasversali. Jekk l-apparat għat-tidwil ma jkollu l-ebda riflettur, għandha tiġi applikata d-definizzjoni tal-paragrafu 2.7.2. Jekk is-superfiċje li titfa' d-dawl tal-fanal testendi fuq parti biss mill-fetħa kollha tar-riflettur, titqies biss il-projezzjoni ta' dik il-parti.

Fil-każ ta' fanal ta' quddiem b'raġġ għaddieni, is-superfiċje li ddawwal tkun limitata bit-traċċa apparenti tal-punt ta' waqfien għal fuq il-lenti. Jekk ir-riflettur u l-lenti jkunu aġġustabbli b'mod relattiv għal xulxin, għandu jintuża l-aġġustament medju;

Fil-każ fejn kwalunkwe kombinazzjoni ta' fanal ta' quddiem li jipproduċi r-raġġ għaddieni ewlieni u unitajiet tad-dawl addizzjonali jew sorsi tad-dawl maħsuba sabiex jipproduċu dawl għal-liwi jitħaddmu flimkien, is-superfiċji li jdawlu individwali, meqjusa flimkien, jikkostitwixxu s-superfiċje li ddawwal.

2.7.2. "Superfiċje li ddawwal ta' apparat għas-sinjalar bid-dawl li mhux retrorifletttur" (il-paragrafi 2.5.8, 2.5.9, 2.5.11, 2.5.12, 2.5.14 u 2.5.16) tfisser il-projezzjoni ortogonali tal-fanal fi pjan perpendikulari għall-assi ta' referenza tiegħu u f'kuntatt mas-superfiċje li titfa' d-dawl ta' barra tal-fanal, b'din il-projezzjoni tkun limitata mit-truf tal-iskrins li jinsabu f'dan il-pjan, b'kull wieħed jippermetti li biss 98 fil-mija tal-intensità luminuża totali tad-dawl tippersisti fid-direzzjoni tal-assi ta' referenza. Biex jiġu ddeterminati l-limiti t'isfel, ta' fuq u dawk laterali tas-superfiċje li ddawwal, għandhom jintużaw biss skrins bi truf orizzontali jew vertikali;

2.7.3. "Superfiċje li ddawwal ta' retrorifletttur" (il-paragrafu 2.5.13) tfisser il-projezzjoni ortogonali ta' retrorifletttur fi pjan perpendikulari għall-assi ta' referenza tiegħu u limitat mill-pjani kontinwi għall-partijiet l-aktar 'il barra tas-sistema ottika tar-retrorifletttur u parallela għal dak l-assi. Għall-finijiet tad-determinazzjoni tat-truf t'isfel, ta' fuq u dawk laterali tal-apparat, għandhom jitqiesu biss il-pjani orizzontali u vertikali;

2.8. Is-"superfiċje apparenti" għal direzzjoni definita ta' osservazzjoni tfisser, fuq it-talba tal-manifattur jew tar-rappreżentant tiegħu li jkun ġie akkreditat b'mod xieraq, il-projezzjoni ortogonali ta':

jew il-limitu tas-superfiċje li ddawwal ipprojettata fuq is-superfiċje ta' barra tal-lenti (a-b),

jew is-superfiċje li titfa' d-dawl (c-d),

fi pjan perpendikulari għad-direzzjoni tal-osservazzjoni u tanġenzjali għall-aktar punt estern tal-lenti (ara l-Anness 3 għal dan ir-Regolament);

2.9. "Assi ta' referenza" tfisser l-assi karatteristiku tal-fanal li ġie ddeterminat mill-manifattur (tal-fanal) biex jintuża bħala d-direzzjoni ta' referenza (H = 0 °, V = 0 °) għal angoli ta' kamp għal kejl fotometriku u biex jiġi installat il-fanal fuq il-vettura;

2.10. "Ċentru ta' referenza" tfisser l-intersezzjoni tal-assi ta' referenza mas-superfiċje esterna li titfa' d-dawl; dan jiġi speċifikat mill-manifattur tal-fanal;

2.11. "Angoli ta' viżibilità ġeometrika" tfisser l-angoli li jiddeterminaw il-kamp tal-angolu solidu minimu fejn is-superfiċje apparenti tal-fanal trid tkun viżibbli. Dak il-kamp tal-angolu solidu jiġi ddeterminat mis-segmenti tal-isfera li ċ-ċentru tagħha jikkoinċidi maċ-ċentru ta' referenza tal-fanal u l-ekwatur ikun parallel għall-art. Dawn is-segmenti jiġu ddeterminati b'relazzjoni għall-assi ta' referenza. L-angoli orizzontali β jikkorrispondu għal-lonġitudini u l-angoli vertikali α għal-latitudni. Ma għandu jkun hemm l-ebda ostaklu fuq ġewwa tal-angoli ta' viżibilità ġeometrika għall-propagazzjoni tad-dawl minn kwalunkwe parti tas-superfiċje apparenti tal-fanal osservata mill-infinità. Jekk il-kejl jittieħed eqreb tal-fanal, id-direzzjoni tal-osservazzjoni trid tiġi mċaqilqa b'mod parallel sabiex tinkiseb l-istess preċiżjoni.

Fuq ġewwa tal-angoli ta' viżibilità ġeometrika, l-ostakli ma jitqiesux, jekk dawn kienu diġà ppreżentati meta l-fanal kien approvat għat-tip.

Jekk, meta l-fanal jiġi installat, kwalunkwe parti mis-superfiċje apparenti tal-fanal tkun moħbija minn kwalunkwe parti oħra tal-vettura, għandhom jiġu ppreżentati provi li l-parti tal-fanal li mhijiex moħbija mill-ostakli għadha konformi mal-valuri fotometriċi preskritti għall-approvazzjoni tal-apparat bħala unità ottika (ara l-Anness 3 għal dan ir-Regolament). Minkejja dan, meta l-angolu vertikali ta' viżibilità ġeometrika taħt l-orizzontali jista' jitnaqqas għal 5 ° (fanal f'għoli ta' inqas minn 750 mm 'il fuq mill-art), il-kamp fotometriku tal-kejl tal-unità ottika installata jista' jitnaqqas għal 5 ° taħt l-orizzontali;

2.12. "Tarf estrem ta' barra" fuq kull naħa tal-vettura tfisser il-pjan parallel għall-pjan medjan lonġitudinali tal-vettura u li jmiss l-estremità laterali tal-vettura, mingħajr ma titqies il-projezzjoni jew il-projezzjonijiet:

2.12.1. tal-mirja retroviżuri,

2.12.2. tal-fanali li jindikaw id-direzzjoni,

2.12.3. tal-fanali tal-pożizzjoni u tar-retroriflettturi ta' quddiem u ta' wara;

2.13. "Il-wisa' totali" tfisser id-distanza bejn iż-żewġ pjani vertikali li ġew iddefiniti fil-paragrafu 2.12 t'aktar 'il fuq;

2.14. “Fanal singolu” tfisser:

(a) apparat jew parti minn apparat li jkollu funzjoni waħda ta’ dawl jew ta’ sinjalar bid-dawl, sors tad-dawl wieħed jew aktar u superfiċje apparenti waħda fid-direzzjoni tal-assi ta’ referenza, li tista’ tkun superfiċje kontinwa jew magħmula minn żewġ partijiet distinti jew aktar; jew

(b) kwalunkwe assemblaġġ ta’ żewġ fanali indipendenti, kemm jekk ikunu identiċi u kemm jekk le, li jkollhom l-istess funzjoni, bit-tnejn ikunu approvati bħala fanal tat-tip “D” u installati sabiex il-projezzjoni tas-superfiċji apparenti tagħhom fid-direzzjoni tal-assi ta’ referenza tokkupa mhux inqas minn 60 fil-mija tal-iżgħar figura kwadrilaterali li tiċċirkoskrivi l-projezzjonijiet tas-superfiċji apparenti msemmija fid-direzzjoni tal-assi ta’ referenza.

2.15. “Distanza bejn żewġ fanali” li jiffaċċjaw fl-istess direzzjoni tfisser l-iqsar distanza bejn iż-żewġ superfiċji apparenti fid-direzzjoni tal-assi ta’ referenza. Fejn id-distanza bejn il-fanali b’mod ċar tissodisfa r-rekwiżiti tar-Regolament, m’hemmx għalfejn jiġu ddeterminati t-truf eżatti tas-superfiċji apparenti;

2.16. “Tell-tale operattiv” tfisser sinjal viżiv jew akustiku (jew kwalunkwe sinjal ekwivalenti) li jindika li apparat inxtegħel u jekk ikunx qed jaħdem sew jew le;

2.17. “Tell-tale b’ċirkwit magħluq” tfisser sinjal viżiv (jew kwalunkwe sinjal ekwivalenti) li jindika li apparat inxtegħel, imma li ma jindikax jekk huwiex qed jaħdem sew jew le;

2.18. “Fanal fakultattiv” tfisser fanal, li l-installazzjoni tiegħu tithalla għad-diskrezzjoni tal-manifattur;

2.19. “Art” tfisser is-superfiċje li fuqha tinsab wieqfa l-vettura li għandha tkun sostanzjalment orizzontali;

2.20. “Apparat” tfisser komponent jew assoċjazzjoni ta’ komponenti użati sabiex iwettqu funzjoni waħda jew aktar.

2.21. “Il-kulur tad-dawl mitfugħ mill-apparat”. Id-definizzjonijiet tal-kulur tad-dawl mitfugħ, mogħtija fir-Regolament Nru 48 u s-serje ta’ emendi tiegħu li kienu fis-seħħ fiż-żmien tal-applikazzjoni għall-approvazzjoni tat-tip għandhom japplikaw għal dan ir-Regolament.

2.22. “Massa grossa tal-vettura” jew “massa massima” tfisser il-massa mgħobbija massima teknikament permissibbli kif ġiet iddikjarata mill-manifattur.

2.23. “Mgħobbija” tfisser mgħobbija b’tali mod li tilħaq il-massa grossa tal-vettura kif ġiet iddefinita fil-paragrafu 2.22.

2.24. “Inklinazzjoni orizzontali” tfisser l-angolu maħluq bejn id-disinn tar-raġġ meta l-mutur jiġi ssettjat kif ġie speċifikat fil-paragrafu 5.4, u d-disinn tar-raġġ meta l-mutur jintlewa (ara d-disinn fl-Anness 6);

2.25. “Sistema ta’ aġġustament tal-inklinazzjoni orizzontali (HIAS)” tfisser apparat li jaġġusta l-inklinazzjoni orizzontali tal-fanal ta’ quddiem lejn iż-żero;

2.26. “Angolu ta’ timjil” tfisser: l-angolu magħmul mal-vertikali mill-pjan medjan lonġitudinali vertikali tal-mutur, meta l-mutur jiddawwar madwar l-assi lonġitudinali tiegħu (ara d-disinn fl-Anness 6);

2.27. “Sinjal tal-HIAS” tfisser kwalunkwe sinjal ta’ kontroll jew kwalunkwe input ta’ kontroll addizzjonali fis-sistema, jew output ta’ kontroll mis-sistema lill-mutur;

2.28. “Ġeneratur tas-sinjal tal-HIAS” tfisser apparat li jirriproduċi sinjal tal-HIAS wieħed jew aktar għal test tas-sistema;

2.29. “Angolu tat-test tal-HIAS” tfisser l-angolu $\delta$ maħluq mil-linja tal-punt ta’ waqfien tal-fanal ta’ quddiem u mil-linja HH (fil-każ ta’ fanal ta’ quddiem b’raġġ assimetriku, għandha tintuża l-parti orizzontali tal-punt ta’ waqfien), (ara d-disinn fl-Anness 6).

2.30. “Dawl għal-liwi” tfisser funzjoni ta’ dawl biex tkun ipprovduta illuminazzjoni mtejba fil-liwi.

3. APPLIKAZZJONI GĦALL-APPROVAZZJONI

3.1. L-applikazzjoni għall-approvazzjoni ta’ tip ta’ vettura fir-rigward tal-installazzjoni tal-apparati għat-tidwil u għas-sinjalar bid-dawl tiegħu għandha titressaq mill-manifattur tal-vettura jew mir-rappreżentant tiegħu li jkun ġie akkreditat b’mod xieraq.

3.2. Hija għandha tkun akkumpanjata mid-dokumenti li qed jissemmew aktar 'l isfel, fi tliet kopji, u mill-partikolaritajiet li ġejjin:

3.2.1. deskrizzjoni tat-tip ta' vettura fir-rigward tal-punti msemmija fil-paragrafi 2.2.1 sa 2.2.3 t'aktar 'il fuq; għandu jiġi speċifikat it-tip ta' vettura identifikat b'mod xieraq;

3.2.2. lista tal-apparati maħsuba mill-manifattur biex jiffurmaw l-apparati għat-tidwil u għas-sinjalar bid-dawl; il-lista tista' tinkludi diversi tipi ta' apparat għal kull funzjoni; kull tip għandu jiġi identifikat b'mod xieraq (marka tal-approvazzjoni nazzjonali jew internazzjonali, jekk approvat, isem il-manifattur, eċċ); minbarra dan fir-rigward ta' kull funzjoni, il-lista tista' tinkludi l-annotazzjoni addizzjonali "jew apparati ekwivalenti";

3.2.3. disinn ta' kif inhi mqassma l-installazzjoni tal-apparati tad-dawl u tas-sinjalar bid-dawl kollha, fejn tintwera l-pożizzjoni tad-diversi apparati fuq il-vettura; u

3.2.4. jekk ikun meħtieġ, sabiex tiġi vverifikata l-konformità tal-preskrizzjonijiet tar-Regolament preżenti, disinn jew disinji ta' kif inhu mqassam kull fanal fejn tintwera s-superfiċje li ddawwal, kif ġiet iddefinita fil-paragrafu 2.7.1 t'aktar 'il fuq, is-superfiċje li titfa' d-dawl kif ġiet iddefinita fil-paragrafu 2.6, l-assi ta' referenza kif ġie ddefinit fil-paragrafu 2.9 u ċ-ċentru ta' referenza kif ġie ddefinit fil-paragrafu 2.10. Din l-informazzjoni mhijiex meħtieġa fil-każ tal-fanal tal-pjanċa tar-reġistrazzjoni ta' wara (il-paragrafu 2.5.10).

3.2.5. L-applikazzjoni għandha tinkludi dikjarazzjoni tal-metodu li ntuża għad-definizzjoni tas-superfiċje apparenti (il-paragrafu 2.8).

3.3. Vettura mhux mgħobbija mgħammra b'sett komplut ta' apparat għat-tidwil u għas-sinjalar bid-dawl, kif ġie preskritt fil-paragrafu 3.2.2 t'aktar 'il fuq, u rappreżentattiva tat-tip ta' vettura li għandu jiġi approvat għandha titressaq quddiem is-servizz tekniku responsabbli mit-twettiq tat-testijiet ta' approvazzjoni.

4. APPROVAZZJONI

4.1. Jekk it-tip ta' vettura mressaq għall-approvazzjoni skont dan ir-Regolament jissodisfa r-rekwiżiti tar-Regolament fir-rigward tal-apparati kollha li ġew speċifikati fil-lista, għandha tingħata l-approvazzjoni għal dak it-tip ta' vettura.

4.2. Għandu jiġi assenjat numru tal-approvazzjoni lil kull tip approvat. L-ewwel żewġ figuri tiegħu (bħalissa 01 għar-Regolament fis-serje 01 ta' emendi tiegħu) għandhom jindikaw is-serje ta' emendi li jinkorporaw l-aktar emendi tekniċi maġġuri reċenti li jkunu saru fir-Regolament fiż-żmien meta nħarġet l-approvazzjoni.

L-istess Parti Kontraenti ma tistax tassenja l-istess numru lil tip ieħor ta' vettura jew lill-istess tip ta' vettura mressqa b'apparat li mhux speċifikat fil-lista li tissemma fil-paragrafu 3.2.2 t'aktar 'il fuq, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 7 ta' dan ir-Regolament.

4.3. Għandu jiġi kkomunikat avviż ta' approvazzjoni jew ta' estensjoni jew ta' rifjut jew ta' rtirar ta' approvazzjoni jew ta' produzzjoni mwaqqfa għalkollox ta' tip ta' vettura skont dan ir-Regolament lill-Partijiet għall-Ftehim li japplikaw dan ir-Regolament permezz ta' formola li tikkonforma mal-mudell fl-Anness 1 għal dan ir-Regolament.

4.4. Ma' kull vettura li tikkonforma ma' tip ta' vettura approvat skont dan ir-Regolament, b'mod li jolqot l-għajn u f'post faċilment aċċessibbli li ġie speċifikat fuq il-formola tal-approvazzjoni, għandha titwaħħal marka tal-approvazzjoni internazzjonali li tikkonsisti fi:

4.4.1. ċirku madwar l-ittra "E" segwit min-numru li jiddistingwi l-pajjiż li ta l-approvazzjoni [1]/;

4.4.2. in-numru ta' dan ir-Regolament, segwit mill-ittra "R", sing u n-numru tal-approvazzjoni fuq il-lemin taċ-ċirku preskritt fil-paragrafu 4.4.1.

4.5. Jekk il-vettura tikkonforma ma' tip ta' vettura approvat, skont wieħed jew aktar mir-Regolamenti l-oħra annessi mal-Ftehim, fil-pajjiż li jkun ta l-approvazzjoni skont dan ir-Regolament, m'hemmx għalfejn jiġi ripetut is-simbolu preskritt fil-paragrafu 4.4.1; f'każ ta' din ix-xorta, in-numri tar-Regolament u tal-approvazzjoni u s-simboli addizzjonali tar-Regolamenti kollha li skont tagħhom tkun ingħatat l-approvazzjoni fil-pajjiż li jkun ta l-approvazzjoni skont dan ir-Regolament għandhom jitqiegħdu f'kolonni vertikali fuq il-lemin tas-simbolu preskritt fil-paragrafu 4.4.1.

---

[1] / In-numri li jiddistingwu l-Partijiet Kontraenti għall-Ftehim tal-1958 huma riprodotti fl-Anness 3 għar-Riżoluzzjoni Konsolidata dwar il-Kostruzzjoni tal-Vetturi (R.E.3), dokument TRANS/WP.29/78/Rev.2/Amend.1.

4.6. Il-marka tal-approvazzjoni għandha tkun tista' tinqara b'mod ċar u għandha tkun indelibbli.

4.7. Il-marka tal-approvazzjoni għandha titqiegħed qrib ta' jew fuq il-pjanċa tad-dejta tal-vettura mwaħħla mill-manifattur.

4.8. L-Anness 2 għal dan ir-Regolament jagħti eżempji tal-arranġament tal-marki tal-approvazzjoni.

5. SPEĊIFIKAZZJONIJIET ĠENERALI

5.1. L-apparati għat-tidwil u għas-sinjalar bid-dawl għandhom ikunu mwaħħla b'tali mod li f'kundizzjonijiet normali ta' użu, u minkejja l-vibrazzjonijiet li jistgħu jiġu soġġetti għalihom, iżommu l-karatteristiċi preskritti f'dan ir-Regolament u jippermettu li l-vettura tikkonforma mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament.

B'mod partikolari, ma għandux ikun possibbli li l-fanali jiġu aġġustati ħażin b'mod involontarju.

5.2. Il-fanali li jdawlu għandhom jiġu installati b'tali mod li l-aġġustament korrett tal-orjentazzjoni tagħhom jista' jitwettaq faċilment.

5.3. Għall-apparati għas-sinjalar bid-dawl kollha l-assi ta' referenza tal-fanal meta mwaħħal fuq il-vettura għandu jkun parallel għall-pjan ta' appoġġ tal-vettura fit-triq; barra minn hekk, għandu jkun perpendikulari għall-pjan medjan lonġitudinali tal-vettura fil-każ tar-retrorifletturi tal-ġenb u parallel għal dak il-pjan fil-każ tal-apparati għas-sinjalar bid-dawl kollha. F'kull direzzjoni, għandha titħalla tolleranza ta' ± 3 °. Barra minn hekk, jekk il-manifattur jipprovdi speċifikazzjonijiet għat-twaħħil, għandu jkun hemm konformità magħhom.

5.4. Fin-nuqqas ta' struzzjonijiet speċifiċi, l-għoli u l-orjentazzjoni tal-fanali għandhom jiġu vverifikati meta l-vettura ma tkunx mgħobbija u meta titqiegħed fuq superfiċje ċatta u orizzontali, bil-pjan medjan lonġitudinali tagħha jkun vertikali u bil-manubriji jkunu fil-pożizzjoni li tikkorrispondi għal moviment dritt 'il quddiem. Il-pressjonijiet tat-tajers għandhom ikunu dawk preskritti mill-manifattur għall-kundizzjonijiet partikolari tat-tagħbija meħtieġa f'dan ir-Regolament.

5.5. Fin-nuqqas ta' struzzjonijiet speċifiċi:

5.5.1. il-fanali jew ir-rifletturi singoli għandhom jiġu mmuntati b'tali mod li ċ-ċentru ta' referenza tagħhom ikun qiegħed fil-pjan medjan lonġitudinali tal-vettura;

5.5.2. il-fanali li jikkostitwixxu par u li jkollhom l-istess funzjoni għandhom:

5.5.2.1. jiġu mmuntati b'mod simetriku b'relazzjoni għall-pjan medjan lonġitudinali;

5.5.2.2. ikunu simetriċi wieħed għall-ieħor b'relazzjoni għall-pjan medjan lonġitudinali;

5.5.2.3. jissodisfaw l-istess rekwiżiti kolorimetriċi; u

5.5.2.4. ikollhom karatteristiċi fotometriċi nominali identiċi;

5.5.2.5. jinxtegħlu u jintfew fl-istess ħin.

5.6. Fanali ggruppati, ikkombinati jew reċiprokament inkorporati

5.6.1. Il-fanali jistgħu jkunu ggruppati, ikkombinati jew reċiprokament inkorporati wieħed mal-ieħor sakemm ir-rekwiżiti kollha fir-rigward tal-kulur, tal-pożizzjoni, tal-orjentazzjoni, tal-viżibilità ġeometrika, tal-konnessjonijiet elettriċi u tar-rekwiżiti l-oħra, jekk ikun hemm, jiġu sodisfatti.

5.6.1.1. Ir-rekwiżiti fotometriċi u kolorimetriċi ta' fanal għandhom jiġu sodisfatti meta l-funzjonijiet l-oħra kollha li magħhom dan il-fanal ikun iggruppat, ikkombinat jew reċiprokament inkorporat ikunu MITFIJA.

Madankollu, meta fanal tal-pożizzjoni ta' quddiem jew ta' wara jkun reċiprokament inkorporat ma' funzjoni waħda oħra jew iktar li tista' tiġi attivata flimkien miegħu, ir-rekwiżiti dwar il-kulur ta' kull waħda minn dawn il-funzjonijiet l-oħra għandhom jiġu sodisfatti meta l-funzjoni(jiet) reċiprokament inkorporata(i) u l-fanal tal-pożizzjoni ta' quddiem jew ta' wara jkunu MIXGĦULA.

5.6.1.2. Il-fanali tal-waqfien u l-fanali li jindikaw id-direzzjoni ma jistgħux ikunu reċiprokament inkorporati.

5.6.1.3. Madankollu, meta l-fanali tal-waqfien u l-fanali li jindikaw id-direzzjoni jkunu ggruppati, kwalunkwe linja dritta orizzontali jew vertikali li tgħaddi mill-projezzjonjiet tas-superfiċji apparenti ta' dawn il-funzjonijiet fuq pjan perpendikulari għall-assi ta' referenza, ma għandhiex taqsam aktar minn żewġ linji ta' demarkazzjoni li jisseparaw żoni biswit xulxin ta' kulur differenti.

5.6.2. Fejn is-superfiċje apparenti ta' fanal singolu tkun magħmula minn żewġ partijiet distinti jew aktar, din għandha tissodisfa r-rekwiżiti li ġejjin:

5.6.2.1. Jew l-erja totali tal-projezzjoni tal-partijiet distinti fuq pjan tanġenzjali għas-superfiċje esterna tal-materjal trasparenti u perpendikulari għall-assi ta' referenza għandha tokkupa mhux inqas minn 60 fil-mija tal-iżgħar figura kwadrilaterali li tiċċirkoskrivi l-projezzjoni msemmija, jew id-distanza bejn żewġ partijiet distinti biswit xulxin/tanġenzjali ma għandhiex teċċedi l-15 mm meta mkejla b'mod perpendikulari għall-assi ta' referenza.

5.7. L-għoli massimu 'l fuq mill-art għandu jitkejjel mill-ogħla punt u l-għoli minimu mill-aktar punt baxx tas-superfiċje apparenti fid-direzzjoni tal-assi ta' referenza. Għall-fanali ta' quddiem b'raġġ għaddieni, l-għoli minimu mill-art għandu jitkejjel mill-aktar punt baxx tal-iżbokk effettiv tas-sistema ottika (pereżempju, riflettur, lenti, lenti ta' projezzjoni) indipendentement mill-użu tiegħu.

Fejn l-għoli (massimu u minimu) 'il fuq mill-art b'mod ċar jissodisfa r-rekwiżiti tar-Regolament, m'hemmx għalfejn jiġu ddeterminati t-truf eżatti ta' kwalunkwe superfiċje.

Meta ssir referenza għad-distanza bejn il-fanali, il-pożizzjoni, fir-rigward tal-wisa', għandha tiġi ddeterminata mit-truf ta' ġewwa tas-superfiċje apparenti fid-direzzjoni tal-assi ta' referenza.

Fejn il-pożizzjoni, fir-rigward tal-wisa', b'mod ċar tissodisfa r-rekwiżiti tar-Regolament, m'hemmx għalfejn jiġu ddeterminati t-truf eżatti ta' kwalunkwe superfiċje.

5.8. Fin-nuqqas ta' struzzjonijiet speċifiċi, l-ebda fanal għajr il-fanali li jindikaw id-direzzjoni u s-sinjal ta' twissija f'każ ta' periklu mill-vettura ma għandhom ikunu fanali li jixgħelu u jitfu malajr.

5.9. Fuq in-naħa ta' quddiem ma għandu jkun viżibbli l-ebda dawl aħmar, u fuq in-naħa ta' wara ma għandu jkun viżibbli l-ebda dawl abjad. Il-konformità ma' dan ir-rekwiżit għandha tiġi vverifikata kif jintwera iktar 'l isfel (ara d-disinn fl-Anness 4):

5.9.1. il-viżibilità tad-dawl aħmar fuq in-naħa ta' quddiem: fanal aħmar ma jridx ikun direttament viżibbli għal osservatur li jkun qed jiċċaqlaq fiż-żona 1 ta' pjan trasversali li jkun qiegħed 25 m 'il quddiem mill-punt li jinsab quddiem nett tal-vettura;

5.9.2. il-viżibilità tad-dawl abjad fuq in-naħa ta' wara: fanal abjad ma jridx ikun direttament viżibbli għal osservatur li jkun qed jiċċaqlaq fiż-żona 2 ta' pjan trasversali li jkun qiegħed 25 m lura mill-punt li jinsab wara nett tal-vettura;

5.9.3. fil-pjani rispettivi tagħhom, iż-żoni 1 u 2 esplorati minn għajn l-osservatur huma limitati:

5.9.3.1. fl-għoli, minn żewġ pjani orizzontali rispettivament 1 m u 2,2 m'il fuq mill-art;

5.9.3.2. fil-wisa', minn żewġ pjani vertikali li, 'il quddiem u lura rispettivament jiffurmaw angolu ta' 15 ° 'il barra mill-pjan medjan lonġitudinali tal-vettura, jgħaddu mill-punt jew mill-punti ta' kuntatt ta' pjani vertikali paralleli għall-pjan medjan lonġitudinali tal-vettura u jillimitaw il-wisa' totali tal-vettura; jekk ikun hemm diversi punti ta' kuntatt, dak li qiegħed quddiem nett għandu jikkorrispondi għall-pjan 'il quddiem u dak li qiegħed wara nett għall-pjan lura.

5.10. Il-konnessjonijiet elettriċi għandhom ikunu tali li l-fanal tal-pożizzjoni ta' quddiem jew il-fanal ta' quddiem b'raġġ għaddieni, jekk ma jkun hemm l-ebda fanal tal-pożizzjoni ta' quddiem, il-fanal tal-pożizzjoni ta' wara u l-apparat li jdawwal il-pjanċa tar-reġistrazzjoni ta' wara ma jistgħux JINXTEGĦLU jew JINTFEW b'mod ieħor għajr fl-istess ħin, sakemm ma jiġix speċifikat mod ieħor.

5.11. Fin-nuqqas ta' struzzjonijiet speċifiċi, il-konnessjoni elettrika għandha tkun tali li l-fanal ta' quddiem b'raġġ tas-sewqan, il-fanal ta' quddiem b'raġġ għaddieni u l-fanal kontra ċ-ċpar ma jistgħux jinxtegħlu ħlief jekk il-fanali li jissemmew fil-paragrafu 5.10 t'aktar 'il fuq ma jinxtegħlux ukoll. Dan ir-rekwiżit, madanakollu, m'hemmx għalfejn jiġi sodisfatt fil-każ tal-fanal ta' quddiem b'raġġ tas-sewqan u tal-fanal ta' quddiem b'raġġ għaddieni fejn it-twissijiet luminużi tagħhom jikkonsistu f'dawl intermittenti f'intervalli qosra mill-fanal ta' quddiem b'raġġ għaddieni jew f'dawl intermittenti mill-fanal ta' quddiem b'raġġ tas-sewqan jew f'dawl alternat f'intervalli qosra mill-fanal ta' quddiem b'raġġ għaddieni u mill-fanal ta' quddiem b'raġġ tas-sewqan.

5.11.1. Jekk ikun ġie installat, il-fanal tas-sewqan binhar għandu awtomatikament IKUN MIXGĦUL meta l-magna tkun qed taħdem. Jekk jinxtegħel il-fanal ta' quddiem, il-fanal tas-sewqan binhar ma għandux jixgħel meta l-magna tkun qed taħdem.

Jekk ma jkun ġie installat l-ebda fanal tas-sewqan binhar, il-fanal ta' quddiem għandu awtomatikament ikun mixgħul meta l-magna tkun qed taħdem.

5.12. Il-fanali tell-tale

5.12.1. Kull fanal tell-tale għandu jkun viżibbli mill-ewwel għal sewwieq f'pożizzjoni normali ta' sewqan.

5.12.2. Fejn dan ir-Regolament jipprovdi għal tell-tale "b'ċirkwit magħluq", dan jista' jiġi sostitwit minn tell-tale "operattiv".

5.13. Il-kuluri tad-dwal

Il-kuluri tad-dwal imsemmija f'dan ir-Regolament għandhom ikunu kif ġej:

| | |
|---|---|
| Fanal ta' quddiem b'raġġ tas-sewqan: | abjad |
| Fanal ta' quddiem b'raġġ għaddieni: | abjad |
| Fanal li jindika d-direzzjoni: | ambra |
| Fanal tal-waqfien: | aħmar |
| Fanal tal-pjanċa tar-reġistrazzjoni ta' wara: | abjad |
| Fanal tal-pożizzjoni ta' quddiem: | abjad jew ambra |
| Fanal tal-pożizzjoni ta' wara: | aħmar |
| Retroriflettur ta' wara, mhux trijangulari: | aħmar |
| Retroriflettur tal-ġenb, mhux trijangulari: | ambra fuq quddiem |
| | ambra jew aħmar fuq wara |
| Sinjal ta' twissija f'każ ta' periklu mill-vettura: | ambra |
| Fanal kontra ċ-ċpar ta' quddiem: | abjad jew isfar selettiv |
| Fanal kontra ċ-ċpar ta' wara: | aħmar |

5.14. Kull vettura mressqa għall-approvazzjoni skont dan ir-Regolament għandha tkun mgħammra bl-apparati għat-tidwil u għas-sinjalar bid-dawl li ġejjin:

5.14.1. fanal ta' quddiem b'raġġ tas-sewqan (il-paragrafu 6.1);

5.14.2. fanal ta' quddiem b'raġġ għaddieni (il-paragrafu 6.2);

5.14.3. fanali li jindikaw id-direzzjoni (il-paragrafu 6.3);

5.14.4. fanal tal-waqfien (il-paragrafu 6.4);

5.14.5. apparat li jdawwal il-pjanċa tar-reġistrazzjoni ta' wara (il-paragrafu 6.5);

5.14.6. fanal tal-pożizzjoni ta' quddiem (il-paragrafu 6.6);

5.14.7. fanal tal-pożizzjoni ta' wara (il-paragrafu 6.7);

5.14.8. retroriflettur ta' wara, mhux trijangulari (il-paragrafu 6.8);

5.14.9. retroriflettturi tal-ġnub, mhux trijangulari (il-paragrafu 6.12);

5.15. Din tista', barra minn hekk, tkun mgħammra bl-apparati għat-tidwil u għas-sinjalar bid-dawl li ġejjin:

5.15.1. sinjal ta' twissija f'każ ta' periklu mill-vettura (il-paragrafu 6.9);

5.15.2. fanali kontra ċ-ċpar;

5.15.2.1. quddiem (il-paragrafu 6.10);

5.15.2.2. wara (il-paragrafu 6.11);

5.15.3. fanal tas-sewqan binhar (il-paragrafu 6.13).

5.16. It-twaħħil ta' kull wieħed mill-apparati għat-tidwil u għas-sinjalar bid-dawl imsemmija fil-paragrafi 5.14 u 5.15 t'aktar 'il fuq għandu jsir f'konformità mar-rekwiżiti rilevanti fil-paragrafu 6 ta' dan ir-Regolament.

5.17. It-twaħħil ta' kwalunkwe apparat għat-tidwil u għas-sinjalar bid-dawl għajr dawk imsemmija fil-paragrafi 5.14 u 5.15. huwa pprojbit għall-finijiet tal-approvazzjoni tat-tip.

5.18. L-apparati għat-tidwil u għas-sinjalar bid-dawl approvati għat-tip għal vetturi b'erba' roti tal-kategoriji $M_1$ u $N_1$ u li jissemmew fil-paragrafi 5.14 u 5.15 t'aktar 'il fuq jistgħu wkoll jitwaħħlu fuq il-muturi.

6. SPEĊIFIKAZZJONIJIET INDIVIDWALI

6.1. IL-FANAL TA' QUDDIEM B'RAĠĠ TAS-SEWQAN

6.1.1. Numru:

6.1.1.1. Għal muturi li jkollhom ċilindrata ta' ≤ 125 $cm^3$

Wieħed jew tnejn ta' tip approvat skont:

(a) il-Klassi B, C, D jew E tar-Regolament Nru 113;

(b) ir-Regolament Nru 112;

(c) ir-Regolament Nru 1;

(d) ir-Regolament Nru 8;

(e) ir-Regolament Nru 20;

(f) ir-Regolament Nru 57;

(g) ir-Regolament Nru 72;

(h) ir-Regolament Nru 98.

6.1.1.2. Għall-muturi li jkollhom ċilindrata ta' > 125 $cm^3$

Wieħed jew tnejn ta' tip approvat skont:

(a) il-Klassi B, D jew E tar-Regolament Nru 113;

(b) ir-Regolament Nru 112;

(c) ir-Regolament Nru 1;

(d) ir-Regolament Nru 8;

(e) ir-Regolament Nru 20;

(f) ir-Regolament Nru 72;

(g) ir-Regolament Nru 98.

Tnejn ta' tip approvat skont:

(h) il-Klassi C tar-Regolament Nru 113.

6.1.2. L-arranġament

L-ebda rekwiżit speċjali.

6.1.3. Il-pożizzjoni

6.1.3.1. Il-wisa'

6.1.3.1.1. Fanal tas-sewqan indipendenti jista' jitwaħħal fuq jew taħt jew maġenb fanal ieħor ta' quddiem: jekk dawn il-fanali jkunu qegħdin wieħed fuq l-ieħor, iċ-ċentru ta' referenza tal-fanal tas-sewqan irid ikun fil-pjan medju lonġitudinali tal-vettura; jekk dawn il-fanali jkunu qegħdin maġenb xulxin, iċ-ċentru ta' referenza tagħhom irid ikun simetriku b'relazzjoni għall-pjan medjan lonġitudinali tal-vettura.

6.1.3.1.2. Fanal ta' quddiem b'raġġ tas-sewqan, li jkun reċiprokament inkorporat ma' fanal ieħor ta' quddiem irid jitwaħħal b'tali mod li ċ-ċentru ta' referenza tiegħu jkun fil-pjan medjan lonġitudinali tal-vettura. Madankollu, meta l-vettura tkun mgħammra wkoll b'fanal ta' quddiem indipendenti b'raġġ għaddieni ewlieni jew b'fanal ta' quddiem b'raġġ għaddieni ewlieni li jkun reċiprokament inkorporat ma' fanal tal-pożizzjoni ta' quddiem maġenb il-fanal ta' quddiem b'raġġ tas-sewqan, iċ-ċentri ta' referenza tagħhom iridu jkunu simetriċi b'relazzjoni għall-pjan medjan lonġitudinali tal-vettura.

6.1.3.1.3. Żewġ fanali tas-sewqan, li jew wieħed minnhom jew it-tnejn ikunu reċiprokament inkorporati ma' fanal ieħor ta' quddiem, iridu jitwaħħlu b'tali mod li ċ-ċentri ta' referenza tagħhom ikunu simetriċi b'relazzjoni għall-pjan medjan lonġitudinali tal-vettura.

6.1.3.2. It-tul: fuq quddiem tal-vettura. Dan ir-rekwiżit jitqies bħala li jkun ġie sodisfatt jekk id-dawl mitfugħ ma jikkawżax skumdità lis-sewwieq jew direttament jew indirettament permezz tal-mirja retroviżuri u/jew ta' superfiċji riflettenti fuq il-vettura.

6.1.3.3. Fi kwalunkwe każ, id-distanza bejn it-tarf tas-superfiċje li ddawwal ta' kwalunkwe fanal tas-sewqan indipendenti u t-tarf ta' dik tal-fanal li jipproduċi r-raġġ għaddieni ewlieni ma tridx teċċedi l-200 mm. Id-distanza bejn it-tarf tas-superfiċje li ddawwal ta' kwalunkwe fanal tas-sewqan indipendenti u l-art trid tkun minn 500 mm sa 1 300 mm.

6.1.3.4. Fil-każ ta' żewġ fanali tas-sewqan: id-distanza li tissepara s-superfiċji li jdawlu ta' żewġ fanali tas-sewqan ma tridx teċċedi l-200 mm.

6.1.4. Il-viżibilità ġeometrika

Il-viżibilità tas-superfiċje li ddawwal, inkluża l-viżibilità tagħha f'żoni li ma jidhirx li jkunu mdawla fid-direzzjoni tal-osservazzjoni meqjusa, għandha tiġi żgurata fi ħdan spazju diverġenti ddefinit minn linji li jiġġeneraw ibbażati fuq il-perimetru tas-superfiċje li ddawwal u li jiffurmaw angolu ta' mhux inqas minn 5 ° mal-assi ta' referenza tal-fanal ta' quddiem.

6.1.5. L-orjentazzjoni

6.1.5.1. 'Il quddiem. Il-fanal(i) jista'(jistgħu) jimxi(u) mal-angolu tal-istering.

6.1.5.2. Għar-raġġ tas-sewqan jista' jiġi installat HIAS.

6.1.6. Il-konnessjonijiet elettriċi

Ir-raġġ(i) għaddieni(ja) jista'(jistgħu) jibqa'(jibqgħu) mixgħul(a) mar-raġġ(i) tas-sewqan.

6.1.7. It-tell-tales

6.1.7.1. Tell-tale "b'ċirkwit magħluq".

Mandatorju, fanal b'sinjal blù li ma jixgħelx u jitfi malajr.

6.1.7.2. Tell-tale għal "ħsara fl-HIAS"

Mandatorju, fanal b'sinjal ambra li jixgħel u jitfi malajr, li jista' jiġi kkombinat mat-tell-tale msemmi fil-paragrafu 6.2.8.2. Dan għandu jiġi attivat kull meta tiġi skoperta ħsara fis-sinjali tal-HIAS. Huwa għandu jibqa' attivat sakemm ikun hemm il-ħsara.

6.1.8. Rekwiżiti oħra

6.1.8.1. L-intensità aggregata massima tal-fanali ta' quddiem b'raġġ tas-sewqan li jistgħu jinxtegħlu fl-istess ħin ma għandhiex teċċedi l-430 000 cd, li jikkorrispondi għal valur ta' referenza ta' 100. (Il-valur tal-approvazzjoni).

6.1.8.2. Fil-każ ta' ħsara fl-HIAS tar-raġġ tas-sewqan, mingħajr ma tintuża xi għodda speċjali, għandu jkun possibbli li:

(a) L-HIAS jiġi diżattivat sakemm jiġi ssettjat mill-ġdid skont l-istruzzjonijiet tal-manifattur; u

(b) Ir-raġġ tas-sewqan jiġi ppożizzjonat mill-ġdid b'tali mod li l-allinjamenti orizzontali u vertikali tiegħu jkunu l-istess bħal fanal ta' quddiem li ma jkunx mgħammar b'HIAS.

Il-manifattur għandu jipprovdi deskrizzjoni dettaljata tal-proċedura biex l-HIAS jiġi ssettjat mill-ġdid.

Alternattivament, il-manifattur jista' jagħżel li jinstalla sistema awtomatika li jew twettaq iż-żewġ kompiti speċifikati aktar 'il fuq jew tissettja mill-ġdid l-HIAS. F'dan il-każ, il-manifattur għandu jipprovdi lill-kumpanija tal-ittestjar b'deskrizzjoni tas-sistema awtomatika u, sakemm jiġu żviluppati rekwiżiti armonizzati, għandu juri l-mod kif jiġi vverifikat li s-sistema awtomatika taħdem kif ġie deskritt.

6.2. IL-FANAL TA' QUDDIEM B'RAĠĠ GĦADDIENI

6.2.1. Numru:

6.2.1.1. Għall-muturi li jkollhom ċilindrata ta' ≤ 125 $cm^3$

Wieħed jew tnejn ta' tip approvat skont:

(a) il-Klassi B, C, D jew E tar-Regolament Nru 113;

(b) ir-Regolament Nru 112;

(c) ir-Regolament Nru 1;

(d) ir-Regolament Nru 8;

(e) ir-Regolament Nru 20;

(f) ir-Regolament Nru 57;

(g) ir-Regolament Nru 72;

(h) ir-Regolament Nru 98.

6.2.1.2. Għall-muturi li jkollhom ċilindrata ta' > 125 $cm^3$

Wieħed jew tnejn ta' tip approvat skont:

(a) il-Klassi B, D jew E tar-Regolament Nru 113;

(b) ir-Regolament Nru 112;

(c) ir-Regolament Nru 1;

(d) ir-Regolament Nru 8;

(e) ir-Regolament Nru 20;

(f) ir- Regolament Nru 72;

(g) ir-Regolament Nru 98.

Tnejn ta' tip approvat skont:

(a) il-Klassi C tal-abbozz tar-Regolament Nru 113.

6.2.2. L-arranġament

L-ebda rekwiżit speċjali.

6.2.3. Il-pożizzjoni

6.2.3.1. Il-wisa'

6.2.3.1.1. Fanal għaddieni indipendenti jista' jiġi installat fuq, taħt jew maġenb fanal ieħor ta' quddiem: jekk dawn il-fanali jkunu qegħdin wieħed fuq l-ieħor, iċ-ċentru ta' referenza tal-fanal li jipproduċi r-raġġ għaddieni ewlieni jrid ikun fil-pjan medjan lonġitudinali tal-vettura; jekk dawn il-fanali jkunu qegħdin maġenb xulxin, iċ-ċentru ta' referenza tagħhom irid ikun simetriku b'relazzjoni għall-pjan medjan lonġitudinali tal-vettura.

6.2.3.1.2. Fanal ta' quddiem li jipproduċi r-raġġ għaddieni ewlieni, li jkun reċiprokament inkorporat ma' fanal ieħor ta' quddiem, irid jitwaħħal b'tali mod li ċ-ċentru ta' referenza tiegħu jkun fil-pjan medjan lonġitudinali tal-vettura. Madankollu, meta l-vettura tkun mgħammra wkoll b'fanal ta' quddiem indipendenti b'raġġ tas-sewqan jew b'fanal ta' quddiem b'raġġ tas-sewqan li jkun reċiprokament inkorporat ma' fanal tal-pożizzjoni ta' quddiem maġenb il-fanal ta' quddiem li jipproduċi r-raġġ għaddieni ewlieni, iċ-ċentri ta' referenza tagħhom iridu jkunu simetriċi b'relazzjoni għall-pjan medjan lonġitudinali tal-vettura.

6.2.3.1.3. Żewġ fanali ta' quddiem li jipproduċu r-raġġ għaddieni ewlieni, li jew wieħed minnhom jew it-tnejn ikunu reċiprokament inkorporati ma' fanal ieħor ta' quddiem, iridu jiġu installati b'tali mod li ċ-ċentri ta' referenza tagħhom ikunu simetriċi b'relazzjoni għall-pjan medjan lonġitudinali tal-vettura.

6.2.3.1.4. Jekk tkun(ikunu) ġiet(ġew) installata(i), unità(unitajiet) tad-dawl addizzjonali li jipprovdu dawl għal-liwi, approvata(i) għat-tip bħala parti mir-raġġ għaddieni skont ir-Regolament Nru 113, għandhom jiġu installati fil-kundizzjonijiet li ġejjin:

Fil-każ ta' par(i) ta' unitajiet tad-dawl addizzjonali, huma għandhom jiġu installati b'tali mod li ċ-ċentru(i) ta' referenza tagħhom ikunu simetriċi b'relazzjoni għall-pjan medjan lonġitudinali tal-vettura.

Fil-każ ta' unità tad-dawl addizzjonali waħda, iċ-ċentru ta' referenza tagħha għandu jikkoinċidi mal-pjan medju lonġitudinali tal-vettura.

6.2.3.2. L-għoli: minimu ta' 500 mm u massimu ta' 1 200 mm 'il fuq mill-art.

6.2.3.3. It-tul: fuq quddiem tal-vettura. Dan ir-rekwiżit jitqies bħala li jkun ġie sodisfatt jekk id-dawl mitfugħ ma jikkawżax skumdità lis-sewwieq jew direttament jew indirettament permezz tal-mirja retroviżuri u/jew tas-superfiċji riflettenti tal-vettura.

6.2.3.4. Fil-każ ta' żewġ fanali ta' quddiem li jipproduċu r-raġġ għaddieni ewlieni, id-distanza li tissepara s-superfiċji li jdawlu ma tridx teċċedi l-200 mm.

6.2.4. Il-viżibilità ġeometrika

Iddefinita mill-angoli α u β kif ġie speċifikat fil-paragrafu 2.11:

α = 15 ° 'il fuq u 10 ° 'l isfel;

β = 45 ° lejn ix-xellug u lejn il-lemin għal fanal singolu;

β = 45 ° 'il barra u 10 ° 'il ġewwa għal kull par fanali.

Il-preżenza ta' taqsimiet jew ta' elementi oħrajn ta' apparat qrib il-fanal ta' quddiem ma għandhiex tagħti lok għal effetti sekondarji li jikkawżaw skumdità lill-utenti l-oħra tat-triq.

6.2.5. L-orjentazzjoni

6.2.5.1. 'Il quddiem. Il-fanal(i) jista'(jistgħu) jimxi(u) f'konformità mal-angolu tal-istering.

6.2.5.2. L-inklinazzjoni vertikali tal-fanal ta' quddiem li jipproduċi r-raġġ għaddieni ewlieni trid tibqa' bejn - 0,5 fil-mija u - 2,5 fil-mija, ħlief fil-każ fejn ikun preżenti apparat ta' aġġustament estern.

6.2.5.3. Għal fanal ta' quddiem li jipproduċi r-raġġ għaddieni ewlieni b'sors tad-dawl li jkollu fluss ta' luminożità oġġettiv li jeċċedi l-2 000 lumen, l-inklinazzjoni vertikali tal-fanal ta' quddiem għandha tibqa' bejn - 0,5 fil-mija u - 2,5 fil-mija. Jista' jintuża apparat għal-livellar tal-fanali ta' quddiem sabiex jiġu sodisfatti r-rekwiżiti ta' dan il-paragrafu imma dan għandu jaħdem b'mod awtomatiku ([1]).

6.2.5.4. Ir-rekwiżit fil-paragrafu 6.2.5.3 għandu jiġi ttestjat fuq il-vettura fil-kundizzjonijiet li ġejjin:

Kundizzjoni A (rikkieb waħdu):

Fuq il-vettura għandha titqiegħed massa ta' 75 kg ± 1 kg, li tissimula lir-rikkieb, b'tali mod li tirriproduċi t-tagħbijiet fuq il-fusien iddikjarati mill-manifattur għal din il-kundizzjoni ta' tagħbija.

L-inklinazzjoni vertikali (mira inizjali) tal-fanal ta' quddiem li jipproduċi r-raġġ għaddieni ewlieni għandha tiġi ssettjata, skont l-istruzzjonijiet tal-manifattur, bejn - 1,0 fil-mija u - 1,5 fil-mija.

([1]) Madankollu, sa 60 xahar wara d-dħul fis-seħħ tas-Suppliment 10 għas-serje 01 ta' emendi, din l-operazzjoni tista' tkun waħda manwali mingħajr ma jintużaw għodod. F'każ ta' din ix-xorta, fil-manwal tas-sidien tal-vetturi l-manifattur għandu jipprovdi struzzjonijiet dwar livellar manwali tal-fanali ta' quddiem ta' din ix-xorta.

Kundizzjoni B (mutur mgħobbi kompletament):

Fuq il-vettura għandhom jitqiegħdu mases li jissimulaw il-massa totali massima tal-manifattur, b'tali mod li jirriproduċu t-tagħbijiet fuq il-fusien iddikjarati mill-manifattur għal din il-kundizzjoni ta' tagħbija.

Qabel ma jsir il-kejl, il-vettura għandha tiġi mbandla għal tliet (3) darbiet 'il fuq u 'l isfel u mbagħad għandha tiċi mċaqilqa lura u 'l quddiem għal mill-inqas tidwira kompluta ta' rota.

6.2.5.5. Għar-raġġ għaddieni jista' jiġi installat HIAS. L-HIAS ma għandux jaġġusta l-inklinazzjoni orizzontali b'iktar mill-angolu ta' timjil tal-vettura.

6.2.5.6. Ir-rekwiżit fil-paragrafu 6.2.5.5 għandu jiġi ttestjat fil-kundizzjonijiet li ġejjin:

Il-vettura tat-test għandha tiġi ssettjata kif ġie speċifikat fil-paragrafu 5.4. Inklina l-vettura u kejjel l-angolu tat-test tal-HIAS.

Il-vettura għandha tiġi ttesjatata fiż-żewġ kundizzjonijiet li ġejjin

(a) L-angolu massimu ta' aġġustament tal-inklinazzjoni orizzontali speċifikat mill-manifattur (lejn ix-xellug u lejn il-lemin);

(b) Nofs l-angolu massimu ta' aġġustament tal-inklinazzjoni orizzontali mill-manifattur (lejn ix-xellug u lejn il-lemin).

U meta l-vettura tat-test titreġġa' lura għall-pożizzjoni kif ġie speċifikat fil-paragrafu 5.4, l-angolu tat-test tal-HIAS malajr għandu jerġa' lura għaż-żero.

Il-manubriju jista' jiġi iffissat fil-pożizzjoni dritt 'il quddiem sabiex ma jiċċaqlaqx matul l-inklinazzjoni tal-vettura.

Għat-test, l-HIAS għandu jiġi attivat permezz ta' ġeneratur tas-sinjal tal-HIAS.

Għandu jiġi kkunsidrat li s-sistema tissodisfa r-rekwiżiti tal-paragrafu 6.2.5.5, jekk l-angoli tat-test tal-HIAS kollha mkejla ma jkunux inqas minn żero. Dan jista' jintwera mill-manifattur billi juża mezzi oħrajn aċċettati mill-awtorità responsabbli mill-approvazzjoni tat-tip.

6.2.5.7. Sors(i) tad-dawl addizzjonali jew unità(ajiet) tad-dawl addizzjonali jista'(jistgħu) jiġi(u) attivat(i) biss flimkien mar-raġġ għaddieni ewlieni sabiex jiġi prodott dawl għal-liwi. L-illuminazzjoni pprovduta mid-dawl għal-liwi ma għandhiex testendi 'l fuq mill-pjan orizzontali, li jkun parallel għall-art u li jkun fih l-assi ta' referenza tal-fanal ta' quddiem li jipproduċi r-raġġ għaddieni ewlieni għall-angoli ta' timjil kollha kif ġie speċifikat mill-manifattur waqt l-approvazzjoni tat-tip tal-apparat skont ir-Regolament Nru 113.

6.2.5.8. Ir-rekwiżit fil-paragrafu 6.2.5.7 għandu jiġi ttestjat kif ġej:

Il-vettura tat-test għandha tiġi ssettjata kif ġie speċifikat fil-paragrafu 5.4.

Kejjel l-angoli ta' timjil fuq iż-żewġ naħat tal-vettura f'kull kundizzjoni fejn jiġi attivat id-dawl għal-liwi. L-angoli ta' timjil li għandhom jitkejlu huma l-angoli ta' timjil speċifikati mill-manifattur waqt l-approvazzjoni tat-tip tal-apparat skont ir-Regolament Nru 113.

Il-manubriju jista' jiġi ffissat fil-pożizzjoni dritt 'il quddiem sabiex ma jiċċaqlaqx waqt l-inklinazzjoni tal-vettura.

Għat-test, id-dawl għal-liwi jista' jiġi attiviat permezz ta' ġeneratur tas-sinjali ipprovdut mill-manifattur.

Jiġi kkunsidrat li s-sistema tissodisfa r-rekwiżiti tal-paragrafu 6.2.5.7, jekk l-angoli ta' timjil kollha mkejla fuq iż-żewġ naħat tal-vettura jkunu ikbar minn jew daqs l-angoli ta' timjil minimi mogħtija fil-formola ta' komunikazzjoni għall-approvazzjoni tat-tip tal-apparat skont ir-Regolament Nru 113.

Il-konformità mal-paragrafu 6.2.5.7 tista' tintwera mill-manifattur billi juża mezzi oħrajn aċċettati mill-awtorità responsabbli mill-approvazzjoni tat-tip.

6.2.6. Il-konnessjonijiet elettriċi

Il-kontroll għall-bidla għal raġġ(i) għaddieni(ja) għandu jitfi r-raġġ(i) tas-sewqan fl-istess ħin.

Il-fanali ta' quddiem b'raġġ għaddieni b'sors tad-dawl approvat skont ir-Regolament Nru 99 għandhom jibqgħu mixgħula meta jinxtegħel ir-raġġ tas-sewqan.

6.2.6.1. Is-sors(i) tad-dawl addizzjonali jew l-unità(ajiet) tad-dawl addizzjonali użat(i) sabiex jiġi prodott dawl għal-liwi għandu(hom) ikun(u) konness(i) b'tali mod li ma jistax(jistgħux) jiġi(u) attivat(i) sakemm il-fanal(i) ta' quddiem li jipproduċi(u) r-raġġ għaddieni ewlieni ma jkunx(ikunux) attivat(i) ukoll.

Is-sors(i) tad-dawl addizzjonali jew l-unità(ajiet) tad-dawl addizzjonali użat(i) sabiex jiġi prodott dawl għal-liwi fuq kull naħa tal-vettura jista'(jistgħu) jiġi(u) attivat(i) b'mod awtomatiku biss meta l-angolu(i) ta' timjil ikun(u) ikbar minn jew daqs l-angolu(i) minimu(i) ta' timjil mogħti(ja) fil-formola ta' komunikazzjoni għall-approvazzjoni tat-tip tal-apparat skont ir-Regolament Nru 113.

Madankollu, is-sors(i) tad-dawl addizzjonali jew l-unità(ajiet) tad-dawl addizzjonali ma għandux(homx) jiġi(u) attivat(i) meta l-angolu ta' timjil ikun ta' inqas minn 3 gradi.

Is-sors(i) tad-dawl addizzjonali jew l-unità(ajiet) tad-dawl addizzjonali għandu(hom) jiġi(u) diżattivat(i) meta l-angolu(i) ta' timjil ikun(u) inqas mill-angolu(i) minimu(i) ta' timjil mogħti(ja) fil-formola ta' komunikazzjoni għall-approvazzjoni tat-tip tal-apparat skont ir-Regolament Nru 113.

6.2.7. It-tell-tales

6.2.7.1. Tell-tale "b'ċirkwit magħluq".

Fakultattiv; fanal b'sinjal aħdar li ma jixgħelx u jitfi malajr.

6.2.7.2. Tell-tale għal "ħsara fl-HIAS".

Mandatorju, fanal b'sinjal ambra li jixgħel u jitfi malajr, li jista' jiġi kkombinat mat-tell-tale msemmi fil-paragrafu 6.1.8.2. Dan għandu jiġi attivat kull meta tiġi skoperta ħsara fis-sinjali tal-HIAS. Huwa għandu jibqa' attivat sakemm ikun hemm il-ħsara.

6.2.7.3. Fil-każ ta' ħsara fis-sistema ta' kontroll, is-sors(i) tad-dawl addizzjonali jew l-unità(ajiet) tad-dawl addizzjonali li jipproduċi(u) dawl għal-liwi għandu(hom) JINTEFA(JINTFEW) awtomatikament.

6.2.8. Rekwiżiti oħra

Fil-każ ta' ħsara fl-HIAS tar-raġġ għaddieni, mingħajr ma tintuża xi għodda speċjali, għandu jkun possibbli li:

(a) L-HIAS jiġi diżattivat sakemm jiġi ssettjat mill-ġdid skont l-istruzzjonijiet tal-manifattur; u

(b) Ir-raġġ għaddieni jiġi ppożizzjonat mill-ġdid b'tali mod li l-allinjamenti orizzontali u vertikali tiegħu jkunu l-istess bħal fanal ta' quddiem li ma jkunx mgħammar b'HIAS.

Il-manifattur għandu jipprovdi deskrizzjoni dettaljata tal-proċedura biex l-HIAS jiġi ssettjat mill-ġdid.

Alternattivament, il-manifattur jista' jagħżel li jinstalla sistema awtomatika li jew twettaq iż-żewġ kompiti speċifikati aktar 'il fuq jew tissettja mill-ġdid l-HIAS. F'dan il-każ, il-manifattur għandu jipprovdi lill-kumpanija tal-ittestjar b'deskrizzjoni tas-sistema awtomatika u, sakemm jiġu żviluppati rekwiżiti armonizzati, għandu juri l-mod kif jiġi vverifikat li s-sistema awtomatika taħdem kif ġie deskritt.

6.3. IL-FANAL LI JINDIKA D-DIREZZJONI

6.3.1. Numru

Tnejn fuq kull naħa.

6.3.2. L-arranġament

Żewġ indikaturi ta' quddiem (il-kategorija 1 kif ġie speċifikat fir-Regolament Nru 6 jew il-kategorija 11 speċifikata fir-Regolament Nru 50).

Żewġ indikaturi ta' wara (il-kategorija 2 kif ġie speċifikat fir-Regolament Nru 6 jew il-kategorija 12 speċifikata fir-Regolament Nru 50).

6.3.3. Il-pożizzjoni

6.3.3.1. Fil-wisa': Għall-indikaturi ta' quddiem, għandhom jiġu sodisfatti r-rekwiżiti kollha li ġejjin:

(a) Għandu jkun hemm distanza minima ta' 240 mm bejn is-superfiċji li jdawlu,

(b) L-indikaturi għandhom ikunu qegħdin barra mill-pjan vertikali lonġitudinali tanġenzjali għat-truf ta' barra tas-superfiċje li ddawwal tar-raġġ(i) tas-sewqan u/jew tar-raġġ(i) għaddieni(ja) ewlieni(ewlenija),

(c) Għandu jkun hemm distanza minima bejn is-superfiċje li ddawwal tal-indikaturi u l-fanal ta' quddiem li jipproduċi r-raġġ għaddieni ewlieni l-eqreb ta' xulxin kif ġej:

| Intensità minima tal-indikatur (cd) | Separazzjoni minima (mm) |
|---|---|
| 90 | 75 |
| 175 | 40 |
| 250 | 20 |
| 400 | ≤ 20 |

Għall-indikaturi ta' wara, l-ispazju bejn it-truf ta' ġewwa taż-żewġ superfiċji li jdawlu għandu jkun mill-inqas ta' 180 mm bil-kundizzjoni li l-preskrizzjonijiet tal-paragrafu 2.11 jiġu applikati anki meta tkun immuntata l-pjanċa tar-reġistrazzjoni;

6.3.3.2. fl-għoli: mhux inqas minn 350 mm u mhux iktar minn 1 200 mm 'il fuq mill-art;

6.3.3.3. fit-tul: id-distanza 'l quddiem bejn ir-referenza iċ-ċentru ta' referenza tal-indikaturi ta' wara u l-pjan trasversali li jikkostitwixxi l-limitu ta' wara nett tat-tul totali tal-vettura ma għandhiex teċċedi t-300 mm.

6.3.4. Il-viżibilità ġeometrika

L-angoli orizzontali: 20 ° 'il ġewwa, 80 ° 'il barra

L-angoli vertikali: 15 ° 'il fuq minn u taħt l-orizzontali.

Madankollu, l-angolu vertikali taħt l-orizzontali jista' jitnaqqas għal 5 ° jekk l-għoli tal-fanali jkun inqas minn 750 mm.

6.3.5. L-orjentazzjoni

L-indikaturi tad-direzzjoni ta' quddiem jistgħu jimxu f'konformità mal-angolu tal-istering.

6.3.6. Il-konnessjonijiet elettriċi

Il-fanali li jindikaw id-direzzjoni għandhom jixegħlu b'mod indipendenti mill-fanali l-oħra. Il-fanali kollha li jindikaw id-direzzjoni fuq ġenb wieħed ta' vettura għandhom jinxtegħlu u jintfew permezz ta' kontroll wieħed.

6.3.7. Huma ma jistgħu jkunu "reċiprokament innkorporati" mal-ebda fanal ieħor, ħlief għall-fanal tal-pożizzjoni ta' quddiem ambra.

6.3.8. It-tell-tale "operattiv"

Mandatorju. Dan jista' jkun ottiku jew akustiku jew it-tnejn. Jekk ikun ottiku għandu jkun fanal(i) aħdar(ħodor) li jixgħel(jixgħelu) u jitfi(u) malajr li, fil-każ li kwalunkwe wieħed mill-indikaturi tad-direzzjoni jaħdem b'mod difettuż, jintefa(jintfew), jibqa'(jibqgħu) mixgħul(a) mingħajr ma jixgħel(jixgħelu) u jitfi(jitfu) malajr, jew juri(u) bidla kbira fil-frekwenza.

6.3.9. Rekwiżiti oħra

Il-karatteristiċi indikati iktar 'l isfel għandhom jitkejlu bl-ebda tagħbija oħra fuq is-sistema elettrika ħlief dik meħtieġa biex il-magna u l-apparati għat-tidwil ikunu jistgħu jaħdmu. Għall-vetturi kollha:

6.3.9.1. il-frekwenza tad-dawl jitfi u jixgħel malajr għandha tkun ta' 90 ± 30 darba fil-minuta;

6.3.9.2. id-dawl jixgħel u jitfi tal-indikaturi tad-direzzjoni fuq l-istess ġenb tal-vettura jista' jkun sinkronizzat jew alternat;

6.3.9.3. it-tħaddim tal-kontroll tas-sinjali bid-dawl għandu jiġi segwit f'mhux aktar minn sekonda middehra tad-dawl u f'mhux aktar minn sekonda u minn sekonda u nofs mill-ewwel tifi tad-dawl.

6.3.9.4. Fil-każ ta' ħsara ta' fanal li jindika d-direzzjoni wieħed, għajr għal xort, il-fanal(i) li jindika(w) direzzjoni l-ieħor(oħra) li jkun(u) qed jindikaw(w) l-istess direzzjoni jrid(u) ikompli(u) jixgħel(u) u jitfi(u) malajr jew irid(u) jibqa'(jibqgħu) mixgħul(a), imma l-frekwenza f'din il-kundizzjoni tista' tkun differenti minn dik preskritta.

6.4. IL-FANAL TAL-WAQFIEN

6.4.1. Numru

Wieħed jew tnejn.

6.4.2. L-arranġament

L-ebda rekwiżit speċjali.

6.4.3. Il-pożizzjoni

6.4.3.1. fl-għoli: mhux inqas minn 250 mm u mhux iktar minn 1 500 mm 'il fuq mill-art;

6.4.3.2. fit-tul: fuq wara tal-vettura.

6.4.4. Il-viżibilità ġeometrika

| | |
|---|---|
| L-angolu orizzontali: | 45 ° lejn ix-xellug u lejn il-lemin għal fanal singolu; |
| | 45 ° 'il barra u 10 ° 'il ġewwa għal kull par fanali; |
| L-angolu vertikali: | 15 ° 'il fuq minn u taħt l-orizzontali. |

Madankollu, l-angolu vertikali taħt l-orizzontali jista' jitnaqqas għal 5 ° jekk l-għoli tal-fanal ikun inqas minn 750 mm.

6.4.5. L-orjentazzjoni

Lejn wara tal-vettura.

6.4.6. Il-konnessjonijiet elettriċi

Għandu jixgħel kull darba li jiġi applikat il-brejk ta' servizz.

6.4.7. It-tell-tale

It-tell-tale huwa fakultattiv; fejn jitwaħħal, dan it-tell-tale għandu jkun tell-tale li jikkonsisti f'dawl ta' twissija li ma jixgħelx u jitfi malajr li jixgħel fil-każ ta' ħsara tal-fanali tal-waqfien.

6.4.8. Rekwiżiti oħra

Xejn.

6.5. L-APPARAT LI JDAWWAL IL-PJANĊA TAR-REĠISTRAZZJONI TA' WARA

6.5.1. Numru

Wieħed, approvat bħala apparat tal-kategorija 2 skont ir-Regolament Nru 50. L-apparat jista' jikkonsisti f'diversi komponenti ottiċi intiżi biex idawlu l-ispazju maħsub għall-pjanċa tar-reġistrazzjoni.

| | |
|---|---|
| 6.5.2. L-arranġament<br>6.5.3. Il-pożizzjoni<br>6.5.3.1. fil-wisa':<br>6.5.3.2. fl-għoli:<br>6.5.3.3. fit-tul:<br>6.5.4. Il-viżibilità ġeometrika<br>6.5.5. L-orjentazzjoni | B'tali mod li li l-apparat idawwal l-ispazju maħsub għall-pjanċa tar-reġistrazzjoni |

6.5.6. It-tell-tale

Fakultattiv: Il-funzjoni tiegħu għandha titwettaq mit-tell-tale preskritt għall-fanal tal-pożizzjoni.

6.5.7. Rekwiżiti oħra

Meta l-fanal tal-pjanċa tar-reġistrazzjoni ta' wara jkun ikkombinat mal-fanal tal-pożizzjoni ta' wara, reċiprokament inkorporat fil-fanal tal-waqfien jew fil-fanal kontra ċ-ċpar ta' wara, il-karatteristiċi fotometriċi tal-fanal tal-pjanċa tar-reġistrazzjoni ta' wara jistgħu jiġu mmodifikati waqt l-illuminazzjoni tal-fanal tal-waqfien jew tal-fanal kontra ċ-ċpar ta' wara.

6.6. IL-FANAL TAL-POŻIZZJONI TA' QUDDIEM

6.6.1. Numru

| | |
|---|---|
| Wieħed jew tnejn | jekk b'kulur abjad |
| jew | |
| Tnejn (wieħed għal kull naħa) | jekk b'kulur ambra |

6.6.2. L-arranġament

L-ebda rekwiżit speċjali.

6.6.3. Il-pożizzjoni

6.6.3.1. Il-wisa':

fanal tal-pożizzjoni ta' quddiem indipendenti jista' jitwaħħal fuq jew taħt jew maġenb fanal ieħor ta' quddiem: jekk dawn il-fanali jkunu qegħdin wieħed fuq l-ieħor, iċ-ċentru ta' referenza tal-fanal tal-pożizzjoni ta' quddiem irid ikun fil-pjan medjan lonġitudinali tal-vettura; jekk dawn il-fanali jkunu qegħdin maġenb xulxin, iċ-ċentri ta' referenza tagħhom iridu jkunu simetriċi b'relazzjoni għall-pjan medjan lonġitudinali tal-vettura;

fanal tal-pożizzjoni ta' quddiem, li jkun reċiprokament inkorporat ma' fanal ieħor ta' quddiem, irid jiġi installat b'tali mod li ċ-ċentru ta' referenza tiegħu jkun fil-pjan medjan lonġitudinali tal-vettura. Madankollu, meta l-vettura tkun mgħammra wkoll b'fanal ta' quddiem ieħor maġenb il-fanal tal-pożizzjoni ta' quddiem, iċ-ċentri ta' referenza tagħhom iridu jkunu simetriċi b'relazzjoni għall-pjan medjan lonġitudinali tal-vettura.

Żewġ fanali tal-pożizzjoni ta' quddiem, li wieħed minnhom jew it-tnejn ikunu reċiprokament inkorporati ma' fanal ieħor ta' quddiem, iridu jiġu installati b'tali mod li ċ-ċentri ta' referenza tagħhom ikunu simetriċi b'relazzjoni għall-pjan medjan lonġitudinali tal-vettura.

6.6.3.2. fl-għoli: mhux inqas minn 350 mm u mhux iktar minn 1 200 mm 'il fuq mill-art.

6.6.3.3. fit-tul: fuq quddiem tal-vettura.

6.6.4. Il-viżibilità ġeometrika

L-angolu orizzontali:: 80 grad lejn ix-xellug u lejn il-lemin għal fanal singolu:

l-angolu orizzontali jista' jkun 80 grad 'il barra u 20 grad 'il ġewwa għal kull par fanali.

L-angolu vertikali: 15-il grad 'il fuq minn u taħt l-orizzontali.

Madankollu, l-angolu vertikali taħt l-orizzontali jista' jitnaqqas għal 5 gradi jekk l-għoli tal-fanal ikun inqas minn 750 mm.

6.6.5. L-orjentazzjoni

'Il quddiem. Il-fanal(i) jista'(jistgħu) jimxi(u) f'konformità mal-angolu tal-istering.

6.6.6. Tell-tale "b'ċirkwit magħluq"

Mandatorju. Fanal b'sinjal aħdar li ma jixgħelx u jitfi malajr. Dan it-tell-tale ma għandux ikun meħtieġ jekk id-dawl li jdawwal l-istrument jista' jinxtegħel jew jintefa biss fl-istess ħin mal-fanal(i) tal-pożizzjoni.

6.6.7. Rekwiżiti oħra

Meta l-fanal tal-pożizzjoni ta' quddiem ikun reċiprokament inkorporat fil-fanal li jindika d-direzzjoni ta' quddiem, il-konnessjoni elettrika għandha tkun tali li l-fanal tal-pożizzjoni fuq l-istess naħa tal-fanal li jindika d-direzzjoni jintefa' meta l-fanal li jindika d-direzzjoni jkun qed jixgħel u jitfi malajr.

6.7. IL-FANAL TAL-POŻIZZJONI TA' WARA

6.7.1. Numru

Wieħed jew tnejn.

6.7.2. L-arranġament

L-ebda rekwiżit speċjali.

6.7.3. Il-pożizzjoni

6.7.3.1. fl-għoli: mhux inqas minn 250 mm u mhux iktar minn 1 500 mm 'il fuq mill-art;

6.7.3.2. fit-tul: fuq wara tal-vettura.

6.7.4. Il-viżibilità ġeometrika

L-angolu orizzontali: 80 ° lejn ix-xellug u lejn il-lemin għal fanal singolu:

l-angolu orizzontali jista' jkun 80 ° 'il barra u 45 ° 'il ġewwa għal kull par fanali.

L-angolu vertikali: 15° 'il fuq minn u taħt l-orizzontali.

Madankollu, l-angolu vertikali taħt l-orizzontali jista' jitnaqqas għal 5 ° jekk l-għoli tal-fanal ikun inqas minn 750 mm.

6.7.5. L-orjentazzjoni

Lura.

6.7.6. Tell-tale "b'ċirkwit magħluq"

Fakultattiv: Il-funzjoni tiegħu għandha titwettaq mill-apparat preskritt għall-fanal tal-pożizzjoni ta' quddiem.

6.7.7. Rekwiżiti oħra

Jekk fanal tal-pożizzjoni ta' wara ikun reċiprokament inkorporat ma' indikatur tad-direzzjoni, il-konnessjoni elettrika tal-fanal tal-pożizzjoni ta' wara fuq in-naħa rilevanti tal-vettura jew il-parti reċiprokament inkorporata tagħha tista' tkun tali li tkun MITFIJA waqt il-perjodu kollu (kemm iċ-ċiklu meta tkun MIXGĦULA kif ukoll meta tkun MITFIJA) tal-attivazzjoni tal-fanal li jindika d-direzzjoni.

6.8. IR-RETRORIFLETTUR TA’ WARA, MHUX TRIJANGULARI

6.8.1. Numru

Wieħed jew tnejn.

6.8.2. L-arranġament

L-ebda rekwiżit speċjali.

6.8.3. Il-pożizzjoni

fl-għoli: mhux inqas minn 250 mm u mhux iktar minn 900 mm ’il fuq mill-art;

6.8.4. Il-viżibilità ġeometrika

L-angolu orizzontali: 30 ° lejn ix-xellug u lejn il-lemin għal riflettur singolu;

30 ° ’il barra u 10 ° ’il ġewwa għal kull par rifletturi;

L-angolu vertikali: 15 o ’il fuq minn u taħt l-orizzontali.

Madankollu, l-angolu vertikali taħt l-orizzontali jista’ jitnaqqas għal 5 ° jekk l-għoli tal-fanal ikun inqas minn 750 mm.

6.8.5. L-orjentazzjoni

Lura.

6.9. IS-SINJAL TA’ TWISSIJA F’KAŻ TA’ PERIKLU MILL-VETTURA

6.9.1. Is-sinjal għandu jingħata minn tħaddim fl-istess ħin tal-fanali li jindikaw id-direzzjoni skont ir-rekwiżiti tal-paragrafu 6.3 t’aktar ’il fuq.

6.9.2. Il-konnessjonijiet elettriċi

Is-sinjal għandu jingħata permezz ta’ kontroll separat li jippermetti li l-indikaturi tad-direzzjoni kollha jkollhom provvista ta’ kurrent fl-istess ħin.

6.9.3. Tell-tale “b’ċirkwit magħluq”

Mandatorju. Fanal b’sinjal aħmar li jixgħel u jitfi malajr, jew fil-każ ta’ tell-tales separati, it-tħaddim fl-istess ħin tat-tell-tale preskritt fil-paragrafu 6.3.8.

6.9.4. Rekwiżiti oħra

Dawl jitfi u jixgħel malajr b’rata ta’ 90 ± 30 darba fil-minuta.

It-tħaddim tal-kontroll tas-sinjali bid-dawl għandu jiġi segwit f’mhux aktar minn sekonda mid-dehra tad-dawl u f’mhux aktar minn sekonda u minn sekonda u nofs mill-ewwel tifi tad-dawl.

6.10. IL-FANAL KONTRA Ċ-ĊPAR TA’ QUDDIEM

6.10.1. Numru

Wieħed jew tnejn.

6.10.2. L-arranġament

L-ebda rekwiżit speċjali.

6.10.3. Il-pożizzjoni

6.10.3.1. fil-wisa’: għal fanal singolu, iċ-ċentru ta’ referenza għandu jkun fil-pjan medjan lonġitudinali tal-vettura; jew it-tarf tas-superfiċje li ddawwal li jkun l-eqreb ta’ dak il-pjan ma għandux ikun iktar minn 250 mm ’il bogħod minnu;

6.10.3.2. fl-għoli: mhux inqas minn 250 mm ’il fuq mill-art. L-ebda punt fuq is-superfiċje li ddawwal ma għandu jkun ogħla mill-ogħla punt fuq is-superfiċje li ddawwal tal-fanal ta’ quddiem b’raġġ għaddieni.

6.10.3.3. fit-tul: fuq quddiem tal-vettura. Dan ir-rekwiżit għandu jitqies bħala li jkun ġie sodisfatt jekk id-dawl mitfugħ ma jikkawżax skumdità lis-sewwieq jew direttament jew indirettament permezz tal-mirja retroviżuri u/jew ta’ superfiċji riflettenti oħra tal-vettura.

6.10.4. Il-viżibilità ġeometrika

Iddefinita mill-angoli α u β kif ġie speċifikat fil-paragrafu 2.11:

α = 5° ’il fuq u ’l isfel;

β = 45° lejn ix-xellug u lejn il-lemin għal fanal singolu, ħlief għal dawl li ma jkunx fiċ-ċentru, f’liema każ l-angolu ’l ġewwa β = 10°;

β = 45° ’il barra u 10° ’il ġewwa għal kull par fanali

6.10.5. L-orjentazzjoni

’Il quddiem. Il-fanal(i) jista’(jistgħu) jimxu f’konformità mal-angolu tal-istering.

6.10.6. Ma jista’ jiġi kkombinat mal-ebda fanal ieħor ta’ quddiem.

6.10.7. Tell-tale “b’ċirkwit magħluq”

Fakultattiv; sinjal aħdar li ma jixgħelx u jitfi malajr.

6.10.8. Rekwiżiti oħra

Xejn.

6.10.9. Il-konnessjonijiet elettriċi

Għandu jkun possibbli li l-fanal(i) kontra ċ-ċpar jinxtegħel(jinxtegħlu) jew jintefa(jintfew) b’mod indipendenti mill-fanal(i) ta’ quddiem b’raġġ tas-sewqan u/jew mill-fanal(i) ta’ quddiem b’raġġ għaddieni.

6.11. IL-FANAL KONTRA Ċ-ĊPAR TA’ WARA

6.11.1. Numru

Wieħed jew tnejn.

6.11.2. L-arranġament

L-ebda rekwiżit speċjali.

6.11.3. Il-pożizzjoni

6.11.3.1. fl-għoli: mhux inqas minn 250 mm u mhux iktar minn 900 mm ’il fuq mill-art;

6.11.3.2. fit-tul fuq wara tal-vettura.

6.11.3.3. id-distanza ta’ bejn is-superfiċje li ddawwal tal-fanal kontra ċ-ċpar ta’ wara u dik tal-fanal tal-waqfien ma għandhiex tkun ta’ inqas minn 100 mm.

6.11.4. Il-viżibilità ġeometrika

Iddefinita mill-angoli α u β kif ġie speċifikat fil-paragrafu 2.11:

α = 5° ’il fuq u ’l isfel;

β = 25° lejn ix-xellug u lejn il-lemin għal fanal singolu;
25° ’il barra u 10° ’il ġewwa għal kull par fanali.

6.11.5. L-orjentazzjoni

Lura.

6.11.6. Il-konnessjonijiet elettriċi

Dawn għandhom ikunu tali li l-fanal kontra ċ-ċpar ta’ wara jista’ jixgħel biss meta jinxtegħel fanal wieħed jew iktar minn dawn li ġejjin: fanal ta’ quddiem b’raġġ tas-sewqan, fanal ta’ quddiem b’raġġ għaddieni, fanal kontra ċ-ċpar ta’ quddiem.

Jekk ikun hemm fanal kontra ċ-ċpar ta’ quddiem, il-fanal kontra ċ-ċpar ta’ wara għandu jkun jista’ jintefa’ b’mod indipendenti mill-fanal kontra ċ-ċpar ta’ quddiem.

Il-fanal(i) kontra ċ-ċpar ta’ wara jista’(jistgħu) ikompli(jkomplu) jaħdem(jaħdmu) sakemm il-fanali tal-pożizzjoni jinftew, u dan(dawn) għandu(għandhom) jibqa’(jibqgħu) mitfi(ja) sakemm jerġa’(jerġgħu) jinxtegħel(jinxtegħlu) b’mod deliberat.

6.11.7. Tell-tale “b’ċirkwit magħluq”

Mandatorju. Fanal b’sinjal ambra li ma jixgħelx u jitfi malajr.

6.11.8. Rekwiżiti oħra

Xejn.

6.12. IR-RETRORIFLETTUR TAL-ĠENB, MHUX TRIJANGULARI

6.12.1. Numru għal kull naħa

Wieħed jew tnejn.

6.12.2. L-arranġament

L-ebda rekwiżit speċjali.

6.12.3. Il-pożizzjoni

6.12.3.1. fuq il-ġenb tal-vettura.

6.12.3.2. fl-għoli: mhux inqas minn 300 mm u mhux iktar minn 900 mm 'il fuq mill-art;

6.12.3.3. fit-tul: għandu jitqiegħed f'tali pożizzjoni li f'kundizzjonijiet normali ma jistax jitgħatta bil-ħwejjeġ tas-sewwieq jew tal-passiġġier.

6.12.4. Il-viżibilità ġeometrika

L-angoli orizzontali $\beta = 30°$ 'il quddiem u lura.

L-angoli vertikali $\alpha = 15°$ 'il fuq minn u taħt l-orizzontali.

Madankollu, l-angolu vertikali taħt l-orizzontali jista' jitnaqqas għal 5 °jekk l-għoli tar-retrorif-lettur ikun inqas minn 750 mm.

6.12.5. L-orjentazzjoni

L-assi ta' referenza tar-retroriflettturi jrid ikun perpendikulari għall-pjan medjan lonġitudinali tal-vettura u dirett 'il barra. Ir-retroriflettturi tal-ġenb ta' quddiem jistgħu jimxu mal-angolu tal-istering.

6.13. IL-FANAL TAS-SEWQAN BINHAR

6.13.1. Il-preżenza

Fakultattiv għall-muturi.

6.13.2. Numru

Wieħed jew tnejn ta' tip approvat skont ir-Regolament Nru 87.

6.13.3. L-arranġament

L-ebda rekwiżit speċjali.

6.13.4. Il-pożizzjoni

6.13.4.1. Fil-wisa':

6.13.4.1.1. Fanal tas-sewqan binhar indipendenti jista' jiġi installat fuq, taħt jew maġenb fanal ieħor ta' quddiem: Jekk dawn il-fanali jkunu qegħdin wieħed fuq l-ieħor, iċ-ċentru ta' referenza tal-fanal tas-sewqan binhar għandu jkun fil-pjan medju lonġitudinali tal-vettura; jekk dawn il-fanali jkunu qegħdin maġenb xulxin, it-tarf tas-superfiċje li ddawwal ma għandux ikun iktar minn 250 mm 'il bogħod mill-pjan medjan lonġitudinali tal-vettura.

6.13.4.1.2. Fanal tas-sewqan binhar, li jkun reċiprokament inkorporat ma' fanal ieħor ta' quddiem (fanal ta' quddiem b'raġġ tas-sewqan jew fanal tal-pożizzjoni ta' quddiem), għandu jitwaħħal b'tali mod li t-tarf tas-superfiċje li ddawwal ikun mhux iktar minn 250 mm mill-pjan medjan lonġitudinali tal-vettura.

6.13.4.1.3. Żewġ fanali tas-sewqan binhar, li jew wieħed minnhom jew it-tnejn ikunu reċiprokament inkorporati ma' fanal ieħor ta' quddiem, għandhom jiġu installati b'tali mod li ċ-ċentri ta' referenza tagħhom ikunu simetriċi b'relazzjoni għall-pjan medjan lonġitudinali tal-vettura.

6.13.4.1.4. Fil-każ ta' żewġ fanali tas-sewqan binhar, id-distanza li tissepara s-superfiċji li jdawlu ma għandhiex teċċedi l-420 mm.

6.13.4.1.5. Id-distanza massima tas-separazzjoni mhijiex applikabbli meta l-fanali tas-sewqan binhar:

(a) Ikunu ggruppati, ikkombinati jew reċiprokament inkorporati ma' fanal ta' quddiem ieħor, jew

(b) Ikunu fil-projezzjoni tas-siluwett ta' quddiem tal-mutur fuq pjan ortoganali perpendikulari għall-pjan medjan lonġitudinali tal-vettura.

6.13.4.2. Fl-għoli:

'Il fuq mill-art mhux inqas minn 250 mm u mhux iktar minn 1 500 mm.

6.13.4.3. Fit-tul:

Fuq quddiem tal-vettura.

6.13.5. Il-viżibilità ġeometrika

Orizzontali: 20 ° 'il barra u 20 ° 'il ġewwa.

Vertikali: 10 ° 'il fuq u 10 ° 'l isfel.

6.13.6. L-orjentazzjoni

'Il quddiem. Il-fanal(i) jista'(jistgħu) jimxi(u) f'konformità mal-angolu tal-istering.

6.13.7. Il-konnessjonijiet elettriċi

6.13.7.1. Il-fanal tas-sewqan bi nhar għandu JINTEFA awtomatikament meta JINXTEGĦLU l-fanali ta' quddiem, ħlief meta dawn tal-aħħar jintużaw biex jagħtu twissijiet luminużi intermittenti f'intervalli qosra.

Il-fanal tal-pożizzjoni ta' wara għandu JINXTEGĦEL meta JINXTEGĦEL(JINXTEGĦLU) l-fanal(i) tas-sewqan binhar. Il-fanal(i) tal-pożizzjoni ta' quddiem u l-apparat li jdawwal il-pjanċa tar-reġistrazzjoni ta' wara jistgħu JINXTEGĦLU individwalment jew flimkien, meta JINXTEGĦEL(JINXXTEGĦLU) l-fanal(i) tas-sewqan binhar.

6.13.7.2. Jekk id-distanza bejn il-fanal li jindika d-direzzjoni ta' quddiem u l-fanal tas-sewqan binhar tkun daqs jew inqas minn 40 mm, il-konnessjonijiet elettriċi tal-fanal tas-sewqan binhar fuq in-naħa rilevanti tal-vettura jistgħu jkunu tali li jew:

(a) JINTEFA; jew

(b) L-intensità luminuża tiegħu titnaqqas matul il-perjodu kollu (kemm fiċ-ċiklu meta jkun MIXGĦUL kif ukoll meta jkun MITFI) tal-attivazzjoni ta' fanal li jindika d-direzzjoni ta' quddiem.

6.13.7.3. Jekk fanal li jindika d-direzzjoni jkun reċiprokament inkorporat ma' fanal tas-sewqan binhar, il-konnessjonijiet elettriċi tal-fanal tas-sewqan binhar fuq in-naħa rilevanti tal-vettura għandhom ikunu tali li l-fanal tas-sewqan binhar ikun MITFI l-ħin kollu (kemm fiċ-ċiklu meta jkun MIXGĦUL kif ukoll meta jkun MITFI) tal-attivazzjoni tal-fanal li jindika d-direzzjoni.

6.13.8. It-tell-tale

Tell-tale aħdar b'ċirkwit magħluq, fakultattiv.

6.13.9. Rekwiżiti oħra

Is-simbolu tad-dwal tas-sewqan binhar (DRL – daylight running light) fl-ISO 2575:2004 - Road vehicles. Symbols for controls, indicators and tell-tales (Vetturi tat-triq. Simboli għal kontrolli, indikaturi u tell-tales), jista' jintuża sabiex jinforma lis-sewwieq li l-fanal tas-sewqan binhar ikun mixgħul.

7. MODIFIKI GĦAT-TIP TA' VETTURA JEW GĦALL-INSTALLAZZJONI TAL-APPARATI GĦAT-TIDWIL U GĦAS-SINJALAR BID-DAWL TIEGĦU

7.1. Kull modifika għat-tip ta' vettura jew għall-installazzjoni tal-apparati għat-tidwil u għas-sinjalar bid-dawl tiegħu, jew għal-lista li tissemma fil-paragrafu 3.2.2 t'aktar 'il fuq, għandha tiġi nnotifikata lid-dipartiment amministrattiv li approva dak it-tip ta' vettura. Id-dipartiment imbagħad jista' jew:

7.1.1. iqis li l-modifika li saret mhux probabbli li se jkollha effetti avversi apprezzabbli u li jkun xi jkun il-każ, il-vettura xorta għadha konformi mar-rekwiżiti; jew

7.1.2. jeħtieġ rapport tat-test ieħor mingħand is-servizz tekniku responsabbli mit-twettiq tat-testijiet.

7.2. Konferma jew rifjut ta' approvazzjoni, fejn jiġu speċifikati l-alterazzjonijiet, għandha tiġi kkomunikata permezz tal-proċedura li ġiet speċifikata fil-paragrafu 4.3 t'aktar 'il fuq lill-Partijiet għall-Ftehim li japplikaw dan ir-Regolament.

7.3. L-Awtorità Kompetenti li toħroġ l-estensjoni tal-approvazzjoni għandha tassenja numru ta' serje għal estensjoni ta' din ix-xorta u għandha tinforma b'dan lill-Partijiet l-oħra għall-Ftehim tal-1958 li japplikaw dan ir-Regolament permezz ta' formola ta' komunikazzjoni li tikkonforma mal-mudell fl-Anness 1 għal dan ir-Regolament.

8. KONFORMITÀ TAL-PRODUZZJONI

Il-proċeduri tal-konformità tal-produzzjoni għandhom jikkonformaw ma'dawk li ġew stabbiliti fl-Appendiċi 2 għall-Ftehim (E/ECE/324-E/ECE/TRANS/505/Rev.2), bir-rekwiżiti li ġejjin:

8.1. Il-muturi approvati skont dan ir-Regolament għandhom jiġu manifatturati b'tali mod li jikkonformaw mat-tip approvat billi jissodisfaw ir-rekwiżiti li ġew stabbiliti fil-paragrafi 5 u 6 t'aktar 'il fuq.

8.2. Għandu jkun hemm konformità mar-rekwiżiti minimi għall-konformità tal-proċeduri tal-kontroll tal-produzzjoni stabbiliti fl-Anness 5 għal dan ir-Regolament.

8.3. L-awtorità li tat l-approvazzjoni tat-tip tista', fi kwalunkwe ħin, tivverifika l-metodi tal-kontroll tal-konformità applikati f'kull faċilità ta' produzzjoni. Il-frekwenza normali ta' dawn il-verifiki għandha tkun ta' darba fis-sena.

9. PENALI GĦAL NUQQAS TA' KONFORMITÀ TAL-PRODUZZJONI

9.1. L-approvazzjoni mogħtija għal tip ta' vettura skont dan ir-Regolament tista' tiġi rtirata jekk ir-rekwiżit stabbilit fil-paragrafu 8.1 t'aktar 'il fuq ma jiġix sodisfatt jew jekk il-vettura jew il-vettura ma tgħaddix mill-kontrolli preskritti fil-paragrafu 8 t'aktar 'il fuq.

9.2. Jekk Parti għall-Ftehim li tapplika dan ir-Regolament tirtira approvazzjoni li tkun tat preċedentement, minnufih għandha tinnotifika b'dan lill-Partijiet Kontraenti l-oħra għall-Ftehim li japplikaw dan ir-Regolament permezz ta' formola ta' komunikazzjoni li tikkonforma mal-mudell fl-Anness 1 għal dan ir-Regolament.

10. PRODUZZJONI MWAQQFA GĦALKOLLOX

Jekk id-detentur ta' approvazzjoni jieqaf kompletament li jimmanifattura tip ta' vettura approvat skont dan ir-Regolament, huwa għandu jinforma b'dan lill-awtorità li tat l-approvazzjoni. Malli tirċievi l-komunikazzjoni rilevanti, dik l-awtorità għandha tinforma b'dan lill-Partijiet l-oħra għall-Ftehim li japplikaw dan ir-Regolament permezz ta' formola ta' komunikazzjoni li tikkonforma mal-mudell fl-Anness 1 għal dan ir-Regolament.

11. DISPOŻIZZJONIJIET TRANŻITORJI

11.1. Mid-data uffiċjali tad-dħul fis-seħħ tas-Suppliment 10 għas-serje 01 ta' emendi, l-ebda Parti Kontraenti li tapplika dan ir-Regolament m'għandha tirrifjuta li tagħti approvazzjonijiet skont dan ir-Regolament kif ġie emendat bis-Suppliment 10 għas-serje 01 ta' emendi.

11.2. Minn 60 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ imsemmija fil-paragrafu 11.1 t'aktar 'il fuq, il-Partijiet Kontraenti li japplikaw dan ir-Regolament għandhom jagħtu approvazzjonijiet biss jekk it-tip ta' vettura fir-rigward tan-numru u tal-mod tal-installazzjoni tal-apparati għat-tidwil u għas-sinjalar bid-dawl jikkorrispondi għar-rekwiżiti tas-Suppliment 10 għas-serje 01 ta' emendi għal dan ir-Regolament.

11.3. L-approvazzjonijiet eżistenti mogħtija skont dan ir-Regolament qabel id-data msemmija fil-paragrafu 11.2 t'aktar 'il fuq għandhom jibqgħu validi. Fil-każ ta' vetturi li ġew irreġistrati għall-ewwel darba iktar minn 84 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ imsemmija fil-paragrafu 11.1 t'aktar 'il fuq, il-Partijiet Kontraenti li japplikaw dan ir-Regolament jistgħu jirrifjutaw it-tip ta' vettura fir-rigward tan-numru u tal-mod tal-installazzjoni tal-apparati għat-tidwil u għas-sinjalar bid-dawl li ma jissodisfawx ir-rekwiżiti tas-Suppliment 10 għas-serje 01 ta' emendi għal dan ir-Regolament.

12. ISMIJIET U INDIRIZZI TAS-SERVIZZI TEKNIĊI RESPONSABBLI MIT-TWETTIQ TAT-TESTIJIET TA' APPROVAZZJONI U TAD-DIPARTIMENTI AMMINISTRATTIVI

Il-Partijiet għall-Ftehim tal-1958 li japplikaw dan ir-Regolament għandhom jikkomunikaw lis-Segretarjat tan-Nazzjonijiet Uniti l-ismijiet u l-indirizzi tas-servizzi tekniċi responsabbli mit-twettiq tat-testijiet ta' approvazzjoni u tad-dipartimenti amministrattivi li jagħtu l-approvazzjoni u lilhom għandhom jintbagħtu l-formoli li jiċċertifikaw approvazzjoni, estensjoni jew rifjut jew irtirar ta' approvazzjoni, maħruġa f'pajjiżi oħra.

*ANNESS 1*

**KOMUNIKAZZJONI**

(Format massimu: A4 (210 × 297 mm))




maħruġa minn: Isem l-amministrazzjoni

.......................................................................................

.......................................................................................

.......................................................................................

li tikkonċerna: (2): APPROVAZZJONI MOGĦTIJA
APPROVAZZJONI ESTIŻA
APPROVAZZJONI RIFJUTATA
APPROVAZZJONI RTIRATA
PRODUZZJONI MWAQQFA GĦALKOLLOX

ta' tip ta' vettura tal-kategorija $L_3$ fir-rigward tal-installazzjoni ta' apparati għat-tidwil u għas-sinjalar bid-dawl, skont ir-Regolament Nru 53.

Nru tal-Approvazzjoni .............................................................. Nru tal-Estensjoni ..............................................................

1. L-isem kummerċjali jew it-trejdmark tal-vettura: ..............................................................

2. Isem il-manifattur għat-tip ta' vettura: ..............................................................

3. L-isem u l-indirizz tal-manifattur: ..............................................................

4. Jekk ikun applikabbli, l-isem u l-indirizz tar-rappreżentant tal-manifattur: ..............................................................

..............................................................

5. Imressqa għall-approvazzjoni fi: ..............................................................

6. Is-servizz tekniku responsabbli mit-twettiq tat-testijiet ta' approvazzjoni: ..............................................................

..............................................................

7. Id-data tar-rapport tat-test: ..............................................................

8. In-numru tar-rapport tat-test: ..............................................................

9. Deskrizzjoni konċiża: ..............................................................

L-apparati għat-tidwil fuq il-vettura:

9.1. Il-fanali b'raġġ tas-sewqan: iva/le (2)

9.2. Il-fanali b'raġġ għaddieni: iva/le (2)

9.3. Il-fanali kontra ċ-ċpar ta' quddiem: iva/le (2)

9.4. —

9.5. L-indikaturi tad-direzzjoni: iva/le (2)

9.6. —

9.7. —

9.8. Is-sinjal ta' twissija f'każ ta' periklu: iva/le (2)

9.9. Il-fanali tal-waqfien: iva/le (2)

9.10. L-apparat li jdawwal il-pjanċa tar-reġistrazzjoni ta' wara: iva/le ([2])

9.11. Il-fanali tal-pożizzjoni ta' quddiem (tal-ġenb): iva/le ([2])

9.12. Il-fanali tal-pożizzjoni ta' wara (tal-ġenb): iva/le ([2])

9.13. Il-fanali kontra ċ-ċpar ta' wara: iva/le ([2])

9.14. —

9.15. —

9.16. Ir-retroriflетturi ta' wara, mhux trijangulari: iva/le ([2])

9.17. —

9.18. —

9.19. Ir-retrorifletturi tal-ġenb, mhux trijangulari: iva/le ([2])

9.20. Il-fanali ekwivalenti: iva/le ([2])

10. Kummenti: ...........................................................................................................................

11. Il-massa kif iddikjarata mill-manifattur ([3])

11.1. Il-massa f'kundizzjoni ta' sewqan:

Il-massa totali: ........................................................................................................................ kg

Il-massa fuq ir-rota ta' quddiem: .......................................................................................... kg

Il-massa fuq ir-rota ta' wara: ................................................................................................ kg

11.2. Il-massa grossa tal-vettura:

Il-massa totali: ........................................................................................................................ kg

Il-massa fuq ir-rota ta' quddiem: .......................................................................................... kg

Il-massa fuq ir-rota ta' wara: ................................................................................................ kg

12. Il-pożizzjoni tal-marka tal-approvazzjoni: ..............................................................................

13. Ir-raġuni(jiet) għall-estensjoni (jekk ikun applikabbli): ............................................................

14. Approvazzjoni mogħtija/irrifjutata/estiża/irtirata: ([2])

15. Post: .....................................................................................................................................

16. Data: .....................................................................................................................................

17. Firma: ...................................................................................................................................

18. Il-lista ta' dokumenti ddepożitati mas-Servizz Amministrattiv li ta l-approvazzjoni hija mehmuża ma' din il-komunikazzjoni u tista' tinkiseb jekk tintalab.

---

([1]) In-numru li jiddistingwi l-pajjiż li jkun ta/estenda/irrifjuta/irtira approvazzjoni (ara d-dispożizzjonijiet tal-approvazzjoni fir-Regolament).
([2]) Aqta' barra dak li ma japplikax.
([3]) Dawn it-taqsimiet għandhom jimtlew biss jekk jitwettaq it-test skont il-paragarafu 6.2.5.4.

*ANNESS 2*

**ARRANĠAMENT TAL-MARKI TAL-APPROVAZZJONI**

MUDELL A

(ara l-paragrafu 4.4 ta' dan ir-Regolament)




a = 8 mm min.

Il-marka tal-approvazzjoni ta' hawn fuq imwaħħla ma' mutur turi li t-tip ta' vettura kkonċernat, fir-rigward tal-installazzjoni tal-apparati għat-tidwil u għas-sinjalar bid-dawl, ġie approvat fil-Pajjiżi l-Baxxi (E 4), skont ir-Regolament Nru 53, kif emendat bis-serje 01 ta' emendi. In-numru tal-approvazzjoni jindika li l-approvazzjoni ngħatat skont ir-rekwiżiti tar-RegolamentNru 53.

MUDELL B

(ara l-paragrafu 4.5 ta' dan ir-Regolament)




a = 8 mm min.

Il-marka tal-approvazzjoni ta' hawn fuq imwaħħla ma' mutur turi li t-tip ta' vettura kkonċernat ġie approvat fil-Pajjiżi l-Baxxi (E 4) skont ir-Regolamenti Nru 53 u Nru 78 ([1]). In-numri tal-approvazzjoni jindikaw li, fid-dati meta ngħataw l-approvazzjonijiet rispettivi, ir-Regolament Nru 53 kien jinkludi s-serje 01 ta' emendi u r-Regolament Nru 78 diġà kien jinkludi s-serje 02 ta' emendi.

([1]) It-tieni numru qed jingħata sempliċement bħala eżempju.

*ANNESS 3*

**SUPERFIĊJI, ASSI U ĊENTRU TA' REFERENZA, U ANGOLI TA' VIŻBILITÀ ĠEOMETRIKA TAL-FANALI**




* Din is-superfiċje għandha titqies bħala tanġent għas-superfiċje li titfa' d-dawl

TIFSIRA

1. Superfiċje li ddawwal
2. Assi ta' referenza
3. Ċentru ta' referenza
4. Angolu ta' viżibilità ġeometrika
5. Superfiċje li titfa' d-dawl
6. Superfiċje apparenti
7. Direzzjoni tal-osservazzjoni

SUPERFIĊJE LI DDAWWAL IMQABBLA MA' SUPERFIĊJE LI TITFA' D-DAWL

(Ara l-paragrafi 2.8 sa 2.9 ta' dan ir-Regolament)

SKEĊĊ A




| | Superfiċje li ddawwal | Superfiċje li titfa' d-dawl |
|---|---|---|
| It-truf huma | a u b | c u d |

SKEĊĊ B




| | Superfiċje li ddawwal | Superfiċje li titfa' d-dawl |
|---|---|---|
| It-truf huma | a u b | c u d |

*ANNESS 4*

**VIŻIBILITÀ 'L QUDDIEM TAD-DWAL ĦOMOR U VIŻIBILITÀ LURA TAD-DWAL BOJOD**

(Ara l-paragrafu 5.9 ta' dan ir-Regolament)

*Figura 1*

**Viżibilità 'l quddiem ta' dawl aħmar**




*Figura 2*

**Viżibilità lura ta' dawl abjad**



*ANNESS 5*

**KONTROLL TAL-KONFORMITÀ TAL-PRODUZZJONI**

1. TESTIJIET

1.1. Il-pożizzjoni tal-fanali

Il-pożizzjoni tal-fanali kif speċifikata fil-paragrafu 6 għandha tiġi kkontrollata skont ir-rekwiżiti ġenerali stabbiliti fil-paragrafu 5 ta' dan ir-Regolament. Il-valuri mkejla għad-distanzi għandhom ikunu tali li jiġu sodisfatti l-ispeċifikazzjonijiet individwali applikabbli għal kull fanal.

1.2. Il-viżibilità tal-fanali

1.2.1. L-angoli ta' viżibilità ġeometrika għandhom jiġu kkontrollati skont il-paragrafu 2.11 ta' dan ir-Regolament. Il-valuri mkejla għall-angoli għandhom ikunu tali li jiġu sodisfatti l-ispeċifikazzjonijiet individwali applikabbli għal kull fanal ħlief li l-limiti tal-angoli jista' jkollhom konċessjoni li tikkorrispondi għall-varjazzjoni ta' ± 3° permessa fil-paragrafu 5.3 għall-immuntar tal-apparati għas-sinjalar bid-dawl.

1.2.2. Il-viżibilità tad-dawl aħmar fuq in-naħa ta' quddiem u tad-dawl abjad fuq in-naħa ta' wara għandhom jiġu kkontrollati skont il-paragrafu 5.9 ta' dan ir-Regolament.

1.3. L-allinjament tal-fanali ta' quddiem b'raġġ għaddieni fuq in-naħa ta' quddiem

1.3.1. L-inklinazzjoni inizjali 'l isfel

(L-inklinazzjoni inizjali 'l isfel tal-punt ta' waqfien tar-raġġ għaddieni għandha tiġi kkontrollata skont ir-rekwiżiti tal-paragrafu 6.2.5).

1.4. Il-konnessjonijiet elettriċi u t-tell-tales

Il-konnessjonijiet elettriċi għandhom jiġu kkontrollati billi jinxtegħel kull fanal konness mas-sistema elettrika tal-mutur.

Il-fanali u t-tell-tales għandhom jaħdmu skont id-dispożizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi 5.10 sa 5.12 ta' dan ir-Regolament u skont l-ispeċifikazzjonijiet individwali applikabbli għal kull fanal.

1.5. L-intensitajiet tad-dawl

1.5.1. Il-fanali ta' quddiem b'raġġ tas-sewqan

L-intensità aggregata massima tal-fanal(i) ta' quddiem b'raġġ tas-sewqan għandha tkun tali li jiġi sodisfatt ir-rekwiżit fil-paragrafu 6.1.9 ta' dan ir-Regolament.

1.6. Il-preżenza, in-numru, il-kulur, l-arranġament u, fejn ikun applikabbli, il-kategorija tal-fanali għandhom jiġu kkontrollati permezz ta' spezzjoni viżwali tal-fanali u tal-immarkar tagħhom. Dawn għandhom ikunu tali li jiġu sodisfatti r-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 5.13 u l-ispeċifikazzjonijiet individwali applikabbli għal kull fanal.

*ANNESS 6*

**SPJEGAZZJONI DWAR "L-INKLINAZZJONI ORIZZONTALI", "L-ANGOLU TA' TIMJIL" U L-ANGOLU "δ"**

*Figura 3*




Nota: Din il-figura turi l-mutur immejjel lejn il-lemin.

It-testi oriġinali NU/KEE biss għandhom effett legali skont id-dritt internazzjonali pubbliku. L-istatus u d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu vverifikati fl-aħħar verżjoni tad-dokument tal-istatus TRANS/WP.29/343, disponibbli fuq: http://www.unece.org/trans/main/wp29/wp29wgs/wp29gen/wp29fdocstts.html.

**Ir-Regolament Nru 74 tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NU/KEE) – Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' vetturi tal-kategorija $L_1$ fir-rigward tal-installazzjoni ta' apparati għat-tidwil u għas-sinjalar bid-dawl**

Li jinkorpora t-test validu kollu sa:

Is-Suppliment 6 għas-serje 01 ta' emendi - Id-data tad-dħul fis-seħħ: it-22 ta' Lulju 2009

Is-Suppliment 7 għas-serje 01 ta' emendi - Id-data tad-dħul fis-seħħ: it-18 ta' Novembru 2012

WERREJ

REGOLAMENT

1. Ambitu
2. Definizzjonijiet
3. Applikazzjoni għall-approvazzjoni
4. Approvazzjoni
5. Speċifikazzjonijiet ġenerali
6. Speċifikazzjonijiet individwali
7. Reġistrazzjoni tal-vetturi
8. Konformità tal-produzzjoni
9. Penali għal nuqqas ta' konformità tal-produzzjoni
10. Modifika għal u estensjoni tal-approvazzjoni ta' tip ta' vettura fir-rigward tal-installazzjoni ta' apparati għat-tidwil u għas-sinjalar bid-dawl
11. Produzzjoni mwaqqfa għalkollox
12. Dispożizzjonijiet tranżitorji
13. Ismijiet u indirizzi tas-Servizzi Tekniċi responsabbli mit-twettiq ta' testijiet ta' approvazzjoni, u tad-Dipartimenti Amministrattivi

ANNESSI

Anness 1 – Komunikazzjoni li tikkonċerna l-approvazzjoni jew l-estensjoni jew ir-rifjut jew l-irtirar ta' approvazzjoni jew produzzjoni mwaqqfa għalkollox ta' tip ta' vettura (moped) fir-rigward tal-installazzjoni ta' apparati għat-tidwil u għas-sinjalar bid-dawl, skont ir-Regolament Nru 74

Anness 2 – Arranġamenti tal-marki tal-approvazzjoni

Anness 3 – Superfiċji, assi u ċentru ta' referenza, u angoli ta' viżibilità ġeometrika tal-fanali

Anness 4 – Viżibilità 'l quddiem tad-dwal ħomor u viżibilità lura tad-dwal bojod

Anness 5 – Kontroll tal-konformità tal-produzzjoni

1. AMBITU

Dan ir-Regolament japplika għall-vetturi tal-kategorija $L_1$ [1] fir-rigward tal-installazzjoni ta' apparat għat-tidwil u għas-sinjalar bid-dawl.

2. DEFINIZZJONIJIET

Għall-fini ta' dan ir-Regolament,

2.1. "Approvazzjoni ta' vettura" tfisser l-approvazzjoni ta' tip ta' vettura fir-rigward tan-numru u tal-mod tal-installazzjoni ta' apparati għat-tidwil u għas-sinjalar bid-dawl;

2.2. "Tip ta' vettura" tfisser kategorija ta' vetturi bil-magna li ma jvarjawx minn xulxin f'aspetti essenzjali bħal:

2.2.1. id-dimensjonijiet u s-sura esterna tal-vettura;

2.2.2. in-numru u l-pożizzjoni tal-apparati;

2.2.3. dawn li ġejjin lanqas ma għandhom jitqiesu bħala "vetturi ta' tip differenti":

2.2.3.1. vetturi li huma differenti skont it-tifsira tal-paragrafi 2.2.1 u 2.2.2 t'aktar 'il fuq imma mhux b'tali mod li jinvolvu bidla fit-tip, fin-numru, fil-pożizzjoni u fil-viżibilità ġeometrika tal-fanali preskritti għat-tip ta' vettura kkonċernat;

2.2.3.2. vetturi li fuqhom fanali approvati skont wieħed mir-Regolamenti annessi mal-Ftehim tal-1958, jew fanali permessi fil-pajjiż li fih ikunu rreġistrati l-vetturi, jitwaħħlu jew ikunu nieqsa jekk it-twaħħil tagħhom ikun fakultattiv;

2.3. "Pjan trasversali" tfisser pjan vertikali perpendikulari għall-pjan medjan lonġitudinali tal-vettura;

2.4. "Vettura mhux mgħobbija" tfisser vettura mingħajr sewwieq jew passiġġier u mhux mgħobbija, imma bit-tank tal-fjuwil tagħha mimli u bl-għodod kollha li normalment jinġarru;

2.5. "Fanal" tfisser apparat maħsub biex idawwal it-triq jew biex jitfa' sinjal bid-dawl lil utenti oħra tat-triq. Il-fanal tal-pjanċa tar-reġistrazzjoni ta' wara u r-retrorifletturi bl-istess mod għandhom jitqiesu bħala fanali;

2.5.1. "Fanali ekwivalenti" tfisser fanali li jkollhom l-istess funzjoni u li jkunu awtorizzati fil-pajjiż fejn tkun irreġistrata l-vettura; fanali ta' din ix-xorta jista' jkollhom karatteristiċi differenti minn dawk tal-fanali li l-vettura tkun mgħammra bihom fi żmien tal-approvazzjoni, bil-kundizzjoni li jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament;

2.5.2. "Fanali indipendenti" tfisser apparati li jkollhom superfiċji li jdawlu separati, sorsi tad-dawl separati u bodis tal-fanali separati;

2.5.3. "Fanali ggruppati" tfisser apparati li jkollhom superfiċji li jdawlu separati u sorsi tad-dawl separati, imma li jkollhom bodi tal-fanal komuni;

2.5.4. "Ikkombinati" tfisser apparati li jkollhom superfiċji li jdawlu separati, imma sors tad-dawl komuni u bodi tal-fanal komuni;

2.5.5. "Reċiprokament inkorporati" tfisser apparati li jkollhom sorsi tad-dawl separati jew sors tad-dawl wieħed li jaħdem f'kundizzjonijiet differenti (pereżempju, differenzi ottiċi, mekkaniċi, elettriċi), superfiċji li jdawlu totalment jew parzjalment komuni u bodi tal-fanal komuni;

2.5.6. "Fanal ta' quddiem b'raġġ tas-sewqan (raġġ tas-sewqan)" tfisser il-fanal li jintuża biex idawwal it-triq tul distanza twila quddiem il-vettura;

2.5.7. "Fanal ta' quddiem b'raġġ għaddieni (raġġ baxx)" tfisser il-fanal li jintuża biex idawwal it-triq quddiem il-vettura mingħajr ma jgħammex l-għajnejn jew jikkawża skumdità lis-sewwieqa li jkunu ġejjin minn faċċata u lill-utenti l-oħra tat-triq;

2.5.8. "Fanal tal-pożizzjoni ta' quddiem" tfisser il-fanal li jintuża biex jindika l-preżenza tal-vettura meta wieħed jaraha minn quddiem;

[1] Kif ġiet iddefinita fl-Anness 7 għar-Riżoluzzjoni Konsolidata dwar il-Kostruzzjoni tal-Vetturi (R.E.3), (dokument TRANS/WP.29/78/Rev.1/Amend.2 kif emendat l-aħħar bl-Emenda 4).

2.5.9. “Retroriflettur” tfisser apparat li jintuża biex jindika l-preżenza ta’ vettura permezz tar-rifless tad-dawl li ġej minn sors tad-dawl li mhux konness mal-vettura, meta l-osservatur ikun jinsab qrib is-sors;

Għall-fini ta’ dan ir-Regolament, pjanċi tan-numri retroriflettenti ma jitqiesux bħala retroriflettturi.

2.5.10. “Fanal li jindika d-direzzjoni” tfisser il-fanal li jintuża biex jindika lill-utenti l-oħra tat-triq li s-sewwieq bihsiebu jbiddel id-direzzjoni lejn il-lemin jew lejn ix-xellug;

Fanal jew fanali li tindika(jindikaw) id-direzzjoni jistgħu jintużaw ukoll skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 97.

2.5.11. “Fanal tal-waqfien” tfisser il-fanal użat biex jindika lill-utenti l-oħra tat-triq li qegħdin wara l-vettura li s-sewwieq tagħha qed japplika l-brejk ta’ servizz;

2.5.12. “Fanal tal-pożizzjoni ta’ wara” tfisser il-fanal li jintuża biex jindika l-preżenza tal-vettura meta wieħed jaraha minn wara;

2.5.13. “Apparat li jdawwal il-pjanċa tar-reġistrazzjoni ta’ wara” tfisser l-apparat li jintuża biex idawwal l-ispazju maħsub għall-pjanċa tar-reġistrazzjoni ta’ wara; apparat ta’ din ix-xorta jista’ jikkonsisti f’diversi komponenti ottiċi.

2.6. “Superfiċje li titfa’ d-dawl” ta’ “apparat għat-tidwil”, “apparat għas-sinjalar bid-dawl” jew retroriflettur tfisser is-superfiċje ta’ barra kollha jew parti minnha tal-materjal trasparenti kif iddikjarat fit-talba għall-approvazzjoni mill-manifattur tal-apparat fid-disinn, ara l-Anness 3;

2.7. “Superfiċje li ddawwal” (ara l-Anness 3);

2.7.1. “Superfiċje li ddawwal ta’ apparat għat-tidwil” (il-paragrafi 2.5.6 u 2.5.7) tfisser il-projezzjoni ortogonali tal-fetħa kollha tar-riflettur, jew fil-każ ta’ fanali ta’ quddiem b’riflettur ellissojdali tal-“lenti ta’ projezzjoni”, fuq pjan trasversali. Jekk l-apparat għat-tidwil ma jkollu l-ebda riflettur, għandha tiġi applikata d-definizzjoni tal-paragrafu 2.7.2. Jekk is-superfiċje li titfa’ d-dawl tal-fanal testendi fuq parti biss mill-fetħa kollha tar-riflettur, titqies biss il-projezzjoni ta’ dik il-parti.

Fil-każ ta’ fanal ta’ quddiem b’raġġ għaddieni, is-superfiċje li ddawwal tkun limitata bit-traċċa apparenti tal-punt ta’ waqfien għal fuq il-lenti. Jekk ir-riflettur u l-lenti jkunu aġġustabbli b’mod relattiv għal xulxin, għandu jintuża l-aġġustament medju;

2.7.2. “Superfiċje li ddawwal ta’ apparat għas-sinjalar bid-dawl li mhux retroriflettur” (il-paragrafi 2.5.8, 2.5.10, 2.5.11 u 2.5.12) tfisser il-projezzjoni ortogonali tal-fanal fi pjan perpendikulari għall-assi ta’ referenza tiegħu u f’kuntatt mas-superfiċje li titfa’ d-dawl ta’ barra tal-fanal, b’din il-projezzjoni tkun limitata mit-truf tal-iskrins li jinsabu f’dan il-pjan, b’kull wieħed jippermetti li biss 98 fil-mija tal-intensità luminuża totali tad-dawl tippersisti fid-direzzjoni tal-assi ta’ referenza. Biex jiġu ddeterminati l-limiti t’isfel, ta’ fuq u dawk laterali tas-superfiċje li ddawwal, għandhom jintużaw biss skrins bi truf orizzontali jew vertikali;

2.7.3. “Superfiċje li ddawwal ta’ retroriflettur” (il-paragrafu 2.5.9) tfisser il-projezzjoni ortogonali ta’ retroriflettur fi pjan perpendikulari għall-assi ta’ referenza tiegħu u limitat mill-pjani kontinwi għall-partijiet l-aktar ‘il barra tas-sistema ottika tar-retroriflettur u parallela għal dak l-assi. Għall-finijiet tad-determinazzjoni tat-truf t’isfel, ta’ fuq u dawk laterali tal-apparat, għandhom jitqiesu biss il-pjani orizzontali u vertikali;

2.8. Is-“superfiċje apparenti” għal direzzjoni definita ta’ osservazzjoni tfisser, fuq it-talba tal-manifattur jew tar-rappreżentant tiegħu li jkun ġie akkreditat b’mod xieraq, il-projezzjoni ortogonali ta’:

jew il-limitu tas-superfiċje li ddawwal ipprojettata fuq is-superfiċje ta’ barra tal-lenti (a-b),

jew is-superfiċje li titfa’ d-dawl (c-d),

fi pjan perpendikulari għad-direzzjoni tal-osservazzjoni u tanġenzjali għall-aktar punt estern tal-lenti (ara l-Anness 3 għal dan ir-Regolament);

2.9. “Assi ta’ referenza” tfisser l-assi karatteristiku tal-fanal li ġie ddeterminat mill-manifattur (tal-fanal) biex jintuża bħala d-direzzjoni ta’ referenza (H = 0°, V = 0°) għal angoli ta’ kamp għal kejl fotometriku u biex jiġi installat il-fanal fuq il-vettura;

2.10. “Ċentru ta’ referenza” tfisser l-intersezzjoni tal-assi ta’ referenza mas-superfiċje esterna li titfa’ d-dawl; dan jiġi speċifikat mill-manifattur tal-fanal;

2.11. "Angoli ta' viżibilità ġeometrika" tfisser l-angoli li jiddeterminaw il-kamp tal-angolu solidu minimu fejn is-superfiċje apparenti tal-fanal trid tkun viżibbli. Dak il-kamp tal-angolu solidu jiġi ddeterminat mis-segmenti tal-isfera li ċ-ċentru tagħha jikkoinċidi maċ-ċentru ta' referenza tal-fanal u l-ekwatur ikun parallel għall-art. Dawn is-segmenti jiġu ddeterminati b'relazzjoni għall-assi ta' referenza. L-angoli orizzontali β jikkorrispondu għal-lonġitudini u l-angoli vertikali α għal-latitudni. Ma għandu jkun hemm l-ebda ostaklu fuq ġewwa tal-angoli ta' viżibilità ġeometrika għall-propagazzjoni tad-dawl minn kwalunkwe parti tas-superfiċje apparenti tal-fanal osservata mill-infinità. Jekk il-kejl jittieħed eqreb tal-fanal, id-direzzjoni tal-osservazzjoni trid tiġi mċaqilqa b'mod parallel sabiex tinkiseb l-istess preċiżjoni. Fuq ġewwa tal-angoli ta' viżibilità ġeometrika, l-ostakli ma jitqiesux, jekk dawn kienu diġà ppreżentati meta l-fanal kien approvat għat-tip.

Jekk, meta l-fanal jiġi installat, kwalunkwe parti mis-superfiċje apparenti tal-fanal tkun moħbija minn kwalunkwe parti oħra tal-vettura, għandhom jiġu ppreżentati provi li l-parti tal-fanal li mhijiex moħbija mill-ostakli għadha konformi mal-valuri fotometriċi preskritti għall-approvazzjoni tal-apparat bħala unità ottika (ara l-Anness 3 għal dan ir-Regolament).

Minkejja dan, meta l-angolu vertikali ta' viżibilità ġeometrika taħt l-orizzontali jista' jitnaqqas għal 5° (fanal f'għoli ta' inqas minn 750 mm 'il fuq mill-art), il-kamp fotometriku tal-kejl tal-unità ottika installata jista' jitnaqqas għal 5° taħt l-orizzontali.

2.12. "Tarf estrem ta' barra", fuq kull naħa tal-vettura tfisser il-pjan parallel għall-pjan medjan lonġitudinali tal-vettura u tanġenzjali għat-tarf laterali ta' barra tal-vettura, mingħajr ma jitqiesu l-mirja retroviżuri, l-indikaturi tad-direzzjoni, il-fanali tal-pożizzjoni u r-retrorifletturi;

2.13. "Wisa' totali" tfisser id-distanza bejn iż-żewġ pjani vertikali li ġew iddefiniti fil-paragrafu 2.12 t'aktar 'il fuq;

2.14. "Fanal singolu" tfisser apparat jew parti minn apparat li jkollu funzjoni waħda u superfiċje apparenti waħda fid-direzzjoni tal-assi ta' referenza (ara l-paragrafu 2.8 ta' dan ir-Regolament) u sors tad-dawl wieħed jew aktar.

Għall-fini ta' installazzjoni fuq vettura, "fanal singolu" tfisser ukoll kwalunkwe assemblaġġ ta' żewġ fanali indipendenti jew iggruppati, kemm jekk ikunu identiċi u kemm jekk le, li jkollhom l-istess funzjoni, jekk jiġu installati sabiex il-projezzjoni tas-superfiċji apparenti tagħhom fid-direzzjoni tal-assi ta' referenza tokkupa mhux inqas minn 60 fil-mija tal-iżgħar rettangolu li jiċċirkoskrivi l-projezzjonijiet tas-superfiċji apparenti msemmija fid-direzzjoni tal-assi ta' referenza. F'każ ta' din ix-xorta, kull wieħed minn dawn il-fanali, fejn tkun meħtieġa approvazzjoni, għandu jiġi approvat bħala fanal tat-tip "D". Din il-possibilità ta' kombinazzjoni ma tapplikax għall-fanali ta' quddiem b'raġġ tas-sewqan u għall-fanali ta' quddiem b'raġġ għaddieni.

2.15. "Distanza bejn żewġ fanali" li jiffaċċjaw fl-istess direzzjoni tfisser l-iqsar distanza bejn iż-żewġ superfiċji apparenti fid-direzzjoni tal-assi ta' referenza. Fejn id-distanza bejn il-fanali b'mod ċar tissodisfa r-rekwiżiti tar-Regolament, m'hemmx għalfejn jiġu ddeterminati t-truf eżatti tas-superfiċji apparenti;

2.16. "It-tell-tale operattiv" tfisser sinjal viżiv jew akustiku (jew kwalunkwe sinjal ekwivalenti) li jindika li apparat inxtegħel u jekk ikunx qed jaħdem sew jew le;

2.17. "It-tell-tale b'ċirkwit magħluq" tfisser sinjal viżiv (jew kwalunkwe sinjal ekwivalenti) li jindika li apparat inxtegħel, imma li ma jindikax jekk huwiex qed jaħdem sew jew le;

2.18. "Fanal fakultattiv" tfisser fanal, li l-installazzjoni tiegħu titħalla għad-diskrezzjoni tal-manifattur;

2.19. "Art" tfisser is-superfiċje li fuqha tinsab wieqfa l-vettura li għandha tkun sostanzjalment orizzontali;

2.20. "Apparat" tfisser komponent jew assoċjazzjoni ta' komponenti użati sabiex iwettqu funzjoni waħda jew aktar.

2.21. "Il-kulur tad-dawl mitfugħ mill-apparat". Id-definizzjonijiet tal-kulur tad-dawl mitfugħ, mogħtija fir-Regolament Nru 48 u s-serje ta' emendi tiegħu li kienu fis-seħħ fiż-żmien tal-applikazzjoni għall-approvazzjoni tat-tip għandhom japplikaw għal dan ir-Regolament.

3. APPLIKAZZJONI GĦALL-APPROVAZZJONI

3.1. L-applikazzjoni għall-approvazzjoni ta' tip ta' vettura fir-rigward tal-installazzjoni tal-apparati għat-tidwil u għas-sinjalar bid-dawl tiegħu għandha titressaq mill-manifattur tal-vettura jew mir-rappreżentant tiegħu li jkun ġie akkreditat b'mod xieraq.

3.2. Hija għandha tkun akkumpanjata mid-dokumenti u mill-partikolaritajiet li ġejjin, fi tliet kopji:

3.2.1. deskrizzjoni tat-tip ta' vettura fir-rigward tal-punti msemmija fil-paragrafi 2.2.1 u 2.2.2 t'aktar 'il fuq; it-tip ta' vettura għandu jiġi speċifikat;

3.2.2. lista tal-apparati maħsuba mill-manifattur biex jiffurmaw l-apparati għat-tidwil u għas-sinjalar bid-dawl: il-lista tista' tinkludi diversi tipi ta' apparat għal kull funzjoni; kull tip għandu jiġi identifikat b'mod xieraq (marka tal-approvazzjoni nazzjonali jew internazzjonali, jekk approvat, isem il-manifattur, eċċ); minbarra dan, fir-rigward ta' kull funzjoni, il-lista tista' tinkludi l-annotazzjoni addizzjonali "jew apparati ekwivalenti";

3.2.3. disinn ta' kif inhi mqassma l-installazzjoni tal-apparati tad-dawl u tas-sinjalar bid-dawl kollha, fejn tintwera l-pożizzjoni tad-diversi apparati fuq il-vettura;

3.2.4. jekk ikun meħtieġ, sabiex tiġi vverifikata l-konformità tal-preskrizzjonijiet tar-Regolament preżenti, disinn jew disinji ta' kif inhu mqassam kull fanal fejn tintwera s-superfiċje li ddawwal, kif ġiet iddefinita fil-paragrafu 2.7.1 t'aktar 'il fuq, is-superfiċje li titfa' d-dawl kif ġiet iddefinita fil-paragrafu 2.6, l-assi ta' referenza kif ġie ddefinit fil-paragrafu 2.9 u ċ-ċentru ta' referenza kif ġie ddefinit fil-paragrafu 2.10. Din l-informazzjoni mhijiex meħtieġa fil-każ tal-fanal tal-pjanċa tar-reġistrazzjoni ta' wara (il-paragrafu 2.5.13).

3.2.5. L-applikazzjoni għandha tinkludi dikjarazzjoni tal-metodu li ntuża għad-definizzjoni tas-superfiċje apparenti (il-paragrafu 2.8).

3.3. Vettura mhux mgħobbija mgħammra b'sett komplut ta' apparati għat-tidwil u għas-sinjalar bid-dawl, kif ġie preskritt fil-paragrafu 3.2.2 t'aktar 'il fuq, u rappreżentattiva tat-tip ta' vettura li għandu jiġi approvat għandha titressaq quddiem is-Servizz Tekniku responsabbli mit-twettiq tat-testijiet ta' approvazzjoni.

4. APPROVAZZJONI

4.1. Jekk it-tip ta' vettura mressaq għall-approvazzjoni skont dan ir-Regolament jissodisfa r-rekwiżiti tar-Regolament fir-rigward tal-apparati kollha li ġew speċifikati fil-lista, għandha tingħata l-approvazzjoni għal dak it-tip ta' vettura.

4.2. Għandu jiġi assenjat numru tal-approvazzjoni lil kull tip approvat. L-ewwel żewġ figuri tiegħu (bħalissa 01 għar-Regolament fis-serje 01 ta' emendi tiegħu) għandhom jindikaw is-serje ta' emendi li jinkorporaw l-aktar emendi tekniċi maġġuri reċenti li jkunu saru fir-Regolament fiż-żmien meta nħarġet l-approvazzjoni. L-istess Parti Kontraenti ma għandhiex tassenja dan in-numru lil tip ieħor ta' vettura jew lill-istess tip ta' vettura mressqa b'apparat li mhux speċifikat fil-lista li tissemma fil-paragrafu 3.2.2 t'aktar 'il fuq, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 7 ta' dan ir-Regolament.

4.3. Għandu jiġi kkomunikat avviż ta' approvazzjoni jew ta' estensjoni jew ta' rifjut ta' approvazzjoni jew ta' produzzjoni mwaqqfa għalkollox ta' tip ta' vettura skont dan ir-Regolament lill-Partijiet għall-Ftehim li japplikaw dan ir-Regolament permezz ta' formola li tikkonforma mal-mudell fl-Anness 1 għal dan ir-Regolament.

4.4. Ma' kull vettura li tikkonforma ma' tip ta' vettura approvat skont dan ir-Regolament, b'mod li jolqot l-għajn u f'post faċilment aċċessibbli li ġie speċifikat fuq il-formola tal-approvazzjoni, għandha titwaħħal marka tal-approvazzjoni internazzjonali li tikkonsisti fi:

4.4.1. ċirku madwar l-ittra "E" segwit min-numru li jiddistingwi l-pajjiż li ta l-approvazzjoni ([1]);

4.4.2. in-numru ta' dan ir-Regolament, segwit mill-ittra "R", sing u n-numru tal-approvazzjoni fuq il-lemin taċ-ċirku preskritt fil-paragrafu 4.4.1.

([1]) In-numri li jiddistingwu l-Partijiet Kontraenti għall-Ftehim tal-1958 huma riprodotti fl-Anness 3 għar-Riżoluzzjoni Konsolidata dwar il-Kostruzzjoni tal-Vetturi (R.E.3), dokument TRANS/WP.29/78/Rev.2/Amend.1.

4.5. Jekk il-vettura tikkonforma ma' tip ta' vettura approvat, skont wieħed jew aktar mir-Regolamenti l-oħra annessi mal-Ftehim, fil-pajjiż li jkun ta l-approvazzjoni skont dan ir-Regolament, m'hemmx għalfejn jiġi ripetut is-simbolu preskritt fil-paragrafu 4.4.1; f'każ ta' din ix-xorta, in-numri tar-Regolament u tal-approvazzjoni u s-simboli addizzjonali tar-Regolamenti kollha li skont tagħhom tkun ingħatat l-approvazzjoni fil-pajjiż li jkun ta l-approvazzjoni skont dan ir-Regolament għandhom jitqiegħdu f'kolonni vertikali fuq il-lemin tas-simbolu preskritt fil-paragrafu 4.4.1.

4.6. Il-marka tal-approvazzjoni għandha tkun tista' tinqara b'mod ċar u għandha tkun indelibbli.

4.7. Il-marka tal-approvazzjoni għandha titqiegħed qrib ta' jew fuq il-pjanċa tad-dejta tal-vettura mwaħħla mill-manifattur.

4.8. L-Anness 2 għal dan ir-Regolament jagħti eżempji tal-arranġament tal-marki tal-approvazzjoni.

5. SPEĊIFIKAZZJONIJIET ĠENERALI

5.1. L-apparati għat-tidwil u għas-sinjalar bid-dawl għandhom ikunu mwaħħla b'tali mod li f'kundizzjonijiet normali ta' użu, u minkejja l-vibrazzjonijiet li jistgħu jiġu soġġetti għalihom, iżommu l-karatteristiċi preskritti f'dan ir-Regolament u jippermettu li l-vettura tikkonforma mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament. B'mod partikolari, ma għandux ikun possibbli li l-fanali jiġu aġġustati ħażin b'mod involontarju.

5.2. Il-fanali li jdawlu għandhom jiġu installati b'tali mod li l-aġġustament korrett tal-orjentazzjoni tagħhom jista' jitwettaq faċilment.

5.3. Għall-apparati għas-sinjalar bid-dawl kollha, inklużi dawk immuntati fil-ġenb, l-assi ta' referenza tal-fanal meta mwaħħal fuq il-vettura għandu jkun parallel għall-pjan ta' appoġġ tal-vettura fit-triq; barra minn hekk, għandu jkun perpendikulari għall-pjan medjan lonġitudinali tal-vettura fil-każ tar-retrorifletturi tal-ġenb u parallel għal dak il-pjan fil-każ tal-apparati l-oħra kollha.

F'kull direzzjoni, għandha titħalla tolleranza ta' ± 3°.

Barra minn hekk, jekk il-manifattur jipprovdi speċifikazzjonijiet għat-twaħħil, għandu jkun hemm konformità magħhom.

5.4. Fin-nuqqas ta' struzzjonijiet speċifiċi, l-għoli u l-orjentazzjoni tal-fanali għandhom jiġu vverifikati meta l-vettura ma tkunx mgħobbija u meta titqiegħed fuq superfiċje ċatta u orizzontali, bil-pjan medjan lonġitudinali tagħha jkun vertikali u bil-manubriji jkunu fil-pożizzjoni li tikkorrispondi għal moviment dritt 'il quddiem.

5.5. Fin-nuqqas ta' struzzjonijiet speċifiċi:

5.5.1. il-fanali jew ir-rifletturi singoli għandhom jiġu mmuntati b'tali mod li ċ-ċentru ta' referenza tagħhom ikun qiegħed fil-pjan medjan lonġitudinali tal-vettura;

5.5.2. il-fanali li jikkostitwixxu par u li jkollhom l-istess funzjoni għandhom:

5.5.2.1. jiġu mmuntati b'mod simetriku b'relazzjoni għall-pjan medjan lonġitudinali;

5.5.2.2. ikunu simetriċi wieħed għall-ieħor b'relazzjoni għall-pjan medjan lonġitudinali;

5.5.2.3. jissodisfaw l-istess rekwiżiti kolorimetriċi;

5.5.2.4. ikollhom karatteristiċi fotometriċi nominali identiċi; u

5.5.2.5. jinxtegħlu u jintfew fl-istess ħin.

5.6. Il-fanali jistgħu jkunu ggruppati, ikkombinati jew reċiprokament inkorporati wieħed mal-ieħor sakemm ir-rekwiżiti kollha fir-rigward tal-kulur, tal-pożizzjoni, tal-orjentazzjoni, tal-viżibilità ġeometrika, tal-konnessjonijiet elettriċi u tar-rekwiżiti l-oħra, jekk ikun hemm, għal kull fanal jiġu ssodisfati.

5.7. L-għoli massimu 'l fuq mill-art għandu jitkejjel mill-ogħla punt u l-għoli minimu mill-aktar punt baxx tas-superfiċje apparenti fid-direzzjoni tal-assi ta' referenza. Għall-fanali ta' quddiem b'raġġ għaddieni, l-għoli minimu mill-art għandu jitkejjel mill-aktar punt baxx tal-iżbokk effettiv tas-sistema ottika (pereżempju, riflettur, lenti, lenti ta' projezzjoni) indipendentement mill-użu tiegħu.

Fejn l-għoli (massimu u minimu) 'il fuq mill-art b'mod ċar jissodisfa r-rekwiżiti tar-Regolament, m'hemmx għalfejn jiġu ddeterminati t-truf eżatti ta' kwalunkwe superfiċje.

Meta ssir referenza għad-distanza bejn il-fanali, il-pożizzjoni, fir-rigward tal-wisa', għandha tiġi ddeterminata mit-truf ta' ġewwa tas-superfiċje apparenti fid-direzzjoni tal-assi ta' referenza.

Fejn il-pożizzjoni, fir-rigward tal-wisa', b'mod ċar tissodisfa r-rekwiżiti tar-Regolament, m'hemmx għalfejn jiġu ddeterminati t-truf eżatti ta' kwalunkwe superfiċje.

5.8. Fin-nuqqas ta' struzzjonijiet speċifiċi, l-ebda fanal għajr il-fanali li jindikaw id-direzzjoni u s-sinjal ta' twissija f'każ ta' periklu mill-vettura ma għandhom ikunu fanali li jixgħelu u jitfu malajr.

5.9. Fuq in-naħa ta' quddiem ma għandu jkun viżibbli l-ebda dawl aħmar, u fuq in-naħa ta' wara ma għandu jkun viżibbli l-ebda dawl abjad. Il-konformità ma' dan ir-rekwiżit għandha tiġi vverifikata kif jintwera iktar 'l isfel (ara d-disinn fl-Anness 4):

5.9.1. il-viżibilità tad-dawl aħmar fuq in-naħa ta' quddiem: ma jrid ikun hemm l-ebda viżibilità diretta ta' dawl aħmar jekk jarah osservatur li jkun qed jiċċaqlaq fiż-żona 1 ta' pjan trasversali li jkun qiegħed 25 m quddiem il-vettura;

5.9.2. il-viżibilità tad-dawl abjad fuq in-naħa ta' wara: ma jrid ikun hemm l-ebda viżibilità diretta ta' dawl abjad għal osservatur li jkun qed jiċċaqlaq fiż-żona 2 ta' pjan trasversali li jkun qiegħed 25 m wara l-vettura;

5.9.3. iż-żoni 1 u 2, kif jarahom l-osservatur, huma limitati fil-pjani rispettivi tagħhom kif ġej:

5.9.3.1. fl-għoli, minn żewġ pjani orizzontali rispettivament 1 m u 2,2 m'il fuq mill-art;

5.9.3.2. fil-wisa', minn żewġ pjani vertikali li, 'il quddiem u lura rispettivament jiffurmaw angolu ta' 15° 'il barra mill-pjan medjan lonġitudinali tal-vettura, jgħaddu mill-punt jew mill-punti ta' kuntatt ta' pjani vertikali paralleli għall-pjan medjan lonġitudinali tal-vettura u jillimitaw il-wisa' totali tal-vettura; jekk ikun hemm diversi punti ta' kuntatt, dak li qiegħed quddiem nett għandu jikkorrispondi għall-pjan 'il quddiem u dak li qiegħed wara nett għall-pjan lura.

5.10. Il-konnessjonijiet elettriċi għandhom ikunu tali li l-fanal tal-pożizzjoni ta' quddiem jew il-fanal ta' quddiem b'raġġ għaddieni, jekk ma jkun hemm l-ebda fanal tal-pożizzjoni ta' quddiem, il-fanal tal-pożizzjoni ta' wara u kwalunkwe apparat li jdawwal il-pjanċa tar-reġistrazzjoni ta' wara ma jistgħux jinxtegħlu jew jintfew b'mod ieħor għajr fl-istess ħin.

5.11. Fin-nuqqas ta' struzzjonijiet speċifiċi, il-konnessjoni elettrika għandha tkun tali li l-fanal ta' quddiem b'raġġ tas-sewqan u l-fanal ta' quddiem b'raġġ għaddieni ma jistgħux jinxtegħlu ħlief jekk il-fanali li jissemmew fil-paragrafu 5.10 t'aktar 'il fuq ma jinxtegħlux ukoll. Dan ir-rekwiżit, madanakollu, m'hemmx għalfejn jiġi ssodisfat fil-każ tal-fanal ta' quddiem b'raġġ tas-sewqan u tal-fanal ta' quddiem b'raġġ għaddieni fejn it-twissijiet luminużi tagħhom jikkonsistu f'dawl intermittenti f'intervalli qosra mill-fanal ta' quddiem b'raġġ għaddieni jew f'dawl alternat f'intervalli qosra mill-fanal ta' quddiem b'raġġ għaddieni u mill-fanal ta' quddiem b'raġġ tas-sewqan.

5.11.1. Il-fanal ta' quddiem għandu jixgħel awtomatikament meta tkun qed taħdem il-magna.

5.12. Il-fanali tell-tale

5.12.1. Kull fanal tell-tale għandu jkun viżibbli mill-ewwel għal sewwieq f'pożizzjoni normali ta' sewqan.

5.12.2. Fejn dan ir-Regolament jipprovdi għal tell-tale "b'ċirkwit magħluq", dan jista' jiġi sostitwit minn tell-tale "operattiv".

5.13. Il-kuluri tad-dwal [1]

Il-kuluri tad-dwal imsemmija f'dan ir-Regolament għandhom ikunu kif ġej:

| | |
|---|---|
| fanal ta' quddiem b'raġġ tas-sewqan: | abjad |
| fanal ta' quddiem b'raġġ għaddieni: | abjad |
| fanal tal-pożizzjoni ta' quddiem: | abjad |

[1] Il-kejl tal-koordinati tal-kromatiċità tad-dawl li jitfgħu l-fanali mhuwiex parti minn dan ir-Regolament.

| | |
|---|---|
| retroriflettur ta' quddiem, mhux trijangulari: | abjad |
| retroriflettur tal-ġenb, mhux trijangulari: | ambra fuq quddiem |
| | ambra jew aħmar fuq wara |
| retroriflettur tal-pedala: | ambra |
| retroriflettur ta' wara, mhux trijangulari: | aħmar |
| fanal li jindika d-direzzjoni: | ambra |
| fanal tal-waqfien: | aħmar |
| fanal tal-pożizzjoni ta' wara: | aħmar |
| fanal tal-pjanċa tar-reġistrazzjoni ta' wara: | abjad |

5.14. Kull vettura mressqa għall-approvazzjoni skont dan ir-Regolament għandha tkun mgħammra bl-apparati għat-tidwil u għas-sinjalar bid-dawl li ġejjin:

5.14.1. fanal ta' quddiem b'raġġ għaddieni (il-paragrafu 6.2);

5.14.2. fanal tal-pożizzjoni ta' wara (il-paragrafu 6.10);

5.14.3. retroriflettur tal-ġenb, mhux trijangulari (il-paragrafu 6.5);

5.14.4. retroriflettur ta' wara, mhux trijangulari (il-paragrafu 6.7);

5.14.5. retroriflettturi tal-pedali (il-paragrafu 6.6), għall-mopeds bil-pedali biss;

5.14.6. fanal tal-waqfien (il-paragrafu 6.9);

5.14.7. apparat li jdawwal il-pjanċa tar-reġistrazzjoni ta' wara, fejn pjanċa ta' din ix-xorta tkun meħtieġa (il-paragrafu 6.11).

5.15. Din tista', barra minn hekk, tkun mgħammra bl-apparati għat-tidwil u għas-sinjalar bid-dawl li ġejjin:

5.15.1. fanal ta' quddiem b'raġġ tas-sewqan (il-paragrafu 6.1);

5.15.2. fanal tal-pożizzjoni ta' quddiem (il-paragrafu 6.3);

5.15.3. retroriflettur ta' quddiem, mhux trijangulari (il-paragrafu 6.4).

5.15.4. fanali li jindikaw id-direzzjoni (il-paragrafu 6.8).

5.16. It-twaħħil ta' kull wieħed mill-apparati għat-tidwil u għas-sinjalar bid-dawl imsemmija fil-paragrafi 5.14 u 5.15 t'aktar 'il fuq għandu jsir f'konformità mar-rekwiżiti rilevanti fil-paragrafu 6 ta' dan ir-Regolament.

5.17. It-twaħħil ta' kwalunkwe apparat għat-tidwil u għas-sinjalar bid-dawl għajr dawk imsemmija fil-paragrafi 5.14 u 5.15 huwa pprojbit ħlief għal apparat għat-tidwil xieraq għall-pjanċa tar-reġistrazzjoni ta' wara, jekk teżisti u jekk ikun meħtieġ li din tiġi mdawla.

5.18. L-apparati għat-tidwil u għas-sinjalar bid-dawl approvati għat-tip għall-muturi u li jissemmew fit-taqsimiet [fil-paragrafi] 5.16 u 5.17 jistgħu wkoll jitwaħħlu fuq il-mopeds.

6. SPEĊIFIKAZZJONIJIET INDIVIDWALI

6.1. IL-FANAL TA' QUDDIEM B'RAĠĠ TAS-SEWQAN

6.1.1. Numru

Wieħed jew tnejn ta' tip approvat skont:

(a) ir-Regolament Nru 113;

(b) il-Klassi A tar-Regolament Nru 112;

(c) ir-Regolament Nru 1;

(d) ir-Regolament Nru 57;

(e) ir-Regolament Nru 72;

(f) ir-Regolament Nru 76.

6.1.2. L-arranġament

L-ebda rekwiżit speċjali.

6.1.3. Il-pożizzjoni

6.1.3.1. Il-wisa'

6.1.3.1.1. fanal tas-sewqan indipendenti jista' jitwaħħal fuq jew taħt jew maġenb fanal ieħor ta' quddiem: jekk dawn il-fanali jkunu qegħdin wieħed fuq l-ieħor, iċ-ċentru ta' referenza tal-fanal tas-sewqan irid ikun fil-pjan medju lonġitudinali tal-vettura; jekk dawn il-fanali jkunu qegħdin maġenb xulxin, iċ-ċentru ta' referenza tagħhom irid ikun simetriku b'relazzjoni għall-pjan medjan lonġitudinali tal-vettura.

6.1.3.1.2. fanal ta' quddiem b'raġġ tas-sewqan, li jkun reċiprokament inkorporat ma' fanal ieħor ta' quddiem irid jitwaħħal b'tali mod li ċ-ċentru ta' referenza tiegħu jkun fil-pjan medjan lonġitudinali tal-vettura. Madankollu, meta l-vettura tkun mgħammra wkoll b'fanal ta' quddiem indipendenti b'raġġ għaddieni jew b'fanal ta' quddiem b'raġġ għaddieni li jkun reċiprokament inkorporat ma' fanal tal-pożizzjoni ta' quddiem maġenb il-fanal ta' quddiem b'raġġ tas-sewqan, iċ-ċentri ta' referenza tagħhom iridu jkunu simetriċi b'relazzjoni għall-pjan medjan lonġitudinali tal-vettura.

6.1.3.1.3. żewġ fanali tas-sewqan, li jew wieħed minnhom jew it-tnejn ikunu reċiprokament inkorporati ma' fanal ieħor ta' quddiem, iridu jitwaħħlu b'tali mod li ċ-ċentri ta' referenza tagħhom ikunu simetriċi b'relazzjoni għall-pjan medjan lonġitudinali tal-vettura.

6.1.3.2. It-tul: fuq quddiem tal-vettura. Dan ir-rekwiżit jitqies bħala li jkun ġie ssodisfat jekk id-dawl mitfugħ ma jikkawżax skumdità lis-sewwieq jew direttament jew indirettament permezz tal-mirja retroviżuri u/jew ta' superfiċji riflettenti fuq il-vettura.

6.1.3.3. Fi kwalunkwe każ, id-distanza bejn it-tarf tas-superfiċje li ddawwal ta' kwalunkwe fanal tas-sewqan indipendenti u t-tarf ta' dik tal-fanal għaddieni ma tridx teċċedi l-200 mm.

6.1.3.4. Id-distanza li tissepara s-superfiċji li jdawlu ta' żewġ fanali tas-sewqan ma tridx teċċedi l-200 mm.

6.1.4. Il-viżibilità ġeometrika

Il-viżibilità tas-superfiċje li ddawwal, inkluża l-viżibilità tagħha f'żoni li ma jidhirx li jkunu mdawla fid-direzzjoni tal-osservazzjoni meqjusa, għandha tiġi żgurata fi ħdan spazju diverġenti ddefinit minn linji li jiġġeneraw ibbażati fuq il-perimetru tas-superfiċje li ddawwal u li jiffurmaw angolu ta' mhux inqas minn 5° mal-assi ta' referenza tal-fanal ta' quddiem.

6.1.5. L-orjentazzjoni

'Il quddiem. Il-fanal(i) jista'(jistgħu) jimxi(u) f'konformità mal-angolu tal-istering..

6.1.6. Ma jista' jiġi "kkombinat" mal-ebda fanal ieħor.

6.1.7. Il-konnessjonijiet elettriċi

Ir-raġġ(i) għaddieni(ja) jista'(jistgħu) jibqa'(jibqgħu) mixgħul(a) mar-raġġ(i) tas-sewqan.

6.1.8. It-tell-tale "b'ċirkwit magħluq"

Mandatorju, fanal b'sinjal blù li ma jixgħelx u jitfi malajr.

6.2. IL-FANAL TA' QUDDIEM B'RAĠĠ GĦADDIENI

6.2.1. Numru

Wieħed jew tnejn ta' tip approvat skont:

(a) ir-Regolament Nru 113 (*);

(b) il-Klassi A tar-Regolament Nru 112;

(c) ir-Regolament Nru 1;

(d) ir-Regolament Nru 56;

(e) ir-Regolament Nru 57;

(f) ir-Regolament Nru 72;

(g) ir-Regolament Nru 76

(h) ir-Regolament Nru 82.

6.2.2. L-arranġament

L-ebda rekwiżit speċjali.

6.2.3. Il-pożizzjoni

6.2.3.1. Il-wisa'

6.2.3.1.1. fanal għaddieni indipendenti jista' jiġi installat fuq, taħt jew maġenb fanal ieħor ta' quddiem: jekk dawn il-fanali jkunu qegħdin wieħed fuq l-ieħor, iċ-ċentru ta' referenza tal-fanal għaddieni jrid ikun fil-pjan medju lonġitudinali tal-vettura; jekk dawn il-fanali jkunu qegħdin maġenb xulxin, iċ-ċentru ta' referenza tagħhom irid ikun simetriku b'relazzjoni għall-pjan medjan lonġitudinali tal-vettura.

6.2.3.1.2. fanal ta' quddiem b'raġġ għaddieni, li jkun reċiprokament inkorporat ma' fanal ieħor ta' quddiem, irid jitwaħħal b'tali mod li ċ-ċentru ta' referenza tiegħu jkun fil-pjan medjan lonġitudinali tal-vettura. Madankollu, meta l-vettura tkun mgħammra wkoll b'fanal ta' quddiem indipendenti b'raġġ tas-sewqan jew b'fanal ta' quddiem b'raġġ tas-sewqan li jkun reċiprokament inkorporat ma' fanal tal-pożizzjoni ta' quddiem maġenb il-fanal ta' quddiem b'raġġ għaddieni, iċ-ċentri ta' referenza tagħhom iridu jkunu simetriċi b'relazzjoni għall-pjan medjan lonġitudinali tal-vettura.

6.2.3.1.3. żewġ fanali għaddienija, li jew wieħed minnhom jew it-tnejn ikunu reċiprokament inkorporati ma' fanal ieħor ta' quddiem, iridu jiġu installati b'tali mod li ċ-ċentri ta' referenza tagħhom ikunu simetriċi b'relazzjoni għall-pjan medjan lonġitudinali tal-vettura.

6.2.3.2. L-għoli: minimu ta' 500 mm u massimu ta' 1 200 mm 'il fuq mill-art.

6.2.3.3. It-tul: fuq quddiem tal-vettura. Dan ir-rekwiżit jitqies bħala li jkun ġie ssodisfat jekk id-dawl mitfugħ ma jikkawżax skumdità lis-sewwieq jew direttament jew indirettament permezz tal-mirja retroviżuri u/jew tas-superfiċji riflettenti tal-vettura.

6.2.3.4. Fil-każ ta' żewġ fanali għaddienija, id-distanza li tissepara s-superfiċji li jdawlu ma tridx teċċedi l-200 mm.

6.2.4. Il-viżibilità ġeometrika

Iddefinita mill-angoli α u β kif ġie speċifikat fil-paragrafu 2.11:

α = 15° u 10° 'l isfel;

β = 45° lejn ix-xellug u lejn il-lemin għal fanal singolu;

β = 45° 'il barra u 10° 'il' ġewwa għal kull par fanali.

Il-preżenza ta' taqsimiet jew ta' elementi oħrajn ta' apparat qrib il-fanal ta' quddiem ma għandhiex tagħti lok għal effetti sekondarji li jikkawżaw skumdità lill-utenti l-oħra tat-triq.

(*) Fanali ta' quddiem tal-Klassi A tar-Regolament Nru 113 b'moduli LED biss fuq vetturi b'veloċità massima skont id-disinn li ma teċċedix il-25 km/h.

6.2.5. L-orjentazzjoni

'Il quddiem. Il-fanal(i) jista'(jistgħu) jimxi(u) f'konformità mal-angolu tal-istering.

6.2.6. Ma jista' jiġi "kkombinat" mal-ebda fanal ieħor.

6.2.7. Il-konnessjonijiet elettriċi

Il-kontroll għall-bidla għal raġġ(i) għaddieni(ja) għandu jitfi r-raġġ(i) tas-sewqan fl-istess ħin.

6.2.8. It-tell-tale

Fakultattiv, b'ċirkwit magħluq, aħdar, ma jixgħelx u jitfi malajr.

6.3. IL-FANAL TAL-POŻIZZJONI TA' QUDDIEM

6.3.1. Numru

Wieħed jew tnejn.

6.3.2. L-arranġament

L-ebda rekwiżit speċjali.

6.3.3. Il-pożizzjoni

6.3.3.1. Il-wisa':

fanal tal-pożizzjoni ta' quddiem indipendenti jista' jitwaħħal fuq jew taħt jew maġenb fanal ieħor ta' quddiem: jekk dawn il-fanali jkunu qegħdin wieħed fuq l-ieħor, iċ-ċentru ta' referenza tal-fanal tal-pożizzjoni ta' quddiem irid ikun fil-pjan medjan lonġitudinali tal-vettura; jekk dawn il-fanali jkunu qegħdin maġenb xulxin, iċ-ċentri ta' referenza tagħhom iridu jkunu simetriċi b'relazzjoni għall-pjan medjan lonġitudinali tal-vettura;

fanal tal-pożizzjoni ta' quddiem, li jkun reċiprokament inkorporat ma' fanal ieħor ta' quddiem, irid jiġi installat b'tali mod li ċ-ċentru ta' referenza tiegħu jkun fil-pjan medjan lonġitudinali tal-vettura. Madankollu, meta l-vettura tkun mgħammra wkoll b'fanal ta' quddiem ieħor maġenb il-fanal tal-pożizzjoni ta' quddiem, iċ-ċentri ta' referenza tagħhom iridu jkunu simetriċi b'relazzjoni għall-pjan medjan lonġitudinali tal-vettura.

Żewġ fanali tal-pożizzjoni ta' quddiem, li wieħed minnhom jew it-tnejn ikunu reċiprokament inkorporati ma' fanal ieħor ta' quddiem, iridu jiġu installati b'tali mod li ċ-ċentri ta' referenza tagħhom ikunu simetriċi b'relazzjoni għall-pjan medjan lonġitudinali tal-vettura.

6.3.3.2. fl-għoli: mhux inqas minn 350 mm u mhux iktar minn 1 200 mm 'il fuq mill-art;

6.3.3.3. fit-tul: fuq quddiem tal-vettura.

6.3.4. Il-viżibilità ġeometrika

l-angolu vertikali: 15° 'il fuq u 'l isfel;

madankollu, l-angolu vertikali taħt l-orizzontali jista' jitnaqqas għal 5° jekk l-għoli tal-fanali jkun inqas minn 750 mm

l-angolu orizzontali: 80° lejn ix-xellug u lejn il-lemin għal fanal singolu;

l-angolu orizzontali jista' jkun 80° 'il barra u 45° 'il ġewwa għal kull par fanali.

6.3.5. L-orjentazzjoni

'Il quddiem. Il-fanal(i) jista'(jistgħu) jimxi(u) f'konformità mal-angolu tal-istering.

6.3.6. It-tell-tale

Jew fakultattiv, b'ċirkwit magħluq, aħdar, ma jixgħelx u jitfi malajr jew li jdawwal l-istrument.

6.3.7. Rekwiżiti oħra

Xejn.

6.4. IR-RETRORIFLETTUR TA' QUDDIEM, MHUX TRIJANGULARI

6.4.1. Numru

Wieħed.

6.4.2. L-arranġament

L-ebda rekwiżit speċjali.

6.4.3. Il-pożizzjoni

fl-għoli: mhux inqas minn 400 mm u mhux iktar minn 1 200 mm 'il fuq mill-art;

6.4.4. Il-viżibilità ġeometrika

L-angolu orizzontali: 30° lejn ix-xellug u lejn il-lemin.

L-angolu vertikali: 15° 'il fuq minn u taħt l-orizzontali.

Madankollu, l-angolu vertikali taħt l-orizzontali jista' jitnaqqas għal 5° jekk l-għoli tar-riflettur ikun inqas minn 750 mm.

6.4.5. L-orjentazzjoni

'Il quddiem. Ir-riflettur jista' jimxi f'konformità mal-angolu tal-istering.

6.4.6. Rekwiżiti oħra

Xejn.

6.5. IR-RETRORIFLETTUR TAL-ĠENB, MHUX TRIJANGULARI

6.5.1. Numru għal kull naħa

Wieħed jew tnejn.

6.5.2. L-arranġament

L-ebda rekwiżit speċjali.

6.5.3. Il-pożizzjoni

6.5.3.1. fuq il-ġenb tal-vettura.

6.5.3.2. fl-għoli: mhux inqas minn 300 mm u mhux iktar minn 1 000 mm 'il fuq mill-art;

6.5.3.3. fit-tul: għandu jitqiegħed f'tali pożizzjoni li f'kundizzjonijiet normali ma jistax jitgħatta bil-ħwejjeġ tas-sewwieq jew tal-passiġġier.

6.5.4. Il-viżibilità ġeometrika

L-angolu orizzontali: 30° 'il quddiem u lura.

L-angolu vertikali: 15° 'il fuq minn u taħt l-orizzontali.

Madankollu, l-angolu vertikali taħt l-orizzontali jista' jitnaqqas għal 5° jekk l-għoli tal-fanal ikun inqas minn 750 mm.

6.5.5. L-orjentazzjoni

L-assi ta' referenza tar-retrorifletturi jrid ikun perpendikulari għall-pjan medjan lonġitudinali tal-vettura u dirett 'il barra. Ir-retrorifletturi tal-ġenb ta' quddiem jistgħu jimxu mal-angolu tal-istering.

6.6. IR-RETRORIFLETTURI TAL-PEDALI

6.6.1. Numru

Erba' (4) retrorifletturi jew gruppi ta' retrorifletturi.

6.6.2. L-arranġament

L-ebda rekwiżit speċjali.

6.6.3. Rekwiżiti oħra

L-uċuh ta' barra tas-superfiċje li ddawwal tar-retroriflettturi għandhom ikunu mdaħħla 'l ġewwa fil-bodi tal-pedala.

Ir-retroriflettturi għandhom jiġu mmuntati fil-bodi tal-pedala b'tali mod li jkunu viżibbli b'mod ċar kemm minn quddiem kif ukoll minn wara tal-vettura. L-assi ta' referenza ta' retroriflettturi ta' din ix-xorta, li s-sura tagħhom għandha tkun adattata għal dik tal-bodi tal-pedala, għandu jkun perpendikulari għall-assi tal-pedala.

Ir-retroriflettturi tal-pedali għandhom jitwaħħlu biss fuq dawk il-pedali tal-vettura li, permezz ta' krankijiet jew apparati simili, jistgħu jintużaw sabiex jipprovdu mezz ta' propulsjoni alternattiv għall-magna.

Huma ma għandhomx jitwaħħlu fuq pedali li jagħmluha ta' kontrolli għall-vettura jew li jagħmluha biss bħala mserħiet għal saqajn ir-rikkieb jew il-passiġġier.

Huma għandhom ikunu viżibbli minn quddiem u minn wara.

6.7. IR-RETRORIFLETTUR TA' WARA, MHUX TRIJANGULARI

6.7.1. Numru

Wieħed jew tnejn.

6.7.2. L-arranġament

L-ebda rekwiżit speċjali.

6.7.3. Il-pożizzjoni

6.7.3.1. fl-għoli: mhux inqas minn 250 mm u mhux iktar minn 900 mm 'il fuq mill-art.

6.7.3.2. fit-tul: fuq wara tal-vettura.

6.7.4. Il-viżibilità ġeometrika

L-angolu orizzontali: 30° lejn ix-xellug u lejn il-lemin għal riflettur singolu;

30° 'il barra u 10° 'il ġewwa għal kull par rifletturi;

L-angolu vertikali: 15° 'il fuq minn u taħt l-orizzontali.

Madankollu, l-angolu vertikali taħt l-orizzontali jista' jitnaqqas għal 5° jekk l-għoli tal-fanal ikun inqas minn 750 mm.

6.7.5. L-orjentazzjoni

Lura.

6.8. IL-FANAL LI JINDIKA D-DIREZZJONI

6.8.1. Numru

Tnejn fuq kull naħa.

6.8.2. L-arranġament

Żewġ indikaturi ta' quddiem (il-kategorija 11 ([1]));

Żewġ indikaturi ta' wara (il-kategorija 12 ([1])).

6.8.3. Il-pożizzjoni

6.8.3.1. fil-wisa':

([1]) Jistgħu jiġu sostitwiti b'indikaturi tal-kategoriji 1 u 2 rispettivament tar-Regolament Nru 6.

6.8.3.1.1. Għall-indikaturi ta' quddiem, għandhom jiġu ssodisfati r-rekwiżiti kollha li ġejjin:

(1) għandu jkun hemm distanza minima ta' 240 mm bejn is-superfiċji li jdawlu;

(2) l-indikaturi għandhom ikunu qegħdin barra mill-pjan vertikali lonġitudinali tanġenzjali għat-truf ta' barra tas-superfiċje li ddawwal tal-fanal(i) ta' quddiem;

(3) għandu jkun hemm distanza minima bejn is-superfiċje li ddawwal tal-indikaturi u l-fanal ta' quddiem b'raġġ għaddieni l-eqreb ta' xulxin kif ġej:

| Intensità minima tal-indikatur (cd) | Separazzjoni minima (mm) |
|---|---|
| 90 | 75 |
| 175 | 40 |
| 250 | 20 |
| 400 | ≤ 20 |

6.8.3.1.2. Għall-indikaturi ta' wara, l-ispazju bejn it-truf ta' ġewwa taż-żewġ superfiċji apparenti għandu jkun mill-inqas ta' 160 mm.

6.8.3.2. Fl-għoli: mhux inqas minn 350 mm u mhux iktar minn 1 200 mm 'il fuq mill-art.

6.8.3.3. Fit-tul: id-distanza 'l quddiem bejn iċ-ċentru ta' referenza tal-indikaturi ta' wara u l-pjan trasversali li jikkostitwixxi l-limitu ta' wara nett tat-tul totali tal-vettura ma għandhiex teċċedi t-300 mm.

6.8.4. Il-viżibilità ġeometrika

L-angolu orizzontali: 20° 'il ġewwa u 80° 'il barra.

L-angolu vertikali: 15° 'il fuq minn u taħt l-orizzontali.

Madankollu, l-angolu vertikali taħt l-orizzontali jista' jitnaqqas għal 5° jekk l-għoli tal-fanal ikun inqas minn 750 mm.

6.8.5. L-orjentazzjoni

L-indikaturi ta' quddiem jistgħu jimxu f'konformità mal-angolu tal-istering.

6.8.6. Ma jista' jiġi "kkombinat" mal-ebda fanal ieħor.

6.8.7. Ma jista' jiġi "reċiprokament inkorporat" mal-ebda fanal ieħor.

6.8.8. Il-konnessjonijiet elettriċi

Il-fanali li jindikaw id-direzzjoni għandhom jixegħlu b'mod indipendenti mill-fanali l-oħra. Il-fanali kollha li jindikaw id-direzzjoni fuq ġenb wieħed ta' vettura għandhom jinxtegħlu u jintfew permezz ta' kontroll wieħed.

6.8.9. Rekwiżiti oħra

Il-karatteristiċi indikati iktar 'l isfel għandhom jitkejlu bl-ebda tagħbija oħra fuq is-sistema elettrika ħlief dik meħtieġa biex il-magna u l-apparati għat-tidwil ikunu jistgħu jaħdmu.

6.8.9.1. Fil-każ tal-vetturi kollha li jipprovdu kurrent dirett lill-indikaturi tad-direzzjoni, il-frekwenza tad-dawl jitfi u jixgħel malajr għandha tkun ta' 90 ± 30 darba fil-minuta.

6.8.9.1.1. Id-dawl jixgħel u jitfi tal-indikaturi tad-direzzjoni fuq l-istess ġenb tal-vettura jista' jkun sinkronizzat jew alternat.

6.8.9.1.2. It-tħaddim tal-kontroll tas-sinjali bid-dawl għandu jiġi segwit f'mhux aktar minn sekonda mid-dehra tad-dawl minn kwalunkwe wieħed mill-indikaturi u f'mhux aktar minn sekonda u minn sekonda u nofs mill-ewwel tifi tad-dawl.

6.8.9.2. Fil-każ ta' vettura li tipprovdi kurrent alternanti lill-indikaturi tad-direzzjoni, fejn il-veloċità tal-magna tkun bejn 50 fil-mija u 100 fil-mija tal-veloċità tal-magna li tikkorrispondi għall-veloċità massima skont id-disinn tal-vettura; il-frekwenza tad-dawl jitfi u jixgħel malajr għandha tkun ta' 90 ± 30 darba fil-minuta.

6.8.9.2.1. Id-dawl jixgħel u jitfi tal-indikaturi tad-direzzjoni fuq l-istess ġenb tal-vettura jista' jkun sinkronizzat jew alternat.

6.8.9.2.2. It-tħaddim tal-kontroll tas-sinjali bid-dawl għandu jiġi segwit f'mhux aktar minn sekonda middehra tad-dawl minn kwalunkwe wieħed mill-indikaturi u f'mhux aktar minn sekonda u minn sekonda u nofs mill-ewwel tifi tad-dawl.

6.8.9.3. Fil-każ ta' vettura li tipprovdi kurrent alternanti lill-indikaturi tad-direzzjoni, fejn il-veloċità tal-magna tkun bejn il-veloċità mingħajr ingranaġġ indikata mill-manifattur u 50 fil-mija tal-veloċità tal-magna li tikkorrispondi għall-veloċità massima tal-vettura, il-frekwenza tad-fanal jitfi u jixgħel malajr għandha tkun bejn 90 + 30 u 90 – 45 darba fil-minuta;

6.8.9.3.1. Id-dawl jixgħel u jitfi tal-indikaturi tad-direzzjoni fuq l-istess ġenb tal-vettura jista' jkun sinkronizzat jew alternat.

6.8.9.3.2. It-tħaddim tal-kontroll tas-sinjali bid-dawl għandu jiġi segwit f'mhux aktar minn sekonda middehra tad-dawl minn kwalunkwe wieħed mill-indikaturi u f'mhux aktar minn sekonda u minn sekonda u nofs mill-ewwel tifi tad-dawl.

6.8.10. Fil-każ ta' ħsara, għajr għal xort, ta' fanal li jindika d-direzzjoni wieħed, l-ieħor irid ikompli jixgħel u jitfi malajr jew irid jibqa' mixgħul imma l-frekwenza f'din il-kundizzjoni għandha tkun differenti minn dik preskritta, sakemm il-vettura ma tkunx mgħammra b'tell-tale.

6.8.11. It-tell-tale

Mandatorju jekk l-indikaturi tad-direzzjoni ma jkunux viżibbli għar-rikkieb: operattiv, aħdar, li jixgħel u jitfi malajr u/jew li jinstema'. Fil-każ ta' ħsara fl-indikaturi, it-tell-tale għandu: jintefa, jibqa' mixgħul jew ibiddel il-frekwenza.

6.9. IL-FANAL TAL-WAQFIEN

6.9.1. Numru

Wieħed jew tnejn.

6.9.2. L-arranġament

L-ebda rekwiżit speċjali.

6.9.3. Il-pożizzjoni

6.9.3.1. fl-għoli: mhux inqas minn 250 mm u mhux iktar minn 1 500 mm 'il fuq mill-art;

6.9.3.2. fit-tul: fuq wara tal-vettura.

6.9.4. Il-viżibilità ġeometrika

| | |
|---|---|
| L-angolu orizzontali: | 45° lejn ix-xellug u lejn il-lemin għal fanal singolu: |
| | 45° 'il barra u 10° 'il ġewwa għal kull par fanali: |
| L-angolu vertikali: | 15° 'il fuq minn u taħt l-orizzontali. |

Madankollu, l-angolu vertikali taħt l-orizzontali jista' jitnaqqas għal 5° jekk l-għoli tal-fanal ikun inqas minn 750 mm.

6.9.5. L-orjentazzjoni

Lura.

6.9.6. Il-konnessjonijiet elettriċi

Għandu jixgħel kull darba li jiġi applikat il-brejk ta' servizz.

6.9.7. Rekwiżiti oħra

L-intensità luminuża tal-fanal tal-waqfien għandha tkun akbar sew minn dik tal-fanal tal-pożizzjoni ta' wara.

6.9.8. It-tell-tale

Ipprojbit.

6.10. IL-FANAL TAL-POŻIZZJONI TA' WARA

6.10.1. Numru

Wieħed jew tnejn.

6.10.2. L-arranġament

L-ebda rekwiżit speċjali.

6.10.3. Il-pożizzjoni

6.10.3.1. fl-għoli: mhux inqas minn 250 mm u mhux iktar minn 1 500 mm 'il fuq mill-art;

6.10.3.2. fit-tul: fuq wara tal-vettura.

6.10.4. Il-viżibilità ġeometrika

| | |
|---|---|
| L-angolu orizzontali: | 80° lejn ix-xellug u lejn il-lemin għal fanal singolu: |
| | l-angolu orizzontali jista' jkun 80° 'il barra u 45° 'il ġewwa għal kull par fanali: |
| L-angolu vertikali: | 15° 'il fuq minn u taħt l-orizzontali. |

Madankollu, l-angolu vertikali taħt l-orizzontali jista' jitnaqqas għal 5° jekk l-għoli tal-fanal ikun inqas minn 750 mm.

6.10.5. L-orjentazzjoni

Lura.

6.10.6. It-tell-tale

Fakultattiv, għandu jiġi kkombinat ma' dak għall-fanal tal-pożizzjoni ta' quddiem.

6.10.7. Rekwiżiti oħra

Xejn.

6.11. L-APPARAT LI JDAWWAL IL-PJANĊA TAR-REĠISTRAZZJONI TA' WARA

6.11.1. Numru

Wieħed. L-apparat jista' jikkonsisti f'diversi komponenti ottiċi intiżi biex idawlu l-ispazju maħsub għall-pjanċa tar-reġistrazzjoni.

| | | |
|---|---|---|
| 6.11.2. | L-arranġament | l-ispazju maħsub |
| 6.11.3. | Il-pożizzjoni | |
| 6.11.3.1. | fil-wisa': B'tali mod li li l-apparat idawwal | |
| 6.11.3.2. | fl-għoli: għall-pjanċa tar-reġistrazzjoni.) | |
| 6.11.3.3. | fit-tul: | |
| 6.11.4. | Il-viżibilità ġeometrika | |
| 6.11.5. | L-orjentazzjoni | |

6.11.6. It-tell-tale

Fakultattiv: Il-funzjoni tiegħu għandha titwettaq mit-tell-tale preskritt għall-fanal tal-pożizzjoni.

6.11.7. Rekwiżiti oħra

Meta l-fanal tal-pjanċa tar-reġistrazzjoni ta' wara jkun ikkombinat mal-fanal tal-pożizzjoni ta' wara, reċiprokament inkorporat fil-fanal tal-waqfien, il-karatteristiċi fotometriċi tal-fanal tal-pjanċa tar-reġistrazzjoni ta' wara jistgħu jiġu mmodifikati waqt l-illuminazzjoni tal-fanal tal-waqfien.

7. REĠISTRAZZJONI TAL-VETTURI

Xejn ma għandu jipprevjeni lil Gvern milli jeħtieġ jew jipprojbixxi l-preżenza ta' fanal tas-sewqan kif jissemma fil-paragrafu 5.15.1 fuq vetturi rreġistrati fit-territorju tiegħu, sakemm huwa jinnotifika b'dan lis-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti fiż-żmien li jikkomunika l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

8. KONFORMITÀ TAL-PRODUZZJONI

Il-proċeduri tal-konformità tal-produzzjoni għandhom jikkonformaw ma'dawk li ġew stabbiliti fl-Appendiċi 2 għall-Ftehim (E/ECE/324 - E/ECE/TRANS/505/Rev.2), bir-rekwiżiti li ġejjin:

8.1. Il-mopeds approvati skont dan ir-Regolament għandhom jiġu manifatturati b'tali mod li jikkonformaw mat-tip approvat billi jissodisfaw ir-rekwiżiti li ġew stabbiliti fil-paragrafi 5 u 6 t'aktar 'il fuq.

8.2. Għandu jkun hemm konformità mar-rekwiżiti minimi għall-konformità tal-proċeduri tal-kontroll tal-produzzjoni stabbiliti fl-Anness 5 għal dan ir-Regolament.

8.3. L-awtorità li tat l-approvazzjoni tat-tip tista', fi kwalunkwe ħin, tivverifika l-metodi tal-kontroll tal-konformità applikati f'kull faċilità ta' produzzjoni. Il-frekwenza normali ta' dawn il-verifiki għandha tkun ta' darba fis-sena.

9. PENALI GĦAL NUQQAS TA' KONFORMITÀ TAL-PRODUZZJONI

9.1. L-approvazzjoni mogħtija għal tip ta' vettura skont dan ir-Regolament tista' tiġi rtirata jekk ir-rekwiżiti stabbiliti aktar 'il fuq ma jiġux ssodisfati.

9.2. Jekk Parti Kontraenti għall-Ftehim li tapplika dan ir-Regolament tirtira approvazzjoni li tkun tat preċedentement, minnufih għandha tinnotifika b'dan lill-Partijiet Kontraenti l-oħra għall-Ftehim li japplikaw dan ir-Regolament permezz ta' formola ta' komunikazzjoni li tikkonforma mal-mudell fl-Anness 1 għal dan ir-Regolament.

10. MODIFIKA GĦAL U ESTENSJONI TAL-APPROVAZZJONI TA' TIP TA' VETTURA FIR-RIGWARD TAL-INSTALLAZZJONI TAL-APPARATI GĦAT-TIDWIL U GĦAS-SINJALAR BID-DAWL

10.1. Kull modifika għat-tip ta' vettura għandha tiġi nnotifikata lid-Dipartiment Amministrattiv li approva dak it-tip ta' vettura. Id-dipartiment imbagħad jista' jew:

10.1.1. Iqis li l-modifiki li saru mhux probabbli li se jkollhom effett avvers apprezzabbli u li jkun xi jkun il-każ, il-vettura xorta għadha konformi mar-rekwiżiti; jew

10.1.2. Jeħtieġ rapport tat-test ieħor mingħand is-Servizz Tekniku responsabbli mit-twettiq tat-testijiet.

10.2. Konferma jew rifjut ta' approvazzjoni, fejn jiġu speċifikati l-bidliet, għandha tiġi kkomunikata permezz tal-proċedura li ġiet speċifikata fil-paragrafu 4.3 t'aktar 'il fuq lill-Partijiet għall-Ftehim li japplikaw dan ir-Regolament.

10.3. L-Awtorità Kompetenti li toħroġ l-estensjoni tal-approvazzjoni għandha tassenja numru ta' serje għal estensjoni ta' din ix-xorta u għandha tinforma b'dan lill-Partijiet l-oħra għall-Ftehim tal-1958 li japplikaw dan ir-Regolament permezz ta' formola ta' komunikazzjoni li tikkonforma mal-mudell fl-Anness 1 għal dan ir-Regolament.

11. PRODUZZJONI MWAQQFA GĦALKOLLOX

Jekk id-detentur tal-approvazzjoni jieqaf kompletament li jimmanifattura tip ta' vettura approvat skont dan ir-Regolament, huwa għandu jinforma b'dan lill-awtorità li tat l-approvazzjoni. Malli tirċievi l-komunikazzjoni rilevanti, dik l-awtorità għandha tinforma b'dan lill-Partijiet l-oħra għall-Ftehim tal-1958 li japplikaw dan ir-Regolament permezz ta' formola ta' komunikazzjoni li tikkonforma mal-mudell fl-Anness 1 għal dan ir-Regolament.

12. DISPOŻIZZJONIJIET TRANŻITORJI

12.1. Mid-data uffiċjali tad-dħul fis-seħħ tas-serje 01 ta' emendi, l-ebda Parti Kontraenti li tapplika dan ir-Regolament m'għandha tirrifjuta li tagħti approvazzjonijiet skont dan ir-Regolament kif ġie emendat bis-serje 01 ta' emendi.

12.2. Minn 24 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ imsemmija fil-paragrafu 12.1 t'aktar 'il fuq, il-Partijiet Kontraenti li japplikaw dan ir-Regolament għandhom jagħtu approvazzjonijiet biss jekk it-tip ta' vettura fir-rigward tan-numru u tal-mod tal-installazzjoni tal-apparati għat-tidwil u għas-sinjalar bid-dawl jikkorrispondi għar-rekwiżiti tas-serje 01 ta' emendi għal dan ir-Regolament.

12.3. L-approvazzjonijiet eżistenti mogħtija skont dan ir-Regolament qabel id-data msemmija fil-paragrafu 12.2 t'aktar 'il fuq għandhom jibqgħu validi. Fil-każ ta' vetturi li ġew irreġistrati għall-ewwel darba iktar minn erba' (4) snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ imsemmija fil-paragrafu 12.1 t'aktar 'il fuq, il-Partijiet Kontraenti li japplikaw dan ir-Regolament jistgħu jirrifjutaw it-tip ta' vettura fir-rigward tan-numru u tal-mod tal-installazzjoni tal-apparati għat-tidwil u għas-sinjalar bid-dawl li ma jissodisfawx ir-rekwiżiti tas-serje 01 ta' emendi għal dan ir-Regolament.

13. ISMIJIET U INDIRIZZI TAS-SERVIZZI TEKNIĊI RESPONSABBLI MIT-TWETTIQ TAT-TESTIJIET TA' APPROVAZZJONI U TAD-DIPARTIMENTI AMMINISTRATTIVI

Il-Partijiet għall-Ftehim li japplikaw dan ir-Regolament għandhom jikkomunikaw lis-Segretarjat tan-Nazzjonijiet Uniti l-ismijiet u l-indirizzi tas-Servizzi Tekniċi responsabbli mit-twettiq tat-testijiet ta' approvazzjoni u tad-Dipartimenti Amministrattivi li jagħtu l-approvazzjoni u lilhom għandhom jintbagħtu l-formoli li jiċċertifikaw approvazzjoni jew rifjut jew irtirar ta' approvazzjoni, maħruġa f'pajjiżi oħra.

*ANNESS 1*

**KOMUNIKAZZJONI**

(format massimu: A4 (210 × 297 mm))




maħruġa minn: Isem l-amministrazzjoni

........................................................................................

........................................................................................

........................................................................................

li tikkonċerna: [2] APPROVAZZJONI MOGĦTIJA
APPROVAZZJONI ESTIŻA
APPROVAZZJONI RIFJUTATA
APPROVAZZJONI RTIRATA
PRODUZZJONI MWAQQFA GĦALKOLLOX

ta' tip ta' vettura (moped) fir-rigward tal-installazzjoni ta' apparati għat-tidwil u għas-sinjalar bid-dawl, skont ir-Regolament Nru 74

Nru tal-Approvazzjoni: .................................................................... Nru tal-Estensjoni: ....................................................................

1. L-isem kummerċjali jew it-trejdmark tal-vettura: ....................................................................

2. It-tip ta' vettura: ....................................................................

3. L-isem u l-indirizz tal-manifattur: ....................................................................

4. Jekk ikun applikabbli, l-isem u l-indirizz tar-rappreżentant tal-manifattur ....................................................................

5. L-apparati għat-tidwil fuq il-vetturi mressqa għall-approvazzjoni [3] [4]

5.1. Il-fanal tas-sewqan: iva/le [2]

5.2. Il-fanal għaddieni: iva/le [2]

5.3. Il-fanal tal-pożizzjoni ta' quddiem: iva/le [2]

5.4. Ir-retroriflettur abjad ta' quddiem, mhux trijangulari: iva/le [2]

5.5. Ir-retroriflettur ambra tal-ġenb, mhux trijangulari: iva/le [2]

5.6. Ir-retroriflettur ambra tal-pedali: iva/le [2]

5.7. Ir-retroriflettur aħmar, mhux trijangulari: iva/le [2]

5.8. Il-fanal li jindika d-direzzjoni: iva/le [2]

5.9. Il-fanal tal-waqfien: iva/le [2]

5.10. Il-fanal tal-pożizzjoni ta' wara: iva/le [2]

5.11. L-apparat li jdawwal il-pjanċa tar-reġistrazzjoni ta' wara: iva/le [2]

6. Il-veloċità massima skont id-disinn: ....................................................................km/h

7. Varjanti: ....................................................................

8. Il-vettura tressqet għall-approvazzjoni fi: ....................................................................

9. Is-Servizz Tekniku responsabbli mit-twettiq tat-testijiet ta' approvazzjoni: ....................................................................

10. Id-data tar-rapport maħruġ minn dak is-servizz: ....................................................................

11. In-numru tar-rapport maħruġ minn dak is-servizz: ....................................................................

12. Approvazzjoni mogħtija/irrifjutata/estiża/irtirata ([2])

13. Ir-raġuni(jiet) għall-estensjoni (jekk ikun applikabbli): ...............

14. Il-pożizzjoni tal-marka tal-approvazzjoni fuq il-vettura: ...............

15. Post: ...............

16. Data: ...............

17. Firma: ...............

---

([1]) In-numru li jiddistingwi l-pajjiż li jkun ta/estenda/irrifjuta/irtira approvazzjoni (ara d-dispożizzjonijiet tal-approvazzjoni fir-Regolament).

([2]) Aqta' barra dak li ma japplikax.

([3]) Għal kull apparat uri, fuq formola separata (il-lista preskritta fil-paragrafu 3.2.2 ta' dan ir-Regolament), it-tipi ta' apparati, identifikati b'mod xieraq, li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-installazzjoni ta' dan ir-Regolament.

([4]) Ehmeż dijagrammi tal-vetturi, kif ġie indikat fil-paragrafu 3.2.3 ta' dan ir-Regolament.

*ANNESS 2*

**ARRANĠAMENTI TAL-MARKI TAL-APPROVAZZJONI**

MUDELL A

(Ara l-paragrafu 4.4 ta' dan ir-Regolament)




a = 8 mm min.

Il-marka tal-approvazzjoni ta' hawn fuq imwaħħla ma' moped turi li t-tip ta' vettura kkonċernat, fir-rigward tal-installazzjoni ta' apparati għat-tidwil u għas-sinjalar bid-dawl, ġie approvat fil-Pajjiżi l-Baxxi (E4), skont ir-Regolament Nru 74 bin-numru tal-approvazzjoni 012439. L-ewwel żewġ figuri tan-numru tal-approvazzjoni jindikaw li l-approvazzjoni ngħatat skont ir-rekwiżiti tar-Regolament Nru 74, kif emendat bis-serje 01 ta' emendi.

MUDELL B

(Ara l-paragrafu 4.5 ta' dan ir-Regolament)




a = 8 mm min.

Il-marka tal-approvazzjoni ta' hawn fuq imwaħħla ma' moped turi li t-tip ta' vettura kkonċernat ġie approvat fil-Pajjiżi l-Baxxi (E4) skont ir-Regolamenti Nri 74 u Nru 78 ([1]). In-numri tal-approvazzjoni jindikaw li, fid-dati meta ngħataw l-approvazzjonijiet rispettivi, ir-Regolament Nru 74 kien jinkludi s-serje 01 ta' emendi u r-Regolament Nru 78 diġà kien jinkludi s-serje 02 ta' emendi.

---

([1]) Tal-aħħar qed jingħata sempliċement bħala eżempju.

*ANNESS 3*

**SUPERFIĊJI, ASSI U ĊENTRU TA' REFERENZA, U ANGOLI TA' VIŻBILITÀ ĠEOMETRIKA TAL-FANALI**




* Din is-superfiċje għandha titqies bħala tanġent għas-superfiċje li titfa' d-dawl

TIFSIRA

1. Superfiċje li ddawwal
2. Assi ta' referenza
3. Ċentru ta' referenza
4. Angolu ta' viżibilità ġeometrika
5. Superfiċje li titfa' d-dawl
6. Superfiċje apparenti
7. Direzzjoni tal-osservazzjoni

SUPERFIĊJE LI DDAWWAL IMQABBLA MA' SUPERFIĊJE LI TITFA' D-DAWL

(Ara l-paragrafi 2.9 u 2.8 ta' dan ir-Regolament)

SKEĊĊ A




| | Superfiċje li ddawwal | Superfiċje li titfa' d-dawl |
|---|---|---|
| It-truf huma | a u b | c u d |

SKEĊĊ B




| | Superfiċje li ddawwal | Superfiċje li titfa' d-dawl |
|---|---|---|
| It-truf huma | a u b | c u d |

*ANNESS 4*

**VIŻIBILITÀ 'L QUDDIEM TAD-DWAL ĦOMOR U VIŻIBILITÀ LURA TAD-DWAL BOJOD**

(Ara l-paragrafu 5.9 ta' dan ir-Regolament)

*Figura 1*

**Viżibilità 'l quddiem ta' dawl aħmar**




*Figura 2*

**Viżibilità lura ta' dawl abjad**



*ANNESS 5*

## KONTROLL TAL-KONFORMITÀ TAL-PRODUZZJONI

1. TESTIJIET

1.1. Il-pożizzjoni tal-fanali

Il-pożizzjoni tal-fanali kif speċifikata fil-paragrafu 6 għandha tiġi kkontrollata skont ir-rekwiżiti ġenerali stabbiliti fil-paragrafu 5 ta' dan ir-Regolament.

Il-valuri mkejla għad-distanzi għandhom ikunu tali li jiġu ssodisfati l-ispeċifikazzjonijiet individwali applikabbli għal kull fanal.

1.2. Il-viżibilità tal-fanali

1.2.1. L-angoli ta' viżibilità ġeometrika għandhom jiġu kkontrollati skont il-paragrafu 2.11 ta' dan ir-Regolament.

Il-valuri mkejla għall-angoli għandhom ikunu tali li jiġu ssodisfati l-ispeċifikazzjonijiet individwali applikabbli għal kull fanal ħlief li l-limiti tal-angoli jista' jkollhom konċessjoni li tikkorrispondi għall-varjazzjoni ta' ± 3° permessa fil-paragrafu 5.3 għall-immuntar tal-apparati għas-sinjalar bid-dawl.

1.2.2. Il-viżibilità tad-dawl aħmar fuq in-naħa ta' quddiem u tad-dawl abjad fuq in-naħa ta' wara għandhom jiġu kkontrollati skont il-paragrafu 5.9 ta' dan ir-Regolament.

1.3. Il-konnessjonijiet elettriċi u t-tell-tales

Il-konnessjonijiet elettriċi għandhom jiġu kkontrollati billi jinxtegħel kull fanal konness mas-sistema elettrika tal-moped. Il-fanali u t-tell-tales għandhom jaħdmu skont id-dispożizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 5.10 ta' dan ir-Regolament u skont l-ispeċifikazzjonijiet individwali applikabbli għal kull fanal.

1.4. Il-preżenza, in-numru, il-kulur, l-arranġament u, fejn ikun applikabbli, il-kategorija tal-fanali għandhom jiġu kkontrollati permezz ta' spezzjoni viżwali tal-fanali u tal-immarkar tagħhom.

Dawn għandhom ikunu tali li jiġu ssodisfati r-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 5.13 u l-ispeċifikazzjonijiet individwali applikabbli għal kull fanal.

## PREZZ TAL-ABBONAMENT 2013 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

| | | |
|---|---|---|
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 1 300 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, stampati + DVD annwali | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 1 420 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 910 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, DVD fix-xahar (kumulattiva) | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 100 fis-sena |
| Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, DVD, edizzjoni fil-ġimgħa | multilingwi: 23 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 200 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C — Kompetizzjonijiet | Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni | EUR 50 fis-sena |

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli fi 22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Informazzjoni u Avviżi).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S — Swieq Pubbliċi u Appalti) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'DVD waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jagħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

## Bejgħ u Abbonamenti

Abbonamenti fil-perjodiċi diversi bi ħlas, bħalma huwa l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

**EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.**

**Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: http://europa.eu**

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT